


EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1985

IL-KELMA TAR-RAGHAJ

Gabra ta' ittri pastorali,
cirkulari, u atti ohra tal-
E.T. Mons. Nikol G. Cauchi
Isqof t'Ghawdex.

Vol. IV

150

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1985

IL-KELMA TAR-RAGHAJ

Gabra ta' ittri pastorali,
cirkulari, u atti ohra tal-
E.T. Mons. Nikol G. Cauchi
Isqof t'Ghawdex.

Vol. IV

DAĦLA

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann naqraw li meta Kristu għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, ordna li jinġabru l-fdalijiet biex ma jintrema' xejn: "Iġimgħu l-bċejjeċ li fadal, biex ma jinħela xejn" (Ġwann 6, 12).L-istess Kristu għallimna wkoll li mhux il-ħobż biss huwa meħtieġ għall-bniedem, iżda wkoll it-tagħlim. Għalhekk, nistgħu ngħidu li, ix-xewqa li mit-tagħlim ma jintrema xejn, iżda li jasal kollu għand dawk li huma lesti li jilqgħuh, hija xewqa tajba u li taqbel mar-rieda ta' Kristu.

Kien dan il-ħsieb li qanqalni sabiex niġbor fi ktieb il-pastorali u xi siltiet miċ-ċirkolari u mid-diskorsi tiegħi, sabiex ma jintilfux, iżda wieħed ikun jista' jsibhom u jerġa' jaqrahom jew jagħmel riferenza għalihom. Hekk deher għall-ewwel darba fl-1974, il-ktieb "Il-Kelma tar-Raġħaj".

Matul il-medda ta' żmien li għadda minn dak inhar sal-lum, b'intervalli ta' tliet snin jew iktar bejniethom, ħarġu diversi volumi u issa wasalna wkoll għar-raba' wieħed. It-tama tiegħi hija li anke dan il-volum, jiġi milqugħ tajjeb, kif ġew milqugħa l-volumi ta' qablu u li bil-għajnuna t'Alla jiswa xi ftit għall-ġid spiritwali tal-qarrejja.

Għal darb'oħra nieħu din l-okkażjoni, biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk li taw l-għajnuna tagħhom biex jiġi stampat dan il-volum, kif ukoll lil dawk kollha li b'mod jew ieħor, jagħtu sehemhom għat-tixrid tal-pubblikazzjonijiet reliġjużi.

Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.
15 ta' Jannar, 1985.

"Gozo Press", Għawdex. Tel. 551534.

1. IS-SEJĦA GĦALL-ĦAJJA NISRANIJA (18.2.82).

Kollha kemm aħna nissejħu nsara u nieħdu għalina jekk isejħulna xort'oħra. Iżda wieħed irid jiftakar qabel li l-fatt li aħna nsara kellu l-bidu tiegħu fil-vokazzjoni nisranija tagħna. Fi kliem ieħor, aħna nsara, għaliex Alla għażilna biex inkunu tiegħu u skond il-pjani tal-Provvidenza Divina, sejħilna b'mod jew ieħor sabiex inkunu membri tal-Poplu tiegħu.

1. INWIEĠBU GĦAS-SEJĦA BL-IMPENN TAL-FIDI

L-Insara huma msejħin

Skond it-tagħlim ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl, l-insara huma bnedmin imsejħa minn Alla biex igħixu ħajja ta' qdusija. Igħidilna San Pietru: "Bħalma qaddis hu dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin, fl-imġieba tagħkom kollha". (1) L-Appostlu Missierna San Pawl itenni

lill-insara ta' żmienu: "Inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa skond is-sejħa, li biha kontu msejħin, billi bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin". (2) Meta kiteb lil Timotju, fil-waqt li stiednu biex jaqsam miegħu t-tbatija tal-Vanġelu, San Pawl ħeġġu ħalli jafda "fil-qawwa t'Alla, li salvana u sejħilna b'sejħa qaddisa, mhux għax qies l-għemejjel tagħna, imma skond il-pjan tiegħu stess u skond il-grazzja tiegħu". (3)

Din is-sejħa qaddisa li għamlilna Alla bdiet titwettaq fina għall-ewwel darba, meta ħadna l-Magħmudija, sirna nsara u membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu li hija l-Knisja. Difatti, min jitgħammed, huwa kkonsagrat lil Alla; b'dan is-sagrament, jidħol fil-Knisja li tidher u permezz tagħha jidħol ukoll f'kommunjoni mat-Trinità Mqaddsa. Magħqudin ma' Kristu, fil-Knisja, l-imgħammdin jifformaw familja waħda, il-familja ta' wlied Alla li għandha bħala ruħ tagħha, l-Ispirtu s-Santu. "Intom ulied Alla, ilkoll kemm intom permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù". (4) "Għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier!" (5) igħallimna l-Appostlu Missierna. Il-Konċilju Vatikan II, ikompli jfissrilna l-valur ta' dan is-sagrament meta jgħidilna li "bil-Magħmudija, il-bnedmin jidħlu fil-misteru ta' l-Għid ta' Kristu: imutu miegħu, jindifnu miegħu, iqumu miegħu; jieħdu l-Ispirtu ta' wlied maħturin, li fih ngħajtu Abba Missier u b'hekk isiru l-adoraturi fis-sewwa li l-Missier ifittex". (6)

Alla għażilna għalih u sejħilna bil-Magħmudija, għaliex ħabbna u ħenn għalina; għalhekk din is-sejħa hija grazzja li tana Huwa minn

rajh, bla ma kellna ebda jedd għaliha. Ma kienx mertu tagħna li twelidna f'pajjiż nisrani u li rċivejna l-Magħmudija, ftit wara t-twelid tagħna.

Iżda għad li l-inizjattiva kienet ta' Alla, il-grazzja divina li biha sejħilna biex inkunu nsara, tistenna t-tweġiba ħielsa tagħna u b'ebda mod ma tnaqqas jew tfixkel il-libertà personali ta' kull wieħed minna. Mhux biżżejjed għalhekk, li ħadna l-Magħmudija, meta konna żgħar, iżda jeħtieġ ukoll, illum li kbirna u sirna rġiel, li b'deċiżjoni tal-volontà tagħna, inwieġbu kontinwament għal dik is-sejħa, billi nifhmu dejjem aħjar liema huma l-impenji li ġġib magħha l-Magħmudija u li nipprovaw, bil-għajnuna t'Alla, li nwettquhom mill-aħjar li nistgħu.

Il-fidi, it-tweġiba għas-sejħa nisranija

Il-Magħmudija hija s-sagrament tal-fidi, li flimkien mal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, tagħtina l-ħila naċċettaw il-Vanġelu ta' Kristu, u li nwettqu t-tagħlim Tiegħu. Il-fidi hija dik il-virtù "li biha l-bniedem jagħti ruħu lil Alla, kollu kemm hu u minn rajh, billi jagħtih il-qima kollha ta' l-intellett u tar-rieda u billi jilqa' bil-qalb ir-rivelazzjoni mogħtija minnHu."(7)

Il-fidi, però, mhix biss dak l-att li bih nikkontemplaw id-dawl tal-verità, iżda hija wkoll ħajja ġdida li tbiddel il-bniedem u ssalvah. Kristu għamilha ċara li "Min jemmen u jitgħammed isalva, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat." (8) Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud ikompli jgħidilna: "Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh." (9)

Nistgħu ngħidu wkoll li l-fidi għandha tliet aspetti, li ebda wieħed minnhom ma għandu jiġi mwarrab jew traskurat. Hija l-ewwelnett bħal dawl ġdid li jdawwal il-moħħ tagħna u li bih aħna nsiru konvinti mill-veritajiet li għarrafna Alla u li tgħallimna l-Knisja Tiegħu. Aħna nistqarru dawn il-veritajiet, meta fil-Quddiesa ngħidu flimkien il-Kredu. Il-fidi tfisser ukoll il-fiduċja li biha, minkejja d-djufija u n-nuqqasijiet tagħna, nafdaw fil-qawwa t'Alla, li tagħti ħajja ġdida, għaliex naċċettaw bla riservi l-kelma t'Alla li ġiet rivelata lilna. Fl-aħħarnett, il-fidi timplika wkoll l-impenn tagħna, li mhux biss nemmnu fi Kristu u fil-messaġġ Tiegħu, iżda anke li niddedikaw ħajjitna biex inxerrdu fina u madwarna s-saltna t'Alla. Din is-saltna ta' ġustizzja u ta' paċi, tilħaq il-milja tagħha fil-ħajja li għad trid tiġi, iżda tibda minn din id-dinja stess. Alla huwa preżenti u attiv fl-istorja tal-umanità u jsejħilna sabiex nikkollaboraw miegħu ħalli tiġi fostna s-saltna tiegħu.

L-iżvilupp tal-Fidi

Sidna Ġesù Kristu xebbah is-saltna ta' Alla maż-żerriegħa tal-mustarda li wieħed ragel qabad u żergħa fil-għalqa tiegħu. Minn żerriegħa żgħira saret siġra kbira. (10) Hekk ukoll il-fidi, bħal rigal prezzjuż, ġiet mogħtija lilna u miżrugħa f'ruħna fil-jum tal-Magħmudija. Iżda jeħtieġ li tikber matul ħajjitna kollha sakemm tilħaq il-qofol tagħha meta naslu fis-smewwiet u tinbidel fil-viżjoni beatifika li biha naraw 'l Alla wiċċ imb'wiċċ.

Il-Magħmudija mhix ġrajja maqtugħa għaliha weħidha, iżda hija allejanza li timpenja l-eżistenza tagħha kollha kemm hi. In-nisrani, wara li jidħol fl-użu tar-raġuni, għandu żewġ toroq quddiemu: jew

isaħħaħ bl-għemejjel ta' ħajtu dak li rċieva fil-Magħmudija, jew iħassar u jiċħad dik l-allejanza u dan ikun ifisser tragedja għall-ħajja nisranija tiegħu.

Jekk irid iwieġeb kif jixraq għas-sejħa qaddisa tiegħu, jeħtieġ li n-nisrani jagħmel ħiltu kollha sabiex ħajtu tkun żvilupp kontinwu tal-Magħmudija. Il-fidi li ħadna fil-Magħmudija hemm bżonn li ta' kuljum tikber iżjed fil-wisa' u fil-fond u ssir dejjem aktar awtentika billi mmutu għad-dnub u għalina nfusna biex ngħixu għal Alla.

Għalhekk, iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija hija biss il-bidu ta' proċess twil. It-tweġiba tal-fidi, il-konverżjoni tal-qalb, li biha nikkorrispondu mas-sejħat ta' Alla, kif ukoll l-impenn li nimxu wara Kristu u nipprovaw nimitawh huma dmirijiet li jibqgħu magħna sal-mewt. Il-fidi għandha tagħti tifsira ġdida lil kull mument ta' ħajjitna, hekk li l-eżistenza tagħna kollha kemm hi tkun tiddi bid-dawl sabiħ ta' Kristu.

L-iżvilupp tal-virtù tal-fidi matul it-tfulija u ż-żgħożija, huwa l-għan fundamentali ta' l-edukazzjoni nisranija. Kull min jieħu l-Magħmudija, jirċievi wkoll il-jedd li jkollu għajnuna mill-familja u mill-kommunità nisranija ħalli bil-mod il-mod jifhem aħjar il-misteru tas-salvazzjoni, jieħu sehem fih filwaqt li jagħraf dejjem iktar il-kobor tad-don tal-fidi li huwa rċieva.

Lit-tfal u liż-żgħażagħ insara, igħidilna l-Konċilju Vatikan II, ma għandhiex tonqoshom l-għajnuna ħalli jaslu "biex iqimu 'l Alla l-Missier b'ruħhom kollha u bis-sewwa, fuq kollox fil-liturġija; biex ifasslu ħajjithom skond il-bniedem ġdid fil-ġustizzja u l-qdusija tas-sewwa u hekk kull

wieħed isir raġel magħmul fl-aħjar ta' żmienu u hekk isseħħ il-milja ta' Kristu; biex bit-tħabrik tagħhom ikattru l-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Meta fuq kollox, huma jagħrfu tassew għal x'hiex huma msejħin, għandhom jidraw ikunu xhieda ta' dik it-tama li hemm fihom, kif ukoll igħinu biex jibnu dinja nisranija". (11)

Kif naqraw fl-Eżortazzjoni Apostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-familja: "Il-Missjoni edukattiva titlob li l-ġenituri nsara jippreżentaw lil uliedhom it-tagħlim kollu meħtieġ sabiex il-personalità tagħhom issir matura mill-aspett nisrani u ekkleżjali. Huma għalhekk, għandhom jimxu fuq il-pjan edukattiv imsemmi u jieħdu ħsieb li juru lil uliedhom xi jfissru l-fidi u l-imħabba ta' Kristu fil-profondità tagħhom". (12)

II. IT-TIĠRIB FIL-FIDI

Il-ħajja tal-fidi, li hija l-ħajja proprja tan-nisrani, qatt ma kienet waħda ħafifa. Kristu sa mill-bidu, lid-dixxipli tiegħu għarrafhom bit-tbatijiet li kellhom iġarrbu minħabba t-twemmin tagħhom; "Lilkom, kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi". (13)

Iżda, il-ħajja tal-fidi, saret wisq iktar diffiċli fi żminijietna, meta ħafna bnedmin tilfu kull sens ta' valuri spiritwali u naqas jew intefa għal kollox fihom l-ispirtu ta' sagrifiċċju u ta' sottomissjoni għar-rieda t'Alla. Bosta mexjin mal-kurrenti ta' l-edoniżmu u tal-konsumiżmu; ħsiebhom biss li jkollhom x'jonfqu u xi jberbqu biex jissodisfaw il-pjaċiri tagħhom bla rażan u ftit jimportahom mir-reliġjon u minn Alla, għaliex kif igħallimna San Pawl: "Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu

t'Alla; għalih huma kollha bluha, ma jistax jifhimhom". (14) Fid-dinja tal-lum isaltnu bla ma jfixkilhom xejn, it-tliet vizzji koroh li jsemmielna l-Appostlu San Ġwann: "il-ġibda tal-ġisem, il-ġibda tal-għajnejn u l-kburija tal-ħajja". (15)

Fost il-ħafna tentazzjonijiet jew tiġrib, li jagħmlu diffiċli l-ħajja tal-fidi fi żmijietna ta' min isemmi dawn li ġejjin.

Il-viżjoni tad-dinja u tal-ħajja

Il-bnedmin tas-seklu tagħna, mhux kollha għandhom l-istess ideja globali jew viżjoni tad-dinja u tal-ħajja umana. Nistgħu ngħidu li hemm żewġ viżjonijiet opposti: dawk li jemmnu u jibnu l-viżjoni tagħhom fuq Alla; dawk li ma jemmnux u għalhekk jaċċettaw in-Natura jew il-ħlejjaq, iżda ma jaċċettawx il-Ħallieq.

L-idejal jew il-programm tal-ħajja tal-bniedem, bil-problemi kollha li tiġbor fiha, ma jistax ma jkunx ispirat mill-ewwel jew mit-tieni viżjoni li semmejna. Allura għandna żewġ alternattivi: (i) jew id-dinja hija verament maħluqa u mmexxija minn Alla fil-waqt li l-bniedem, ħolqien t'Alla, huwa tabilħaqq iddestinat għall-ħajja f'dinja oħra, (ii) jew id-dinja mhix ħaġa oħra ħlief l-effett tal-evoluzzjoni tal-materja li qatt ma kellha bidu u tibqa' sejra għal dejjem, fil-waqt li l-bniedem, prodott ta' l-istess evoluzzjoni, mal-mewt tal-ġisem jispiċċa għal kollox.

Jekk wieħed jammetti l-ewwel soluzzjoni jew tweġiba, ikollu jasal għall-konklużjoni li l-ħajja preżenti hija biss mezz li bih naslu għall-ħajja futura, l-għan ewlieni tagħna; u għalhekk mhux possibbli li

jkun hemm morali indipendenti li ma tagħtix każ tal-Liġi Divina u l-anqas ma nistgħu nfasslu l-ħajja tagħna u tas-soċjetà bla ma nieħdu f'konsiderazzjoni d-drittijiet t'Alla.

Jekk bil-maqlub, wieħed kellu jżomm it-tieni alternattiva, jiġifieri jekk jasal biex jiċħad jew ma jqis xejn lil Alla, lir-ruħ spiritwali tal-bniedem u lill-ħajja ta' dejjem, allura la jibqa' post għar-reliġjon u l-anqas għall-moralità mibnija fuq il-pjan t'Alla biddmirijiet u bir-responsabbiltà li ġġib magħha. Din il-viżjoni ateja tal-ħajja nistgħu nsejħulha l-qabar tal-fidi nisranija. F'atmosfera bħal din, il-fidi mhux biss ma tiżviluppax u anqas tikber, iżda fi żmien qasir, bħal xitla bla arja u bla dawl, titbiel u tmut.

Il-bniedem li juża sewwa r-raġuni tiegħu jeħtieġ li jagħmel għażla bejn dawn iż-żewġ alternattivi jew viżjonijiet li semmejna. Però, in-nisrani, li skond issejħa tiegħu, għandu jimxi wara Kristu, dak li xandar l-aħbar it-tajba tas-saltna t'Alla, ma jistax ma jagħżilx il-viżjoni tad-dinja u tal-ħajja, mibnija fuq il-verità ta' l-eżistenza t'Alla u ta' l-eternità tar-ruħ. Ħadd ma jista' jkun nisrani, jekk qabel xejn ma jemminx li hemm Alla, li ħalaq is-sema u l-art, li dan Alla ta l-liġi tiegħu li l-bnedmin għandhom iħarsuha u li f'ħajja oħra jagħti lil kulħadd il-premju jew il-kastig mistħoqq.

Apostasija gradwali

L-istorja tal-kultura ewropeja turina li l-atejiżmu ma ġiex ħabta u sabta, iżda kien imhejji bi proċess li twettaq bil-mod u li nistgħu nsejħulu "apostasija gradwali". Meta beda l-Protestantiżmu, xi pajjiżi nfirdu mill-Knisja Kattolika u tilfu l-fidi fiha. Iktar tard, dawk li kienu mdaħħla fil-moviment

tal-Illuminiżmu, għad li baqgħu jemmnu fl-eżistenza ta' Alla, ipprovata bl-argumenti tar-raġuni, iżda tilfu l-fidi fid-Divinità ta' Kristu u fil-Misteri tar-Reliġjon Nisranija. Fis-seklu tagħna, imbagħad, ħareġ fil-berah il-fenomenu taċ-ċaħda t'Alla jew atejiżmu.

Fil-ħajja ta' l-individwi wkoll, il-fidi tista' tintilef pass wara l-ieħor. Xi whud jibdew billi jiddubitaw mill-Knisja u jitbegħdu mill-prattika reliġjuża, fil-waqt li jgħidu li biżżejjed jemmnu fi Kristu. Wara ftit jinsew li Kristu huwa l-Iben t'Alla magħmul bniedem u jaraw biss fih il-benefattur tal-bnedmin. Fl-aħħar jispiċċaw biex igħidu li Alla ma jeżistix jew jekk jeżisti ma nistgħux nagħrfuh b'ċertezza.

Sabiex in-nisrani ma jaqbadx din it-triq għanniżla li twassal fit-telfien, jeħtieġ li jżomm sod sa mill-bidu. Jeħtieġ ċioè li jkollu fidi fil-Knisja Kattolika u jemmen dak kollu li temmen u tgħallem hi, għaliex in-nisrani ma jista' jiċħad ebda waħda mill-veritajiet li Alla għarrafna u l-anqas jista' jiddubita minnhom. Kif jistqarr il-Konċilju Vatikan II, "Din hija l-unika Knisja ta' Kristu, li fil-Kredu nsellmu bħala waħda, qaddisa, kattolika u apostolika, u li s-Salvatur tagħna, wara l-qawmien mill-mewt, ta lil Pietru biex jirgħa fil-waqt li ħalla f'idejh u f'idejn l-Appostli l-oħra li jxerduha u jmexxuha, u waqqaf għal dejjem bħala kolonna u xhieda tas-sewwa". (16) Kif igħallimna l-Papa Ġwanni Pawlu II, "Kristu nnifsu, sabiex jiggarantixxi din il-fedeltà lejn il-verità divina, wieġħed lill-Knisja, l-għajnuna speċjali ta' l-Ispirtu tal-verità, ta d-don ta' l-infallibilità lil dawk li fdalhom il-mandat li jgħaddu u jgħallmu dik il-verità". (17)

Biex nibqgħu nsara, mhux biżżejjed li nammiraw lil Kristu bħala personaġġ straordinarju li għamel tant ġid lill-umanità, iżda jeħtieġ li nemmnu wkoll fid-Divinità tiegħu. Huwa l-Iben t'Alla, li kien minn dejjem, sar bniedem bħalna u twieled għalina mill-Imqaddsa Verġni Marija, bla ma tilef jew naqqas xejn min-natura tiegħu ta' Alla. L-anqas ma nistgħu nirriduċu l-messaġġ ta' Kristu mxandar fil-Vanġelu għall-imħabba ta' għajrna u għall-opri tal-ħniena mal-proxxmu biss, għaliex Ġesù qalilna wkoll: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed."(18).

Il-fidi nisranija, jekk tkun tabilħaqq ħajja u awtentika, għandha twassalna għall-għaqda sħiħa ma' Kristu, Iben t'Alla magħmul bniedem, Medjatur u Feddej tagħna, li għallimna l-verità li ssalvana; għandha twassalna wkoll għall-għaqda xejn inqas sħiħa mal-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu u sagrament tas-salvazzjoni għall-umanità.

Nuqqas ta' koerenza

Jiġri xi drabi li ċerti nsara, għad li jieħdu sehem fil-Quddiesa tal-Ħdud u l-Festi tal-Preċett, u jistqarru bil-fomm it-twemmin nisrani, iżda mbagħad il-ħajja tagħhom ta' kuljum ma taqbel xejn ma' dak it-twemmin. Jistqarru ħaġa u jagħmlu oħra; igħidu li huma nsara u jgħixu bħall-pagani; hemm qabża kbira bejn il-fidi u l-imġieba tagħhom. Jaħsbu li l-fidi m'għandha xejn x'toffrilhom meta huma jkunu mehdijin fl-interessi tagħhom, fuq ix-xogħol jew fid-divertiment. Meta jiltaqgħu mal-problemi iebsa tal-ħajja, ma jipprovawx iħolluhom fid-dawl tal-fidi; iżda jaċċettaw is-soluzzjonijiet li

jsibu l-bnedmin tad-dinja, anke meta dawn is-soluzzjonijiet huma kontra l-ispirtu u t-tagħlim tal-Vanġelu.

Dak li huwa agħar, imbagħad, xi whud minnhom ma jimportahomx li jitilfu l-grazzja t'Alla minħabba ħtijiethom u li jgħixu mifrudin mill-imħabba tiegħu għal xhur u forsi wkoll għal snin sħaħ. Kif igħidilna l-moralista Bernard Häring: "Huwa sintomu allarmanti li l-fidi ntilfet jew li hija dgħajfa ħafna, meta persuna, wara li tkun waqgħet fid-dnub il-mejjet, ma tfittixx minnufih li taqbad triq oħra, li tindem u possibilment li tqerr ukoll. Kemm il-fidi salvifika, kif ukoll il-kmandament il-kbir li hija tgħallimna, jitolbu li wieħed jibqa' dejjem fl-istat tal-grazzja". (19)

Meta l-imġieba tan-nisrani ma tkunx taqbel mal-fidi tiegħu, din għalih issir bħal tagħbija: iktar iħoss it-toqol tal-Liġi t'Alla, milli jilmaħ id-dawl sabiħ tat-twemmin li jmexxih fit-toroq imwegħra tad-dinja. Ikun fadallu biss pass wieħed biex jiċħad il-fidi għal kollox u espressament għax ikun diġà caħadha implicitament bil-ħajja midinba tiegħu.

L-injoranza reliġjuża

Theddida oħra għall-fidi hija l-injoranza reliġjuża li sfortunatament teżisti f'ħafna nsara. Bosta jikkuntentaw ruħhom bil-ftit katekiżmu li kienu tgħallmu meta kienu żgħar. Oħrajn, anke jekk forsi mxew ħafna 'l quddiem fl-oqsma tal-kultura u tax-xjenza, ftit iħabblu rashom sabiex ikollhom formazzjoni reliġjuża mibnija fuq prinċipji sodi u biex iżommu aġġornat it-tagħlim reliġjuż tagħhom skond il-ħtieġa taż-żminijiet.

Din l-injoranza jew superfiċjalità hija wisq iktar perikoluża llum meta permezz ta' l-istampa u tal-programmi tar-radju u tat-televiżjoni, li jidħlu anke minn pajjiżi oħra, jiġu ċċirkulati tant messaġġi u fehmiet li ma jaqblu xejn mat-tagħlim tal-fidi nisranija, meta ma jkunux ukoll opposti għalih. Fil-pluraliżmu kulturali tas-seklu tagħna, ikun diffiċli ferm, biex ma ngħidx impossibbli, li wieħed jibqa' jgħożż ir-reliġjon u jgħix ta' kattoliku, jekk ma jħabrikx kontinwament biex jitgħallem dejjem aħjar u jassimila dejjem iżjed il-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja Tiegħu. Anzi, biex wieħed ikun jistħoqqlu jissejjaħ nisrani adult u matur, jeħtieġ li jkun kapaċi bil-mod kif jitkellem u kif iġib ruħu, li juri bla mistħija u bla kumplessi ta' inferjorità, il-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu, lin-nies ta' bla twemmin jew ta' twemmin differenti minn tiegħu, li jagħmilha magħhom.

III. INSAĦĦU L-ĦAJJA TAL-FIDI TAGĦNA

L-Appostlu San Ġwann jistqarr li "Din hija r-rebħa fuq id-dinja, il-fidi tagħna". (20) Iżda t-taqbida tal-fidi hija taqbida diffiċli u dment li qegħdin ngħixu hawn fl-art, dejjem tista' tqum mill-ġdid; allura r-rebħa tal-fidi f'din id-dinja, mhix rebħa li tinkiseb darba għal dejjem.

Anke meta l-fidi tagħna tkun tiflaħ tirreżisti t-tentazzjonijiet u t-tiġrib li semmejna, Alla jista' jippermetti li din il-fidi tgħaddi minn provi doloruż bħal meta Alla jidher donnu qiegħed il-bogħod ħafna minna u l-bniedem iħoss ruħu waħdu, bħal f'lejl mudlam. Din l-esperjenza ta' tbatija ntensa, li tippurifika r-ruħ tan-nisrani u tmexxiha fit-triq ta' l-umiltà ġarrbuha anke qaddisin l-iktar kbar.

Iżda meta l-fidi tkun sħiħa, hija tkun kapaċi tissupera l-provi ta' kull għamla u żżomm wieqfa, ikunu kemm ikunu kbar il-ħalel li jaħbtu magħha, għaliex Alla, fil-ħniena nfinita tiegħu, ma jabbanduna qatt lil uliedu. Kif jiżgurana l-Appostlu Missierna San Pawl: "Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għaliha". (21)

Il-biża' li noħorġu tellifin f'din it-taqbida spiritwali, mhix ħaġa oħra ħlief nuqqas ta' fidi u jistħoqqlu l-istess ċanfira li għamel Kristu lill-Appostli meta beżgħu li ser jegħrqu: "Dan il-biża' kollu għalfejn, ja nies ta' fidi ċkejkna". (22) Iżda jibqa' dejjem dmir tagħna, li fil-waqt li nittamaw fl-għajnuna ta' Alla, inżommu għajnejna miftuħa u ngħassu, għax Kristu qal: "Dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd: ishru." (23) Tul ħajjitna kollha aħna fid-dmir li nsaħħu l-fidi tagħna b'kull mezz li nistgħu.

Il-Kelma ta' Alla u s-Sagramenti

Il-ħajja tal-fidi tissaħħaħ qabel xejn billi n-nisrani jisma' bil-qalb, il-kelma t'Alla, tibda minn dik li tiġi mxandra fil-Liturġija. Kif igħidilna l-Konċilju Vatikan II, Kristu "huwa preżenti fil-kelma tiegħu, għaliex huwa nnifsu li jitkellem meta l-Kotba Mqaddsa jinqraw fil-Knisja." (24) L-Appostlu Missierna jgħallimna li "il-fidi tiġi mis-smigħ u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu" (25), iżda dan huwa meħtieġ mhux biss sabiex il-fidi titnissel fina. Bis-smigħ tal-Kelma t'Alla, il-fidi tniżżel l-għeruq fil-fond ta' qalbna, u aħna nitqanqlu ħalli nirriflettu fuq il-misteri qaddisa u nitħeġġu biex ngħixu ħajja li tixraq lill-fidi tagħna.

Il-ħajja nisranija tissaħħaħ ukoll billi nersqu ta' spiss għas-sagramenti, b'mod partikulari għall-Qrar u għat-Tqarbin. Meta nieħdu s-sagramenti, aħna jkollna sehem fil-misteru tal-fidwa, u nsibu fihom dik il-qawwa spiritwali li tbiddel għall-aħjar il-ħajja tagħna u tgħaqqadna ma' Kristu. Skond it-tagħlim tal-Konċilju, "mhux biss jinħtieġu t-twemmin, iżda wkoll huma jsaħħuh, iqawwuh u jfissruh; għalhekk jissejħu sagramenti tal-fidi. Tabilħaqq jagħtu l-grazzja, u ċ-ċelebrazzjoni tagħhom thejji wisq tajjeb lill-fidili biex jirċievu din l-istess grazzja bil-frott, ħalli jqimu 'l Alla kif jixraq u jitwettqu fil-karità." (26)

Fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, in-nisrani, flimkien mal-Knisja, jistqarr il-fidi tiegħu fil-preżenza Ewkaristika tal-Mulej, ixandar il-mewt u l-qawmien ta' Kristu, sakemm jiġi (27) u jroddlu ħajr talli fl-imħabba immensa tiegħu lejna, ried isir vittma tas-sagrifiċċju għal dnubietna u l-ikel tar-ruħ tagħna.

Fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, in-nisrani li jersaq iqerr ħtijietu, juri li huwa jemmen fil-ġustizzja u fil-ħniena nfinita ta' Alla, jieħu l-maħfra ta' dnubietu wara li jkun nidem minnhom u mbagħad flimkien mas-saċerdot ifaħħar u jrodd ħajr lill-Mulej għal tjubitu.

It-Talb u d-Dixxerniment Spiritwali

Essenzjali għall-ħajja nisranija huwa t-talb magħmul sewwa u ta' spiss. In-nisrani għandu jsib ftit tal-ħin, ta' kuljum sabiex iwettaq it-twissija ta' Kristu: "Inti meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi." (28)

Fl-aħħarnett, huwa meħtieġ id-dixxerniment spiritwali, biex nagħrfu sewwa meta l-ħsibijiet u x-xewqat li jitnisslu f'ruħna jkunu skond il-pjan t'Alla u ser jisfawlna ta' ġid spiritwali kif ukoll meta jkun kontra l-pjan Tiegħu u jfixkluna fil-ħajja tal-fidi. San Ġwann iwiddibna: "Mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom biex taraw ikunux ġejjin minn Alla." (29) Għal dan il-għan tista' tkun ta' siwi kbir id-direzzjoni spiritwali mogħtija minn xi saċerdot ta' esperjenza u ta' ħajja qaddisa. Permezz ta' dan id-dixxerniment, in-nisrani jkun jista' jieħu deċiżjonijiet għaqlin u jibqa' miexi fuqhom, iżomm is-sinċerità tal-qalb u jgawdi l-ferħ u l-paċi ta' Kristu, anke fost it-taqlib u d-diffikultajiet tal-ħajja.

B'mod partikolari, matul ir-Randan Imqaddes, niftħu l-widnejn ta' qalbna biex nisimgħu s-sejħat li jagħmlilna Alla, għall-ħajja nisranija iktar imħeġġa. Fid-dawl tal-Fidi tagħna, nagħmlu wkoll ir-reviżjoni ta' ħajjitna, naraw jekk aħniex insara awtentiċi jew ta' l-isem biss. Jekk hemm bżonn nirbħu xi tiġrib jew insewwu xi żbalji, ma nikkonfondux u l-anqas naqtgħu qalbna. Kristu huwa dejjem qrib tagħna, lest biex igħinna bil-grazzja tiegħu. Fuq kollox inżommu quddiem għajnejna l-kelmiet ta' kuraġġ li jgħidilna l-Appostlu Missierna, dwar Alla li sejħilna għall-ħajja tal-fidi: "Dak li beda din l-opra tajba fikom, iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-Jum ta' Kristu Ġesù." (30)

RIFERENZI:

(1) I Pietru, 1.15.
(2) Efesin 4, 1-4.
(3) II Timotju 1.9.
(4) Galatin 3.26.
(5) Galatin 4.6.
(6) Sacrosanctum Concilium, n. 6.
(7) Dei Verbum, n. 5.
(8) Mark 16. 16.
(9) Lhud 11. 6.
(10) Mattew 13. 31-32.
(11) Gravissimum Educationis n. 2.
(12) Eżortazzjoni Apost. "Familiaris Consortio", n. 39.
(13) Mattew, 10. 22.
(14) I Korintin 2. 14.
(15) I Ġwann 2. 16.
(16) Lumen Gentium n. 8.
(17) Enċiklika "Redemptor Hominis", n. 19.
(18) Mattew 22. 37.
(19) Bernard Häring: "Shalom", paġ. 279.
(20) I Ġwann 5. 4.
(21) I Korintin 10.13.
(22) Mattew 8. 26.
(23) Mark 13. 37.
(24) Sacrosanctum Concilium n. 7.
(25) Rumani 10. 17.
(26) Sacrosanctum Concilium n. 59.
(27) Cfr I Korintin, 11. 26.
(28) Mattew 6. 6.
(29) I Ġwann 4. 1.
(30) Filippin 1. 6.

2. L-GĦEMEJJEL TAL-ĦNIENA
(27.2.83)

Il-ħniena hija waħda mill-isbaħ kwalitajiet morali li bihom jista' jkun imżejjen il-bniedem. Hija tagħmillu ġieh wisq iktar mill-għerf u l-ħila, li xi drabi jiġu wżati mhux għall-ġid ta' l-oħrajn iżda b'għan egoistiku. Il-ħniena hija sentiment li bih il-bniedem twajjeb jersaq lejn l-aħwa li jkunu f'xi hemm, jagħdirhom fit-tbatijiet tagħhom u jagħmel ħiltu biex jifhimhom dejjem aħjar u jagħtihom l-għajnuna li jista'. Meta jwettaq għemejjel ta' ħniena l-bniedem isir jixbah lil Alla, li kien Hu l-ewwel li wera tjubija mal-bnedmin, ħenn għalihom fil-miżerji tagħhom, joffrilhom il-maħfra u s-salvazzjoni u għalhekk San Pawl isejjaħlu "Għani fil-ħniena". (Efesin 2:4).

Kull għemil ta' ħniena, imwettaq mill-insara, mhux biss att ta' filantropija jew imġieba tajba mal-bnedmin, iżda huwa wkoll att reliġjuż jew għemil ta' qima lil Alla. Difatti min iħenn għall-proxxmu b' sens nisrani jkun iwettaq ir-rieda t'Alla u jkun jagħti

s-sehem tiegħu sabiex fid-dinja tidher u tinħass il-preżenza tal-familja ta' wlied Alla, li fiha Alla huwa l-Missier u l-bnedmin huma aħwa li jirrispettaw u jħobbu lil xulxin. Kull att ta' ħniena mwettaq minnisrani huwa xhieda u rifless ta' l-imħabba u tattjubija bla tarf tal-Kbir Alla.

L-għemejjel tal-ħniena u l-karità mogħtija lill-proxxmu jixbhu lis-sagrifiċċju mogħti lil Alla. Mhux ta' b'xejn, mela, fl-Iskrittura tar-Rabta l-Qadima, l-għemejjel ta' ħniena huma rrikkmandati bħala mezzi effikaċi sabiex bihom wieħed jikseb il-maħfra ta' dnubietu u jikber fil-qdusija.

"La ddawwarx wiċċek minn ebda fqir, u ma jdawwarx wiċċu minnek Alla. Skond il-kotra tal-ġid li jkollok, għamel karità minnu; jekk ikollok ħafna, agħti ħafna; jekk ikollok ftit, la tibżax tagħmel karità, skond il-ftit...għax il-karità teħles mill-mewt u ma tħallix li wieħed jinżel fid-dlamijiet. Għaliex għotja tajba hi l-karità għal dawk kollha li jagħmluha, quddiem l-Għoli". (Tobija 4:7-11).

Skond it-tagħlim ta' Kristu, il-ħniena murija fl-għajnuna li tingħata lill-proxxmu, il-penitenza u t-talb huma t-tliet kolonni li fuqhom tinbena l-ħajja reliġjuża (Mt 6:1-8). Iżda Kristu jrid li din l-għajnuna tingħata mingħajr daqq ta' trombi (Mt 6: 14), u mingħajr ma wieħed ma jistenna xejn bi tpattija jew ħlas għaliha. (Lq 6:35)

L-għajnuna mogħtija lill-proxxmu hija prova ta' l-imħabba li għandna lejn Alla; għalhekk San Ġwann jistaqsi: "Jekk wieħed ikollu l-ġid tad-dinja u jara 'l ħuh ill-ħtieġa u jagħlaq qalbu, kif tista' l-imħabba t'Alla tgħammar fih?" (1 Ġwann 3:17). U l-Appostlu Missierna San Pawl iwissi lill-insara ta'

Korintu, "Kull wieħed jagħti skond ma deherlu f'qalbu, mhux fuq qalbu jew imġiegħel; Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ. (2 Kor. 9:7).

Jista' però xi ħadd jiġih dubju jekk dan id-dmir ta' għajnuna lill-foqra għadux igħodd għal żminijietna u forsi wkoll jekk fadalx minn dawn il-foqra. Iżda Kristu kien qal "il-foqra dejjem issibuhom magħkom". (Ġwann 12:8) Fl-ittra tiegħu "Octogesima Adveniens" (n. 15) il-Papa Pawlu VI semmielna "il-foqra" ġodda ta' żminijietna, jiġifieri, il-'handicapped', dawk li ma sabux posthom fis-soċjetà, ix-xjuħ u l-emarġinati ta' kull għamla, u qalilna li fuqhom "il-Knisja titfa' l-attenzjoni tagħha sabiex tagħrafhom, tgħinhom, tiddefendi l-post u d-dinjità tagħhom fis-soċjetà li saret ħarxa minħabba l-kompetizzjoni u l-ġibda għas-suċċess".

Kien għalhekk bil-wisq għaqli l-ħsieb tal-Papa Ġwanni Pawlu II li ta' kull sena fl-appell tiegħu għaż-żmien tar-Randan, jistedinna sabiex barra mit-talb u l-penitenza, nagħtu wkoll xhieda evanġelika billi nkunu ġenerużi mal-fqar u ma' kull min qiegħed ibati.

3. JUM IL-MULEJ
(5.4.83)

L-ewlenin insara bdew jiċċelebraw il-misteru tal-Qawmien ta' Kristu kull nhar ta' Ħadd, u dan il-Jum kienu jsejħulu "Jum il-Mulej". Kien għalihom jum ta' festa u ta' ferħ li fih kienu jiltaqgħu flimkien sabiex jagħtu qima lil Alla billi jisimgħu l-kelma tiegħu u jieħdu sehem fis-sagrifiċċju ta' l-artal.

Il-Knisja Kattolika żammet din id-drawwa matul il-medda taż-żminijiet u trid li wliedha ma jagħmlu xejn li jista' jtellef il-qdusija tal-Jum tal-Ħadd. F'dan il-jum, l-insara jieqfu mix-xogħol biex jieħdu l-mistrieħ tagħhom u b'hekk iwettqu l-kmandament li kien ta Alla fir-Rabta l-Qadima, "Ħares il-Ħdud u l-Festi". F'dan il-jum ukoll, huma għandhom l-obbligu li jieħdu sehem kif jixraq fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, obbligu li huma jistgħu jkompluh sa minn lejlet il-Ħadd jew il-festa kmandata fil-għaxija.

Qed jiġri però li xi whud mill-insara, għad li n-numru tagħhom fi gżiritna hu żgħir, qed jittraskuraw dan id-dmir li jħarsu l-jum tal-Ħadd, u b'hekk mhux biss jiksru l-liġi t'Alla iżda jkunu qed jagħtu wkoll skandlu lill-oħrajn. Hemm minn dawk li nhar ta' Ħadd jagħmlu xogħol, li huwa pprojbit li jsir f'dan il-jum, ħlief fil-każ ta' neċessità kbira. Hemm oħrajn li mingħajr ma jkollhom ebda raġuni li tiskużahom, jitilfu l-Quddiesa fil-jum tal-Ħadd jew lejlietu. Hemm ukoll xi nsara oħra li flok ma jinqdew b'din il-ġurnata biex jagħtu qima lil Alla u jagħmlu xi ġid lill-proxxmu tagħhom, isibu fiha okkażjonijiet li jbegħeduhom minn Alla u jisfaw ta' ħsara għar-ruħ tagħhom.

Iżda l-insara kollha għandhom jiftakru li Alla ried li dan il-jum ikun iddedikat għalih u li l-insara jħarsuh tabilħaqq bħala "Jum il-Mulej". In-nisrani, jekk irid, għandu l-ġranet kollha tal-ġimgħa biex fihom jaħdem u jistinka għall-ħtiġijiet tiegħu f'din id-dinja, iżda nhar ta' Ħadd għandu jieqaf mix-xogħol, irodd ħajr lil Alla u jagħtih qima fil-waqt li jaħseb iktar bis-serjetà fil-ħtiġijiet tar-ruħ tiegħu. Ix-xogħol imwettaq nhar ta' Ħadd bi ksur tal-kmandamenti divini, ma jistax ikun li jġib fuqu l-barka t'Alla u l-anqas ma hu mezz tajjeb biex il-bniedem itejjeb il-qagħda tiegħu.

Barra milli huwa jum il-mistrieħ, il-Ħadd huwa wkoll "Jum il-Familja". Il-ġenituri u l-ulied li matul il-ġimgħa aktarx ikunu mxerrdin f'diversi postijiet, min fuq ix-xogħol u min l-iskola jew f'impenji oħra, jistgħu japprofittaw ruħhom fil-jum tal-Ħadd sabiex jitkellmu flimkien fuq xi problemi li jistgħu jkollhom u jsibu anki l-ħin biex jitolbu flimkien, kif

jixraq li tagħmel familja nisranija. Fil-jum tal-Ħadd jistgħu jitwettqu wkoll xi għemejjel tal-ħniena bħal ma huma żjarat lill-morda u lil persuni anzjani speċjalment jekk dawn ikunu qraba tal-familja u forsi ma jkollhomx min imur jarahom u jgħidilhom kelma ta' faraġ u ta' kuraġġ.

Fuq kollox, għalina l-insara, il-Ħadd huwa "Jum l-Ewkaristija". Dak inhar aħna niċċelebraw bil-ferħ il-preżenza ta' Kristu rxoxtat li huwa s-saċerdot u l-vittma tas-sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida u li preżenti fl-Ewkaristija, jitlob magħna u għalina lill-Etern Missier Tiegħu. Il-jiem tal-ġimgħa u l-ħajja kollha kemm hi, jitqaddsu bis-sagrifiċċju tas-salib, li fih in-nisrani jieħu sehem billi bis-sabar u bil-ġenerożità jġarrab huwa wkoll it-tbatija sabiex josserva t-tagħlim ta' Sidna li qalilna "Min ma jerfax salibu u jimxi warajja, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi". (Luqa 14:27).

Min għandu t-twemmin u t-tama nisranija waqt li jieħu sehem fit-tiġdid tal-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu li jitwettaq fl-Ewkaristija, ikun ihejji ruħu għal-laqgħa personali mal-Mulej fit-tmiem tal-mixja tiegħu f'din id-dinja. Mil-laqgħa Ewkaristika tal-Ħadd, in-nisrani jieħu dik l-enerġija li ddawwal u taħji kull għemil tajjeb fil-ħajja tiegħu ta' kuljum.

Fil-Quddiesa tal-Ħadd il-kommunità nisranija li tingħabar għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, fil-waqt li tagħti widen għall-kelma t'Alla u titmantna bil-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu, tissaħħaħ fil-fidi u tikber fil-karità. Ebda nisrani li jagħraf tabilħaqq is-sejħa tiegħu bħala iben t'Alla, m'għandu jibqa' lura u ma jieħux sehem f'din il-mejda li l-Mulej hejja għall-membri tal-familja tiegħu.

4. IL-MADONNA U L-FAMILJA
(22.8.83)

Bħala thejjija għall-Kungress Marjan li ser isir ix-xahar id-dieħel, nhar l-Erbgħa, 31 ta' Awissu, fil-għaxija, fis-Santwarju ta' Pinu ser ikun hemm laqgħa ta' talb għall-familji speċjalment għall-irġiel u għan-nisa li żżewġu f'dawn l-aħħar snin. F'din il-laqgħa jsir ukoll l-Att tal-Konsagrazzjoni tal-familji lill-Madonna. Fil-ġranet ta' qabel, jiġifieri fid-29 u fit-30 ta' Awissu, fil-parroċċi jsiru wkoll laqgħat għall-miżżewġin sabiex jiġu mħeġġa ħalli jieħdu sehem fil-laqgħa djoċesana li semmejna. Nistedinkom għalhekk sabiex bi spirtu ta' fidi u ta' qima lejn il-Madonna, tingħabru fis-Santwarju tagħha u tqegħdu taħt il-ħarsien tagħha lilkom infuskom u lil uliedkom fil-waqt li bl-interċessjoni tagħha titolbu minn għand Alla dak li teħtieġu għall-familja tagħkom.

Iżda fl-istess ħin, din hija okkażjoni tajba sabiex mill-eżempju tal-Imqaddsa Verġni Marija nitgħallmu dawk il-veritajiet li huma tant meħtieġa

fil-ħajja tal-familja ħalli din tkun tista' tissejjaħ tabilħaqq nisranija.

Il-Madonna dejjem u f'kollox kienet lesta sabiex twettaq ir-rieda t'Alla. Din kienet ir-regola ta' ħajjitha u għalhekk bis-sinċerità kollha setgħet twieġeb lill-Anġlu li ħabbrilha l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ikunli skond kelmtek". (Lq 1:38) Hekk ukoll il-membri tal-familja nisranija jeħtieġ li josservaw il-liġi tal-Mulej, anke meta dan ikun jiswielhom xi sagrifiċċju u jfittxu li jwettqu dejjem il-pjan li kellu Alla l-Imbierek meta ħalaq il-familja.

Sidtna Marija hija xempju l-iktar sabiħ ta' għaqda m'Alla l-Imbierek fit-talb u fil-kontemplazzjoni. Id-dar tagħha ta' Nazaret kienet għaliha bħal tempju mqaddes li fih tadura u titlob lil Alla. Id-dar ta' l-insara wkoll jeħtieġ li tkun bħal santwarju li fih Alla jirċievi l-qima li tistħoqqlu. Il-membri tal-familja nisranija għalhekk għandhom isibu ftit tal-ħin ta' kuljum sabiex jiltaqgħu flimkien ħalli jitolbu. Dik il-familja li tittraskura dan l-att ta' qima lil Alla ma jistħoqqilhiex li tissejjaħ familja nisranija.

Il-Madonna kienet imħeġġa mhux biss bl-imħabba lejn Alla, iżda wkoll lejn il-proxxmu tagħha u għalhekk aċċettat li tkun Omm il-Feddej tal-bnedmin għad li dan swielha sagrifiċċju kbir għax "is-sejf ta' niket nifed il-qalb tagħha". (Lq 2:35). Din il-karità tal-proxxmu jeħtieġ li tikber u tissaħħaħ dejjem iżjed fost il-membri tal-familja nisranija, għaliex din hija komunità ta' mħabba. Hija r-rabta ta' l-imħabba li xxierek flimkien il-ħajja tar-raġel u l-mara miżżewġa fil-ferħ u fin-niket, f'għaqda sħiħa li tibqa' sal-mewt. Hija l-imħabba li

tgħin lill-ġenituri biex jilqgħu bil-ferħ l-ulied li Alla jibgħatilhom u jrabbuhom fil-għożża u b'sens ta' responsabiltà jagħtuhom edukazzjoni nisranija. Hija l-imħabba wkoll li ssaħħaħ il-familja sabiex tirbaħ id-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom.

Fil-Madonna kien hemm ukoll spirtu ta' servizz u għalhekk ma rathiex bi kbira li tagħmel vjaġġ twil u tmur għand il-qariba tagħha biex tista' taqdiha. Fil-membri tal-familja wkoll jeħtieġ li jkun hemm dik id-dispożizzjoni li wieħed igħin lill-ieħor. Tajjeb li kull wieħed minnhom ma jfittixx biss dak li jaqbel lilu iżda jara wkoll il-ħtiġijiet tal-membri l-oħra u jmidd idejh biex igħinhom mill-aħjar li jista'. Dan l-ispirtu ta' servizz huwa meħtieġ fil-ġenituri sabiex jieħdu paċenzja b'uliedhom meta dawn ikunu żgħar, jieqfu magħhom meta jkunu morda u ma jitilquhomx għal rashom jekk dawn fiż-żgħożija tagħhom isibu ruħhom f'xi kriżi. Il-paċenzja, l-imħabba u l-mogħdrija tal-ġenituri li kapaċi jifthu djalogu sinċier ma' wliedhom meta jkunu fuq l-għatba taż-żgħożija, huwa att ta' karità mill-aqwa, u l-isbaħ rigal li jistgħu jagħmlulhom, għaliex l-atmosfera ta' serenità fil-familja hija għajnuna kbira sabiex iż-żgħażagħ jaffrontaw bil-kuraġġ il-problemi tal-ħajja.

Mill-banda l-oħra, dan l-ispirtu ta' servizz huwa meħtieġ ukoll fl-ulied sabiex jissaportu l-ġenituri tagħhom meta dawn jikbru fl-età u jibqgħu dejjem jirrispettawhom, igħinuhom u jagħmlu ħilithom biex jarawhom hienja fi xjuħithom. L-ulied m'għandhom qatt jinsew l-obbligi li għandhom lejn il-ġenituri li ġabuhom fid-dinja u rabbewhom; iżda anke b'sagrifiċċju personali tagħhom, jeħtieġ jieħdu ħsiebhom, li jżuruhom u jaqduhom f'dak kollu li jkollhom bżonn.

J'Alla l-familji kollha ta' pajjiżna jitgħallmu mill-Madonna l-lezzjoni tal-virtujiet sbieħ li Hija tagħtihom għall-ħajja tagħhom, sabiex ihossu li għandhom fuqhom il-barka t'Alla u li huma mwieżna mill-għajnuna tal-grazzja tiegħu.

Fl-aħħarnett ma jistax jonqos li f'dawn il-ġranet aħna niftakru f'dawk il-familji li huma mġarrbin bil-ħemm tal-ħajja, familji fejn ħemm il-mard jew l-inkwiet u dawk li l-mewt ħasditilhom xi ħadd mill-għeżież tagħhom. Huma qabel kulħadd għandhom il-jedd għat-talb u għall-karità attiva tagħna.

Nirrikkmanda għalhekk, li f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu, nitolbu bil-ħerqa għall-familji kollha u b'mod partikulari għal dawk li għaddejjin minn xi prova diffiċli. Nistedinkom ukoll biex tirreċitaw ta' spiss it-talba lill-Madonna għall-familja li qiegħda tiġi mqassma fid-djar.

5. IL-MADONNA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

(4.9.83)

Matul din is-sena li fiha qegħdin infakkru ċ-ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu, gew organizzati diversi ċelebrazzjonijiet għaż-żgħażagħ. Kien jixraq ukoll, li fil-Kungress Marjan, li qed jigi ċċelebrat fl-okkażjoni ta' l-istess ċentinarju, issir xi attività reliġjuża għaż-żgħażagħ. Għalhekk, skond il-programm li ġie mxandar ftit ilu, nhar is-Sibt, 17 ta' Settembru, fil-għaxija, fis-Santwarju Ta' Pinu, ser tiġi organizzata Laqgħa ta' Talb għaż-żgħażagħ u hija xewqa tiegħi, li ż-żgħażagħ Għawdxin jieħdu sehem f'għadd sabiħ għal din iċ-ċirkostanza.

Iżda biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet marjani, ikollhom tabilħaqq frott spiritwali, jeħtieġ li dawk li jieħdu sehem fihom jirriflettu aktar fil-fond, dwar xi tfisser għaż-żgħażagħ id-devozzjoni tagħhom lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u x'għandhom jagħmlu biex tkun devozzjoni ġenwina.

Il-qima lejn il-Madonna m'għandhiex tkun

tikkonsisti biss f'xi talba qasira li wieħed igħid, u l-anqas ma għandna nqisuha bħala xi ħaġa maqtugħa għaliha weħidha mingħajr ebda rabta mal-bqija ta' ħajjitna. Għall-kuntrarju, il-qima lejn il-Madonna hija parti ntegrali mill-esperjenza tagħna nisranija, u fil-każ taż-żgħażagħ, hija meħtieġa għall-formazzjoni reliġjuża tagħhom u thejjihom sabiex isolvu iktar bil-ħeffa, il-problemi morali li jiltaqgħu magħhom fiż-żgħożija.

It-tentazzjoni ta' l-egoiżmu u l-pjaċir

Fid-dinja moderna, ma humiex rari ż-żgħażagħ li ċedew għat-tentazzjoni ta' l-egoiżmu u tal-pjaċir u għalhekk qegħdin jaħlu l-aħjar żmien u enerġija ta' ħajjithom fi tbaħrit bla raġan. Hemm oħrajn li quddiem il-problemi tal-ħajja, donnhom qatgħu qalbhom u waqgħu f'disperazzjoni. Din il-qagħda tagħhom, xi drabi twassalhom biex jikkritikaw bla ħniena lil ħaddieħor u saħansitra ġie li jmiddu idejhom għall-vjolenza u għall-għemil ta' qerda.

Iżda, iż-żagħżugħ nisrani qatt ma għandu jċedi għal dawn it-tentazzjonijiet. Imdawwal bit-tagħlim tal-fidi, huwa għandu jagħraf u jirrispetta d-dinjità tiegħu nnifsu bħala persuna umana, mifdija minn Kristu, kif ukoll id-dinjità u l-jeddijiet tal-bnedmin l-oħra. Huwa għandu jgħożż il-libertà, bħala don prezzjuż t'Alla u b'sens ta' responsabiltà, jinqeda biha sabiex jirrealizza ruħu u jagħti valur lill-ħajja tiegħu b'opri tajba li jagħmel. M'għandux ikun nieqes fih, imbagħad, is-sens ta' fraternità, li bih iħares lejn l-oħrajn bħala ħutu u jkun lest li jagħdirhom u jgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom anke meta dan jiswielu xi sagrifiċċju.

Kull qalb żagħżugħa jeħtieġ li tħoss sinċerament għat-tbatija ta' ħaddieħor u ma tibqax lura meta tkun mitluba tikkopera għall-ġid tal-kommunità. Għal din il-ġenerożità taż-żgħażagħ, għamlu appell l-Isqfijiet tal-Konċilju, meta fil-messaġġ tagħhom qalulhom: "Kunu ġenerużi, safja, rispettużi, sinċieri. U ibnu bl-entużjażmu dinja aħjar minn dik ta' dawk li ġew qabilkom".

Is-sejħa taż-żgħażagħ

Fi kliem ieħor, il-ħajja taż-żagħżugħ, awtentikament nisrani, għandha tkun minsuġa ħaġa waħda mal-fidi tiegħu, hekk li fit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja jsib tweġiba għad-diffikultajiet kif ukoll gwida fid-deċiżjonijiet u fl-għażliet tiegħu.

Bit-talb u bir-riflessjoni, iż-żagħżugħ nisrani, wara li jkun għaraf b'rikonoxxenza, il-ġid kollu tar-ruħ u tal-ġisem li bih żejnu l-Ħallieq, jintebaħ ukoll b'dik il-missjoni partikolari li skond il-pjan tal-Providenza, huwa għandu jwettaq fil-ħajja tiegħu; jiġifieri jiskopri l-vokazzjoni tiegħu u kollu tama fil-Mulej, jimxi 'l quddiem bla heda, fit-triq tas-sejħa tiegħu, xewqan dejjem li jħobb u jaqdi 'l Alla. Hekk kull għażla, kull deċiżjoni tiegħu, tinbidel f'att ta' fidi u f'att ta' qima lejn ir-Rieda t'Alla.

Din it-triq imxietha qabilna l-Imqaddsa Verġni Marija. Kif naqraw fl-Eżortazzjoni Apostolika "Marialis Cultus" (n. 35) "Marija hija mudell għall-insara għaliex fil-ħajja tagħha hija dejjem aċċettat għal kollox u b'mod responsabbli r-rieda t'Alla (Lq 1. 38), għaliex semgħet il-kelma u għixitha; għaliex ħajjitha kienet mimlija bl-imħabba u bl-ispirtu ta' servizz; għaliex kienet l-ewwel u l-aktar dixxiplu

perfett ta' Kristu. Dan kollu jiswa bħala mudell għal kulħadd u għal dejjem".

Mill-eżempju ta' Sidtna Marija, iż-żgħażagħ insara għandhom jitgħallmu kif isiru dixxipli ta' Kristu u xhieda tiegħu quddiem il-bnedmin, għax f'dan qiegħed il-qofol tad-devozzjoni marjana mwettqa kif imiss.

Iż-żgħażagħ għandhom jirriflettu ta' spiss fuq il-kelmiet ta' Kristu: "Jiena nagħtikom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif taghtih id-dinja. Thallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'." (Ġw 14.27) "Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom u biex il-ferħ tagħkom ikun shih." (Ġw 15; 11). Id-dixxiplu ta' Kristu jeħtieġ li jhoss f'qalbu l-paċi ta' Kristu li tiġi minn kuxjenza li ma tkunx imtaqqla bil-ħtija. Id-dixxiplu ta' Kristu jħabrek ukoll biex din il-paċi tiġi mwassla lill-bnedmin l-oħra.

Ix-xhieda nisranija

Ix-xhieda nisranija tinghata mhux biss bl-ghemejjel qaddisa li wieħed jagħmel, iżda wkoll billi jhalli lill-ohrajn jintebhu bis-serenità u bil-ferh spiritwali li huwa jkun kapaċi jżomm qalbu mfawra bihom, anke fil-mumenti l-iktar diffiċli ta' hajtu. L-ahbar it-tajba li xandar Kristu u l-missjoni li wettaq fid-dinja, ma kenitx imsieħba ma' sentimenti ta' biża' u ta' swied il-qalb, iżda ma' sentimenti ta' tama, ta' kuraġġ u ta' ferh qaddis. "Agħmlu l-qalb: jiena rbaht id-dinja". (Ġw 16. 33) "Ifirħu u thennew, għax hlaskom kbir fis-smewwiet." (Mt 5. 12) Biex ibierek u jqaddes il-ferh tal-bnedmin, Kristu biddel l-ilma f'inbid, fil-Kana tal-Galilea, fejn Hu flimkien ma' Ommu u l-mistiednin l-oħra kienu qegħdin jieħdu

sehem fil-festa tat-tieġ. Hemmhekk "Kristu żar il-ferh tal-bnedmin mhux id-dwejjaq tagħhom. Huwa ghamel l-ewwel miraklu tiegħu biex iseddaq il-ferh tal-bnedmin...Huwa li jhobb il-bnedmin, ihobb ukoll il-ferh taghhom". (Fyodor Dostoevsky) U fiż-żjara tiegħu f'Kana, kien hemm miegħu Marija Santissima. Anzi kienet hi li ndahlet u qaltlu li ma kellhomx inbid. Marija, bhal Kristu Binha, thobb il-bnedmin u thabrek ghall-ferh taghhom. Ghalkemm illum tinsab fil-glorja tas-sema, hija "għadha tidħol ghalina b'kull mod, biex Alla jagħtina l-grazzji mehtiega ghas-salvazzjoni ta' dejjem". (Lumen Gentium n. 62).

Wieħed mill-frottijiet tad-devozzjoni marjana, li ghandu jinhass fil-hajja taż-żgħażagħ tagħna, huwa ghalhekk l-ottimiżmu nisrani, li bih, huma jaffrontaw il-problemi tagħhom, jittamaw dejjem fl-ghajnuna t'Alla, jiddeċiedu li jgħixu ta' nsara u jħabirku ghall-ġid tal-proxxmu tagħhom anke f'hidmiet ta' apostolat.

J'Alla minn dan il-Kungress Marjan, iż-żgħażagħ u l-membri l-oħra tal-kommunità kattolika ta' pajjiżna, jiksbu bil-kotra l-frott ta' devozzjoni marjana awtentika, li aħna b'fiduċja shiha nittamaw.

6 L-APOSTOLAT TAL-LAJĊI (1.2.84)

Fl-10 ta' Frar, niċċelebraw il-festa liturġika tal-miġja f'Malta ta' l-Appostlu Misserna San Pawl. Dan il-jum għandu għalina tifsira speċjali għaliex fih infakkru l-ġrajja ta' meta Art Twelidna saret nisranija u l-Knisja ta' Kristu ġiet imħawla fostna għall-ewwel darba, bit-tħabrik ta' l-Appostlu tal-Ġnus, li aħna bil-jedd kollu nsejħulu Missierna, għaliex tana l-ħajja tal-fidi u tal-grazzja.

Huwa dmir tagħna li nipprovaw nifhmu dejjem aħjar, mid-diversi aspetti tagħha, din il-Knisja, li tagħha niftaħru li aħna membri. Għandna nagħrfuha mhux biss bħala rejaltà soċjali, magħmula mill-bnedmin u li taqsam magħhom il-ġrajjiet ta' ferħ u ta' niket li minnhom tintiseġ l-istorja ta' l-umanità; iżda fuq kollox bil-fidi tagħna, lill-Knisja nagħrfuha wkoll bħala l-Ġisem Mistiku ta' Kristu, sagrament tal-preżenza tiegħu fid-dinja u għodda magħżula minnu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

Barra minn dan l-għarfien, huwa meħtieġ ukoll li wlied il-Knisja jieħdu sehem attiv fil-ħajja tagħha u fil-ħidma li hija twettaq sabiex ixxerred kullimkien is-saltna ta' Kristu u twassal lil kull bniedem il-frott tal-fidwa, li s-Salvatur tagħna kisbilna bil-passjoni u bil-mewt glorjuża tiegħu.

Kif ifissrilna l-Konċilju Vatikan II, "L-attività kollha tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu għal dan l-iskop tissejjaħ apostolat, li l-Knisja b'modi differenti, teżerċita permezz tal-membri kollha tagħha; is-sejħa nisranija hija, infatti, min-natura tagħha stess, sejħa wkoll għall-apostolat." (Apostolicam Actuositatem n. 2).

Fi kliem ieħor, mhux biss il-membri tal-Kleru u ta' l-Ordnijiet Reliġjużi, iżda wkoll il-lajċi, jekk iridu jieħdu bis-serjetà s-sejħa tagħhom nisranija, għandhom imiddu idejhom ukoll għall-ħidmiet ta' apostolat.

Barra mill-apostolat individwali li kull nisrani, jista' u għandu jwettaq minn rajh, f'ċerti ambjenti bħal ma huma l-familja u l-postijiet tax-xogħol, hemm ukoll l-apostolat organizzat, li fuqu saret tant insistenza kemm fil-messaġġi tal-Papiet tas-seklu tagħna, kemm fid-dokumenti tal-Konċilju u kemm fil-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġi tal-Knisja.

Dan l-apostolat organizzat ilu jitwettaq għal bosta snin fid-djoċesi tagħna mill-Għaqdiet Kattoliċi li għandhom l-appoġġ sħiħ kemm tiegħi kif ukoll ta' l-isqfijiet ta' qabli. Fi ħdan dawn l-Għaqdiet, kif ukoll fi ħdan movimenti u gruppi ekkleżjali oħra, l-insara jwettqu s-saċerdozju komuni li rċivew fil-magħmudija, isibu għajnuna biex jissaħħu fil-qdusija u jagħtu sehemhom biex

isalvaw l-erwieħ, hekk li permezz tagħhom tinħass aħjar il-preżenza u l-ħidma siewja tal-Knisja fiddinja. Jeħtieġ però, li bi spirtu evanġeliku, iżommu dejjem il-għaqda mar-Raġħajja spiritwali taddjoċesi u tal-parroċċa, kif ukoll li b'rispett u mħabba reċiproka, jieħdu sehem fix-xogħol pastorali komuni fuq livell djoċesan u parrokkjali, waqt li jaħdmu kontinwament id f'id.

Niehu din l-okkażjoni sabiex infisser ir-radd ilhajr tiegħi għall-ġid spiritwali li nkiseb sal-lum permezz ta' l-apostolat tal-lajċi u nħeġġeġ lill-insara kollha, sabiex fuq l-eżempju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, iżidu dejjem iżjed iż-żelu apostoliku tagħhom u jaħdmu bla heda fil-qasam tal-Mulej.

7. SAN ĠWANN BOSCO U L-EDUKAZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ (10.5.84).

Fl-Għid li għadda, għalqet is-Sena Mqaddsa Straordinarja tal-Fidwa li l-Papa Ġwanni Pawlu II kien nieda bil-Bolla "Aperite Portas Redemptori".

Din is-Sena tal-Fidwa kienet inżammet ukoll hamsin sena ilu fi żmien il-Papa Piju XI, u fil-Għid ta' dik is-sena bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet speċjali ta' l-okkażjoni, saret il-kanonizzazzjoni ta' San Ġwann Bosco li kien l-Appostlu tat-tfal u taż-żgħażagħ, xempju tal-edukaturi nsara, kif ukoll il-fundatur tal-familja Sależjana.

Il-ħidma Sależjana

Minn dak in-nhar sal-lum, il-Patrijiet u s-Sorijiet Sależjani, li jqimu lil San Ġwann Bosco bħala Missier spiritwali tagħhom, kotru fil-għadd tagħhom, xterdu mad-dinja kollha, u jinsabu mehdija f'kull qasam ta' l-Apostolat. Fil-ġżira żgħira tagħna huma rappreżentati mis-Sorijiet ta' l-Awżiljatriċi li jwettqu ħidma siewjà fil-kamp ta' l-edukazzjoni.

Ma satax jonqos, li kif għamlu l-kommunitajiet sależjani fid-dinja kollha, anke dawn is-Sorijiet tad-djoċesi tagħna, ifakkru egħluq il-ħamsin sena mill-kanonizzazzjoni ta' San Ġwann Bosco. Għalhekk ser isiru xi ċelebrazzjonijiet li jagħlqu b'konċelebrazzjoni li ser tinżamm fil-Knisja ta' Pinu nhar il-Ħadd, 27 ta' Mejju, 1984, fil-5.00 p.m.

Iżda dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ma jservux biss biex infakkru l-ġrajjiet ta' l-imgħoddi; isiru wkoll biex mill-persuna li nkunu nikkommemoraw, nieħdu xi tagħlima li tista' tkun ta' ġid għalina. Bix-xhieda ta' ħajtu u f'kitbietu, San Ġwann Bosco ħallielna bħala wirt prezzjuż, ħafna messaġġi li jiswew mhux ftit għal żminijietna. Mit-tagħlim kotran tiegħu, nislet punt wieħed li fil-fehma tiegħi, jista' jitfa' dawl qawwi fuq ħafna mill-problemi li qed jinkwetawna fis-siegħa preżenti.

Irrid insemmi silta żgħira mill-ittra ta' San Ġwann Bosco tal-10 ta' Mejju, 1884, li ġiet imsejħa "il-poeżija ta' l-imħabba edukattiva" ("Scritti sul Sistema Preventivo" a cura di Pietro Braido, paġ. 317-327). Fiha jgħidilna li l-edukatur "għandu jkun kollox għal kulħadd, lest li jisma' dejjem kull dubju jew ilment taż-żgħażagħ, b'għajnejh miftuħa biex bħal missier jissorvelja l-imġieba tagħhom, b'qalb kbira biex iħabrek għall-ġid spiritwali u temporali ta' dawk li l-Providenza afdatlu f'idejh". Dawn il-kelmiet sempliċi li ħarġu mill-moħħ u mill-qalb ta' bniedem ispirat minn Alla u b'esperjenza twila fil-kamp ta' l-edukazzjoni għadhom validi llum daqskemm kienu mitt sena ilu meta ġew miktuba u jgħoddu għall-edukaturi kollha f'kull livell u f'kull ambjent fejn titwettaq il-ħidma edukattiva.

Il-ġenituri, l-aqwa edukaturi

Iżda qabel kulħadd, din it-twissija għandhom jixtarruha tajjeb il-ġenituri li l-Konċilju Vatikan II sejħilhom "l-ewwel u l-aqwa edukaturi" ta' wliedhom (Gravissimum Educationis n.3). Kif ikompli jfissrilna l-istess Konċilju, il-ġenituri "għal uliedhom huma dawk li l-ewwel iħabbrulhom il-fidi u jedukawhom fiha; bil-kelma u bl-eżempju huma jiffurmawhom għall-ħajja nisranija u apostolika, igħinuhom bil-prudenza biex jagħżlu s-sejħa tagħhom u, jekk jaraw li għandhom xi sejħa qaddisa, jinkoraġġuha bl-attenzjoni kollha" ("Apostolicam Actuositatem" n. 11).

Il-ġenituri, wisq iżjed mill-edukaturi l-oħra, għandhom ikunu lesti li jagħtu widen, meta wliedhom ikollhom xi dubju jew mistoqsija x'jagħmlulhom. Dan ifisser li bejn il-ġenituri u l-ulied meħtieġ li jkun hemm djalogu kontinwu, li għandu jkompli jissaħħaħ meta dawn ta' l-aħħar minn tfal isiru żgħażagħ. F'dan il-kontest nista' nirrepeti lill-ġenituri l-istedina li għamilt fl-ittra pastorali tad-9-2-69: "Fittxu li tirbħu l-fiduċja taż-żgħażagħ, sabiex ikun hemm veru djalogu bejnkom u bejnhom. Hemm huma jitgħallmu mill-esperjenza tagħkom u intom tibbenefikaw mill-ferħ u l-entużjażmu ta' żogħżithom".

Il-ġenituri ma jistgħux ma jagħtux każ ta' l-imġieba tat-tfal tagħhom u għalhekk jeħtieġ li jinteressaw ruħhom u jkunu jafu fejn qegħdin imorru wliedhom, ma' min qegħdin jagħmluha, x'qegħdin jitgħallmu, x'eżempji tajbin jew ħżiena jkollhom quddiemhom. Din is-sorveljanza magħmula dejjem bl-ikbar prudenza u bl-ikbar imħabba biex ma ddejjaqx lill-ulied, hija meħtieġa

ħalli l-ġenituri jwiddbu fil-ħin, meta jkun hemm bżonn ta' xi twiddiba u jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex uliedhom ma jaqbdux triq żbaljata.

Fuq kollox hija meħtieġa fil-ġenituri, l-imħabba sinċiera u matura li tfittex biss il-veru ġid ta' l-ulied, mingħajr ma toqgħod tagħmel kalklu tas-sagrifiċċji mitluba u mingħajr ma tistenna ebda rikonoxxenza mill-bnedmin. Din l-għamla ta' imħabba hija l-ewwel kundizzjoni rikjesta sabiex l-edukazzjoni tagħti l-frott tagħha, tiswa biex issawwar il-karattru ta' l-ulied u tagħmel minnhom insara u ċittadini onesti. Anke meta fid-dar ikun hemm il-kumditajiet kollha u t-tfal ma jkun jonqoshom xejn minn dak li jitolbu u jixtiequ, jekk tkun tonqoshom l-imħabba intelliġenti u ħabrieka tal-ġenituri u ta' l-edukaturi tagħhom, ikun jonqoshom l-aqwa ħaġa u minħabba dan in-nuqqas ikollhom isofru ħajjithom kollha.

Fi żminijietna, il-ħidma edukattiva tat-tfal u taż-żgħażagħ hija wisq aktar diffiċli milli kienet fi żmien San Ġwann Bosco. Dan ġara għaliex mal-mixja tas-sekli, barra mill-vantaġġi li ġabulna x-xjenza u t-teknoloġija, inħolqu wkoll xi fatturi li jtellfu d-dinjità tal-bniedem u jagħmlulu ħsara fir-ruħ jew fil-ġisem. Huwa dmir ta' l-edukaturi nsara li jipprotieġu mill-aħjar li jistgħu lit-tfal u liż-żgħażagħ minn ċerti perikli li qegħdin jinħassu anke f'pajjiżna.

Il-Pornografija u l-abbuż tad-drogi

Ma nistax ma nsemmix, għall-inqas tnejn minnhom, li qegħdin iħassbu u jinkwetaw mhux biss lili, iżda wkoll lil ħafna ġenituri u lil kull min għandu għal qalbu l-ġejjieni ta' pajjiżna.

Minħabba l-pornografija ta' kull għamla, ħafna żgħażagħ qegħdin iġarrbu ħsara morali terribbli, li xi drabi twassal ukoll għat-telfien tal-fidi. Huwa evidenti li ċerti films u publikazzjonijiet isiru bi skop li jimlew il-fantasija bi xbiehat maħmuġin, inisslu xewqat żienja, iqanqlu l-passjonijiet l-iktar baxxi tal-bniedem, bil-konsegwenza li ħafna drabi jwassluh ukoll għall-għemil li ma jixraqx u għall-vizzju li jagħmlu lsir tiegħu. Fil-qalb li hija mdallma u mqallba b'imħabbiet ħżiena, ma tistax tinbet u tikber l-imħabba safja u għaqlija, li għandha tkun il-pedament tal-ħajja tal-familja. Il-pornografija għalhekk mhux biss teqred l-imħabba, iżda tavvilixxi wkoll lill-bniedem, u timmina serjament ir-rabta taż-żwieġ.

Diżastru ieħor li qed ihedded il-ġenerazzjoni żagħżugħa fis-soċjetà permissiva tal-lum huwa dak li ġej mill-abbuż tad-drogi. Għad li dwar dan is-suġġett saru ħafna laqgħat u ngħata ħafna tagħlim ta' kull xorta, iżda donnu mhux il-ġenituri kollha ntebħu u saru jafu kif imiss, bil-ħsarat li jagħmlu d-drogi fis-saħħa fiżika u mentali ta' wliedhom. Meħtieġa għalhekk sensibilizzazzjoni mhux biss taż-żgħażagħ, iżda wkoll ta' l-edukaturi tagħhom dwar din it-theddida, li bħal pesta qerrieda qegħda tagħmel ħafna vittmi fis-seklu tagħna.

Id-dokument tas-Sagra Kongregazzjoni għall-edukazzjoni Kattolika ta' l-1 ta' Novembru, 1983, dwar l-edukazzjoni għall-imħabba umana (par. 104) igħidilna li d-drogi "iżidu l-għatx għall-pjaċir sesswali fil-waqt li jnaqqsu l-kapaċità li wieħed jikkontrolla lilu nnifsu u b'hekk jiddefendi ruħu. L-abbuż tad-drogi, li ma jkunx imrażżan iwassal għad-distruzzjoni fiżika u psikoloġika ta' l-

individwu. Id-drogi, l-indipendenza żbaljata u d-diżordni sesswali, ħafna drabi jissieħbu flimkien".

Anke fil-każ tal-pornografija u tad-drogi, il-prevenzjoni hija wisq aħjar mill-kura. Jaqbel wisq aktar li wieħed jiftaħ għajnejh minn qabel, iwiddeb lit-tfal u liż-żgħażagħ sa minn kmieni u jħarishom mill-periklu, milli joqgħod jinkwieta u jinfixel x'ser jagħmel meta diġà forsi jkun tard wisq.

Fil-fehma tiegħi għadna fil-ħin biex insalvaw iż-żgħażagħ tagħna billi nipprovaw noħolqu dawk il-kundizzjonijiet li jagħmlu l-ħajja tagħhom aktar hienja u onesta. Meħtieġ għalhekk li ma niċħdulhom qatt dik l-attenzjoni għaqlija u l-imħabba attiva li huma bil-jedd kollu jistennew minn għand l-edukaturi tagħhom.

Nitolbu wkoll lil Alla, bl-interċessjoni ta' San Ġwann Bosco, sabiex iseddaq l-edukaturi fil-missjoni tagħhom u jżomm dejjem it-tfal u ż-żgħażagħ f'għaqda sħiħa ma' Kristu, il-Feddej tagħhom.

IR-REALTÀ TAL-MEWT

Meta konna għadna tfal żgħar, tgħallimna talba li ħafna minna għadna nirrepetu għal bosta drabi ta' kuljum. F'din it-talba lill-Madonna ngħidulha: "Itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna".

Għad li ħafna mill-bnedmin ta' żminijietna ma jridux min ikellimhom fuq il-mewt u jipprovaw jinsewha mill-aħjar li jistgħu, iżda xorta waħda jibqa' fatt li l-mewt hija rejaltà ta' kuljum. Anzi fi żmienna, minħabba diversi fatturi, ħafna nies qed isibu l-mewt ma wiċċhom, bla ma jkunu jistennewha xejn u forsi wkoll mingħajr ma jkollhom ebda preparazzjoni għaliha.

Waħda mill-kawżi, li llum il-ġurnata qegħdin jinħasdu ħafna ħajjiet anke fil-fjur taż-żgħożija, bla dubju huwa s-sewqan perikuluż. Mhux barra minn

postu għalhekk li wieħed igħid kelma ta' twissija lis-sewwieqa kollha, sabiex jagħrfu sewwa d-dmir li għandhom fil-kuxjenza, li jużaw kontinwament l-għaqal u l-prudenza biex jevitaw kull azzjoni u kull ommissjoni fis-sewqan li tista' tipperikola l-ħajja ta' l-oħrajn jew tagħhom infushom.

Ma' l-aħbar tal-mewt ta' xi ħadd, speċjalment jekk ikun għadu fl-aħjar tiegħu, il-kummenti li jagħmlu dawk li jafuh ikunu jikkonsistu x'aktarx f'xi kelmtejn ta' mogħdrija lejh jew lejn uliedu u l-qraba l-oħra li jkun ħalla warajh. Però min għandu l-fidi fil-ħajja eterna wara l-mewt u min jemmen fi Kristu Mħallef u fil-premju u fil-kastig ta' dejjem, kif nistqarru li nemmnu l-kattoliċi, ma jieqafx wara li jgħid biss "miskin" għal min ikun telaq minn din id-dinja: iżda għall-inqas f'moħħu, żgur li jinbet ħsieb ieħor, jiġifieri titfaċċa l-mistoqsija dwar is-salvazzjoni tar-ruħ.

Fost il-grazzji kollha li aħna l-kattoliċi għandna nitolbu ta' spiss għalina nfusna u għall-oħrajn hija dik li l-mewt issibna fl-istat ta' ħbiberija ma' Alla, għaliex huwa permezz ta' din il-grazzja tat-tmiem li l-fidwa ta' Kristu tilħaq fir-ruħ tal-bnedmin, it-twettiq definittiv tagħha u minn din il-grazzja wkoll li jiddependi l-ħena ta' dejjem.

Huwa tagħlim komuni fost it-teoloġi, li meta n-nisrani ma jistax iqerr, il-maħfra tad-dnubiet, anke ta' dnubiet kbar, tista' tinkiseb bil-kontrizzjoni jew indiema perfetta msieħba max-xewqa tal-qrar. Dan ifisser li meta l-midneb ikun jixtieq sinċerament jirranġa ma' Alla, jekk ma jkunx jista' jieħu s-sagramenti, jakkwista l-maħfra u l-ħbiberija t'Alla, jekk huwa jiftakar fl-imħabba u fil-ħniena bla tarf tal-Mulej u jindem minn ħtijietu, mhux għall-biża'

tal-kastig iżda għaliex jirrejalizza li bihom huwa ddisprezza l-imħabba ta' Alla lejh; u mill-ġdid jerġa' jaċċetta din l-imħabba.

Josserva hawnhekk il-moralista Bernard Haring, "Għal dawk li jibqgħu fl-istat tal-grazzja u fl-imħabba t'Alla, hija ħaġa relativament faċli li jagħmlu att ta' kontrizzjoni...iżda għall-penitent fid-dnub il-mejjet, l-att ta' ndiema perfetta huwa miraklu; meta jitwettaq, ikun hemm l-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu li joħloq id-dawl u l-ħajja fejn kienu jsaltnu fid-dlamijiet." (Shalom: Il sacramento della riconciliazione, pag. 92-93).

Tibqa' dejjem it-tama li Alla jwettaq anke dan il-miraklu, jekk ikun meħtieġ u jekk nitolbuhulu minn qalbna.

Tidher, għalhekk, il-ħtieġa tat-talb għal dawk li jkunu ser jidħlu fl-eternità u jidhru quddiem il-ħaqq t'Alla. Għalina nfusna u għal ħutna l-insara għandna nitolbu l-grazzja li nibqgħu sa l-aħħar fil-fidi u fil-ħajja nisranija; għal kulħadd, għandna nitolbu l-grazzja li t-tmiem ta' ħajjitna fuq l-art, dak li llum isejħulu "sitwazzjoni-limiti" jitwettaq f'tagħniqa ta' tama u mħabba ma' Kristu Feddej tagħna.

Dan kollu nitolbuh, kif tagħmel il-Knisja Kattolika, bl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa. "L-Omm tagħna Marija, f'riġlejn is-salib, fehmet u ġarrbet flimkien ma' l-Iben, il-misteru tremend tal-qdusija t'Alla; hija għarfet il-kruha tad-dnub u l-periklu terribli tat-telfien ta' dejjem li jġib miegħu; għalhekk hija sofriet intensament sa minn qabel, inniket kollu u ġarrbet l-istess premura li għandha l-Knisja għas-salvazzjoni ta' wliedha." (B. Haring: "Grazia e compito dei sacramenti, pag. 410).

Hekk il-mewt, għalina mhux biss tkun tfisser tiswib fit-tbatijiet u fil-passjoni ta' Kristu, iżda ġġib magħha wkoll, rahan u tama tal-qawmien flimkien Miegħu li rebaħ fuq il-mewt.

(Miċ-Ċirkulari tal-14-8-81).

IR-RUŻARJU U L-MORDA

F'dan ix-xahar ta' Ottubru, nixtieq intenni r-rakkomandazzjonijiet tiegħi lill-komunità nisranija ta' ġiritna dwar it-talba għażiża tar-Rużarju tal-Madonna.

Il-kategoriji kollha ta' l-insara għandhom igħożżu din it-talba u jħossu l-ħtieġa li jirreċitawha ta' spiss u jekk jista' jkun ta' kuljum. Nista' nirrepeti hawnhekk il-kelmiet ta' San Luigi De Montfort "Ħalli n-nies kollha, l-għorrief u l-injoranti, it-tajbin u l-midinbin, il-kbar u ż-żgħar ifaħħru u jqimu lil Ġesù u lil Marija, bil-lejl u bi nhar, billi jgħidu r-Rużarju Mqaddes". ("The Secret of the Rosary" paġ. 16).

Iżda peress li qegħdin fis-sena tal-inkapaċitati, xtaqt nagħmel sejħa speċjali lill-morda u lil dawk li jsibu ruħhom fid-diffikultà minħabba xi difett fiżiku tagħhom. Aħna l-insara li nħarsu lejn il-ġrajjiet ta' madwarna mhux biss bil-għajnejn tal-ġisem, iżda wkoll bil-għajnejn tal-fidi, aħna li barra mill-ġid materjali, ngħożżu l-ġid spiritwali, anzi napprezzawh wisq iktar, nistgħu nagħrfu u nifhmu l-kontribut siewi li jagħtu l-morda lill-Knisja ta' Kristu bis-sagrifiċċju u bit-talb tagħhom. Il-qawwa sopranaturali tat-talb hija wieħed mill-pedamenti li fuqhom nibnu l-fiduċja tagħna bħala nsara, għax

naf u li xejn ma jiswa t-tħabrik u t-taħbit tagħna jekk ma jkunx imseddaq bil-barka u bil-grazzja ta' Alla l-Imbierek, li jinkisbu permezz tat-talb. "Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja, jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt għalxejn jishar il-għassies" (Salm 126).

F'dan l-isforz komuni sabiex tinbena s-saltna spiritwali ta' Kristu, il-morda jistgħu jieħdu sehem kbir billi joffru t-talb tagħhom u b'mod partikulari billi jirreċitaw ir-Rużarju. Jekk jagħmlu hekk mhux biss iġarrbu l-paċi u l-konsolazzjoni ta' Kristu fit-talb tagħhom, iżda jkunu jixxierku wkoll f'ħidma qaddisa ta' apostolat għall-ġid ta' l-oħrajn.

Kif jikteb l-Isqof Fulton J. Sheen "fil-mumenti li fihom it-talb isir diffiċli minħabba d-deni, l-uġiegħ, l-agonija, inħossu ġibda qawwija li naqbdu f'idejna l-kuruna tar-Rużarju, li hija sinjal tat-talb u nbusu l-kurċifiss li hemm imdendel magħha.

Ladarba dak it-talb nafuh bl-amment, joħroġ waħdu minn qalbna u minnu nistgħu nagħmlu l-meditazzjoni tagħna, sabiex inwettqu dak li tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa, 'Itolbu dejjem'.

Il-misteri preferiti jkunu allura dawk tat-tbatija, għaliex meta jimmeditaw l-uġiegħ ta' Sidna Ġesù Kristu, il-morda jitħeġġu sabiex igħaqqdu t-tbatijiet tagħhom ma' tiegħu u hekk fil-waqt li jieħdu sehem fis-salib tiegħu, ikunu jistgħu jaqsmu miegħu l-glorja tal-Qawmien". ("La Madonna" Ediz. Paoline paġ. 81-82).

Ma jistax jonqos li l-insara li jimmeditaw il-misteri tar-Rużarju Mqaddes kif imiss ma jħossux xi ftit mill-paċi u l-hena spiritwali li bihom kienet imfawra l-Imqaddsa Verġni Marija. Dwarha, il-

Papa Pawlu VI fl-enċiklika "Gaudete in Domino" (n. 36) igħidilna: "Hija ma kenitx meħlusa mit-tbatija; l-omm tad-duluri kienet wieqfa ħdejn is-salib, imsieħba b'mod l-iktar għoli fis-sagrifiċċju tal-Qaddej Innoċenti. Iżda hija ħadet ukoll sehem kbir fil-ferħ tal-Qawmien u ġiet meħuda fil-glorja tas-Sema bil-ġisem u bir-ruħ...Bir-raġun kollu li wliedha f'din l-art fil-waqt li jduru lejha li hija l-omm tat-tama u tal-grazzja, isejħulha bħala bidu tal-ferħ tagħhom; causa nostrae laetitiae".

Nieħu din l-okkażjoni sabiex inrodd ħajr pubblikament lill-morda u anke lil dawk li m'humiex morda, li jiftakru fil-ħtiġijiet tal-Knisja Mqaddsa, fir-Rużarju, fit-talb l-ieħor li jagħmlu. Din l-għajnuna spiritwali hija għajn ta' kuraġġ għal dawk kollha li għandhom ir-responsabiltà pastorali tal-merħla ta' Kristu fid-diffikultajiet kollha li magħhom jiltaqgħu.

(Miċ-Ċirkulâri tad-29-9-81).

IL-MINISTERU TAL-LETTURI U TA' L-AKKOLITI

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Diċembru, fil-Katidral ser tinżamm il-funzjoni liturġika li biha jingħataw il-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat lil għadd ta' żgħażagħ li qegħdin jistudjaw fis-Seminarju Djoċesan, bil-ħsieb li iktar 'il quddiem jiġu ordnati saċerdoti, u jifformaw parti mill-Kleru Għawdxi. Din iċ-ċerimonja għandha l-importanza tagħha, għaliex turina li l-Knisja lokali tħares lejn il-ġejjieni u thejji sa minn ħafna żmien qabel lil dawk li ser ikunu ministri t'Alla u tal-kommunità nisranija.

Ma tkunx ħaġa sewwa għalhekk, li ġrajja bħal din titwettaq bla ma jkunu jafu biha l-insara ta' pajjiżna. Għall-kuntrarju, sabiex huma jagħrfu japprezzaw aħjar dak kollu li tagħmel il-Knisja għall-ġid spiritwali tagħhom, jixraq ħafna li huma jkollhom iktar tagħrif dwar dawn il-ministeri u dwar ix-xogħol li jwettqu l-ministri tal-kommunità nisranija.

Nibdew, qabel xejn, biex ngħidu, li kif Kristu ma ġiex fid-dinja "biex ikun moqdi, imma biex jaqdi" (Matt 20, 28) hekk ukoll il-Knisja Tiegħu, sa mill-bidu, permezz ta' persuni maħturin apposta, taqdi lill-bnedmin, billi tgħinhom ħalli jiksbu s-salvazzjoni ta' ruħhom. Kif igħidilna l-Konċilju Vatikan it-Tieni, "Ġesù Kristu, biex imantni u dejjem aktar iżid il-Poplu ta' Alla, stabilixxa fil-Knisja Tiegħu ministeri diversi, li jaħdmu għall-ġid tal-ġisem kollu. Il-ministri, infatti, li huma mlibbsin b'setgħa sagra, jaqdu lil ħuthom sabiex jaslu għas-salvazzjoni" (Lumen Gentium, n. 18). "Hekk, il-ministeru ekkleżjastiku ta' istituzzjoni divina jiġi mqwettaq f'diversi ordini minn dawk li mill-ewwel żmenijiet, ġew imsejħa Isqfijiet, Presbiteri u Djakni". (L.G. 28).

Fiż-żmenijiet tan-nofs, diġà kienet teżisti fil-Knisja Kattolika, id-drawwa ta' seba' ordinazzjonijiet jew gradi li permezz tagħhom wieħed kien jasal għas-saċerdozju. L-aħħar tlieta fost dawn l-ordinazzjonijiet kienu jissejħu maġġuri jew kbar u dawn kienu l-presbiterat, id-djakonat u s-suddjakonat. L-erba' l-oħra tal-bidu, imsejħa minuri jew żgħar, kienu l-akkolitat, l-eżorċistat, il-lettorat u l-ostjarjat. Il-Konċilju ta' Trentu kkonferma din id-drawwa, meta ddikjara li fil-Knisja Kattolika hemm ġerarkija mwaqqfa minn

Alla, li tikkonsisti fl-Isqfijiet, fil-presbiteri u fil-ministri (Denzinger 966). Din id-drawwa baqgħet ħajja sa ftit wara l-Konċilju Vatikan II li ordna li "irriti tal-Ordinazzjonijiet jiġu riveduti kemm rigward iċ-ċerimonji kif ukoll rigward it-testi". (Sacrosanctum Concilium n. 77).

Fi żmien il-Papa Pawlu VI u b'mod partikulari bl-ittra Apostolika "Ministeria Quaedam" saru diversi riformi. Fost l-oħrajn, dawk li qabel kienu jissejħu ordnijiet minuri, bdew jissejħu ministeri u ma baqgħux riservati biss għall-kandidati tas-sagrament tal-Ordni Sagri, iżda jistgħu jingħataw ukoll lil-lajċi nsara. Bħala thejjija għad-djakonat, fil-Knisja tar-Rit Latin, baqgħu jeżistu biss żewġ ministeri, jiġifieri dak tal-lettur u dak tal-akkoltu. Is-setgħat li qabel din ir-riforma kienu jingħataw lis-suddjaknu, issa ġew imqassma bejn il-lettur u l-akkoltu. Għalhekk l-ordni maġġuri tas-suddjakonat ġie mneħħi kif ġiet imneħħija wkoll it-tonsura, jew iċ-ċerimonja li qabel kienet titwettaq ma' dawk li kienu se jsiru membri tal-Kleru u jkunu ser jersqu għall-ewwel ordni.

Allura fi żmienna, il-ministri istitwiti li jingħataw qabel id-djakonat huma l-lettorat u l-akkolitat. L-ewwel wieħed għandu rabta mal-qari mqaddes u jitwettaq fil-Liturġija tal-Kelma; it-tieni jitwettaq fil-Liturġija Ewkaristika u għandu relazzjoni ma' l-artal. It-teżori divini li l-Knisja tgħożż u tqassam lill-bnedmin huma t-tagħlim ta' Kristu miġbur fil-Kotba Mqaddsa kif ukoll il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu fl-Ewkaristija. Il-letturi u l-akkoliti jwettqu l-ministeru tagħhom u jaqdu lil ħuthom l-insara billi jwasslulhom dan il-ġid spiritwali li għandha l-Knisja.

Il-missjoni tal-Letturi u tal-Akkoliti fil-Knisja, tidher ċara mit-twissijiet li jagħmlilhom l-Isqof fir-rit ta' l-istituzzjoni tagħhom. Il-Letturi jsiru ministri li jwasslu l-kelma t'Alla lill-bnedmin. Hu għalhekk dmir tagħhom li jxandru l-kelma t'Alla fil-ġemgħa liturġika, li jgħallmu l-fidi liż-żgħar u lill-kbar, li jhejjuhom sewwa biex jersqu kif jixraq għas-Sagramenti. Lill-akkolti, imbagħad, jingħatalhom l-uffiċċju li jkun ta' għajnuna għall-presbiteri u għad-djakni fil-qadi tal-ministeru tagħhom, kif ukoll li bħala ministri straordinarji tat-Tqarbin, iqarbnu lill-insara.

Nirrikkmanda lill-kommunità nisranija ta' gżiritna li toffri t-talb tagħha għal dawk iż-żgħażagħ li f'dawn il-ġranet ser jingħatalhom l-uffiċċju ta' Letturi u ta' Akkolti, sabiex il-Mulej iseddaqhom bil-Barka Tiegħu u jhejjihom biex isiru ħaddiema għaqlin, bieżla u qaddisa fil-għalqa Tiegħu.

(Ċirkolari tas-16-12-81).

L-ADORAZZJONI TA' L-EWKARISTIJA

Fil-ġranet ta' wara l-Milied, f'diversi parroċċi, issir Espożizzjoni Solenni ta' Ġesù Ewkaristija għall-adorazzjoni, li qabel kienet tissejjaħ Kwaranturi, peress li kienet tibqa' sejra għal madwar erbgħin siegħa. Din l-espożizzjoni solenni tagħlaq ġeneralment bil-purċissjoni ewkaristika.

Kien hemm bosta saċerdoti li ħabirku sabiex tidħol u tixtered din id-drawwa għażiża; fosthom S. Carlo Borromeo, Arċisqof ta' Milan, li fis-27 ta' Ġunju, 1577, xandar ukoll direttivi kif għandha tkun organizzata din l-adorazzjoni. Fis-sena 1592,

bil-Bulla "Graves et Diuturnae", il-Papa Klement VIII approva din id-drawwa u ried li ssir fil-knejjes ta' Ruma bħala adorazzjoni perpetwa bi nhar u bil-lejl, bħala att ta' riparazzjoni għall-ħtijiet tal-bnedmin.

Fl-istruzzjoni "Eucharisticum Mysterium" tal-25 ta' Mejju, 1967, naqraw li "fil-knejjes li fihom tinżamm abitwalment l-Ewkaristija, sabiex il-komunità lokali timmedita aktar fil-fond dwar dan il-misteru u tagħmel l-adorazzjoni, ta' kull sena, issir l-espożizzjoni solenni tas-Santissimu Sagrament li tkun imtawla għal xi żmien, għad li mhux bil-fors tkun kontinwa" (n. 63).

L-iskop, mela, ta' din l-espożizzjoni solenni huwa l-adorazzjoni lil Ġesù Ewkaristiku, imsieħba mar-riflessjoni dwar il-kobor tal-misteru ta' mħabba li Huwa wriena f'dan is-Sagrament Imqaddes.

L-adorazzjoni lil Alla hija wieħed mill-atti ewlenin tar-Reliġjon Nisranija. Kristu stess igħallimna dan id-dmir u l-mod kif għandna nwettquh. "Hemm miktub, lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura u lilu biss taqdi" (Matt 4, 10). "Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh, għandhom jadurawh fl-Ispirtu u l-verità". (Ġwann 4, 24).

Din l-adorazzjoni għandha titwettaq qabel xejn bil-ħeġġa kollha li jqanqal fina l-Ispirtu t'Alla. Igħidilna San Pawl "Nitlob bl-ispirtu; imma nitlob b'moħħi wkoll. Inkanta s-salmi bl-ispirtu, imma nkanta b'moħħi wkoll". (I Kor. 14, 15). Din l-adorazzjoni għandha titwettaq ukoll fil-verità, jiġifieri tkun imsieħba mill-fidi, għaliex ix-xewqat spiritwali ftit jiswew quddiem Alla jekk ma jkunx

hemm vera fidi; Min jitlob, igħidilna l-Appostlu San Ġakbu, "ħa jitlob bil-fidi, bla ma jitħasseb xejn, għax min jitħasseb ikun jixbah lill-mewġ tal-baħar imqanqal u mqalleb mar-riħ". (Ġakbu 1, 6). Jeħtieġ fuq kollox, li l-adorazzjoni tkun sinċiera, jiġifieri mhux qima minn barra biss iżda tkun ġejja mir-rieda li nagħrfu l Alla bħala Sid tas-smewwiet u l-art u li nagħmlu ħilitna biex inwettqu r-Rieda tiegħu. Sidna Ġesù wissiena dwar dan meta qalilna: "Meta titolbu, tkunux bħal ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn iħobbu joqogħdu jitolbu fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies". (Mt. 6, 5).

Fl-Ewkaristija, aħna naduraw lil Kristu, Iben t'Alla li sar bniedem biex jifdina, li fil-waqt li qiegħed bil-ġisem glorjuż tiegħu fis-sebħ tal-Missier fis-smewwiet, jinsab ukoll preżenti kollu kemm hu fl-Ostja Mqaddsa. Din il-verità ma naslux għaliha bir-raġuni tagħna u l-anqas insibuha f'ebda ktieb tax-xjenza, iżda tgħallimhielna l-Fidi Kattolika u min irid jibqa' fl-għaqda mal-Knisja, jeħtieġ li jemminha u jistqarraha. Hija fidi mibnija fuq il-kelma ta' Kristu, kif inkantaw fil-għanja ta' San Tumas d'Aquino:

"L-għajn, l-idejn, it-togħma, Lilek ma jħossux,
Iżda biss b'li smajna, għala ma nemmnux.
Nemmen li qalilna l-Iben tal-Mulej
Xejn m'hu iżjed minnu, minn kliem tal-Feddej".

"Fis-sema, Kristu jingħata t-tifħir u l-ġieh, u l-glorja u l-ħakma għal dejjem ta' dejjem". (Apok. 5, 13) mill-anġli u mill-erwieħ qaddisin. Fuq din l-art, l-Iben t'Alla, moħbi fl-Ewkaristija jirċievi l-qima ta' l-insara li jemmnu fih u jħobbuh. L-adorazzjoni ewkaristika għalhekk, hija mhux biss att ta' qima

lejn Kristu iżda wkoll att ta' mħabba dovuta Lejh, għax kif igħallimna Missierna San Pawl, "Min ma jħobbx lil Kristu jkun mishut". (I Kor. 16, 22).

Din l-adorazzjoni hija fl-aħħarnett, att ta' tpattija għal dawk li fi Kristu ma jemmnux jew għad li jemmnu fih, iżda fil-ħajja tagħhom jagħtu biss importanza żgħira Lilu u lit-tagħlim Tiegħu jew dak li huwa agħar jaslu saħansitra sabiex jinsultawh biddagħa tagħhom.

Ninqeda b'din l-okkażjoni ta' l-Espożizzjoni Solenni, biex inħeġġeġ lill-insara ta' pajjiżna ħalli jkollhom għal qalbhom l-adorazzjoni ewkaristika u ħalli ta' spiss u jekk jista' jkun, ta' kuljum isibu xi ftit tal-ħin, biex iqimu lil Ġesù Ewkaristija, għall-inqas bi żjara qasira li jagħmlulu.

(Ċirkulari ta' l-20-12-1981).

L-GĦAQDA FOST L-INSARA

Fil-ġranet mit-18 sal-25 ta' Jannar, fid-dinja kollha, isir talb speċjali għall-għaqda tal-Knejjes insara. Kif kien kiteb il-Papa Pawlu VI, fl-ewwel enċiklika tiegħu "Ecclesiam Suam" (6-8-64), "Il-Knisja Kattolika qatt ma tieqaf mit-talb u mill-penitenza biex tkun kapaċi taħdem għall-għaqda mixtieqa u biex timmerita li taqlagħha" (n. 111). Il-Konċilju Vatikan it-Tieni fid-Digriet "Unitatis Redintegratio" (n. 4) igħidilna: "Dan is-Sinodu Mqaddes iħeġġeġ lill-fidili kattoliċi kollha sabiex fil-waqt li jimxu maż-żminijiet, jieħdu sehem bil-ħerqa kollha fil-ħidma ekumenika".

F'diversi ċirkulari tad-djoċesi tagħna (36/70,

92/74, 136/78) hemm imfissra x-xewqa u t-tama li l-insara ta' pajjiżna jieħdu sehem f'dan il-moviment ekumeniku u "jinteressaw ruħhom iktar mill-qrib, fil-problema ta' dawk l-individwi jew kommunitajiet li għad li bħalna jemmnu fi Kristu, iżda mbagħad jistqarru tagħlim reliġjuż differenti minn tagħna u jħossuhom mifrudin mill-Knisja Kattolika" (136/78). Però, ma jidhirx li f'pajjiżna din il-problema ta' l-aħwa mifrudin minna qegħda tinħass fil-kobor u fil-gravità kollha tagħha u l-anqas ma nosservaw xi entużjażmu kbir sabiex jinstabu soluzzjonijiet għaliha.

Dan in-nuqqas ta' interess għandu iktar minn spjegazzjoni waħda. Forsi ġej mill-fatt li fid-djoċesi tagħna, mhux possibbli li jitwettqu ċerti ħidmiet ekumeniċi bħal ma huma l-laqgħat u d-diskussjonijiet bejn esperti minn diversi knejjes. Però, kif kont għidt fiċ-ċirkulari n. 36/70, kullimkien, inkluż pajjiżna, u "mill-kattoliċi kollha għandu jitwettaq l-ekumeniżmu spiritwali li jikkonsisti fil-bidla tal-qalb u l-qdusija tal-ħajja, flimkien mat-talb pubbliku u privat għall-għaqda ta' l-insara". (Unitatis Redintegratio n. 8).

Raġuni oħra għaliex l-insara ta' pajjiżna għadhom ma fehmux biżżejjed l-importanza tal-ekumeniżmu tista' tkun li huma għadhom ma għarfux il-vantaġġi li l-kommunità ekkleżjali tagħna tista' tikseb minn ħidma ta' din ix-xorta.

Difatti, waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun jista' jitwettaq b'mod effikaċi l-ekumeniżmu hija l-għaqda interna tal-komunità kattolika nfisha. Ħalli jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem ir-relazzjonijiet ta' ħbieb ma' persuni ta' twemmin ieħor, huwa meħtieġ qabel xejn li l-

komunità kattolika tagħti prova li fi ħdanha jeżistu l-għaqda u l-karità, li Kristu qiegħed bħala sinjal tad-dixxipli tiegħu: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom". (Ġwann 13, 35). Il-għaqda fi ħdan il-komunità kattolika hija mela valur kbir li għalih għandna nitolbu u nistinkaw.

Illum huma bosta l-ilħna ta'dawk li jixtiequ din il-għaqda. Għall-inqas nistgħu ngħidu li hemm kunsens sħiħ dwar il-ħtieġa tal-għaqda, fost il-komunità tagħna. Iżda meta mbagħad niġu biex nagħżlu liema huma l-fatturi ta' l-għaqda u liema għandu jkun il-pedament ta' din l-unità, il-fehmiet huma differenti minn xulxin.

Għal dawk li jemmnu u jistqarru t-tagħlim tal-Knisja Kattolika u jixtiequ sinċerament li jkunu wlied lejali tagħha, mhux diffiċli li jsibu s-sisien li fuqhom għandha tinbena l-għaqda ta' bejnietna; huma proprju l-fidi tagħna u l-impenn tal-karità nisranija li għandhom igħaqqduna flimkien f'komunità ekkleżjali waħda. Kif igħidilna l-Papa Pawlu VI fl-enċiklika msemmija "jeħtieġ li nistqarru li mhux f'idejna li nnaqqsu xi ħaġa mit-tagħlim sħiħ tal-fidi jew mid-dmirijiet tal-karità. Fuq dan naraw li x'uħud jonqsu mill-fiduċja u jirreżistu; imma l-Knisja Kattolika li minn rajha ndaħlet biex tgħaqqad il-merħla unika ta' Kristu, ma tonqosx li tuża l-akbar prudenza u rispett; ma tonqosx li tikkonferma illi dawk il-prerogattivi, li minħabba fihom l-aħwa li jgħixu barra mill-qasam tagħha għadhom mifrudin minnha, mhux ġejjin minn xi ambizzjoni storika, jew minn xi tagħlim teoloġiku bla raġuni, imma mir-rieda ta' Kristu; u li huma, jekk wieħed jifhimhom skond il-forza tagħhom stess, jiswew għal kulħadd, jiġifieri jwasslu għall-

għaqda komuni, għal-libertà komuni, għall-perfezzjoni komuni tal-ħajja nisranija". (n. 111).

Għalhekk, il-ħidma sabiex naslu ħalli nagħrfu u nirrespettaw aħjar lill-bnedmin ta'reliġjonijiet oħra, meta tkun magħmula kif imiss, għandha ġġib magħha wkoll għożża ikbar għat-tagħlim tal-fidi tagħna, attenzjoni biex inkunu nafuh iktar fil-fond kif ukoll xewqa ikbar ta' fraternità fi ħdan il-komunità tagħna stess.

(Ċirkulari tat-12-1-1982).

IS-SEMINARJU

Fil-Konċilju Vatikan II fost ħwejjeġ oħra kienet ġiet diskussa l-problema tas-Seminarji u ttieħdet id-deċiżjoni li l-Knisja Kattolika għad baqagħlha bżonnhom dawn l-istituzzjonijiet.

"Is-Seminarji Maġġuri" — igħidilna d-Digriet 'Optatam Totius' n. 4 — "huma meħtieġa għall-formazzjoni saċerdotali. L-edukazzjoni kollha li hawnhekk tingħata lis-seminaristi jrid ikollha l-ħsieb li huma jiġu magħġunin tabilħaqq f'ragħajja ta' l-erwieħ, fuq ix-xebh ta' Sidna Ġesu Kristu, l-Imgħallem, is-Saċerdot u r-Ragħaj".

Fis-Seminarju, l-istudenti li jixtiequ jsiru saċerdoti djoċesani għandhom ir-residenza tagħhom matul is-sena skolastika. Fis-Seminarju huma jirċievu l-ewwelnett l-għajnuna meħtieġa għall-formazzjoni spiritwali-pastorali, u jitħarrġu fit-talb u l-eżerċizzi l-oħra ta' pjetà, bi preparazzjoni għal meta jsiru saċerdoti. Fl-istess ħin u fl-istess post tas-seminarju, dawn l-istudenti jsegwu l-kors ta'

tagħlim akkademiku fix-xjenzi ekkleżjastiċi, kif isir f'seminarji oħra kattoliċi tad-dinja. Minn din l-istituzzjoni, mela, jiddependu s-saċerdoti li jkollna fil-ġejjieni kemm fil-għadd kif ukoll fil-kwalità tagħhom.

Il-komunità nisranija ta' gżiritna jeħtieġ li tifhem sewwa li mingħajr saċerdoti li huma l-ministri t'Alla u tal-Knisja mhux possibbli li tibqa' sħiħa r-reliġjon tagħna u li s-seminarju biss jista' jagħti garanzija li anke fil-ġejjieni, il-komunità jkollha s-saċerdoti tagħha. Allura biex naħsbu fil-futur, mhux biżżejjed li jkollna knejjes sbieħ u bl-aqwa tiżjin, iżda huwa meħtieġ fuq kollox li mis-Seminarju joħorġu saċerdoti li jlaħħqu mal-ħtiġijiet spiritwali tal-Poplu t'Alla f'pajjiżna.

Għalhekk hija responsabiltà tal-komunità nisranija li ssegwi b'interess il-ħidmiet tas-Seminarju u tagħtihom l-appoġġ sħiħ tagħha.

(Ċirkulari tal-25-2-1982).

IL-QALB TA' ĠESÙ U L-EWKARISTIJA

"Hija xewqa ħerqana tagħna" — igħidilna l-Papa Piju XII fl-enċiklika "Haurietis Aquas" (m 71) "li dawk kollha li jiftaħru bl-isem ta' nsara u li jħabirku sabiex titwaqqaf is-saltna ta' Kristu fid-dinja, iqisu t-twettiq tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù bħala għelm u għajn ta' għaqda, salvazzjoni u paċi".

F'dan ix-xahar ta' Ġunju, li fih niċċelebraw il-festa liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, nixtieq li nfakkar għal darba oħra lill-insara tad-djoċesi

tagħna, f'din id-devozzjoni hekk għażiża. Intenni għalhekk l-istess stedina li kont għamilt fil-Pastorali tas-6 ta' Mejju, 1975, sabiex huma "b'impenn u ħeġġa ġdida jwettqu dawk il-prattiki ta' pjetà li bihom jistqarru mħabbithom lejn Kristu, bħal ma huma, it-Tqarbina Riparatriċi ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, is-Siegħa Mqaddsa, il-Konsagrazzjoni personali u tal-familji tagħhom lill-Qalb Divina".

Iżda d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Kristu qatt ma tista' tkun mifruda mid-devozzjoni awtentika lejn l-Ewkaristija. Fl-istess enċiklika li semmejna, il-Papa, fost id-doni li tana Kristu bħala sinjal u prova ta' l-imħabba tiegħu lejna, isemmilna l-Ewkaristija "kemm bħala Sagrament li Huwa jagħti lill-bnedmin, kif ukoll bħala Sagrifiċċju li Huwa joffri kontinwament minn tlugħ ix-xemx sa nżulha" (n. 36) Il-qima ewkaristika hija mezz li bih aħna nroddu ħajr lil Kristu għal dak kollu li għamel għall-ġid tagħna u li npattulu għall-imħabba tiegħu.

Nieħu għalhekk din l-okkażjoni, sabiex nirrik-kmandalkom tliet devozzjonijiet li bihom nistgħu nsaħħu l-qima u l-imħabba tagħna lejn Ġesù Ewkaristija.

1. Hija ħaġa tajba li l-insara jfittxu li jieħdu l-Barka Ewkaristika, kull meta jistgħu. Fl-Enċiklika "Mediator Dei", il-Papa Piju XII kiteb "Xejn mhu aħjar u aktar ta' vantaġġ spiritwali mill-għemil li bih is-saċerdot, waqt li jerfa' lejn is-sema l-Ħobż ta' l-Anġli quddiem il-ġemgħa nisranija mixħuta għarkubbtejha, u jbierikom b'forma ta' salib, isejjaħ il-Missier tas-Smewwiet sabiex jitfa' ħarstu lejn l-Iben tiegħu mislub għall-imħabba tagħna u minħabba fih li ried ikun il-Feddej tagħna u ħuna u permezz tiegħu jxerred id-doni tas-sema fuq dawk li ġew mifdija bid-demm immakulat tal-Ħaruf".

Il-Benedizzjoni Ewkaristika hija "vera azzjoni liturġika" (Istruzzjoni tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti tat-3 ta' Settembru, 1958) u għalhekk għandha ssir skond kif titlob il-Liturġija. Għandhom jiġu osservati ta' kull darba n-normi mogħtija mill-Kongregazzjoni tar-Riti fl-istruzzjoni tal-25 ta' Mejju, 1976, jiġifieri, qabel il-Barka jkun hemm espożizzjoni tas-SS.mu Sagrament, għall-inqas qasira, bil-kant, talb, qari bibbliku u bl-adorazzjoni fis-silenzju (Ċirk. nru. 16/68).

2. *Biż-żjara lil Ġesù fis-Santissimu Sagrament,* aħna nistqarru l-fidi tagħna fil-preżenza rejali ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Din iż-żjara tista' tkun raġġ ta' dawl spiritwali għan-nisrani u għajn ta' faraġ għal kull min hu mġarrab. Tista' ssir minn kulħadd kbar jew żgħar, f'kull ħin tal-jum jew tal-lejl u tista' tkun twila jew qasira skond iż-żmien li wieħed ikollu.

Sant'Alfons Marija de Liguori jgħidilna "Fost id-devozzjonijiet kollha, li tadura lil Ġesù Sagramentat hija l-ewwel waħda wara s-sagramenti, hija l-aktar għażiża għal Alla u l-iktar ta' ħtieġa għalina". Għandna nżuru lil Ġesù fl-Ewkaristija sabiex nirringrazzjawh ta' dak li għamel magħna, biex inpattulu għall-offiżi li jirċievi u biex nitolbuh il-grazzji meħtieġa.

Tkun ħaġa sabiħa li fiż-żjara Ewkaristika nirreċitaw bil-ħeġġa u bil-ġabra l-Attijiet tal-Fidi, Tama u Mħabba u nagħmlu wkoll it-Tqarbina tax-Xewqa.

3. Għadd ta' nsara fid-djoċesi tagħna mpenjaw ruħhom li nhar ta' Ħadd jieħdu sehem f'żewġ quddisiet, li waħda minnhom tista' tkun dik tas-Sibt fil-għaxija, sabiex b'dan il-mod issir tpattija għan-nuqqasijiet tagħhom stess fl-imġieba tagħhom

rigward l-Ewkaristija kif ukoll għan-nuqqasijiet ta' l-insara l-oħra li jonqsu li jwettqu d-dmir li jieħdu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-jum tal-Ħadd. Nixtieq li din ix-*Xirka tal-Quddiesa Riparatriċi* tikber u tissaħħaħ fi ġiritna u li għadd dejjem ikbar ta' nsara jinkitbu fiha bħala Att ta' Qima u tpattija lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

(Ċirkulari tad-9-6-1982).

IL-KANT LITURĠIKU

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, igħidilna li l-kant reliġjuż popolari għandu jiġi mħeġġeġ sewwa fil-laqgħat ta' talb kif ukoll fl-azzjonijiet liturġiċi. (Sacrosanctum Concilium n. 118).

Mingħajr ma jiġu mwarrbin fil-ġenb, il-mużika sagra tradizzjonali tal-Knisja (S.C. 112) u l-kant gregorjan li huwa magħruf bħala l-kant proprju tal-liturġija rumana, (S.C. 116), huwa xieraq li fil-funzjonijiet imqaddsa, speċjalment waqt il-Quddiesa tal-Ħadd, l-insara jissieħbu fil-kant li jsir bil-lsien tagħhom u fuq melodiji li huma jkunu jafuhom. B'hekk ikunu jieħdu sehem iktar sħiħ u attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, kif tixtieq ħafna Ommna l-Knisja Mqaddsa. (S.C. 14).

Għal dan il-għan jiswa ħafna li minn żmien għal żmien jiġu mdaħħla innijiet ġodda b'melodiji oriġinali, li jagħtu bixra aħjar liċ-ċelebrazzjoni liturġika u jżommu ħaj l-interess ta' l-insara li jmorru l-knisja. Dan huwa skond il-fehma tal-Konċilju Vatikan II li jistieden lill-mużiċisti sabiex imqanqlin minn spirtu nisrani "joħolqu melodiji li jkollhom il-kwalitajiet ta' mużika tassew sagra, u jkunu jistgħu jitkantaw mhux biss minn "scholae

cantorum" kbar, iżda jkunu tajbin ukoll għal "scholae" żgħar, u jkattru s-sehem ħaj tal-ġemgħa kollha ta' l-insara". (S.C. 121).

Il-parteċipazzjoni attiva tal-insara tinkiseb kemm bil-kant tal-ġemgħa li tkun tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, kif ukoll permezz tal-akklamazzjonijiet u tat-tweġibiet, u b'mod partikulari bit-talba tal-fidili li ssir fil-Quddiesa. Skond ix-xewqa tal-Konċilju, din il-ġemgħa fil-Knisja, barra milli żżomm is-skiet qaddis, f'ħinu u f'waqtu, għandha twieġeb u tlissen it-talb meta n-normi liturġiċi jippreskrivu hekk. (S.C. 30). Hija ħaġa tajba wkoll li t-talba tal-fidili, wara l-omelija jew wara l-Vanġelu, tinbidel minn ċelebrazzjoni għall-oħra u tkun addattata għall-mentalità ta' dawk li jieħdu sehem u tfakkar fid-diversi ħtiġijiet li fihom ikunu jinsabu. (S.C. 53).

Però dejjem wieħed irid iżomm quddiem għajnejh, dak li jgħidilna d-Direttorju dwar il-Ministeru Pastorali ta' l-Isqfijiet (90). "It-testi (kliem) tat-talb u tal-kant, li bihom l-insara jieħdu sehem fil-liturġija mqaddsa bl-ilsien vernakular, jekk ma jkunux diġà ġew ordnati jew approvati mis-Sede Apostolika jew mill-Konferenza Episkopali, jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Isqof".

Il-Kappillani u r-Retturi għalhekk huma mitlubin li jaraw jekk l-innijiet li qed jitkantaw u t-talb li qed jingħad abitwalment fil-knejjes tagħhom għandux l-approvazzjoni ekkleżjastika rikjesta u f'każ negattiv jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiksbuha.

(Miċ-Ċirkulari tal-14-9-82).

IL-ĠIMGĦA BIBBLIKA

Bil-għan li tkompli tidher il-għożża tal-komunità nisranija lejn l-Iskrittura Mqaddsa, ser tiġi organizzata għal darb'oħra fid-djoċesi tagħna l-Ġimgħa Bibblika li tibda nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar u tagħlaq nhar il-Ħadd 15 tax-xahar meta jiġi ċċelebrat Jum il-Bibbja. Is-suġġett ewlieni li tiegħu ser jingħata tagħlim matul din il-ġimgħa ser ikun "Il-Magħmudija fil-Kotba Mqaddsa".

Nieħu din l-okkażjoni sabiex intennilkom it-twissijiet dwar l-importanza tal-qari tal-Bibbja magħmul kif imiss. "Huwa meħtieġ li dan il-qari jsir bi spirtu ta' fidi, b'rispett kbir, b'rieda tajba u sinċiera u fuq kollox b'dik l-umiltà nisranija li biha nfittxu li nifhmu l-Iskrittura, unikament f'dak is-sens li bih Ommna l-Knisja tinterpreta l-Kotba Mqaddsa li f'idejha ġew afdati. Għal dan il-għan, hemm bżonn li t-traduzzjonijiet tal-Bibbja li jaqraw il-Kattoliċi, ikunu fidili għat-testi oriġinali bla tibdil jew tnaqqis, approvati mill-Knisja u mżejnin b'noti meħtieġa." ("Il-Kelma t'Alla", Pastorali tar-Randan 1973). Dawn il-Kotba tar-Rabta l-Qadima u tar-Rabta l-Ġdida "miktubin bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu huma għajn ta' tagħlim, idawlu l-moħħ, iqanqlu r-rieda tal-bniedem biex jagħmel it-tajjeb u jiswew mhux ftit għall-formazzjoni nisranija taż-żgħar u tal-kbar. L-Iskrittura Mqaddsa hija l-ewwel katekeżi li Alla għamel lill-bnedmin". (Ċirkulari 14-1-81).

Kemm it-tagħlim reliġjuż kif ukoll il-Liturġija għandhom ikattru fina sa minn tfulitna l-imħabba u r-rispett lejn il-Bibbja. Dan huwa l-idejal li qegħdilna quddiemna San Pawl meta kiteb: "U għax sa minn żogħritek sirt midħla tal-Kotba Mqaddsa, li

jistgħu jagħtuk il-għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa". (2 Tim 3:15-16).

Il-Bibbja tgħinna sabiex nagħrfu u nħobbu iktar lil Kristu. Hija l-kelma t'Alla li tista' tqaddisna u ssalvana. Twasslilna t-tagħlim meħtieġ sabiex nagħrfu aħjar ir-rieda t'Alla għalina. Fiha l-ikel bnin li teħtieġ ir-ruħ tagħna biex tgħix il-ħajja tal-grazzja għaliex kif tenna Kristu "mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla". (Mt 4:4).

Il-kliem tal-Iskrittura Mqaddsa fih qawwa u huwa effikaċi llum daqs kemm kien meta nkiteb. Kien meħtieġ u siewi mhux biss għall-insara ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja, iżda għall-insara ta' kull żmien. Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud igħidilna: "Il-Kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu. u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb". (Lhud 4:12). Ma nistgħux għalhekk nittraskurawha jew ma ninteressawx ruħna minnha jekk irridu ngħixu ta' nsara.

Matul il-ġimgħa bibblika bħala suġġett ta' l-istudju u r-riflessjoni tagħna ser nieħdu l-magħmudija, li hija s-sagrament li jimmarka l-bidu tal-ħajja tagħna bħala nsara.

Bil-magħmudija, nieħdu ħajja ġdida, il-ħajja spiritwali ta' wlied Alla, imqaddsin mill-Ispirtu tiegħu. Bil-magħmudija ningħaqdu ma' Kristu fil-mewt u l-qawmien tiegħu; bil-magħmudija neħilsu

mid-dnub tan-nisel u nidħlu fil-komunità nisranija li hija l-Knisja. Il-Magħmudija toħloq rabta li ma titħassar qatt bejn in-nisrani u Alla, fil-waqt li tagħtih sehem mill-missjoni saċerdotali, profetika u regali ta' Kristu.

(Ċirkulari tad-29-12-1983).

KRISTU U L-MORDA

Kemm idoqqu ħelwin f'widnejna u kemm huma ta' faraġ għal qalbna, il-kelmiet li bihom Kristu jistedinna nersqu Lejh; "Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom" (Mt 11. 27). Huwa ma jeskludi u ma jħalli barra lil ħadd; fil-ħniena nfinita tal-Qalb Imqaddsa Tiegħu, Huwa jistieden lil kull wieħed u kull waħda minna biex jagħtina l-paċi tiegħu. "Ejjew għandi intom ilkoll".

Kristu ma jħarisx lejn is-sura ta' wiċċna, lejn dak li għandna jew jista' jkollna. Huwa ma jitmeżmiżx mid-djufija tagħna u mill-ħtijiet li bihom tista' tkun mgħobbija l-kuxjenza tagħna. Iżda lil kollha kemm aħna jwegħdna s-serħan, għax jara fina bnedmin maħluqa minn Alla u mifdija bid-demm imqaddes imxerred fuq il-Kalvarju. Anzi akbar ma hu t-taħbit li jġarrabna u ikbar ma huwa t-

toqol li jagħfas fuqna, iktar neħtieġu dan is-serħan, din il-paċi li jwegħdna Kristu.

Issa fost dawk kollha li Kristu jistieden biex jersqu lejh, hemm ċerti kategoriji ta' nies, li lejhom Huwa għandu għożża u mħabba speċjali. Fost dawn, bla dubju ta' xejn hemm il-morda. Il-Vanġelu jsemmi l-kotra kbira ta' laqgħat li Kristu kellu mal-morda ta' żmienu. San Pietru, kif hemm miktub fl-Atti ta' l-Appostli, stqarr espressament li "dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq". (Atti 10. 38).

Kull min hu marid, hu x'inhu l-mard tiegħu, għandu jedd għall-imħabba u għall-għajnuna ta' Kristu. Ħadd daqsu ma jista' jifhem il-marid. Kristu, li huwa Alla, jagħraf mhux biss dak li jidher minn barra, iżda saħansitra l-ħsibijiet moħbija u kull tqanqila ta' qalb il-bniedem. Il-marid, mhux dejjem ikun jista' jfiehem bil-kliem lin-nies ta' madwaru, dak li jkun iħoss u dak li jkun itertaqlu qalbu. Iżda Kristu m'għandux x'jambi kliem. Il-marid li għandu l-fidi nisranija jitlob lil Kristu għax jaf li dan jisimgħu u jagħti każ tiegħu. In-nisrani jemmen li Kristu qatt u qatt ma hu sejjer jabbandunah, iżda bħal missier l-iktar twajjeb, igħasses kontinwament ħdejn is-sodda tat-tbatija tiegħu.

Min għandu l-fidi nisranija jaf u jemmen li Kristu jagħder u jħenn għal kull min hu batut. Kif Kristu ntebaħ bl-għomja u bl-imbikkmin imsemmija fil-Vanġelu u ħenn għalihom; hekk ukoll Kristu jaf bik u jagħdrek wisq u wisq aktar milli jistgħu jagħdruk il-bnedmin.

Mhux biss jagħdrek, iżda Kristu lest li jagħtik l-għajnuna tiegħu. Skond il-pjani misterjużi tal-Providenza ta' Alla, mhux dejjem ikun jaqbel li min hu marid jikseb il-fejqan. Iżda Kristu dejjem lest li

jgħidlek, kif qal lill-mifluġ, "Dnubietek maħfura". (Lq 5. 20) jekk fil-kuxjenza tiegħek jinbet l-iċken sentiment ta' indiema għal ħtijietek.

Kristu lest li jagħtik ukoll il-paċi tal-qalb, issabar u l-kuraġġ li bihom inti tkun tista' toħroġ rebbieħ mill-provi tal-ħajja. Ħadd daqsu ma jaf isawwab fil-qlub muġugħa dak il-balzmu li jtaffi l-imrar, iwarrab in-niket u jhejji l-bniedem sabiex jieħu kollox minn idejn Alla, kif għamel Kristu fil-ġnien taż-Żebbuġ.

Barra minn hekk, Kristu jixtieq u jrid isieħbek miegħu fl-opra tal-fidwa. Jekk inti tagħraf iġġarrab tbatijietek bil-fidi u bis-sabar nisrani, mhux biss tkun qed titqaddes inti personalment, iżda tkun tagħti wkoll is-sehem tiegħek sabiex il-bnedmin jinħelsu minn ħtijiethom u jduru lejn Alla. It-tbatija, aċċettata bi spirtu ta' fidi, qatt ma tkun tbatija inutli, iżda tagħti l-frott tagħha, għaliex hija tisħib massagrifiċċju feddej li offra Kristu fuq is-salib. "Tassew, tassew ngħidilkom — qalilna Huwa stess — jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." (Ġw 12. 24).

Żomm mela dejjem qawwija f'qalbek din ittama fi Kristu. Ibqa' dejjem qrib tiegħu u fittex li timxi fuq il-passi tiegħu, billi twettaq f'ħajtek ittagħlim tiegħu u tipprova timitah. Min jimxi warajh ma jkunx miexi fid-dlam, iżda jkollu d-dawl li jibqa' għal dejjem. La tibżax tistqarr anke b'fommok din it-tama nisranija, għax b'hekk thossu jikber fik il-kuraġġ spiritwali li huwa meħtieġ ħafna għalik. Idra għid ta' spiss u bil-ħeġġa kollha: "Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, jiena nafda fik!"

(Omelija fuq il-Cable Radio 28.6.81).

IL-QIMA LEJN IL-MADONNA FIL-ĦAJJA NISRANIJA

L-imħabba u l-qima li għandhom l-insara lejn il-Verġni Mbierka, tiġi murija b'ħafna modi. Ittiżjin tax-xbiehat u tal-istatwi għeżież tagħha huwa wieħed minn dawn il-modi li bihom tiġi manifestata esternament il-qima tagħna lejn il-Madonna.

Din il-funzjoni li fiha l-istatwa ta'l-Assunta qed tiġi mżejna bi stellarju prezzjuż għandha din ittifsira simbolika.

Ma humiex biżżejjed l-għemejjel ta' qima esterna, iżda jeħtieġ li jkunu msieħbin ma' idejali verament insara u ma' sentimenti ta' qima u ta' venerazzjoni ġejjin mill-qalb.

Iżda, min-naħa l-oħra, jekk fil-qalb tan-nisrani jkun hemm tabilħaqq imħabba sinċiera lejn il-Madonna, din l-imħabba ma tistax tibqa' moħbija. In-natura tal-bniedem stess titlob li huwa b'xi mod juri minn barra r-rispett li jkollu lejn Alla u lejn il-qaddisin Tiegħu.

Qima interna u esterna lejn Sidtna Marija, għalhekk, jeħtieġ li jinħassu u jidhru fil-ħajja ta' l-insara.

Din il-qima mhix xi ħaġa żejda jew sekondarja, iżda hija parti ntegranti mir-reliġjon għażiża tagħna. Kif kien qal il-Papa Piju XII, (Radjumessaġġ tat-8 ta' Diċembru, 1953), "Għaddawl u għas-sħana tax-xemx, ix-xtieli fl-art joħorġu l-fjuri u jagħtu l-frott tagħhom; hekk ukoll bis-saħħa ta' l-għajnuna ta' din ix-xemx li hi Marija, jiffruttifikaw fl-erwieħ, il-ħsibijiet tajba". L-istess ħaġa jgħallimna l-Papa Pawlu VI (Diskors tal-24 ta'

April, 1970, f'Cagliari): "Jekk irridu li nkunu nsara, jeħtieġ li nkunu marjani; cioè hemm bżonn li nirrikonoxxu r-rabta essenzjali, vitali u providenzjali li torbot il-Madonna ma' Ġesù u li tiftħilna t-triq li twassal għandu".

Il-lezzjoni tal-istorja turina li fejn ikun hemm qima awtentika lejn il-Madonna, ikun hemm ukoll l-imħabba lejn Kristu; iżda fejn tonqos il-waħda, tgħib anke l-oħra. Il-Kardinal Newman (Discourses to Mixed Congregation, Discourse XVII "The Glories of Mary") kien stqarr bla tlaqliq: "Il-Kattoliċi li taw qima lill-Madonna, għadhom jaduraw lill-Iben; fil-waqt li dawk li llum jiċħdu lill-Iben, l-ewwel bdew biex iwarrbu fil-ġenb lil Ommu".

Igħidilna l-Papa fl-enċiklika "Redemptor Hominis" (n. 22) "Jekk aħna nħossu ħtieġa speċjali, f'din il-fażi diffiċli u mimlija responsabbiltà ta' l-istorja tal-Knisja u ta' l-umanità, li nduru lejn Kristu, li hu l-Mulej tal-Knisja tiegħu u l-Mulej ta' l-istorja tal-bnedmin bis-saħħa tal-misteru tal-fidwa, aħna nemmnu li ħadd daqs Marija ma jista' jdaħħalna fid-dimensjoni divina u umana ta' dan il-misteru. Alla lil ħadd ma daħħal f'dan il-misteru daqskemm daħħal lil Marija".

Meta nafu b'danakollu, ma nistgħux ma nħabirkux b'ħilitna kollha, sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ kollha ta' ġiritna, jitrawmu u jissaħħu f'din il-qima lejn il-Madonna. Mhux biżżejjed li nħossuna kburin bit-tifkiriet għeżież li ħallewlna missirijietna tal-qima tagħhom lejn il-Verġni Mqaddsa. Il-ħarsa tagħna jeħtieġ li tinfirex ukoll lejn il-ġejjieni. Anke wliedna jeħtieġ li jagħrfu sewwa min hi Marija, iħobbuha, juruha qima, jipprovaw jixbhuha fil-qdusija tagħha u jsejħulha b'fiduċja fil-ħtiġijiet tagħhom tar-ruħ u tal-ġisem.

Il-Verġni Mqaddsa, fil-kantiku tagħha tal-Magnificat, għanniet "Minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja" (Lq 1. 48) Għandna tama qawwija li dawn il-kelmiet profetiċi tal-Madonna jitwettqu wkoll f'pajjiżna mal-ġenerazzjonijiet tal-futur. Però fl-istess ħin, din hija sejħa għalina sabiex nagħtu s-sehem tagħna, kollha kemm aħna, ħalli dawn it-tfal, fil-familja u barra mill-familja, ikollhom edukazzjoni kompletament nisranija, li fiha d-devozzjoni lejn Omm Kristu, jingħatalha post li jixirqilha.

Hekk u hekk biss, inkunu nistgħu nserrħu rasna li Għawdex jibqa' dejjem kif kien fl-imgħoddi, il-gżira tal-Madonna.

(Omelija 8-8-81).

IL-ĦNIENA, GĦELM TAS-SUDDITI TA' KRISTU SULTAN

Kristu, Sultan ħanin, fuq il-għolja tal-beatitudni, xandrilna l-messaġġ tal-ħniena: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena". (Mt 5. 7).

Huwa ried li s-sudditi tiegħu jkollhom f'qalbhom u juru f'għemilhom l-imħabba u l-ħniena lejn il-proxxmu. Din il-ħniena kellha tkun bħal għelm jew sinjal li l-veri nsara jġibu fuqhom u li bih jingħarfu mill-oħrajn li ma jwettqux it-tagħlim nisrani.

Kien Kristu s-Sultan tagħna, li għadda l-ewwel wieħed minn din it-triq tal-ħniena u ried li s-sudditi tiegħu jimxu warajh u jgħaddu minnha huma wkoll. Huwa wettaq f'ħajtu l-beatitudni tal-ħniena, għaliex

ħabb, għader, ħafer u ħenn. Din l-imħabba u l-ħniena tiegħu wassluh saħansitra biex iċarċar demmu fuq is-salib, bħal wieħed mgħobbi bil-ħtijiet u bil-għajb. Kif igħallimna San Pawl: Kristu "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib". (Filipp. 2. 7-8).

Il-ħniena mhix xi virtù ħafifa u komuni. Il-ħniena nisranija hija frott tal-imħabba fi grad l-iktar għoli, u ma tista' qatt tkun mifruda mill-umiltà. Difatti, l-imħabba, jekk tkun ġenwina, tgħallimna nħossu ruħna ugwali ma' l-oħrajn u meta din l-imħabba tkun imdawla bil-għerf ta' Kristu, twassalna wkoll biex nitbaxxew u nħossu ruħna iċken mill-oħrajn.

Biex ngħaddu mid-dlam u l-jasar tal-ħtija għad-Dawl tas-saltna ta' Kristu, jeħtieġilna nagħmlu żewġ passi kbar u diffiċli. Min ma jħobbx, jaħseb li huwa 'l fuq minn ħutu, aqwa minnhom u għalhekk jistmerr lill-oħrajn u dejjem isib f'hiex imaqdarhom. Iżda min ma jħobbx qiegħed fi stat tal-mewt. Kif igħallimna l-Evanġelista San Ġwann: "Min ma jħobbx jinsab fil-mewt; kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem". (I Ġwann 3, 15).

Min iħobb, iħoss li huwa bħall-bnedmin l-oħra, bħalhom mimli bid-difetti, bħalhom suġġett għall-waqgħat u bħalhom jeħtieġ kontinwament il-ħniena u l-maħfra t'Alla. Iżda biex ikollna l-ħajja ġdida mwegħda minn Kristu, jeħtieġ li nħobbu l-proxxmu tagħna. "Min iħobb lil ħuh igħammar fid-dawl, u fih ma hemm ebda tfixkil" igħidilna San Ġwann fl-ewwel ittra. Dan huwa mela, l-ewwel pass, il-pass li

bih ngħaddu mill-mewt għall-ħajja; il-pass li jwassalna biex inħobbu lill-oħrajn bħalna nfusna, għax huma aħwa tagħna u ndaqs magħna fid-dinjità tagħna ta' bnedmin.

Però, biex ikun hemm il-ħniena nisranija, meħtieġ pass ieħor, li huwa iktar tqil minn ta' qablu. Min iħobb ħafna u jħobb bil-karità li għallimna Kristu, jiċċekken quddiem l-oħrajn, u jkun lest li jaqdihom. Hekk għamel ma' dak ir-raġel li kien mitluq fit-triq nofsu mejjet is-samaritan it-tajjeb, li Kristu jfaħħar fil-parabbola tiegħu. "Wasal ħdejh, rah u ħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu." (Lq 10. 33-34). Ma baqax sejjer għal għonq it-triq bħall-oħrajn, iżda tbaxxa fl-art biex jiġbor lill-midrub u jagħtih għajnuna. Dan il-grad ta' mħabba li tiċċekken quddiem il-ħtiġijiet tal-proxxmu, li tagħdirhom u tagħtihom għajnuna, mhux ħaġa oħra ħlief qdusija awtentika li għaliha ried iwassalna Kristu meta xandrilna l-beatitudni tiegħu.

Għad li l-ħniena hija diffiċli, iżda hija assolutament meħtieġa fil-ħajja tan-nisrani. Mingħajrha ma nistgħux nagħtu xhieda quddiem id-dinja li aħna ma' Kristu u segwaċi tiegħu. Meta nħennu għall-oħrajn, aħna nkunu qed naqsmu magħhom, dak li rċivejna minn għand Alla. Huwa ħenn għalina u ħafrilna; aħna wkoll inħennu għal ħutna u nagħdruhom. F'dan inkunu nimitaw lil Kristu li qal "jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva d-dinja". (Ġw 12. 47).

Jekk irridu li anke għal li ġej, Alla jkun twajjeb magħna u jħenn għalina, jeħtieġ li aħna wkoll nuru ħniena mal-proxxmu tagħna. Kristu stess iwiddibna: "għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-

ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom. (Mt 6. 14-15). U l-Appostlu Missierna jinsisti: "Imrar saħna, korla, tgħajjir, għajjat, dan kollu warrbuh minnkom, kif ukoll kull ħażen ieħor. Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu." (Efes. 4. 31-32).

Din il-kwalità ta' ħniena hija meħtieġa wkoll sabiex jirnexxielna nagħtu s-sehem tagħna ħalli timbena dinja aħjar fejn issaltan l-imħabba tá' Kristu.

Kif igħallimna l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika "Għani fil-Ħniena": "Is-soċjetà tista' ssir aktar umana, jekk fir-relazzjonijiet ta' kull xorta, tal-bnedmin bejniethom u bejn is-soċjetajiet, indaħħlu mhux biss il-ġustizzja, imma wkoll dik 'l-imħabba kollha ħniena' li hi l-qofol tal-messaġġ messjaniku ta' l-Evanġelju. Is-soċjetà tista' ssir aktar umana biss jekk fir-relazzjonijiet kollha tal-bnedmin bejniethom.....ikun hemm żmien u lok għall-maħfra li hi l-qofol tal-messaġġ tal-Evanġelju. Il-maħfra turi li fid-dinja hemm imħabba li hi aktar qawwija mid-dnub. Il-maħfra hija kondizzjoni li mingħajrha ma jistax ikun hemm rikonċiljazzjoni, mhux biss bejn Alla u l-bniedem, imma wkoll bejn bniedem u ieħor." (Enċ. Dives in Mis. n. 14).

Forsi qatt ma kienu meħtieġa fl-imgħoddi, daqs kemm huma meħtieġa fis-siegħa tal-lum din il-ħniena u din il-maħfra, meta nisimgħu b'għadd hekk kbir ta' każijiet ta' intolleranza, ta' vandaliżmu, ta' vendetti, ta' vjolenza, ta' kriminalità li qegħdin jiġru fid-dinja. Qatt daqs illum, meta fid-dinja qed jidhru

s-sintomi koroh u jinħassu l-effetti diżastrużi tal-egoiżmu u l-mibegħda, qatt daqs illum l-insara ma kienu fid-dmir li bħal Kristu, Feddej tagħhom, jitgħallmu jħennu u jaħfru għall-imħabba t'Alla.

Ħalluni, għalhekk, li f'din l-okkażjoni tal-festa ta' Kristu, Sultan tal-Ħniena, nagħmlilkom l-istess appell li ħareġ mill-qalb ta' l-Appostlu Missierna San Pawl: "Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed". (Koloss. 3. 12-15).

(Diskors tal-festa ta' Kristu Re, 22-11-81).

IL-LINGWAĠĠ TAL-ĠURNALIŻMU

San Franġisk de Sales, isqof ta' Ġinevra u Duttur tal-Knisja, li twieled fl-1567 u miet fl-1622, ġie maħtur mill-Papa Piju XI, Patrun tal-Ġurnalisti.

U tabilħaqq, il-ġurnalisti kattoliċi għandhom ħafna x'jitgħallmu minn San Franġisk de Sales, Protettur tagħhom. Naraw biss, virtù waħda tiegħu. Dan il-qaddis kien tabilħaqq, mera ta' ħlewwa u ta' tjubija. Għad li ġarrab ħafna f'ħajtu, iżda fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' Kristu, kien dejjem lest li jaħfer l-għedewwa tiegħu. "Jekk xi ħadd bil-mibgħeda, jaqlagħli għajni x-xellugija — stqarr darba huwa — inħares lejh bit-tjubija b'għajni l-leminija; u jekk jaqlagħli din ukoll, jibqagħli qalbi sabiex biha nibqa' nħobbu". (Luciani "Illustrissmi" pag. 145).

San Franġisk ta' Sales, mhux biss wera tjubija fl-imġieba tiegħu, iżda wkoll fil-kliem li kien jgħid u fil-kitba li ħarġet mill-pinna tiegħu. Għad li qatt ma naqas li jgħid il-verità, u l-verità xi drabi tkun iebsa, iżda huwa dejjem inqeda bi kliem ġentili sabiex ifisser il-ħsibijiet tiegħu. Kien dejjem attent li ma jgħajjar lil ħadd u l-anqas igħid kliem li jweġġa' s-sentimenti tal-proxxmu tiegħu. Minn għandu wkoll ħarġet din l-espressjoni: "Jiġu wisq iktar naħal fuq qatra waħda għasel, milli fuq bettija ħall".

Il-ġurnalist nisrani, sabiex jimxi fuq ir-regola tal-karità nisranija, jirrispetta lill-oħrajn, anke meta ma jkollhomx l-istess fehmiet tiegħu. Huwa joqgħod attent li ma jużax tgħajjir u kliem goff li jista' joffendi lill-oħrajn.

Kristu qalilna li dak li ma rridux li jsir lilna, l-anqas għandna nagħmluh lill-oħrajn. Issa ħadd minna ma jieħu gost li jiġi mgħajjar u nsultat; allura bħala nsara qatt ma għandna nitbaxxew u naqgħu għat-tgħajjir, fil-kitba tagħna.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-messaġġ li rridu nwasslu, jista' jingħata mhux biss b'lingwaġġ li jniggeż, iżda wkoll b'lingwaġġ edukat u rispettuż. Id-differenza qegħda hawn: li min hu meqjus fi kliemu, jagħti prova li huwa matur u ekwilibrat; iżda min jinżel għat-tgħajjir, aktarx li jkun tilef il-kontroll fuqu nnifsu u jkompli jżid id-distanza bejnu u bejn dawk li ma jaħsbuhiex bħalu.

Jiddependi ħafna mill-karattru tal-individwu; hemm min hu twajjeb min-natura tiegħu u hemm min hu aħrax. Iżda anke f'dan il-kamp, il-proċess ta' awto-edukazzjoni, jista' jgħin ħafna. San Franġisk ta' Sales ma kienx ħelu min-natura tiegħu, iżda sar hekk wara taħriġ fit-tul u wara li talab bil-

ħerqa u bl-umiltà sabiex Alla jgħinu ħalli jikkorieġi d-difetti tiegħu.

Il-ġurnalist nisrani jaf mill-esperjenza tiegħu stess li mhux dejjem faċli tirrispetta lill-oħrajn u ma toffendihomx bi kliemek. Iżda huwa jaf ukoll li sabiex iwettaq sewwa d-dmirijiet tiegħu, jeħtieġlu ta' spiss idur lejn Alla u jitolbu l-għajnuna tiegħu, li żgur ma tiġix imċaħħda lilu.

Il-lingwaġġ edukat, mhux biss igħolli l-livell tal-ġurnaliżmu iżda huwa wkoll xhieda li min jużah, ikun irid jimxi skond il-karità u b'ħekk juri li huwa tabilħaqq nisrani.

J'Alla kulħadd jagħraf il-ħtieġa ta' dan ir-rispett fil-kliem u fil-kitba, sabiex tissaħħaħ il-paċi fir-relazzjonijiet tagħna mal-proxxmu kollu.

(Mill-Omelija tas-26.1.82).

ID-DIVORZJU, THEDDIDA GĦALL-FAMILJA

F'dawn l-aħħar snin, f'xi jum qrib il-festa ta' San Ġużepp, fix-xahar ta' Marzu, mijiet ta' rġiel wieġbu għas-sejħa li saritilhom u ġew hawn fis-Santwarju ta' Pinu sabiex jieħdu sehem fil-Quddiesa u jagħtu qima lill-Imqaddsa Verġni Marija u lill-Għarus kastissmu tagħha. Is-sena wkoll, intom ħallejtu djarkom u ngħartu hawn sabiex flimkien ma' l-Isqof tagħkom toffru s-sagrifiċċju tal-Ħaruf bla tebgħa u tisimgħu wkoll il-messaġġ li r-Raġħaj Spiritwali tagħkom fil-kuxjenza tiegħu jħoss li għandu jagħtikom.

L-irġiel kattoliċi jaraw f'San Ġużepp xempju tal-ħajja miżżewġa u minnu jistgħu jieħdu ħafna

tagħlimiet. Fuq kollox minnu jitgħallmu jgħożżu l-fedeltà fiż-żwieġ, dik il-fedeltà li rabtet flimkien sal-mewt il-qlub ta' Ġużeppi u ta' Marija, il-fedeltà li kienet qawwija biżżejjed biex tirbaħ il-provi kollha tal-ħajja, anke f'mumenti l-iktar diffiċli.

Il-Knisja Kattolika f'kull żmien u f'kull pajjiż iddefendiet l-indissolubilità taż-żwieġ, jiġifieri dejjem għallmet li ż-żwieġ magħmul validament ma jista' jiġi maħlul minn ebda awtorità umana, l-anqas mill-miżżewġin infushom. It-twiddiba ta' l-Appostlu Missierna San Pawl hija ċara: "Lil dawk li huma miżżewġin ngħidilhom, mhux jien, iżda l-Mulej, li l-mara ma għandhiex tħalli lil żewġha — jekk jiġi li tħallih, għandha tibqa' bla ma tiżżewweġ jew terġa' tagħmel paċi ma' żewġha — u r-raġel ma għandux iwarrab lil martu" (I Kor. 7, 10-11). Dan it-tagħlim jaqbel mal-kelmiet ta' Kristu li dwar iż-żwieġ qal: "Dak li għaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem". (Matt 19,6).

Skond it-tagħlim nisrani, kull żwieġ, jew ikun sar bħala żwieġ veru u f'dan il-każ, iġib miegħu rabta li tibqa' sal-mewt, kif ried Alla li jkun il-veru żwieġ; jew iż-żwieġ ikun sar mingħajr il-ħsieb ta'din ir-rabta u allura dan ma jkun żwieġ xejn.

Il-Knisja Kattolika għalhekk, tikkumbatti dejjem u kullimkien id-divorzju, għax tara fih theddida serja għar-rabta taż-żwieġ li għandha tibqa' sal-mewt u tqisu bħal rovina tal-familji, kif ukoll pjaga tas-soċjetà.

Kif kien qal il-Papa Ljun XIII fl-enċiklika "Arcanum" (10/2/1880) "Fejn hemm id-divorzju, il-weġħdiet taż-żwieġ jitilfu l-istabilità tagħhom, l-imħabba bejn il-miżżewġin tintefa, ikun hemm inċentivi diżastruži għall-infedeltà, issir ħsara għall-

ħarsien u għall-edukazzjoni ta' l-ulied, tingħata okkażjoni biex is-soċjetà domestika titfarrak, jinżera' t-tilwim bejn familja u oħra u fl-aħħarnett tiġi mnaqqsa d-dinjità tal-mara, li tkun fil-periklu kontinwu li ssib ruħha f'kundizzjoni ta' waħda abbandunata, wara li tkun serviet għall-kapriċċ tar-raġel". Dawn il-konsegwenzi kollha tad-divorzju li bassar Ljun XIII, iktar minn mitt sena ilu, għadhom igħoddu anke fi żminijietna. Anzi ma' dawn nistgħu nżidu oħrajn li dak il-Papa ma bassarhomx. Insemmu biss, li fil-pajjiżi fejn hemm id-divorzju, bosta koppji tilfu kull stima lejn kwalunkwe għamla ta' kuntratt taż-żwieġ u jippreferixxu l-konvivenza bla ebda rabtiet li ddum biss għal żmien limitat. Insemmu wkoll it-tfal li fi ċkunithom kellhom l-esperjenza kerha li jaraw il-familja tagħhom titfarrak minħabba d-divorzju, li ġew imċaħħdin mill-imħabba u mill-affetti tal-ġenituri tagħhom, ħafna minnhom f'żogħżithom taw ruħhom għad-drogi u qabdu t-triq li pass wara l-ieħor twassalhom għas-suwiċidju.

Kellu raġun, mela, De Bonald meta kiteb li "Missier u Omm li jagħmlu d-divorzju huma fir-rejaltà bħal tnejn b'saħħithom li jiftehmu biex jeqirdu wieħed dgħajjef (jiġifieri l-ulied) u l-istat, jekk jikkonsenti huwa kompliċi fid-delitt tagħhom."

Il-gwaj li ġara lil familji oħra, jista' jiġri lill-familji tagħna wkoll, jekk ma nkunux għaqlin biżżejjed u nilqgħu mill-ewwel il-periklu, anke jekk forsi jkun għadu mbiegħed.

F'sitwazzjoni bħal din, jidhirli li nkun nonqos minn dmiri bħala ragħaj spiritwali tagħkom, jekk ma nerġax ninsisti fuq ir-rabta taż-żwieġ li ma tinħallx u nfakkarkom fil-ħsara li jġib miegħu d-

divorzju. Verament, din mhix l-ewwel darba li qed inwettaq dan id-dmir; biżżejjed insemmi d-Dokument Pastorali dwar il-Familja Nisranija, maħruġ fid-19 ta' Mejju, 1976, li fil-paragrafu 38, igħid li "Il-Kattoliċi għandhom ikunu nformati fuq it-tagħlim tal-Knisja dwar iż-żwieġ, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-vinklu konjugali u dan sabiex jitneħħew id-dubji u jkunu evitati l-iżbalji. Huma għandhom jeħduha bil-qawwa kontra kull tagħlim jew xandir tad-divorzju u jagħmlu kull ma jistgħu sabiex l-indissolubilità taż-żwieġ tkun imħarsa."

Mill-banda l-oħra, l-anqas ma nistgħu naċċettaw il-kritika, li l-Knisja Kattolika hija insensibbli għad-diffikultajiet li ħafna drabi jiltaqgħu magħhom il-miżżewġin u li hija ma tħoss xejn għat-tbatijiet li jġarrbu qabel u wara li jaslu għad-divorzju. Ħadd ma jista' jgħid bil-verità li l-Knisja Kattolika hija bla ħniena għax tiċħad id-divorzju; anzi bil-maqlub, proprju għax tħenn u tara minn qabel il-gwaj li jġib miegħu d-divorzju, hija tipprova tiftaħ għajnejn uliedha u ma tħallihomx jinqabdu f'din ix-xibka. Id-divorzju ma jfejjaq ebda pjagi anzi jiftaħ oħrajn ġodda u joħloq problemi iktar komplikati mill-qagħda imwegħra fiż-żwieġ.

Bla ma tissagrifika l-prinċipji tagħha li rċeviet minn għand Sidna Ġesù Kristu, il-Knisja Kattolika tipprova tersaq anke lejn dawk li tqarrqu u żbaljaw u bla ma tapprova l-iżball tagħhom, tfittex li tnissel f'qalbhom għall-inqas raġġ ta' tama.

Din ir-rieda tajba tal-Knisja Kattolika tidher fl-ittra apostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II "Familiaris Consortio". Huwa jiddistingwi qabel xejn bejn il-persuni separati jew divorzjati li ma

għandhomx fehma jgħaddu għal żwieġ ieħor u d-divorzjati li reġgħu żżewġu ċivilment.

Għal ta' l-ewwel igħidilna: "Il-miżżewġin separati, speċjalment meta jkunu l-parti innoċenti, isibu ruħhom ta' spiss fl-iżolament u f'diffikultajiet oħra. Il-komunità ekkleżjali għandha tieqaf ma' dawn in-nies, iktar minn qabel. Għandha tirrispettahom, taqsam magħhom il-hemm, tifhimhom u tgħinhom b'mod prattiku, sabiex iżommu l-fedeltà tagħhom anke f'sitwazzjoni diffiċli; għandha tgħinhom sabiex iwettqu d-dmir tal-maħfra li huwa nkluż fl-imħabba nisranija u tiddisponihom sabiex forsi jirritornaw għall-ħajja miżżewġa ta' qabel.

Is-sitwazzjoni hija simili għal dawk li kellhom igħaddu mid-divorzju imma jafu tajjeb li r-rabta ta' żwieġ validu ma tistax tinħall u għalhekk jibqgħu lura milli jidħlu f'unjoni oħra u jiddedikaw ruħhom unikament biex ikomplu d-dmirijiet familjari tagħhom u l-impenji tal-ħajja nisranija. F'dawn il-każijiet l-eżempju tagħhom ta' fedeltà u koerenza nisranija jkollu valur partikulari bħala xhieda quddiem id-dinja u quddiem il-Knisja. Hawnhekk huwa meħtieġ wisq iktar li l-Knisja toffri mħabba kontinwa flimkien ma' l-għajnuna u ma hemm ebda ostaklu li dawn in-nies jiġu ammessi għas-sagramenti." n. 83.

Rigward id-divorzjati li qegħdin igħixu f'unjoni oħra, il-Papa waqt li jgħid ċar u tond li ma jistgħux jersqu għat-Tqarbin, iżda jagħmel sejħa lill-komunità nisranija sabiex "tgħin lid-divorzjati u bil-heġġa kollha tiżgura li huma ma jqisux ruħhom bħallikieku kienu mifrudin mill-Knisja, għaliex bħala persuni mgħammdin huma jistgħu u għandhom id-dmir li jieħdu sehem fil-ħajja tagħha. Iżda huma għandhom jiġu mħajrin li

jisimgħu l-kelma t'Alla, jieħdu sehem fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, jikkontribwixxu fil-ħidmiet ta' karità u fl-impenji tal-komunità b'risq il-ġustizzja, jedukaw 'l uliedhom fil-fidi nisranija, jikkoltivaw l-ispirtu u l-prattika tal-penitenza u li jitolbu kuljum il-grazzja t'Alla. J'Alla il-Knisja titlob għalihom, tagħmlilhom il-kuraġġ u turi ruħha bħala Omm ħanina u b'hekk iżżomm sħiħa fihom il-fidi u t-tama." n.84.

Fuq kollox, il-Knisja Kattolika turi l-ħniena tagħha ma' wlied tan-nies divorzjati. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn it-tfal ma għandhom l-ebda ħtija, iżda huma biss il-vittmi ta' l-iżball ta' ħaddieħor. Il-Knisja tixtieq li dawn it-tfal, xejn inqas minn tfal oħra, ikollhom it-tagħlim u l-formazzjoni nisranija. Sa minn żminijiet imbegħda, il-Knisja kienet tilqa' fl-istituti tagħha t-tfal li jkunu ġejjin minn familji mfarrka u tagħmel kull ma tista' biex ma jkunux neqsin minn dak li jeħtieġu għal ruħhom u għal ġisimhom. Jeħtieġ però, li nneħħu kull preġudizzju li jista' jinbet f'moħħna dwar dawn it-tfal. Hemm bżonn li ma nirrepetux l-iżball ta' dawk li kienu jikkritikaw lil San Vinċenz de Paul, meta kien jiġbor u jieħu ħsieb it-tfal illeġittmi għax akkużawh li b'hekk kien qiegħed jiffavorixxi l-vizzju. Mhix ħaġa ġusta li wieħed jiġi kkastigat għal ħtija ta' ħaddieħor u t-tfal innoċenti m'għandhomx isofru minħabba l-għajb jew il-ħtija tal-kbar.

Però, jekk irridu nħarsu s-saħħa tal-familja, mhux biżżejjed insemmu l-perikli li qegħdin jhedduha, biex nifthu għajnejna dwarhom, iżda meħtieġa ukoll azzjoni pożittiva. Ta' min jiftakar li l-mezz l-iktar effikaċi biex tittaffa l-problema tad-divorzju hija l-prevenzjoni.

Qatt ma ninsistu biżżejjed dwar il-ħtieġa li t-tfal kattoliċi jkunu jafu sewwa l-katekiżmu u jkunu jafuh kollu. It-tagħlim dwar is-Sagrament taż-żwieġ bid-dmirijiet li jġib miegħu huwa parti mill-katekiżmu u jeħtieġ li t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna ma jkunux sajmin minn dan it-tagħlim li fih isibu gwida li tmexxihom meta jikbru u jkollhom il-familja tagħhom.

Tinħass ukoll il-ħtieġa li nedukaw lil uliedna dwar is-sens tar-rġulija u lejaltà. Min iwiegħed xi ħaġa minn rajh, jeħtieġ li jżomm kelmtu u jonora l-pattijiet li jkun għamel. Il-wegħdiet taż-żwieġ li l-miżżewġin insara jagħmlu liberament u b'mod solenni quddiem Alla, quddiem il-Knisja u quddiem is-soċjetà, jeħtieġ li jiġu mħarsa, anke jekk jimplikaw xi sagrifiċċju kbir jew żgħir. Ma jistax ikun hemm relazzjonijiet ta' aħwa u ħbieb bejn il-bnedmin jekk dawn ma jkunux mibnija fuq is-sens ta' lejaltà, bħala pedament sod tagħhom.

It-talba li nagħmlu l-lejla lil Alla bl-interċessjoni ta' San Ġużepp hija din: li joktor dejjem iżjed f'pajjiżna l-għadd tal-familji moralment tajbin, sabiex fostna qatt ma jiġu nieqsa l-fidi u l-karità nisranija.

(Diskors lill-irġiel, 20-3-82).

IT-TWEĠIBA GĦALL-IMĦABBA T'ALLA

Alla, li huwa l-istess imħabba, iħobb lill-bnedmin kollha, iridhom isalvaw u jwasslilhom l-għajnuniet meħtieġa għas-salvazzjoni tagħhom. Din l-assigurazzjoni tahielna l-Appostlu Missierna San Pawl, meta fl-ewwel ittra tiegħu lil Timotju, kitiblu u

qallu: "Alla, is-Salvatur tagħna, li jrid il-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu s-sewwa." (I. Tim. 2.4). Dawn il-kelmiet ta' San Pawl, igħoddu anke għalik li qed tismagħni. Int min int, int x'int, għamilt x'għamilt, Alla jħobbok. Din mhix imħabba fiergħa, iżda imħabba bis-serjetà li timpenja lil Alla, għad li huwa infinit fil-kobor u fit-tjubija Tiegħu. Alla ħabbek sa minn dejjem, għax Huwa etern, jiġifieri kien minn dejjem. Da parti t'Alla, din l-imħabba qatt ma tiġi nieqsa. Alla jistiednek kontinwament sabiex tikkorrispondi ma' din l-imħabba tiegħu. Minn għandek ma jrid xejn iżjed, ħlief l-imħabba sinċiera tiegħek, għaliex jaf li minn tiegħek ma tista' tagħtih ebda ħaġa oħra ħlief l-imħabba.

Jekk għandek id-dawl tal-fidi nisranija, u tgħallimt tqis u tiżen dak kollu li hemm fik u ma' dwarek, tintebaħ bla tbatija bl-istediniet li Alla qed jagħmillek biex ma tiċħadlux l-imħabba tiegħek. Wieħed mir-rigali sbieħ tan-natura li kull bniedem għaqli għandu japprezza ħafna hija l-ħajja. Issa dan ir-rigal ġej minn Alla, huwa sinjal ta' mħabbtu, huwa stedina tiegħu biex kull min għandu l-ħajja, iroddlu ħajr u jpattilu bl-imħabba. Għalhekk, l-Appostlu Missierna, meta kien jippriedka f'Atene, stqarr: "Alla li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu s-sid tas-sema u l-art....Hu, li jagħti lil kulħadd il-ħajja, in-nifs u kollox." (Atti 27, 24-25).

Fil-ħajja tiegħek, inti tgawdi ħafna ħwejjeġ sbieħ li ġejjin ukoll minn Alla. Saħħtek, ġidek, l-ikel u l-ilbies, id-dar u l-familja, ħbiebek u dawk li jagħtuk xi għajnuna, għandek tqishom bħala rigali ta' Alla, għax kollox jiddependi minnu. Kien Alla, li fl-imħabba tiegħu u minn jeddu fassal għalik dan il-pjan u ried li jitwettqu ċ-ċirkustanzi tal-ħajja li inti

qiegħed fihom. Din il-verità fehemha tajjeb l-Appostlu Missierna u stqarrha ċar meta kiteb lir-Rumani u qalilhom: "Kemm huma kbar il-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla....Min qatt tah l-ewwel, biex jistħoqqlu l-ħlas? Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih. Lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem." (Rum 11, 33-36).

Saħansitra jekk inti mixħut f'qiegħ ta' sodda, xorta waħda għandek għelm ċar ta' l-imħabba t'Alla. Jekk qed tbati dan ifisser li Huwa ried isieħbek iktar mill-qrib fis-sagrifiċċju tas-salib imwettaq minn Ibnu Ġesù Kristu. Tbatijietek huma bħal nar li jippurifika l-ħajja tiegħek, huma s-sehem li inti toffri għall-fidwa ta' l-oħrajn, flimkien ma' Kristu, l-Iben il-maħbub li fih il-Missier Alla jsib il-għaxqa tiegħu.

Saħansitra jekk inti midneb u tħoss it-toqol ta' ħtijietek jagħfsu fuq il-kuxjenza tiegħek, Alla għadu ma qatax qalbu minnek. Sa l-aħħar nifs ta' ħajtek huwa jibqa' jfittxek, u joffrilek imħabbtu. Il-ħniena u s-sabar t'Alla huma bla qies u jgħaddu bil-bosta l-kotra ta' dnubiet li għamilt jew stajt għamilt fil-ħajja tiegħek. Tinsiex li lilna l-bnedmin, Alla ħabbna, anke meta konna għadna mgħobbijin bil-ħtija. Meta l-bnedmin kollha kienu fil-jasar tad-dnub, Alla bagħat fid-dinja lil Ibnu sabiex permezz tiegħu, jistedinna nduru lejh u nsiru ħbieb tiegħu. Kif igħallimna l-Appostlu Missierna, "Alla wriena l-imħabba tiegħu, meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin." (Rum 5. 8).

Niftakru u nfakkru għalhekk din l-imħabba nfinita li Alla għandu għalina u li dehret fl-aqwa tagħha fil-ħajja u fil-Misteru ta' l-Għid ta' Kristu. F'kull ħin ta' ħajjitna, fil-ferħ u fin-niket, fil-hena u

fit-tbatija, nitfarrġu u nagħmlu l-qalb għax nafu li Alla jħobbna. Kull paġna tal-Vanġelu Mqaddes għandha twasslilna dan il-messaġġ ta' l-imħabba t'Alla. Nilqgħu dan il-messaġġ b'radd il-ħajr u ma'l-Appostlu Missierna nistqarru iktar f'qalbna milli b'fommna: "Kristu l-Iben t'Alla, ħabbni u ta ruħu għalija". (Gal. 2. 20).

(Omelija fuq il-Cable Radio 6-6-1982).

KLIEMNA, XHIEDA TA' TWEMMINNA

"Nagħtuk qalbna, nagħtuk ruħna,
O Ġesù, Int saltan fuqna!"

Din hija l-għanja li tgħallimna meta konna żgħar u għadna ntennuha llum, speċjalment fil-Festa ta' Kristu Sultan. Hija għanja u talba fl-istess waqt; biha nitolbu lil Kristu u nuruh ix-xewqa tagħna li Huwa jkun is-sid, mhux biss ta' ruħna, iżda wkoll tal-fakultajiet tagħha bħal ma huma l-fehma u r-rieda. Dan ifisser li nixtiequ nirregolaw il-kuxjenza tagħna skond it-tagħlim qaddis ta' Kristu.

Aħna l-bnedmin, dak li jinbet f'moħħna jew f'qalbna ħafna drabi, infissruh bil-kliem. Kristu stess qalilna: "Mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm. Il-bniedem tajjeb joħroġ ħwejjeġ tajba mill-ħażna tat-tajjeb tiegħu; imma l-bniedem ħażin, joħroġ ħwejjeġ ħżiena mill-ħażna tal-ħażen tiegħu. U ngħidilkom li l-bnedmin, f'jum il-ħaqq, għad iridu jagħtu kont ta' kull kelma fiergħa li jkunu qalu, għax minn kliemek tkun iġġustifikat, u minn kliemek tkun ikkundannat." (Matt 12, 34-37).

Il-kelma hija l-mezz li bih il-bnedmin

jikkomunikaw flimkien; bil-kliem li jingħad jew li jinkiteb, jinħolqu r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin; bihom tinbena u tissaħħaħ is-soċjetà umana. Bil-kliem li jitrawmu r-relazzjonijiet ta' ħbiberija jekk dak li jingħad ikun espressjoni ta' rispett u mħabba; iżda bil-kliem ukoll li tinfetaħ il-ġerħa tal-firda bejn l-għedewwa meta d-diskors ikun espressjoni ta' mibegħda jew għadab. Bil-kliem, min igħallem, iwassal il-messaġġ tiegħu lill-oħrajn u dan ukoll jista' jkun messaġġ ta' verità jew messaġġ ta' qerq. Kristu stqarr ċar u tond liema kien il-messaġġ tiegħu. "Jiena għalhekk twelidt u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nuri l-verità. U kull min iħobb il-verità, jisma' leħni." (Ġwann 18, 37).

Issib min igħidlek: "Illum il-kliem ma jiswa xejn, jiswew biss il-fatti." Huwa minnu li l-kliem jeħtieġ li jkun imsieħeb mill-fatti. Kristu stess ma kkuntentax biss li jkellem lill-bnedmin u jħallilhom il-messaġġ tiegħu; iżda ħallielna wkoll l-eżempji sbieħ tal-ħajja qaddisa tiegħu, u wettaq kliemu bis-sagrifiċċju tal-Kalvarju u bil-mirakli, fosthom, l-aqwa wieħed, dak tal-qawmien tiegħu mill-mewt. Madankollu, huwa minnu wkoll li meħtieġ il-kliem biex jinterpreta l-fatti, biex ifisser u jipperswadi lill-oħrajn, liema huma l-intenzjonijiet li wieħed ikollu f'moħħu u x-xewqat li jkollu f'qalbu meta jwettaq xi azzjoni tajba jew ħażina.

Is-siġra, qabel tagħmel il-frott, toħroġ il-weraq. Ma tkunx siġra ta' siwi jekk tilbes il-weraq u frott ma tagħtix; iżda ebda siġra ma tagħti frott, jekk ma tkunx b'saħħitha biżżejjed biex toħroġ il-weraq fi żmienu. Mill-weraq, wieħed jista' jintebaħ, mhux biss il-kwalità tas-siġra, iżda wkoll jekk hix f'saħħitha jew marida. Hekk ukoll il-kliem, għad li jeħtieġ li jkun imwettaq mill-għemil, iżda waħdu

diġà huwa biżżejjed biex jurik jekk il-qalb tal-bniedem li jitkellem hix imdallma jew imdawla.

Kliemna stess jixhed għalina. Minn kliemna ninkixfu jekk fina hemmx ir-rieda tajba jew rieda ħażina; jekk aħniex siġra li tagħti frott tajjeb jew frott qares. In-nisrani awtentiku, jintagħraf, anke minn kliemu.

Kristu għallimna mhux biss kif inżommu qalbna safja, iżda wkoll kif nirregolaw ilsienna, dak l-ilsien li bih, kif nistgħu nagħmlu tant ġid, nistgħu nagħmlu wkoll ħafna ħsara. Anzi forsi huwa wisq eħfef li wieħed jikkontrolla l-ilsien, milli jikkontrolla l-qalb; u min mhux lest li ma joffendix 'l Alla bil-kliem, wisq u wisq iżjed isibha bi tqila li ma joffendix 'l Alla b'xewqatu u b'għemilu.

Nistgħu però ngħidu li kliemna huwa prova li aħna sudditi lejali ta' Kristu Sultan? Il-mod kif nitkellmu, juri ċar li aħna ta' Kristu u ma' Kristu?

Ilna ħafna nisimgħu l-karba li għad li aħna poplu nisrani, fostna teżisti l-ġerħa tal-firda. Ħadd ma jista' jmeri s-sewwa magħruf. Iżda fuq din il-ġerħa qed nipprovaw nitfgħu l-balzmu li jtaffi jew l-aċidu li jdenni? Il-lingwaġġ tagħna huwa għelm ta' rieda tajba li tixtieq tfejjaq, jew għelm ta' nuqqas ta' din ir-rieda tajba?

Xejn ma jiswa li wieħed joqgħod jitfa' l-ħtija fuq l-ieħor u nagħmlu bħall-boloh li jwaħħlu f'xulxin min beda t-tilwima. Iwassal wisq iżjed għas-sliem, kieku kull wieħed minna jerfa' s-sehem tal-ħtija tiegħu kbira jew żgħira u jħaddem iktar moħħu kif jista' jasal għar-rikonċiljazzjoni.

F'bosta oqsma, kulħadd għandu l-jedd għall-

fehma tiegħu u bħala bniedem ħieles, kull wieħed jista' jfisser il-fehma tiegħu, kull wieħed jista' jitkellem u jinsisti biex iħares dak li huwa tiegħu; iżda ħadd ma għandu l-jedd li jinqeda bl-arma fratriċida tat-tgħajjir u taż-żeblih.

Jekk forsi għadna m'aħniex kapaċi nikkalmaw it-tempesta tas-sentimenti tagħna, għall-inqas nibdew biex nagħmlu lġiem lil ilsienna u l-pinna tagħna ħalli ma nkomplux inċarrtu l-ferita. Nuru għall-inqas li aħna ngħożżu d-dinjità tagħna bħala persuni umani u bħala nsara, billi dak li għandna ngħidu jew niktbu, ngħiduh jew niktbuh mingħajr ma ninżlu fil-baxx u mingħajr ma niċċappsu bil-ħama tal-insolenzi.

Min tabilħaqq irid il-paċi — u kollha kemm aħna bħala nsara jeħtieġ li jkollna rieda tajba li naslu għall-paċi — min irid tabilħaqq il-paċi, għandu jagħmel enfasi fuq dawk il-ħwejjeġ li jgħaqqduna u mhux fuq dawk li jifirduna. Jista' jkun hemm mitt raġuni għaliex qegħdin 'l bogħod minn xulxin, iżda dak li jgħaqqadna huwa wisq aqwa u wisq aktar għażiż.

Kollha kemm aħna, nistqarru lil Kristu bħala Feddej u Mgħallem tagħna. It-tagħlim tiegħu, kif xandritu u fissritu l-Knisja, matul il-kors ta' għoxrin seklu, huwa dak li jista' jgħaqqadna u jġibilna s-sliem. Din hija t-triq ewlenija, li fiha għandna nimxu aħna l-insara jekk irridu nkunu sudditi lejali ta' Kristu, Sultan tal-Paċi. Ngħożżu, mela, kuljum u kullimkien il-kriterju tiegħu: "Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla." (Matt. 5. 9).

(Diskors fil-festa ta' Kristu Re, 21-11-1982).

IL-VERITÀ MSIEĦBA MAL-PRUDENZA U L-KARITÀ

L-attività ġurnalistika, xi drabi titwettaq minn nies li għandhom il-professjoni ta' ġurnalisti, u xi drabi titwettaq minn nies oħra fil-ħin liberu tagħhom. Imma xorta waħda, sewwa jekk din l-attività ġurnalistika titwettaq bħala professjoni, kif ukoll meta titwettaq mid-dilettanti, hemm bżonn illi tkun irregolata minn ċerti normi etiċi. L-attività ġurnalistika bħal kull attività libera oħra tal-bniedem, jeħtieġ tkun immexxija minn ċerti prinċipji morali li juruna liema huwa t-tajjeb u liema huwa l-ħażin. Ma tistax għalhekk din l-attività ġurnalistika tippretendi li tkun indipendenti mill-etika u mill-morali. Ma tistax tkun jew tissejjaħ attività indifferenti, la tajba u l-anqas ħażina. Imma bilfors tkun attività tajba jekk taqbel mal-liġijiet morali u tkun attività ħażina u kundannabbli jekk hija tikser dawn il-liġijiet morali.

Issa rigward il-ġurnalist kattoliku, il-ħidma tiegħu f'dan il-kamp jeħtieġ li tkun ispirata l-ewwelnett mill-karità nisranija. Fi kliem ieħor, il-ġurnalist kattoliku għandu jkollu dejjem bħala għan u intenzjoni tiegħu dik li jagħmel il-ġid lill-poplu, dik li jgħin lill-qarrejja tiegħu biex jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jtejbu r-relazzjonijiet tagħhom ma' l-oħrajn.

Imma mhux biżżejjed illi jkun hemm intenzjoni retta, mhux biżżejjed illi l-fini jkun tajjeb: jeħtieġ ukoll illi l-mezzi jkunu tajbin. Il-ġurnalist għandu jiftakar illi l-ħidma tiegħu hija servizz mogħti lill-verità u għalhekk għandu jiftakar qabel xejn u fuq kollox li jsib il-verità, anke jekk dan jiswielu taħbit u sagrifiċċju. Din ir-riċerka tal-verità sakemm wieħed

jasal li jkun jaf il-fatti li ġraw tabilħaqq u l-kuntest ta' dawn il-fatti, hija biċċa xogħol indispensabbli għall-ġurnalist li jrid iwettaq il-ħidma tiegħu bl-onestà u skond in-normi morali.

Mhux biss iħabrek biex ifittex u jsib il-verità, imma mbagħad il-ġurnalist irid jikkomunika din il-verità, irid iwassalha lil ħaddieħor skond in-normi tal-għaqal u l-prudenza nisranija. Għalhekk huwa importanti illi qabel ma jippubblika xi ħaġa, il-ġurnalist jistaqsi lilu nnifsu: "Dan il-kliem, miktub, ser ikun ta' ħsara, jew ta' ġid? Min jaqrah ser ikun jista' jsib xi ħaġa, xi tagħrif illi jgħin fil-ħajja u jeleva l-ispirtu tiegħu jew inkella ser ikun bħal ikel velenuż li jagħmel ħsara lill-qarrejja jew lil xi persuni oħra?

Ma ninsewx żewġ affarijiet importanti: illi l-ġurnali jiġu mhux biss f'idejn il-kbar, imma wkoll f'idejn it-tfal; il-ġurnali jaqrawhom mhux biss dawk illi huma ntellettwalment u emozzjonalment maturi, imma ġie li jaqrawhom ukoll nies li huma neqsin mill-maturità. Ċerta kitba tista' tkun ta' ħsara għal min mhux preparat biżżejjed biex dik il-kitba mhux biss jaqraha iżda wkoll jikkritikaha fejn ikun meħtieġ. Importanti li niftakru fil-kelmiet tas-Sinjur tagħna Ġesù: "Gwaj għad-dinja minħabba l-iskandli li tagħti. Jaqbillu l-bniedem jorbot ġebla ta' mitħna ma' għonqu u jmur jinxteħet il-baħar milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iż-żgħar."

Minħabba nuqqas ta' għaqal u ta' riflessjoni ta' min jikteb, tista' ssir ħsara morali għax mhux kull qarrej huwa kapaċi jagħmel analisi jew kritika ta' dak li jaqra biex jagħżel it-tajjeb mill-ħażin — il-qamħ mill-karfa. Punt ieħor li jeħtieġ jiftakar il-ġurnalist jekk irid jimxi bil-għaqal huwa illi l-kitba stampata ddum teżisti mhux ġurnata jew tnejn,

imma s-snin u forsi mijiet ta' snin kif kienu jgħidu l-antiki "il-kitba tibqa". Mela jekk hija ħaġa li tibqa', trid tkun magħmula sewwa, wara riflessjoni għaqlija.

Dawn mela huma t-tliet prinċipji illi fuqhom għandha tkun imfassla l-ħidma tal-ġurnalist kattoliku: illi jkun ispirat minn intenzjoni retta li jagħmel il-ġid; illi jfittex il-verità u ħidmietu tkun servizz għal din il-verità; li jikkomunika din il-verità li jkun skopra hu lill-oħrajn, imma bi prudenza kbira biex ma jagħmilx ħsara, u ma joħloqx xi sitwazzjoni illi n-nisrani għandu jagħmel ħiltu biex jevitaha.

San Franġisk de Sales li ġie magħżul mill-Knisja bħala l-Patrun tal-ġurnalisti insara, kien magħruf għall-ħlewwa u għall-ġentilezza tiegħu; ma kenitx il-ħlewwa li ġejja mill-karattru jew natural tiegħu. Permezz tal-kontroll fuqu nnifsu, San Franġisk de Sales irnexxielu jsir bniedem ta' ħlewwa, ta' ġentilezza liema bħala mal-proxxmu tiegħu. U forsi din hija l-aqwa lezzjoni li l-ġurnalista tal-lum jista' jitgħallem minn dana l-qaddis. Huwa kien iħobb itenni l-proverbju illi tiġbed aktar naħal b'qatra waħda għasel milli b'bettija ħall. Ħafna drabi aħjar kelma ġentili, milli ħafna kliem iebes u vjolenti.

Ċertu lingwaġġ li nużaw fi kliemna u f'kitbitna jirrevela dak li jkun hemm mistur f'qalbna; u naħseb li f'pajjiżna din hija waħda mil-lezzjonijiet li hemm bżonn nitgħallmu li l-messaġġ tagħna nagħtuh b'lingwaġġ illi jfiehem u ma joffendix; lingwaġġ illi jwassal il-verità mingħajr ma jfieri l-qlub, mingħajr ma jiftaħ feriti. Jekk nagħżlu li nkunu vjolenti fi kliemna ma nkunux mexjin fit-triq ta' Kristu, imma f'toroq oħra, ma nkunux qed nużaw il-metodu tal-

ġurnalist kattoliku, imma metodu ieħor li ma nistgħux nirrikonċiljaw man-normi tal-etika nisranija.

Illum waqt li qegħdin nieħdu sehem f'din il-quddiesa, nitolbu 'l Alla biex bl-interċessjoni ta' San Franġisk de Sales, Patrun tal-ġurnalisti, f'pajjiżna din il-missjoni tiġi moqdija minn kulħadd b'sens ta' responsabiltà u b'sens ta' maturità nisranija.

(Diskors lill-ġurnalisti 27-1-83).

IL-GĦAN TA' L-EDUKAZZJONI

Il-kittieb Ingliż G.K. Chesterton ħareġ b'din l-espressjoni. "If you look at a thing a thousand times, there is an awful possibility that you may see it for the first time". Dan is-suġġett ta' l-edukazzjoni ħsibna fih, tkellmina dwaru "eluf ta' drabi". Iżda jekk bis-sinċerità kollha nistaqsu: "fl-aħħar mill-aħħar, din l-edukazzjoni għalfejn? X'inhu verament il-għan ta' l-edukazzjoni?" Jiġrilna forsi li nibdew narawha "for the first time", jew għall-inqas narawha minn aspetti ġodda.

Jista' jkun li aljenajna ruħna fuq dettalji li ma kienx fadlilna ħin nistaqsu lilna nfusna: "Hemm bżonn li jsir xi **tiġdid** jew xi **korrezzjoni** fis-sistemi tal-edukazzjoni? Il-Konċilju Vatikan II, lit-teachers, igħallmu fejn igħallmu, jitlob xi impenn għat-tiġdid? U dan it-tiġdid għandu jsir mit-teachers biss jew jitwettaq anke fl-**istituzzjonijiet** u fil-metodi tat-tagħlim?"

Kull attività jew ħidma prattika tal-bniedem tissopponi li jkollha magħha jew qabilha xi teorija. F'dan l-aspett tejoretiku jkun inkluż ukoll il-għan li

jrid jiġi milħuq b'dik il-ħidma partikulari. Jiġri però, ħafna drabi, li dan il-għan ma jkunx ċar biżżejjed quddiem min iwettaq dik il-ħidma, ikun biss impliċitu fi ħsibijietu, jew kif soltu ngħidu jkun "taken for granted".

Iżda fil-kamp edukattiv ma nistgħux nitilfu minn quddiem għajnejna l-għan ta' din il-ħidma, (aim) għaliex inkella naqgħu fil-periklu li noħorġu barra mit-triq.

T.W. Moore, fil-ktieb tiegħu "Philosophy of Education" jiddistingwi bejn AIM u PURPOSES. "This point may be summed up by saying that whereas to talk of **purposes** is always to refer to some **external** end to which the activity is directed to talk of aims is not to refer to external ends, but to the activity itself, to its internal end".

Il-filosofi tal-iskolastika kienu jiddistingwu bejn il-**Finis operis** u l-**Finis operantis**. Il-Finis operis (l-internal end, aim) huwa dak li l-azzjoni minnha nnifisha twassal għalih. Il-finis operantis (l-external end, purpose), huwa dak li jista' jkollu f'moħħu min jagħmel dik l-azzjoni determinata. Hekk eżempju. Fil-pittura, il-finis operis nistgħu ngħidu li hija x-xogħol li joħroġ minn idejn il-pittur bil-forma, bil-kuluri, id-dellijiet, eċċ. Il-finis operantis huwa dak li l-pittura, issa li hija lesta, tippreżenta. Naturalment huwa dak li kellu f'moħħu l-pittur, per eżempju, li jdaħħal il-flus tagħha, li jagħmel isem, eċċ.

Moore jgħidilna li proprjament l-edukazzjoni għandha għan wieħed biss, dak li tipproduċi l-bniedem edukat. "A general type of person, **an educated man**". (page 24). Jidher però li ma jiddeterminax biżżejjed liema huwa l-għan li għalih

għandha tkun immirata l-edukazzjoni. Difatti, ikompli josserva: "James Mill, Thomas Arnold, Cardinal Newman and John Dervey each formulated a different notion of what could count as an **educated man**". (pg 26). Jista' forsi jiġi determinat aħjar l-għan ta' l-edukazzjoni jekk nistaqsu x'għandu jkun ix-xogħol ta' l-edukatur, fil-każ tagħna, tat-teacher. John W. Gardner fil-ktieb "Self Renewal" paġna 12 jikteb: "What does an educator do? He makes young people ready **"to achieve the promise that is in them"**.

Dan ifisser li l-edukatur m'għandux jipprova jimponi l-ispirazzjonijiet tiegħu fuq it-tifel afdat f'idejh, iżda għandu jipprova jgħin lil dak it-tifel biex jiżviluppa l-kwalitajiet tajba li għandu fih bħala promessa, bħala potenzjalità, sabiex dak it-tifel jirnexxilu jwettaqhom f'ħajtu.

Il-Papa Piju XI fl-Enċiklika **"Divini Illius Magistri"** tal-31 ta' Diċembru, 1929, nru. 243, jikteb: "L-edukazzjoni tikkonsisti essenzjalment fil-**formazzjoni tal-bniedem,** kif għandu jkun u kif għandu jġib ruħu fil-ħajja tiegħu fid-dinja sabiex jilħaq l-għan aħħari li għalih ġie maħluq. Skond it-tagħlim ta' din l-enċiklika ma nistgħux inwarrbu fil-ġenb jew ninsew ir-relazzjoni li teżisti bejn il-għan qarib jew prossimu ta' l-edukazzjoni u l-għan aħħari tal-bniedem, jiġifieri li jikseb il-hena ta' dejjem.

Il-Konċilju Vatikan II fid-dokument **"Gravissimum Educationes"** nru. 1 igħallem li "Edukazzjoni vera tfittex li **tifforma l-persuna umana** biex tilħaq l-ogħla skop tal-bniedem u fl-istess ħin tilħaq il-ġid tas-soċjetajiet li tagħhom il-bniedem huwa membru u fihom ikollu, meta jikber, xi dmirijiet x'jaqdi".

Il-persuna tat-tifel hija s-suġġett ta' l-edukazzjoni tal-bniedem. Dan is-suġġett għad li mhux perfett, iżda huwa perfettibbli, jiġifieri jista' jsir u jkun dejjem aħjar.

Id-dumnikan Padre Spiazzi jiddefinixxi l-edukazzjoni bħala "Żvilupp integrali tat-tifel, sakemm tiġi fformata fih **personalità vera**". Dan l-iżvilupp jeħtieġ li jkun integrali, għalhekk jimplika:

a: Żvilupp fiżiku, jew il-ġisem tat-tifel.
b: Żvilupp intellettwali jew il-moħħ.
c: Żvilupp affettiv jew il-moħħ.
d: Żvilupp morali.
e: Żvilupp reliġjuż.

Kull wieħed minn dawn l-aspetti ta' attività edukattiva għandu l-għan partikolari tiegħu. Lilna jinteressana direttament l-għan ta' l-edukazzjoni morali.

L-edukazzjoni morali, kif nifhmuha aħna, trid tagħti lit-tifel thejjija xierqa biex meta jikber ikun jista' jġib ruħu fil-ħajja tiegħu ta' kuljum ta' nisrani matur.

Biex jasal għal dan, it-tifel jeħtieġ li jikseb sens ta' direzzjoni, sens ta' responsabilta u sens ta' missjoni.

a. **Sens ta' direzzjoni** jew orjentament. Domandi fundamentali huma dawn: Fiha valur il-ħajja? Is life worth living? U kif jingħata valur lill-ħajja? Barra milli jżomm quddiem għajnejh il-għan tal-ħajja, it-tifel għandu jiġi mgħallem liema **toroq** fil-ħajja xierqa għall-bniedem. Fuq kollox għandu jidra japprezza l-onestà, għaliex "honesty is the best policy". B'hekk meta jikber, ikun kapaċi jiddeċiedi

waħdu dak li huwa tajjeb u għandu jiġi mwettaq minnu.

b. **Sens ta' responsabiltà.** It-tifel jeħtieġ jifhem mhux biss drittijiet iżda wkoll id-dmirijiet li għandu jagħmel. L-edukazzjoni għandha sservi biex wieħed juża sewwa l-**libertà.** Għalhekk l-insistenza m'għandhiex issir biss fuq il-libertà iżda wkoll fuq użu tajjeb tagħha. It-tifel għandu jagħżel mhux biss dak li jogħġob lilu, iżda dak li hu ta' ġid għalih **innifsu** u għas-soċjetà. Il-bniedem irid jirrispondi għal għemilu quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

c. **Sens ta' missjoni.** Il-ħajja ta' kull bniedem mhix xalata, imma fiha kull bniedem għandu jwettaq ħidma jew missjoni li forsi **huwa** biss jista' jagħmilha. Kull bniedem għandu jieħu b'impenn sħiħ din il-ħidma ta' ġid favur l-oħrajn. Għalhekk l-edukatur irid iwassal lit-tfal għal dik id-disponibiltà ta' servizz lejn l-umanità fil-familja u kull fejn ikunu.

Jixraq li l-edukaturi nsara jirriflettu għall-inqas kull tant dwar dawn l-iskopijiet ta' l-edukazzjoni morali.

(Diskors lit-teachers, 8-2-83).

IS-SAĊERDOZJU TAL-LIĠI L-ĠDIDA FIT-TAGĦLIM TAL-KONĊILJU VATIKAN II

Kien hemm xi whud li ħasbu li l-Konċilju Vatikan II tkellem fit-tul u fil-fond dwar l-Isqfijiet, iżda mhux daqshekk ieħor, dwar il-presbiteri jew is-saċerdoti. Din kienet fost l-oħrajn l-opinjoni ta' l-Isqof ta' Beira fil-Mozambique, Mons. Soarez, kif esprimiha fl-"Osservatore Romano" tas-16 ta' Frar, 1965, fejn kiteb: "Il-Vatikan it-Tieni, jidħol fl-istorja

bħala l-Konċilju tal-Episkopat u mhux bħala dak tal-Presbiterat, kif forsi jista' jkun konċilju ieħor; dan mhux għaliex il-Konċilju Vatikan II, ma bediex jittratta dwar is-saċerdozju b'sentenzi sbieħ, iżda għaliex id-duttrina li għandha x'taqsam ma' dan is-suġġett ma hix matura biżżejjed."

Iżda kif josserva l-Mons. Etchegaray, Arċisqof ta' Marsilja, ("Le Pretre en question" in Seminarium IX, 1, Gennaio-Marzo 1969, pag. 6): "Qed jingħad ta' spiss ħafna li l-Vatikan II nesa lill-qassisin. Imma mhux iktar veru forsi, li xi qassisin jinsew dak li jgħid il-Konċilju dwarhom? Huwa meħtieġ li s-saċerdoti jerġgħu jagħmlu weħidhom ix-xogħol ta' approfondiment teoloġiku li l-isqfijiet wettqu matul il-Konċilju; u hemmhekk isibu biex isaħħu l-enerġiji apostoliċi tagħhom.

Is-saċerdoti — ikompli jgħidilna dan il-Prelat — wisq iktar minn qatt qabel, għandhom jinterrogaw it-teoloġija tas-saċerdozju u mhux jibnuha mill-ġdid billi jitilqu mir-rejaltà soċjoloġika. Is-saċerdozju mhux oġġett ta' xi konkwista jew ta' xi invenzjoni; is-saċerdozju huwa don ta' Kristu, li jeħtieġ li jiġi aċċettat bil-fidi; huwa ġid komuni li l-Knisja tittrasmetti fedelment minn nisel għal nisel."

Il-Konċilju Vatikan II barra mid-digriet "Christus Dominus" dwar l-uffiċċju ta' l-Isqfijiet, ippromulga wkoll id-digriet "Presbyterorum Ordinis" dwar il-ħajja u l-ministeru tas-saċerdoti u meta wieħed jifli sewwa l-messaġġ ta' dawn iż-żewġ digrieti u jżid miegħu dak li hemm fil-Kostituzzjoni "Lumen Gentium" dwar il-Knisja, għandu jasal għal konklużjoni li l-Konċilju ħallielna tagħlim sod u siewi mhux biss dwar l-Isqfijiet iżda wkoll dwar il-presbiteri. Dak li jonqos hu li ssir meditazzjoni dwar

dan it-tagħlim, mhux biss biex ikun hemm approfondiment fuqu, iżda fuq kollox, sabiex jiġi mwettaq kullimkien u bil-ħerqa.

F'din it-taħdita qasira dwar iż-żewġ digrieti msemmija, li qegħda ssir biex tfakkar l-għoxrin sena mill-bidu tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, ikollna nillimitaw ruħna għar-riflessjoni teoloġika fuq il-prinċipji li hemm imfissra f'dawk id-dokumenti u jkollna nħallu barra ċerti rakkomandazzjonijiet prattiċi — għad li anke dawn huma utli ħafna — dwar l-aspett ġuridiku u l-organizzazzjoni pastorali.

Kif naqraw fil-"Christus Dominus" art 44: "Dan is-Sinodu Mqaddes jiddisponi li fir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja, ikunu stabbiliti liġijiet xierqa fuq il-prinċipji deċiżi f'dan id-digriet...jordna wkoll li jithejjew direttorji ġenerali dwar il-kura ta' l-erwieħ biex jinqdew bihom kemm l-Isqfijiet, kemm il-kappillani biex jagħtuhom regoli żguri ħalli jaqdu aħjar u b'aktar ħeffa l-ministeru pastorali tagħhom". Nistgħu ngħidu bi pjaċir, li għall-inqas l-ewwel xewqa tal-Konċilju mfissra f'dan il-paragrafu twettqet meta ġie ppromulgat il-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġi Kanonika fil-25 ta' Jannar ta' din is-sena (1983).

Ma nistgħux inħallu barra però, dak li tgħid il-kostituzzjoni "Lumen Gentium" fil-kapitlu tlieta dwar l-uffiċċju ġerarkiku fil-Knisja, anzi jeħtieġ li nibdew ir-riflessjoni tagħna minn dan it-tagħlim.

1. Is-Saċerdozju Ministerjali

Il-Konċilju jerġa' jafferma li barra mis-saċerdozju komuni li għandhom l-insara kollha bis-saħħa tal-Magħmudija, jeżisti fil-Knisja, saċerdozju veru ministerjali jew uffiċċjali li għandu l-oriġini

tiegħu fl-istituzzjoni divina u li jiġi mwettaq f'diversi gradi jew ordnijiet. "Il-ministeru ekkleżjastiku — tgħidilna l-Lumen Gentium fl-artiklu 28 — li hu istituzzjoni divina, huwa eżerċitat f'ordnijiet differenti minn dawk li mill-ewwel żminijiet issejħu isqfijiet, presbiteri, u djakni."

Kif josserva l-Papa preżenti fil-ktieb tiegħu "Alle fonti del Rinnovamento" pag. 139), "il-Konċilju Vatikan it-Tieni ħa ħsieb li jagħmel enfasi mhux biss fuq l-istruttura tal-ministeru, cioè fuq l-awtorità ġerarkika mwaqqfa minn Kristu, iżda wkoll fuq l-**ispirtu** ta' din l-istituzzjoni."

Formalment dan is-saċerdozju uffiċċjali ġie mqiegħed sabiex tinżamm il-kontinwazzjoni tal-preżenza ħajja ta' Kristu fil-Knisja tiegħu. Lumen Gentium n. 21: "Huwa għalhekk, fl-isqfijiet mgħejjuna mill-presbiteri, illi l-Mulej Ġesù Kristu, il-Qassis il-Kbir, huwa preżenti fost dawk li jemmnu."

Mill-analisi taż-żewġ digrieti msemmija, meta nqabbluhom ma' dak li tgħid il-Lumen Gentium fil-kapitlu III, nistgħu naslu għall-konklużjoni li hemm ħames kunċetti fundamentali li jitfgħu dawl ġdid fuq is-saċerdozju uffiċċjali jew ministerjali:

1. Id-derivazzjoni tiegħu minn Kristu, permezz ta' l-appostli;
2. Il-Konsagrazzjoni, jew sagramentalità.
3. In-nota ġerarkika.
4. Il-Komunjoni fraterna.
5. Id-djakonija jew servizz lill-Poplu t'Alla.

1. **Is-saċerdozju ta' l-Isqfijiet u tal-presbiteri huwa mwaqqaf minn Kristu.**

Il-Lumen Gentium turi biċ-ċar il-konnessjoni

li hemm bejn l-Isqfijiet u l-appostli magħżula minn Kristu u minnu mogħnija b'setgħat speċjali, kif jixhdu wisq tajjeb il-kotba tar-Rabta l-Ġdida. Fil-paragrafu 20, insibu li "Il-Missjoni divina afdata lill-appostli minn Kristu tibqa' sa l-aħħar taż-żmien. (Cfr Mt 28:20) għaliex l-Evanġelju li huma kellhom igħaddu lil ta' warajhom huwa għall-Knisja bidu tal-ħajja kollha f'kull żmien. Għalhekk l-Appostli ħadu ħsieb li f'din is-soċjetà organizzata b'mod ġerarkiku jkun stabbilit kif jinħatru s-suċċessuri tagħhom." Il-kostituzzjoni tafferma wkoll li skond il-pjan imfassal minn Kristu nnifsu, il-kulleġġ tal-appostli ma' Pietru u taħt it-tmexxija tiegħu jikkorrispondi għall-kulleġġ ta' l-isqfijiet mal-Papa, li għandu afdat f'idejh l-uffiċċju ta' Pietru u taħt it-tmexxija tiegħu. "Bħal ma San Pietru u l-Appostli l-oħra kif ried il-Mulej, jagħmlu kulleġġ apostoliku wieħed, hekk b'mod bħalu, l-isqof ta' Ruma, suċċessur ta' San Pietru u l-isqfijiet suċċessuri ta' l-Appostli huma magħqudin bejniethom." (art 22).

Id-digriet Christus Dominus, jagħmilha ċara li l-isqfijiet suċċessuri ta' l-appostli għandhom setgħat ġejjin minn Alla: fil-par 2 igħidilna: "L-Isqfijiet, imqegħdin mill-Ispirtu s-Santu, huma suċċessuri ta' l-Appostli bħala ragħajja ta' l-erwieħ u, flimkien mal-Papa u taħt l-awtorità tiegħu, għandhom il-missjoni li jkomplu għal dejjem il-ħidma ta' Kristu, ragħaj etern. Infatti Kristu ta lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom l-ordni u s-setgħa li jgħallmu l-ġnus kollha, li jqaddsu lill-bnedmin fil-verità u li jirgħuhom. Għalhekk l-isqfijiet bl-Ispirtu s-Santu li ngħatalhom, saru tabilħaqq għalliema tal-fidi, saċerdoti u ragħajja awtentiċi. (par 2).

Rigward il-presbiteri, id-digriet Presbyterorum Ordinis jispjegalna kif is-setgħa tagħhom hija ġejja

wkoll minn Kristu u hija sehem mill-missjoni apostolika: "Permezz ta' l-istess appostli, (Kristu) ta sehem mill-missjoni u mill-konsagrazzjoni tiegħu lill-isqfijiet li huma s-suċċessuri tagħhom; l-uffiċċju tal-ministeru ta' dawn, imbagħad, ingħadda wkoll, fi grad subordinat, lill-presbiteri li tqiegħdu fl-ordni tal-presbiterat biex ikunu kooperaturi ta' l-ordni ta' l-isqfijiet u b'hekk il-missjoni apostolika mogħtija minn Kristu tintemm kif imiss." (par 2).

(2) **Il-Konsagrazzjoni**

Il-preżenza attiva ta' Kristu fiż-żewġ gradi tas-saċerdozju ministerjali, l-Isqfijiet u l-presbiteri, titlob li jkollhom miegħu rabta ontoloġika, li kapaċi tagħmilhom jixbhu lil Kristu, kemm tista' tixbhu kreatura. Din l-assimilazzjoni ma tistax titwettaq ħlief permezz ta' sagrament speċjali, jiġifieri s-sagrament ta' l-Ordni Sagri li jnissel f'min jirċevih trasformazzjoni interjuri u jqegħdu fi stat konnaturali mal-uffiċċju saċerdotali li għandu jwettaq.

Sabiex igħinhom fil-ħidma tagħhom, l-Appostli rċivew id-don speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu. Sa mill-bidu, meta huma kienu jagħżlu l-kollaboraturi tagħhom, kienu jagħmlu rit liturġiku li kien jikkonsisti fit-talb u fit-tqegħid ta' l-idejn, li kien ifisser id-don tal-grazzja speċjali mogħtija sabiex tkun tista' titwettaq il-ħidma li dawn kienu ser jieħdu fuqhom. Skond it-tradizzjoni nisranija, il-konsagrazzjoni episkopali hija l-kontinwazzjoni ta' dan ir-rit, cioè rit sagramentali magħmul minn sinjali esterni u minn kliem liturġiku li bih tingħata l-grazzja.

Il-Lumen Gentium tikkonferma dan it-tagħlim meta tgħidilna: "Biex jaqdu dmirijiet hekk għolja, l-

Appostli kienu mogħnija minn Kristu b'effużjoni speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom. Huma stess bit-tqegħid ta' l-idejn għaddew dan id-don spiritwali lill-kollaboraturi tagħhom u baqa' jgħaddi sa żmienna bil-konsagrazzjoni episkopali. Il-Konċilju Mqaddes igħallem għalhekk illi bil-konsagrazzjoni episkopali tingħata l-milja tas-sagrament ta' l-Ordni li mingħajr dubju l-konswetudni liturġika tal-Knisja u l-kitba tas-Santi Padri jsejħu l-ogħla saċerdozju u l-quċċata tal-ministeru mqaddes." (L.G. 21) Dan it-tagħlim jirrepetih ukoll il-Ch. D. n. 4: "L-Isqfijiet, bis-saħħa tal-konsagrazzjoni sagramentali u f'għaqda ġerarkika mal-kap u mal-membri tal-kulleġġ, huma kostitwiti membri tal-korp episkopali."

Dwar is-saċerdozju tal-presbiteri, il-Pr. Ord. n. 2 tgħidilna li għad li "jissupponi s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija, hu jingħata permezz ta' dak is-sagrament partikulari li bih il-Presbiteri bis-saħħa tal-konsagrazzjoni tagħhom mill-Ispirtu s-Santu, jirċievu fihom infushom karattru speċjali u hekk jixxiebhu ma' Kristu saċerdot b'mod li jkollhom il-qawwa jaġixxu fil-persuna ta' Kristu."

Għad li t-tagħlim dwar il-karattru jista' jkun oġġett ta' studju iktar profond da parti tat-teoloġi, però is-sustanza tiegħu tibqa' verità tal-fidi promulgata mill-Konċilju ta' Trentu. Il-karattru saċerdotali għandu jitqies bħala sinjal ontoloġiku spiritwali u indelibbli li minħabba fih l-Ordni Sagru ma jistax jiġi ripetut u l-anqas jista' jintilef.

(3) **Relazzjoni ġerarkika**

L-espressjoni "Kulleġġ ta' l-Isqfijiet" użata mill-Konċilju u ċerti kelmiet simili wżati mis-Santi Padri tal-Knisja, per eżempju "Ordo" minn

Tertulljanu, "corpus" minn Ċiprijanu, "collegium" minn Ċiprijanu u minn Optatus ta' Milevis, hemm bżonn li ma jiġux imfissra b'mod żbaljat. Dan il-kulleġġ ma jfissirx grupp ta' nies li fih kollha huma ndaqs u li l-unika awtorità hija dik li toħroġ mill-kunsens tagħhom kollha flimkien jew għall-inqas dak tal-kotra kbira tagħhom. Fil-korp jew kulleġġ magħmul mill-Isqfijiet hemm awtorità suprema waħda, dik ta' l-Isqof ta' Ruma, jiġifieri l-Papa u li l-prerogattivi tiegħu kienu ġew definiti mill-Konċilju Vatikan l-Ewwel. Mingħajru l-kulleġġ ta' l-Isqfijiet jitlef l-unità u l-istabilità tiegħu. "Jekk tonqos din l-awtorità suprema — josserva Henri de Lubac (Eglises Particulieres et Eglise Universelle" pag. 19) "jiġi kompromess l-ewkilibriju kattoliku ta' l-unità fid-diversità li għandu bħala garanzija mogħtija minn Ġesù, ir-rabta ma' Pietru. Kemm fil-Lumen Gentium kif ukoll fil-Christus Dominus hemm spjegata din ir-relazzjoni bejn l-isqfijiet u l-Papa. Il-L.G. fin-n. 18, naqraw: "Sabiex l-episkopat ikun wieħed u mhux mifrud, huwa (Kristu) qiegħed lil Pietru, ras ta' l-appostli l-oħra u fih waqqaf il-prinċipju u l-fundament perpetwu u viżibbli ta' l-unità tal-fidi u tal-komunjoni." Fin-numru 22, jissokta jgħidilna: "Il-kulleġġ jew korp ta' l-isqfijiet m'għandux awtorità jekk mhux maħsub, bħala korp marbut ma' l-Isqof ta' Ruma, suċċessur ta' Pietru, bħala ras tiegħu, li jibqagħlu sħiħ il-primat tiegħu fuq kulħadd, kemm ragħajja kemm fidili." Il-C.D. fin-numru 4, fil-waqt li jikkwota l-L.G. jistqarr li "L-ordni ta' l-isqfijiet, li hu s-suċċessur tal-kulleġġ tal-appostli fil-maġisteru u fit-tmexxija pastorali, li fih, anzi, jitkompla mingħajr waqfien il-korp apostoliku, għandu wkoll flimkien ma' l-Isqof ta' Ruma u qatt mingħajru bħala r-ras tiegħu, l-ogħla setgħa u setgħa sħiħa fuq il-Knisja kollha."

Din l-affermazzjoni, però, ma tnaqqas xejn mill-qawwa tal-prinċipju l-ieħor imfisser fin-numru 8 ta' l-istess digriet cioè li: "L-isqfijiet, bħala suċċessuri ta' l-appostli, fid-djoċesijiet fdati lilhom għandhom kull setgħa ordinarja, proprja u immedjata li teħtieġ għall-eżerċizzju tal-ministeru pastorali tagħhom" b'eċċezzjoni għal dawk il-kawżi li l-Papa għandu s-setgħa li jirriserva għalih jew għal xi awtorità oħra.

Issa kif il-Papa huwa prinċipju u sinjal ta' l-unità fil-Knisja universali u l-isqfijiet għandhom iwettqu l-uffiċċju tagħhom f'għaqda ġerarkika miegħu, hekk "l-Isqfijiet meħudin wieħed wieħed, huma l-prinċipju u l-fundament ta' l-unità fil-knejjes partikulari tagħhom" (L.G. 23). Għalhekk jekk wieħed iħalli barra dan il-karattru ġerarkiku mill-funzjoni tas-saċerdozju, l-istituzzjoni nisranija tinbidel u titħawwad kollha kemm hi.

Il-L.G. għalhekk tfakkarna li "il-presbiteri, kollaboraturi prudenti ta' l-ordni espiskopali, għajnuna tiegħu u strument f'idejh, imsejħin biex jaqdu l-poplu t'Alla, jagħmlu ma' l-Isqof tagħhom, presbiterju wieħed, għalkemm dan hu magħmul minn uffiċċji differenti. Fil-komunitajiet tal-fidili, waħda waħda, huma jwasslu, biex ngħidu hekk, il-preżenza ta' l-Isqof, miegħu huma magħqudin fi spirtu ta' fiduċja u ta' ġenerożità, u għall-parti fdata f'idejhom miegħu jaqsmu l-uffiċċju u l-ħerqa u jħaddmuhom fil-ħajja ta' kuljum. Taħt l-awtorità ta' l-isqof, huma jmexxu dik il-parti tal-merħla afdata f'idejhom u jqaddsuha". (n. 28). Il-P.O. fin-numru 7, isemmi wkoll din ir-rabta ta' presbiteri ma' l-isqfijiet, waqt li jinsisti fuq il-għaqda li għandu jkun hemm bejniethom fis-saċerdozju u fil-ministeru tagħhom. "Il-presbiteri kollha, flimkien ma' l-

isqfijiet, għandhom sehem tali mill-istess saċerdozju u ministeru wieħed ta' Kristu li l-istess unità ta' konsagrazzjoni u ta' missjoni tagħhom flimkien, titlob minnha nnifisha, li l-presbiteri jkollhom komunjoni ġerarkika ma' l-ordni ta' l-isqfijiet."

(4) Komunjoni fraterna

Barra mid-dimensjoni vertikali, li tiġbor fiha l-ideja ta' mandat ta' Kristu, tas-sagramentalità ta' l-Ordni Sagri u tar-rabta ġerarkika, hemm ukoll fis-saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida, id-dimensjoni orizzontali li tħaddan fiha kemm il-kunċett ta' komunjoni fraterna, kif ukoll dak ta' servizz.

Dwar din ir-relazzjoni ta' komunjoni li għandu jkun hemm fost l-isqfijiet, il-L.G. (art 23) tgħallimna li: "għaliex huma membri tal-kulleġġ episkopali u suċċessuri leġittimi ta' l-appostli, huma lkoll, wieħed wieħed, għandhom id-dmir, kif jidher mill-kmand ta' Kristu u minn kif istitwixxa l-kulleġġ apostoliku, illi jkollhom ħerqa għall-knisja, ukoll jekk din il-ħerqa huma ma jfissruhiex b'atti ta' ġurisdizzjoni, iżda sservi ħafna għall-ġid tal-Knisja universali. L-isqfijiet kollha infatti għandhom imexxu 'l quddiem u jiddefendu l-unità tal-fidi u d-dixxiplina komuni fil-Knisja kollha."

Dan il-ħsieb jissemma wkoll fil-C.D n. 6: "L-Isqfijiet....għandhom jagħrfu li huma dejjem magħqudin bejniethom u għandhom juru ħsieb għall-knejjes kollha għaliex b'dispiżizzjoni divina u minn dak li jitlob l-uffiċċju apostoliku, kull wieħed minnhom huwa responsabbli għall-Knisja flimkien ma' l-isqfijiet l-oħra."

Il-P.O. barra milli jfakkar li "kull ministeru saċerdotali għandu sehem mill-istess missjoni ta'

wisa' universali li Kristu ħalla lill-Appostli (n. 10) jiġifieri dwar il-ħerqa tal-presbiteri għall-knisja kollha, jinsisti qabel xejn fuq l-unjoni u l-kooperazzjoni ta' l-aħwa li għandu jkun hemm bejniethom: "Il-presbiteri, imqegħdin fl-ordni tal-presbiterat bl-ordinazzjoni, huma marbutin ilkoll bejniethom b'rabta ta' aħwa sagramentali intima; iżda jifformaw b'mod speċjali presbiterju wieħed fid-djoċesi li jkunu qegħdin jaqdu taħt l-isqof tagħhom." (n. 8).

(5) Djakonija jew servizz lill-poplu t'Alla

Din il-għaqda fost is-saċerdoti m'għandhiex tkun magħluqa fiha nnifisha, hekk li tagħmel minnhom xi getto jew kasta saċerdotali mifruda u maqtugħa għaliha mill-bnedmin l-oħra; iżda hija għaqda li tkun miftuħa wkoll għall-komunjoni fraterna mal-poplu saċerdotali kollu. U proprju f'din il-komunjoni li s-saċerdozju ministerjali jidher bħala servizz u ġie mfisser mill-Konċilju fil-prospettiva neo-testamentarja tad-diviżjoni jew tqassim tad-djakoniji. "Id-distinzjoni li għamel il-Mulej bejn il-ministri sagri u l-bqija tal-poplu t'Alla ġġib magħha rabta fis-sens li r-raghajja u l-fidili l-oħra huma marbutin bejniethom minn ħtieġa komuni: li r-raghajja, fuq l-eżempju ta' Kristu, iservu lil xulxin u jservu lill-fidili l-oħra, waqt li dawn min-naħa tagħhom jagħtu l-għajnuna ġeneruża tagħhom lir-raghajja u lill-għalliema". (L.G. 32). Espliċitament dwar l-isqfijiet, il-C.D. jwissi li "huma u jwettqu l-uffiċċju tagħhom ta' missirijiet u raghajja fost il-poplu tagħhom, għandhom iġibu ruħhom bħal dawk li jaqdu." (n. 16). L-istess twissija, għall-qassisin, insibuha fid-digriet P.O. n. 9: "jeħtieġ li l-presbiteri jippresiedu fuq il-komunità mhux biex ifittxu l-interessi tagħhom infushom, iżda dawk ta' Kristu; jingħaqdu

fil-ħidma mal-fidili lajċi u jġibu ruħhom f'nofshom bħall-Imgħallem li fost il-bnedmin 'ma ġiex biex ikun moqdi iżda biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra'." (Mt 20. 28).

II. Il-Funzjoni tas-Saċerdozju Ministerjali

Il-Konċilju jitkellem mhux biss mir-realtà ontoloġika tas-saċerdozju ministerjali, iżda wkoll dwar id-dinamika tiegħu, jiġifieri jgħallimna mhux biss min hu u x'inhu s-saċerdot, iżda wkoll x'setgħat għandu u liema missjoni jew funzjoni jeħtieġlu jwettaq.

Nistgħu ngħidu li l-ministeru ta' l-isqfijiet u f'għamla subordinata fit-twettiq tiegħu anke dak tal-presbiteri, jiġbor fih il-missjoni kollha tal-Knisja, għaliex dan il-ministeru huwa sinjal effikaċi tal-preżenza attiva ta' Kristu fil-Knisja u fid-dinja.

Id-Digriet C.D. fin-numru 11, wara li jagħti definizzjoni eċċellenti tad-djoċesi, definizzjoni li ġiet inkorporata wkoll fil-Kodiċi l-Ġdid, igħidilna li "kull wieħed mill-isqfijiet, li għandu f'idejh il-ħsieb ta' knisja partikulari, taħt l-awtorità tal-Papa, jirgħa f'isem il-Mulej....il-ħrief tiegħu u għall-ġid tagħhom iħaddem l-uffiċċju ta' tagħlim, ta' tqaddis u ta' treġija."

Dwar il-presbiteri, il-L.G. fin-numru 28, tgħidilna li huma "għalkemm ma jilħqux il-quċċata tas-saċerdozju, u jiddependu mill-isqfijiet fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħhom....huma kkonsagrati sabiex jippriedkaw il-vanġelu, jirgħu l-fidili u jiċċelebraw il-kult divin bħala saċerdoti veri tat-Testment il-Ġdid."

Jissokta l-P.O. fin-n. 2: "L-Uffiċċju tal-presbiteri, marbut kif inhu ma' l-ordni ta' l-isqfijiet,

għandu sehem mill-awtorità li biha Kristu nnifsu jibni l-ġisem tiegħu, iqaddsu u jmexxih.

Kif josserva H. DENIS ("La Theologie du presbyterat de Trente a Vatican II in 'Les Pretres' "Formation et vie" pp 193-232) il-viżjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar il-presbiterat tintegra l-prospettiva ewkaristika tal-Konċilju ta' Trentu, fil-waqt li tinseriha globalment fl-ekkleżjoloġija. Infatti, skond il-Konċilju ta' Trentu, it-teoloġija tal-presbiterat hija mibnija kollha fuq l-Ewkaristija; il-poter proprjament saċerdotali, primarju anke jekk mhux esklussiv, huwa fuq il-Ġisem Ewkaristiku ta' Kristu. Il-presbiteru huwa ordnat għall-Ewkaristija.

Skond il-Vatikan it-Tieni, il-kontenut jew il-poter tas-saċerdozju ministerjali huwa wisq iktar kumpless u jiġbor fih ħidmiet oħra; jinkludi l-evanġelizzazzjoni fis-sens wiesa' ta' din il-kelma, kif ukoll l-Ewkaristija bħala twettiq u quċċata tal-evanġelizzazzjoni. Il-presbiteru huwa saċerdot għaliex huwa ministru tal-Vanġelu fost il-ġnus, ministru li janima l-Knisja, ministru li jmexxi l-erwieħ u jgħaqqadhom f'rabta ta' karità, barra milli huwa ministru tal-Ewkaristija.

Jonqos issa li nsemmu xi ħaġa fil-qosor dwar it-tliet uffiċċji tas-saċerdozju ministerjali li jitkellmu dwarhom il-C.D. u l-P.O.; iżda qabel xejn m'għandniex ninsew l-unità u l-komplementarjetà ta' dawn it-tliet funzjonijiet, għax kollox huwa derivat mill-uniku ministeru ta' Kristu Feddej u Saċerdot, li tiegħu l-ministru tal-Knisja huwa rappreżentant.

A. L-uffiċċju ta' tagħlim

Meta jitkellem dwar l-uffiċċju ta' għalliema li għandhom l-Isqfijiet, il-C.D. fin-nru. 12 igħidilna li

huma għandhom ixandru l-Vanġelu u jippreżentaw id-duttrina nisranija b'ċertu mod li tkun adattata għall-ħtieġa taż-żminijiet u jużaw anke il-mezzi moderni. L-isqfijiet, ikompli l-istess digriet fil-paragrafu 14, għandhom jieħdu ħsieb l-istruzzjoni kateketika, il-kontenut tagħha, it-taħriġ tal-katekisti u t-tiġdid tat-tagħlim nisrani lill-adulti.

Dawn l-istess ħidmiet, taħt it-treġija ta' l-isqof tal-post, għandhom jitwettqu wkoll mill-presbiteri. Difatti, il-P.O. fin-numru 4, iwissi li l-qassisin għandhom id-dmir ewlieni li jipproklamaw il-Vanġelu t'Alla lil kulħadd. Dan it-tagħlim għandu jiġi applikat għaċ-ċirkostanzi partikulari tal-ħajja. Il-predikazzjoni tal-kelma hija meħtieġa għall-amministrazzjoni tas-sagramenti, ladarba huma s-sagramenti tal-fidi li titnissel u tissaħħaħ bis-smigħ tal-kelma t'Alla.

B. It-tqaddis ta' l-erwieħ

Dwar id-dmir li għandhom li jqaddsu lill-oħrajn, il-C.D. fin-n. 15 igħallimna li "l-Isqfijiet huma d-dispensaturi ewlenin tal-misteri t'Alla u fl-istess ħin dawk li jirregolaw, iġibu 'l quddiem u jħarsu l-ħajja liturġika kollha fil-knisja fdata lilhom." Huma "għandhom il-milja tas-sagrament ta' l-ordni; minnhom jiddependu fit-tħaddim tas-setgħa tagħhom, kemm il-presbiteri li huma wkoll ikkonsagrati veri saċerdoti tat-Testment il-Ġdid, sabiex ikunu kooperaturi għaqlin ta' l-ordni episkopali, kemm ukoll id-djakni...."

Fil-P.O. n. 5, imbagħad naqraw li Alla kkonsagra l-qassisin sabiex ikunu ministri tiegħu fit-twettiq tal-funzjonijiet imqaddsa, fil-Liturġija u fuq kollox fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, fl-amministrazzjoni tas-sagramenti bħal ma huma l-

Magħmudija, il-Qrar u l-Griżma ta' l-Isqof. F'ċertu sens, huma jagħmlu l-isqof preżenti f'kull ġemgħa tal-fidili.

C. It-treġija tal-komunità nisranija

Fl-aħħarnett, meta jsemmi d-dmir li jiggvernaw bħala ragħajja ta' l-erwieħ, li għandhom l-isqfijiet, il-C.D. fin-n. 16, juri x'inhu l-iskop ta' din il-ħidma tagħhom, b'dawn il-kelmiet: "Huma għandhom jiġbru l-merħla kollha tagħhom f'familja waħda u jagħtuha dik il-formazzjoni meħtieġa biex kulħadd jagħraf u jħoss il-piż ta' l-uffiċċju tiegħu u jgħix u jaqdi dmiru f'xirka ta' karità". (16).

Il-P.O. turina wkoll dan il-għan li għalih għandhom iħabirku l-presbiteri bħala edukaturi tal-poplu t'Alla, (n. 6) "waqt li jaqdu, skond is-sehem ta' awtorità li jmiss lilhom, il-funzjoni ta' Kristu, ir-Ras u r-Ragħaj, jiġbru f'isem l-isqof, il-familja ta' Alla, bħala għaqda ħajja u waħda ta' aħwa, iressquha lejn Alla l-Missier bi Kristu, fl-Ispirtu."

D. Spiritwalità saċerdotali

Iżda l-presbiteri ma jkunux jistgħu jwettqu kif imiss din il-ħidma fost il-poplu t'Alla, jekk fil-ħajja tagħhom ma jagħtux widen bis-serjetà għas-sejħa għall-perfezzjoni. Fil-każ tagħhom, id-dmir li jħabirku għall-qdusija, mhux mibni biss fuq il-Magħmudija li tagħmilna membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, iżda wkoll fuq is-sagrament ta' l-Ordni Sagri u fuq il-fatt, li huma għandhom jirrappreżentaw lil Kristu fost il-fidili.

Il-P.O. mhux biss jinsisti dwar dan l-obbligu li jaspiraw għall-perfezzjoni, iżda jsemmi wkoll il-virtujiet meħtieġa fis-saċerdoti u l-mezzi li bihom tista' tinkiseb il-qdusija.

Nistgħu nikkonkludu b'osservazzjoni magħmula minn Mons. Enrico Bartoletti (pag. 60). Huwa mertu tal-Konċilju Vatikan II, li rabat flimkien f'għaqda sħiħa l-konsagrazzjoni u l-missjoni fil-livelli kollha tal-ministeru, inkluži dawk ta' l-isqof u tal-presbiteri; u b'dan il-mod ġiet superata l-oppożizzjoni apparenti bejn l-ontoloġija tas-saċerdozju u l-funzjonijiet saċerdotali. Fi kliem ieħor, fil-ħajja tal-isqof u tal-presbiteru, il-konsagrazzjoni hija ntiża għall-missjoni li hija afdata lilhom u fit-twettiq ta' din il-missjoni, li huma jgħixu u jagħmlu attwali l-konsagrazzjoni tagħhom.

Ir-riflessjoni dwar il-C.D. u P.O. għandha tiswa għall-inqas sabiex tgħinna ħalli nġeddu fil-fidi, is-sens tas-saċerdozju, u nifhmu aħjar il-fundament tiegħu li huwa Kristu, kif ukoll l-iskop tiegħu, li huwa l-glorja t'Alla l-Missier. Iżda din il-glorja tingħata tabilħaqq meta "il-bnedmin, b'għajnejhom miftuħa, bil-libertà, u b'radd ta' ħajr jilqgħu fihom infushom l-opra t'Alla mitmuma fi Kristu u jagħmluha tidher fil-ħajja kollha tagħhom." (P.O. 2).

(Diskors fl-Istitut Kattoliku 11-5-83).

ID-DAGĦA U Ċ-ĊAĦDA T'ALLA

Xtaqt, qabel xejn, nirrakkontalkom fil-qosor, ġrajja vera li twettqet ftit xhur ilu, f'wieħed mill-irħula tal-gżejjer tagħna. Ċertu żagħżugħ, bħall-iben il-ħali tal-parabbola, għadda xi snin f'art imbegħda, fejn iltaqa' ma' kollox, iżda meta ġie lura, ma kellux indiema bħal dak l-ieħor; kellu biss fehmiet imċajpra u qalb imħassra. Lejla waħda, kien jilgħab bħas-soltu f'ħanut tax-xorb. F'ħin

minnhom, telgħalu u ġibed waħda goffa b'Alla. Inzerta li fl-istess ħanut, kien hemm raġel ta' l-affari tiegħu, u minnufih qabeż biex iwissih: "Għaliex qiegħed tidgħi b'Alla? — staqsieh dak ir-raġel; — x'deni qatt għamillek Alla?" "X'inhu dan Alla?" — wieġeb b'mistoqsija arroganti ż-żagħżugħ — "u jekk Alla ma jeżistix ħlief fil-fantasija tagħkom, min jista' jindaħalli nsemmihx jew le?"

Għal dan il-kliem bla għaqal, dak ir-raġel ma baqax sieket u liż-żagħżugħ ma ħalliehx b'xejn. Għamillu lezzjoni kif imiss mhux biss fuq l-eżistenza t'Alla, imma wkoll fuq il-frugħa tal-bniedem, li jidhirlu li jista' jgħaddi mingħajr Alla. Urieh ċar u tond, u b'ħafna eżempji, kif il-bniedem ma jistax jerfa' rasu u jeħodha kontra s-sema, għax ħin bla waqt jista' jieħu tisbita kbira u mbagħad huwa nnifsu jiftaħ għajnejh u jħoss b'idejh kemm jiddependi minn Alla.

Hemm dubju, jekk dak iż-żagħżugħ tkellimx kif tkellem, għax ried jitkessaħ jew għax kien jaħseb tabilħaqq li Alla ma jeżistix, jiġifieri għax kien ateista konvint. Madankollu, xorta waħda, ġrajja bħal din ta' min jirrifletti fuqha u ta' min jagħmel ċerti mistoqsijiet. Ta' min jistaqsi, per eżempju, "Għaliex isir id-dagħa? Xi skop jista' jkollu li jidgħi b'Alla, min jistqarr li ma jemminx fih? U dawk li jemmnu fih, għaliex xi drabi jidgħu huma wkoll? Imbagħad, dawk li jriduha ta' nsara, għaliex minn xi daqqiet, jibqgħu ndifferenti, ma jagħmlu ebda reazzjoni quddiem min jidgħi, ma jieħdu ebda pass biex jikkorieġu bil-prudenza u bil-karità lid-dagħajja?"

Nibdew billi nippruvaw nifhmu ftit aħjar, jir-rabta li hemm bejn id-dagħa b'Alla jew bil-ħwejjeġ qaddisa u ċ-ċaħda t'Alla jew l-ateiżmu. Huwa fatt li

fid-dinja tal-lum jeżisti l-ateiżmu; saħansitra l-Konċilju Vatikan II, fil-kostituzzjoni Gaudium et Spes nn 19-21, isemmi dan il-fenomenu. Ma nistgħux niċħdu li anke f'pajjiżna, xi wħud, għall-inqas bil-kliem, jaslu biex jistqarru li ma jemmnux b'Alla, bħal dak iż-żagħżugħ li semmejna fil-bidu. Mhux hawnhekk, il-post u l-ħin, li noqogħdu niflu kif u meta beda l-ateiżmu jew kemm-il sura seta' kellu matul il-kors tas-sekli. Iżda ma nistgħux ma nsemmux l-ateiżmu li qed jixtered illum fl-Ewropa u fil-kontinenti l-oħra tad-dinja.

Ta' min jinnota però, li din il-mewġa ta' mentalità ateistika, ma ġietx ħabta u sabta; hejjiet it-triq għaliha, mentalità oħra, ta' xi nies li kellhom influwenza kbira fi Franza„qrib it-tmiem tas-seklu l-ieħor. Skond l-opinjoni ta' dawn in-nies u min jifhimha bħalhom, ir-reliġjon hija ħaġa privata, għandha x'taqsam biss mal-kuxjenza tal-individwu. Allura ma jifdalx post għal Alla u għar-reliġjon fil-ħajja tas-soċjetà u fl-istituzzjonijiet pubbliċi; dawn iridu jkunu newtrali fejn għandha x'taqsam ir-reliġjon u mingħajr Alla. Jekk jiddeċiedi li jgħix ħajja reliġjuża, l-individwu huwa mħolli fil-libertà li jiftaħ qalbu għal Alla, iżda dan m'għandux ikollu ebda importanza fil-ħajja u fil-kultura tal-poplu bħala poplu.

Pass wara l-ieħor,u minħabba diversi fatturi, li ma nistgħux noqogħdu nanalizzaw wieħed wieħed, qabdet l-art sewwa u ssaħħet ħafna fi żminijietna, dik li nistgħu nsejħulha, l-aġħar forma ta' ateiżmu. Dan l-ateiżmu jiċħad fil-beraħ l-eżistenza t'Alla, iżda jasal saħansitra biex jikkumbatti l-istess ideja t'Alla u kull għamla ta' reliġjon, għaliex iqishom bħala ħwejjeġ li joppримu lill-bniedem u li jfixkluh fil-mixja tiegħu lejn il-libertà u l-progress. Fil-

preġudizzju tiegħu kontra r-reliġjon, l-ateiżmu modern jispjegaha bħala frott ta' l-immaġinazzjoni, isejħilha "oppju tal-poplu" u jilmaħ fiha aljenazzjoni tal-bniedem, li ma tħallihx igawdi l-awtonomija tiegħu, bħala dak li waħdu għandu jkun padrun tiegħu nnifsu u tan-natura.

Dawk li jħaddnu dan l-ateiżmu modern, għad li jiċħdu lil Alla, ħafna drabi ma jsibuhiex bi tqila li jidgħu bih u li jżebilħuh bil-kliem u bil-kitba. Għall-ewwel tidher ħaġa assurda li min ma jemminx f'Alla, jidgħi kontra tiegħu, għaliex trid tkun mitluf minn sensik biex tinsolenta persuna li taf jew taħseb bis-serjetà li ma teżistix. Iżda d-dagħa li jlissnu u jtennu l-ateisti jista' jkollu żewġ spjegazzjonijiet, huwa sintomu li jista' jindika dak li jkollhom moħbi f'qalbhom.

L-ewwelnett, l-ateisti, għad li bil-kliem u espliċitament, jiċħdu 'l Alla, iżda impliċitament u għall-inqas xi wħud minnhom, jibqgħu dejjem ftit jew wisq itturmentati mid-dubju li jtambar fil-moħħ tagħhom: "U jekk Alla jeżisti! Jekk teżisti dinja oħra?!" Dubju bħal dan ma jistax ikun li ma jinkwetahomx u mhux kull bniedem għandu kuraġġ biżżejjed biex jaffronta dan id-dubju u jsib soluzzjoni għalih. Għalhekk, xi wħud minnhom jippreferu li dan il-ħsieb jirremovuh minn moħħhom u jsakkruh tajjeb fis-subkonxju tagħhom u minn għalihom li ser jirnexxilhom jagħmlu dan jekk jidgħu u jżebilħu 'l Alla.

Spjegazzjoni oħra għaliex jidgħu dawk li ma jemmnux b'Alla, tista' tkun li huma jinqdew bid-dagħa u biż-żeblih t'Alla, sabiex joħolqu kumpless ta' inferjorità f'min għandu sentimenti reliġjuż. Jużaw din l-arma sabiex jipprovaw jifgaw

saħansitra l-ideja t'Alla minn moħħ dawk li għadhom jemmnu.

Il-konsegwenzi li jġib miegħu dan l-għan dijaboliku huma evidenti, u diġà qegħdin jinħassu f'xi pajjiżi. F'dan il-kuntest, tista' tkun ta' twissija serja għal kulħadd, l-osservazzjoni li għamel darba l-Papa Luciani, meta kien għadu patrijarka ta' Venezja: "Qed isir ħafna diskors dwar it-terroriżmu b'rabtiet internazzjonali, dwar l-istrutturi statali li ddagħjfu, dwar il-maġistratura politiċizzata, dwar l-iskola li nqalbet ta' taħt fuq, dwar ir-riforma talħabsijiet li ma twettqetx, dwar il-qgħad li qed jikber u dwar fenomeni oħra ekonomiċi u soċjali. Kollha raġunamenti sbieħ, iżda għandhom imorru iktar fil-bogħod. U iktar fil-bogħoḍ hemm Alla u hemm il-liġi tiegħu mogħtija lilna mhux biex joqgħod aħjar hu, iżda għall-vantaġġ tagħna. Iżda x'jiġri jekk għall-kuntrarju, tqaċċtu 'l Alla mill-qalb talbniedem? Jekk tgħidu lit-tfal li d-dnub huwa ħrafa li ivventawha n-nanniet biex iżommuhom kwieti? Jekk tistampaw kotba li jwarrbu fil-ġenb lil Alla u jiddisprezzaw l-awtorità? Toqogħdux imbagħad tistagħġbu, bil-ħerba li qed issir madwarkom." (Pro Fratribus — Ottobre 1978, pag. 6).

F'dawk li jemmnu f'Alla, imbagħad, il-vizzju tad-dagħa mhux biss huwa għemil stupidu, iżda huwa wkoll abbuż kbir tad-doni t'Alla u jistħoqqlu għalhekk l-istmerrija ta' kulħadd.

Hija ħaġa ta' l-iskantament kif xi nsara, f'telfa ta' ġenn, jaslu biex jinsultaw bid-dagħa tagħhom lil Dak stess li huma jaduraw. Meta jkunu f'sikkithom jistqarru li Alla huwa immens fil-kobor u fil-majestà tiegħu u meta jitlagħlhom f'mument wieħed iwaddbu kontra tiegħu kull xorta ta' kliem inġurjuż.

Jafu li Alla huwa fuq kulħadd u li ħadd ma jista' xejn kontra tiegħu, iżda frattant iħebbu kontrih. Bil-fors li wieħed ikun mingħajr għaqal biex iġib ruħu b'dan il-mod.

In-nisrani li jidgħi, huwa bniedem ingrat li flok ma jrodd ħajr lil Alla tat-tajjeb kollu li rċieva minn għandu, jinqeda bl-istess doni t'Alla biex jeħodha kontra min tahomlu. Id-dagħaj, jinqeda ħażin biddon ta' l-ilsien u tal-kelma li tah Alla, biex flok ma jfaħħru jżebilħu. Jabbuża wkoll mid-don tal-fidi, li bih tgħallem il-misteri mqaddsa, rivelati minn Alla u flok ma jimxi 'l quddiem fil-qdusija kif titlob minnu l-fidi tiegħu, imaqdar persuni u ħwejjeġ l-iktar għeżież, bħal ma huma Kristu, l-Ewkaristija, il-Madonna u l-Qaddisin. Fuq kollox, id-dagħaj jagħti skandlu lil bnedmin oħra, anke lil dawk li ma għandhomx ix-xorti li jistqarru l-istess twemmin tagħna. Possibbli d-dagħajja, ma jirriflettu qatt fuq il-kruha tal-vizzju tagħhom? Qatt ma jidħlu daħla fihom infushom u jaraw x'ser jagħmlu biex iqaċċtu l-ktajjen ta' din id-drawwa mishuta li għandhom?

B'dispjaċir kbir tiegħi, ikolli nammetti li d-dagħa huwa diżunur tagħna l-Maltin u l-Għawdxin, diżunur u għajb li nġorruh magħna kull fejn immorru li jiġi innotat kull fejn jinstema' jidwi l-ilsien Malti. Miskina l-lingwa tagħna, li ħafna minn ħutna ta' hawnhekk u ta' barra, jinqdew biha sabiex jidgħu b'Alla. Dik il-lingwa li mill-pinna tal-Professur Saydon, xandritilna l-kelma t'Alla biex nistgħu nifhmuha aħjar, mill-moħħ u mill-qalb ta' Dun Karm Psaila u ta' poeti oħra Maltin, ħarġet tgelgel safja u sabiħa fi vrus mirquma biex tfaħħar 'l-Alla u 'l-qaddisin, minn xofftejn u mill-kitba ta' Dun Ġorġ Preca, instemgħet fis-sempliċità tagħha, kollha ħlewwa u qawwa biex tfissrilna l-messaġġ li

jsalvana, dik l-istess lingwa waqgħet hekk fil-baxx li tinstema' tkarwat bħal raġħda tfawwar minn fomm id-dagħajja ta' artna u xi drabi wkoll fil-kitba ta' xi nies sfaċċati, li għandhom l-ardir jinsultaw lil Alla.

Neqirdu d-Dagħa

Nistgħu aħna nibqgħu bi kwietna, meta nafu b'danakollu? U x'għandu jkun l-atteġġjament ta' dawk li jridu jgħixu kif imiss il-ħajja nisranija? Jekk ikun hemm ħruq, kulħadd imidd idejh biex in-nar ma jkomplix jinfirex. Jekk tfaqqa' epidemija, kulħadd jara x'jagħmel biex ma jitteħidx hu u wliedu minn din il-marda. Jeħtieġ li nieħdu l-passi kollha preventivi u kurattivi biex neqirdu d-dagħa mid-djar, mill-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment, mit-toroq u mill-pjazez. Fl-aħħar mill-aħħar, din mhix ħaġa oħra ħlief ħidma ta' ekoloġija morali u spiritwali kif ukoll sforz ġenwin ta' edukazzjoni tal-poplu. Jeħtieġ li nżommu pajjiżna nadif mhux biss mill-ħmieġ li jġib il-mard tal-ġisem, iżda wkoll mill-vizzji li jġibu ħerba fil-ħajja tar-ruħ. Jeħtieġ li n-nies kollha ta' pajjiżna jkunu edukati biżżejjed u jidraw jirrispettaw is-sentimenti reliġjużi ta' l-oħrajn, anke meta huma ma jkunux jaqblu f'kollox mal-opinjonijiet u fehmiet tagħhom.

Iżda din il-ħidma li biha nikkumbattu l-mishut dagħa, għad li hemm bżonnha, imma weħidha ma hix biżżejjed. Barra mill-aspett negattiv, id-dmirijiet tan-nisrani lejn Alla fihom ukoll aspett pożittiv. In-nisrani awtentiku ma jikkuntentax ruħu biss billi jevita d-dagħa u jipprova jikkorieġi bil-prudenza u bil-karità lil min jidgħi. In-nisrani awtentiku jirrikonoxxi dejjem u kullimkien il-jeddijiet li għandu Alla, jiddefendihom fil-berah u jsibha ħaġa l-iktar naturali li waħdu jew flimkien ma' l-oħrajn

iħoll ilsienu biex ifaħħar l-isem qaddis ta' Alla.

Bħala xempju biex ifassal fuqu l-imġieba tiegħu, in-nisrani għandu lill-Imqaddsa Verġni Marija. Fiż-żjara tagħha lil qaribtha, hija fissret bi kliem imħeġġeġ, il-ħsibijiet u x-xewqat li kienu jiddominaw f'moħħha u f'qalbha, tul ħajjitha kollha, faħħret il-kobor, il-qawwa u l-ħniena tal-Mulej u stqarret li "Qaddis hu l-isem tiegħu".

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, li llum qegħda tiċċelebra l-Ġublew tad-Deheb tal-Kungress tagħha, kienet sa mill-bidu ispirata minn dan l-idejal qaddis, jiġifieri li fil-waqt li tnaqqas l-offiżi li jsiru bid-dagħa lil Alla, tħeġġeġ lill-poplu nisrani biex jiddefendi bla biża' d-drittijiet t'Alla u jxandar ma' kullimkien it-tifħir tiegħu. Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes illum għal darb'oħra tistedinna lilna lkoll biex nagħtu widen bis-serjetà għall-messaġġ tagħha, li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-istess wieħed li l-Knisja ta' Kristu tipprova twassal lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Dan il-messaġġ "mhux talli ma jnaqqas xejn lill-bniedem, imma kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II jagħtih dawl, ħajja u libertà għall-progress tiegħu; u barra minn dan il-messaġġ xejn ma jiswa biex jissodisfa qalb il-bniedem, għax kif igħid Sant'Wistin, "Għamiltna għalik, o Mulej, u qalbna m'għandhiex kwiet sakemm ma tistrieħx fik." (Cfr Gaudium et Spes, n. 21).

(Diskors tal-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, 22-5-83).

IL-FIDWA FIT-TAGĦLIM TA' SAN PAWL

Il-bniedem jeħtieġ is-Salvazzjoni

Il-bniedem huwa misteru; jista' jogħla sa l-aqwa quċċata tal-perfezzjoni; jista' wkoll jinżel f'qiegħ

dagħbien, ta' dnubiet u ta' vizzji. Issa din il-verità dwar il-bniedem u l-istat ta' miżerja illi jista' jsib ruħu fih, forsi ħadd ma għarafhom daqshekk tajjeb daqskemm għarafhom l-Appostlu Missierna San Pawl.

Difatti fl-ittra tiegħu lir-Rumani, li nistgħu nsejħulha l-kapolavur ta' San Pawl, huwa jgħidilna: "Il-bnedmin kollha dinbu u huma neqsin mill-glorja t'Alla". Ma jagħmilx eċċezzjonijiet San Pawl. Igħidilna dik is-sentenza universali — "Omnes" — kollha kemm huma. Huwa wasal għal din il-konklużjoni meta għamel analiżi tas-sitwazzjoni kemm ta' dawk li huma membri tal-Poplu t'Alla, i.e. il-Poplu Lhudi, kif ukoll ta' dawk li huma pagani. Fl-istess ittra, San Pawl igħidilna li l-pagani għad illi mżejnin bid-dawl tar-raġuni imma ma rnexxilhomx li mill-ħlejjaq, jaslu biex jindunaw li hemm Ħallieq wieħed u jagħtuh kif imiss il-qima li tistħoqqlu. Għan-nies ta' ġensu, imbagħad, għal-Lhud, San Pawl igħidilna illi għad li kellhom il-liġi u għad li kienu jafu x'inhu t-tajjeb, imma mbagħad ma kellhomx il-qawwa, biex dan it-tajjeb iwettquh fil-ħajja tagħhom, u għalhekk, bil-liġi b'kollox, huma wkoll offendew lil Alla.

Għalhekk San Pawl, sa minn kmieni, sa minn żogħżitu, ħass il-ħtieġa ta' dik li jgħidulha s-**"Soterija"**, il-ħtieġa tas-Salvazzjoni. Il-bnedmin jeħtieġu xi ħadd li jsalvahom. Hemm bżonn qawwa li mhix umana, qawwa li mhix ġejja mill-bniedem biex tkun tista' lill-bniedem terfgħu mill-miżerja spiritwali li fiha kien jinsab, teħilsu minn taħt il-jasar tad-dnubiet.

Sawlu għall-ewwel kien ifittex din is-soterija fl-osservanza tal-liġi ta' missirijietu, fl-osservanza tar-reliġjon Mosaica. Huwa kien Fariżew imħeġġeġ,

anzi nistgħu ngħidu skrupluż biex iwettaq eżattament dak li ordna Mosè fil-liġi tiegħu, u mhux biss, imma kien ukoll mimli mibegħda u għadab kontra kull min iżeblaħ jew jonqos fxi ħaġa minn din il-liġi ta' Mosè. Sawlu mela fittex is-soterija, is-salvazzjoni, il-ħlusija, mill-kundizzjoni tiegħu bħala midneb fl-osservanza tal-liġi ta' missirijietu. Imma ma sabhiex hemm.

Kristu Feddej ta' kulħadd —
Pawlu Appostlu tal-Ġnus

Is-salvazzjoni Sawlu sabha fit-triq ta' Damasku meta deherlu Kristu u mbagħad meta Sawlu staqsieh, "Mulej, x'għandi nagħmel?", Kristu bagħtu għand Ananija, li tah id-dawl meħtieġ u tah ukoll il-Magħmudija.

U Sawlu minn dak il-jum 'il quddiem intebaħ illi s-salvazzjoni tiegħu u tal-bnedmin l-oħra tiddependi minn Kristu. Sawlu beda jaħseb fuq Kristu, jitkellem fuq Kristu, hekk illi nistgħu ngħidu illi dawn iż-żewġ ħajjiet, il-ħajja ta' Pawlu u ta' Kristu, ġew minsuġin flimkien u saru ħaġa waħda. Dan l-istess ħsieb ifissirulna d-duttur tal-Knisja San Ġwann Krisostmu meta jgħidilna: "Cor Pauli cor Christi" — "il-qalb ta' Pawlu kienet il-qalb ta' Kristu". Kienu marbutin flimkien dawn iż-żewġt iqlub; iħabbtu taħbita waħda.

Issa kif il-qalb ta' Kristu għandha għatx kbir biex issalva l-erwieħ, hekk ukoll il-qalb ta' Pawlu, wara li skopriet lil Ġesù, wara li sabet is-salvazzjoni għaliha nnifisha, imtliet bl-istess entużjażmu, bl-istess ħeġġa biex issalva l-erwieħ.

U kif il-pjan ta' Kristu għas-salvazzjoni huwa pjan universali, pjan li għandu jilħaq lill-bnedmin kollha, mingħajr diskriminazzjoni, hekk ukoll

Pawlu, ma kkuntentax biss li jkun Appostlu ta' ġensu, imma ried isir skond il-pjan t'Alla, **Appostlu tal-Ġnus,** kollha kemm huma.

Jiġifieri, ma nistgħux aħna nifhmu l-apostolat ta' Pawlu, id-dinamiżmu tal-ħajja tiegħu, jekk aħna ma nifhmux din il-psikoloġija ta' San Pawl, dan il-bniedem li nbidel. Qabel kien ipoġġi t-tama tiegħu kollha fil-fidwa li huwa ħaseb li ġejja mil-liġi, imbagħad bidel totalment il-fiduċja, u poġġiha kollha kemm hi fi Kristu.

Pawlu sar Appostlu tal-ġnus, u Pawlu wkoll bħal Kristu, beda juża l-metodu apostoliku, il-metodu li uża Kristu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Difatti x'għamel Ġesù biex isalva lill-bnedmin? Hu li kien l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna, inkarna. Din il-kelma "Inkarnazzjoni" tfisser mhux biss illi Kristu ħa ruħ bħal tagħna l-bnedmin, ġisem bħal tagħna l-bnedmin, intelliġenza bħal tagħna l-bnedmin, rieda kif għandna aħna; Kristu li kien Alla, libes ukoll din in-natura tagħna l-bnedmin. Imma l-inkarnazzjoni tfisser aktar. Tfisser li Kristu tħallat mal-bnedmin, daħal fil-kors ta' l-istorja tal-bnedmin, beda jitkellem bħalhom, beda jagħmilha magħhom, beda juża l-istess sistemi li jużaw huma u għalhekk l-awtur tal-ittra tal-Lhud, iġħidilna li Kristu kien f'kollox bħalna barra mid-dnub. Dan huwa l-**prinċipju ta' l-Inkarnazzjoni** u dan huwa wkoll il-**prinċipju ta' l-apostolat**; illi min irid isalva l-erwieħ jeħtieġ li jsir jixbahhom, jagħmilha magħhom, joqrob lejhom, u jieħu minnhom dak kollu li jista' jkun ta' utilità fl-apostolat, jiġifieri kollox barra mid-dnub.

U għalhekk aħna nisimgħu lill-Appostlu Missierna fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin

iġħidilna: "Jiena sirt kollox għal kulħadd". U għalfejn dan kollu? "Biex nista' nsalvahom". Mela, l-enerġija li kienet tmexxi lil Sawlu f'kull għemil u f'kull azzjoni minn tiegħu kienet proprju din ix-xewqa li jsalva l-erwieħ, l-istess xewqa li kienet tiddomina fil-Qalb ta' Kristu, li biex isalva l-erwieħ sar kollox għal kulħadd.

"Malti mal-Maltin"

Allura, għal San Pawl, ma kienx għad fadal iktar differenza bejn Griegi u Lhud, bejn dawk li ħadu ċ-ċirkunċiżjoni u dawk li ma ħaduhiex, bejn irġiel u nisa, għorrief u injoranti, imma sar kollox għal kulħadd. Grieg mal-Grieg, Lhudi mal-Lhud, u nistgħu ngħidu anke sar Malti mal-Maltin. Għalhekk meta San Pawl fil-pjan tal-providenza ġie mitfugħ b'tempesta qalila fuq ix-xtut tal-gżejjer tagħna, nistgħu ngħidu li Pawlu ħa wkoll iċ-ċittadinanza Maltija — għaliex dan kien l-istil tal-apostolat tiegħu, din kienet is-sistema tiegħu, li jsir kollox għal kulħadd, u allura sar Malti anke meta wasal hawnhekk fostna l-Maltin.

Il-Maltin li ltaqa' magħhom f'xatt il-baħar wara li ħeles mill-għarqa, kif isejħilhom San Luqa, kienu Barbaros, jiġifieri la kellhom kultura Latina u lanqas Griega, u għalhekk San Pawl jitkellem magħhom bil-Latin jew bil-Grieg li kien jaf hu, imma xorta waħda fehmuh, xorta waħda ndiehes magħhom, xorta waħda ħassewh bħala wieħed minn fosthom.

Difatti, kif josservalna anke San Ġwann Krisostmu, il-Maltin mingħajr ma qagħdu jaraw jekk kienux ħabsin jew le, lil dawk li ħelsu mill-għarqa ġiethom ħniena minnhom, għożżewhom bħala bnedmin bħalhom, u qabbdulhom il-

ħuġġieġa, biex ikunu jistgħu jtaffu l-kesħa taxxitwa.

Il-Maltin l-ewwel ħasbu li San Pawl kien xi bniedem ħażin u għalhekk attakkatu l-lifa, imma mbagħad meta raw li ma ġralu xejn, biddlu minnufih il-ħsieb tagħhom u ħasbuh li kien xi alla.

San Pawl intebaħ b'dan kollu. Għad li ma fehemx il-kliem tagħhom, imma hu li kellu ċerta psikolol̇ġija tal-bnedmin, intebaħ mill-ħarsa tagħhom, mill-bixra ta' wiċċhom, illi l-ewwel kienu qegħdin jiġġudikawh kriminali, imma mbagħad bdew jiġġudikawh bħala xi ħadd aqwa mill-bnedmin, xi ħadd ġej mis-sema. Din mhix l-ewwel darba li ġrat fil-ħajja ta' San Pawl, għax anke f'xi bliet tal-Greċja, ħasbuh xí wieħed mill-allat.

Imma Pawlu nqeda proprju b'dik is-sitwazzjoni biex ikun jista' jindiehes magħhom u jwasslilhom il-messaġġ tiegħu ta' salvazzjoni.

Il-messaġġ, Pawlu wasslu mhux biss mal-Maltin li laqgħuh f'xatt il-baħar, imma anke lil Publiju, kap tal-gżira, għaliex ir-reliġjon nisranija hija miftuħa għal kulħadd. Għalhekk Pawlu ma tmeżmiżx illi jmur fid-dar ta' Publiju, il-kap tal-gżira, ma sabiex bi tqila illi l-ewwel miraklu tiegħu ta' fejqan tiegħu fostna joprah proprju mal-missier tal-prinċep ta' dawn il-gżejjer.

Pawlu kellu f'qalbu wkoll imħabba speċjali lejn il-morda. Difatti jgħidilna "Mad-dgħajfin jiena sirt dgħajjef". U min hu dgħajjef iktar mill-morda? Kif igħidilna l-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, San Pawl beda jfejjaq il-morda tal-gżira. Għalhekk mela ma kenitx kelma vojta dik li qal San Pawl "sirt kollox għal kulħadd". Tħallat man-nies komuni li laqgħuh

fuq xatt il-baħar, iltaqa' mal-kapijiet tal-gżira u tkellem magħhom, dar ukoll fost il-morda u wasslilhom il-fejqan.

Imma x'kien l-iskop ta' San Pawl? X'kien il-għan tiegħu? Għalfejn ried illi huwa jkun daqshekk qrib lejna? Jidħol fostna, jagħmilha ma' niesna? L-iskop huwa dejjem wieħed "biex ikun jista' jsalvahom".

Xandâr ta' Kristu Feddej

Issa San Luqa, l-awtur tal-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, fil-waqt li jinżel fid-dettalji kollha, dwar dak li ġara matul it-tempesta u kif żvolġiet ruħha l-għarqa, kif il-ġifen ħabat mal-blat, igħidilna wkoll ċerti dettalji dwar il-laqgħa f'xatt il-baħar li l-Maltin għamlu lil Pawlu, u kif ukoll qabel ma telaq taw lilu u lil sħabu dak kollu li kellhom bżonn, imma mbagħad aħna nosservaw silenzju dwar il-qagħada ta' San Pawl f'Malta. San Luqa la jgħidilna li San Pawl ippriedka lill-Maltin u lanqas igħidilna x'kien il-messaġġ li ppriedkalhom, u lanqas igħidilna jekk għammidhomx jew le. Il-ktieb ta' l-atti ta' l-appostli dawn l-affarijiet, għad li huma tant importanti, ma jsemmihomx.

Però, kif josserva wieħed mill-kummentaturi, irid ikun wieħed li ma jaf xejn fuq San Pawl biex jaħseb u jimmaġina illi seta' ġara li San Pawl dam tliet xhur fuq Malta u ma ppriedkax u ma għallimx ir-reliġjon nisranija. Inkunu qegħdin nagħmlu għajb l-iktar kbir lill-Appostlu tal-Ġnus jekk naħsbu li huwa, meta sab ruħu mdawwar b'dawk in-nies, u nies hekk twajbin, lesti li jilqgħu l-kelma tiegħu, u hu ma qalilhom xejn fuq Alla u fuq Kristu. San Pawl illi ġewwa Atene ndiehes u baqa' dieħel saħansitra ġewwa l-post fejn kienu jiltaqgħu l-għorrief, u għad

illi dawn kienu nies suppervi u mimlijin bihom infushom u bl-għerf li kellhom, mar quddiemhom u kellimhom. Ma qagħadx jikkonfondi li jistgħu jwaqqgħuh għaċ-ċajt kif tabilħaqq għamlu, imma peress illi kellu dik il-ħeġġa apostolika deher ukoll quddiemhom. Allura kif jista' qatt ikun possibbli li Pawlu jkun fost il-Maltin u ma jaħtafx din l-okkażjoni, biex jispjegalhom dwar Alla, dwar Kristu? Anke permezz ta' interpreti, permezz ta' nies li l-messaġġ tiegħu jkunu jistgħu jispjegawh lill-oħrajn!

Għalhekk ma nkunux nitbiegħdu mill-verità jekk aħna nassumu illi San Pawl xandar ir-reliġjon ta' Kristu ġewwa l-gżejjer tagħna. Anzi, anqas kien hemm bżonn li San Luqa jsemmielna dan il-fatt, il-għaliex din kienet ir-rutina ta' San Pawl, il-mod kif kien iġib ruħu kull fejn kien ikun.

Ta' min jistaqsi wkoll, imma x'għallimhom San Pawl lill-Maltin u l-Għawdxin? X'qalilhom? Liema kien il-messaġġ tiegħu? Anke San Luqa ma jgħidilna xejn. Imma jekk aħna nafu x'fihom l-ittri ta' San Pawl, aħna nistgħu nassumu li l-istess messaġġ Pawlin tal-ittri, ġie mogħti wkoll lil missirijietna.

Huwa daqsxejn diffiċli li tidħol fid-dettalji u tispjega t-tagħlim kollu li hemm miġbur fl-ittri ta' San Pawl. Però, kif josserva wieħed studjuż Ġermaniż, fl-ittri ta' San Pawl, is-sustanza hija din: il-bnedmin jeħtieġu s-salvazzjoni, u din is-salvazzjoni tiġi minn Kristu li miet għalina u ġie Rxuxtat, u din is-salvazzjoni tiġi minn Kristu biss. Għalhekk aħna għandna nassumu li San Pawl lil dawk il-Maltin li ltaqa' magħhom, kellimhom fuq Kristu, il-Kyrios, il-Mulej, il-ħakkiem ta' l-istorja. Kristu wkoll għad jiġi bħala mħallef fl-aħħar taż-żminijiet.

Għal San Pawl Kristu ma kienx xi persunaġġ storiku li ġie fid-dinja u mbagħad temm ħajtu fuq dina l-art u spiċċa kollox. Għal San Pawl Kristu għadu ħaj, għadu attiv. Fejn tinħass din il-preżenza, din l-attività divinissima minn tiegħu? Tinħass fil-komunità nisranija. Tinħass fil-Knisja. Għalhekk aħna ma nistgħux nifirdu minn xulxin il-Kristoloġija mill-Ekkleżjoloġija f'San Pawl. Għal San Pawl, Kristu u l-Knisja huma magħqudin b'ċertu mod illi ħadd ma jista' jifridhom, għax dan kien il-pjan ta' Alla nnifsu. Kristu huwa ħaj fil-Knisja, u l-Knisja ma għandhiex funzjoni oħra ħlief dik illi twassal lill-bnedmin għand Kristu u li minn għand Kristu ġġib il-grazzja u l-qdusija.

Il-Knisja mezz ta' salvazzjoni

San Pawl lill-Knisja jsejħilha d-Dar ta' Alla. Isejħilha wkoll il-Poplu ta' Alla, għaliex kif il-Poplu tat-Testment il-Qadim, il-Poplu Israelita kien poplu magħżul mill-Mulej, hekk dawk li jemmnu fi Kristu huma magħżulin minn Alla u fihom tidher il-qawwa tiegħu. San Pawl lill-Knisja jsejħilha l-Għarusa ta' Kristu, u proprju fuq din il-funzjoni tal-Knisja San Pawl jibni t-teoloġija tiegħu taż-żwieġ nisrani, għaliex ir-raġel u l-mara miżżewġin, kif igħidilna fl-ittra lill-Efesin, għandhom fil-ħajja tagħhom jirriflettu dik ir-relazzjoni ta' mħabba li hemm bejn Kristu u l-Knisja tiegħu. Jinħabbu flimkien, huma magħqudin għal dejjem. San Pawl saħansitra jasal biex isejjaħ lill-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu, għax Kristu, fid-dinja u matul il-kors taż-żminijiet, jinqeda bil-Knisja biex ikun jista' jwassal il-messaġġ tiegħu, il-preżenza tiegħu tkun tista' tinħass fost il-bnedmin.

Dan huwa mela l-messaġġ illi ħalla l-Appostlu Missierna lill-Maltin illi laqgħuh fil-gżira tagħhom.

Il-Magħmudija ta' Malta

Imbagħad, aħna għandna wkoll nassumu li huma rċivew il-Magħmudija, għaliex is-salvazzjoni ma tingħatax biss billi wieħed jisma' l-messaġġ, imma billi wieħed jaċċettah. Difatti, l-Atti ta' l-Appostli jgħidilna illi meta l-Appostli ħarġu fil-beraħ u bdew il-predikazzjoni tagħhom, ma kienux kuntenti li jagħmlu priedka, imma minnufih, wara t-taħdita tal-Appostli, ġew in-nies jistaqsuhom: "Aħna x'għandna nagħmlu biex nistgħu nsalvaw?" U l-Appostli minnufih kienu jgħidulhom, "Indmu, u rċievu l-Magħmudija". Allura għandna tassew nassumu li l-istess ġara Malta. Jekk l-Appostlu Missierna wassal il-messaġġ ta' Kristu, fisser il-Vanġelu tiegħu lill-Maltin, żgur li l-ħidma tiegħu ma ntemmitx hemmhekk, żgur illi huma bħan-nies ta' Ġerusalem, wara li semgħu l-kliem tal-Appostlu, "fehmu l-messaġġ tiegħu, marru ħdejh u staqsewh, 'Għidilna x'għandna nagħmlu biex ikollna s-salvazzjoni'." U dan kien il-mument ta' faraġ għall-qalb ta' Missierna San Pawl, meta huwa kellu x-xorti u l-okkażjoni illi jagħti din il-Magħmudija lill-ewlenin insara tal-gżejjer tagħna.

B'din il-Magħmudija, tasal is-salvazzjoni; imma tasal jekk aħna ngħixuha. Mhux biżżjed illi wieħed jagħmel dan is-sinjal li bih juri li huwa jaċċetta l-fidi ta' Kristu, imma mbagħad irid igħix ukoll skond din il-fidi ta' Kristu. U għalhekk tajjeb li aħna nifhmu illi l-**Magħmudija** li l-Appostlu Missierna San Pawl ta lil missirijietna, kienet **Patt, Allejanza, kuntratt li jibqa' għal dejjem.** Inġibu quddiem għajnejna dik l-Allejanza, li kien hemm bejn Alla u l-poplu tiegħu tal-Liġi l-Qadima. Meta dan il-Patt bejn Alla u l-Poplu kien jiġi ratifikat, permezz tas-sagrifiċċju. Bid-demm tal-vittmi kien

jiġi mraxxax il-poplu, u l-poplu kien iġedded l-intenzjoni tiegħu, li jrid josserva l-liġi t'Alla. Dak id-demm imraxxax fuq il-poplu kellu tifsira, illi issa bejn Alla u l-poplu tiegħu hemm relazzjoni, ġdida, donnu hemm rabta tad-demm bejn Alla u l-poplu; il-Poplu jista' jistenna minn Alla l-protezzjoni, kif l-ulied jistennew il-ħarsien mill-missier tagħhom, u Alla għandu jistenna minn dak il-poplu l-ubbidjenza u l-qima li tixraqlu.

Hekk ukoll il-Magħmudija ta' Malta; meta missirijietna ġew imgħammdin minn San Pawl, dak inhar twettqet ġrajja illi jgħaddu kemm igħaddu sekli u żminijiet, imma tibqa' dejjem ħajja, tibqa' dejjem rabta li tobbliga lilna u l-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-ġejjieni.

San Pawl — Missierna

San Pawl insejħulu Missierna, proprju għaliex tana l-Magħmudija, aħna tant qrobna lejh illi sirna qisna għandna demm wieħed. Insellmulu "Missierna" mhux sempliċement bħala titlu barrani; insejħulu "Missierna" għaliex kien strumentali f'idejn Alla biex aħna nistgħu nsibu l-Fidwa. Il-Magħmudija li l-Appostlu Missierna ta lill-Maltin, rabtitu magħna, imma fl-istess ħin, poġġiet fuq spallejna ċerta responsabiltà u ċerti obbligi. Jekk aħna nixtiequ nsibu s-salvazzjoni, kif xtaq jagħtihielna San Pawl, hemm bżonn li nistaqsu lilna nfusna: "Aħna qegħdin nirrispettaw jew le dan il-patt, din l-allejanza, li saret bejn missirijietna u l-Appostlu Missierna San Pawl?" Ta' min jagħmilha din il-mistoqsija: "Qegħdin neħduha bis-serjetà din il-għaqda, din ir-rabta, dan il-kuntratt, illi twettaq mijiet ta' snin ilu?"

Jiddependi jekk aħniex ngħożżu u napprezzaw

il-messaġġa ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Dan it-tagħlim reliġjuż li tana Pawlu għandu jkun għażiż għalina wisq iktar minn kwalunkwe monument li nistgħu nagħmlulu lill-Appostlu Pawlu. It-tagħlim li ħallielna l-Appostlu Missierna San Pawl għandu jkun għalina relikwija prezzjuża, relikwija ħajja, wisq aktar għażiż minn xi fdal tal-ġisem tiegħu.

Id-dmir tagħna llum

Kull ma għamel Pawlu mal-ġnus l-oħra u mal-ġens Malti għamlu biex jagħtina s-salvazzjoni fi Kristu. U din is-salvazzjoni fi Kristu ma tistax tingħata lilna jekk aħna ma jkollniex fidi, il-fidi li tiġi mis-smiegħ, is-smiegħ tal-kelma t'Alla li xandrilna Pawlu. Jeħtieġ li naċċettaw il-messaġġ ta' Pawlu. Dan hu l-impenn tagħna. Jekk irridu noħorġu ta' rġiel hemm bżonn illi l-kelma li taw missirijietna lill-Appostlu Missierna, aħna wliedhom, inżommuha, inħarsuha, nirrispettawha.

Nistaqsu għalhekk lilna nfusna, lil min qegħdin naduraw aħna? Lil Alla wieħed u veru illi għallimna fuqu San Pawl, jew qegħdin aħna noħolqu l-idoli tagħna? Lil liema Kristu qegħdin aħna nirrispettaw u nħobbu bħala Salvatur tagħna? Dak Kristu li fuqu kellimna l-Appostlu Missierna San Pawl, dak hu għalina s-Salvatur tagħna, li fih qegħda t-tama tagħna, jew inkella t-tama tagħna qegħdniha fil-bnedmin illi anke jekk aħna naħsbu li huma feddejja, il-fidwa li jġibulna tkun aktarx fidwa għal ftit żmien u limitata ħafna?

Il-Knisja illi Pawlu waqqaf f'dawn il-gżejjer u li dwarha għallimna, il-Knisja li Pawlu tant kien iħobb u li għaliha ddedika iżjed minn tletin sena ta' servizz mill-ħajja tiegħu, dik il-Knisja, aħna qegħdin ngħixu magħha u fiha, jew inkella bil-mod il-mod qegħdin

nitbiegħdu minnha; qegħdin inħallu min jagħwina u jbegħidna mill-Knisja ta' Kristu, il-Knisja vera, imwaqqfa mill-Imgħallem Divin tagħna?

Dan huwa mportanti: jekk aħna assimilajniex il-messaġġ ta' l-Appostlu Missierna, jekk aħniex inwettquh, u jekk aħniex nagħmlu kulma nistgħu biex ngħadduh ukoll lil uliedna; għax hekk u hekk biss nistgħu nsibu s-salvazzjoni għalina u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna.

Is-Sena tal-Fidwa

Aħna qegħdin fis-sena tal-Ġublew Imqaddes, il-Ġublew tar-Redenzjoni. Qegħdin infakkru jiġifieri dik il-ġrajja li biha Kristu fdiena minn dnubietna, għamilna wlied Alla, daħħalna fil-Knisja tiegħu. Tajjeb illi aħna din is-sena tar-Redenzjoni nistaqsu ftit lilna nfusna: Min wasslilna l-frott tar-redenzjoni ġewwa pajjiżna jekk mhux il-Kbir Appostlu Missierna San Pawl? u x'għandna nagħmlu aħna biex niksbu l-frott tar-Redenzjoni għalina? Naċċettaw il-messaġġ ta' Pawlu. Naċċettaw it-tagħlim ta' l-Appostlu Missierna. Naċċettaw mhux biss billi nemmnuh, imma anke billi ngħixuh fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Pawlu kien strument f'idejn Alla biex ir-rivelazzjoni nisranija titwassal sal-gżejjer tagħna. Għaddew is-sekli minn meta ġie Pawlu 'l hawn, u din ir-rivelazzjoni nisranija li ġabilna għal dan iż-żmien kollu, għal din il-medda tas-snin, mhux biss ma ġietx nieqsa, imma kompliet tikber, tiżviluppa u tiffjorixxi. Kristu u l-Knisja tiegħu sirna nafu bihom permezz tal-predikazzjoni ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, u hemm bżonn illi issa nirrikorru wkoll għand Pawlu sabiex huwa jqanqalna, iqajjimna min-ngħas tagħna, biex jurina kif għandna napprez-

zaw u ngħożżu dan it-teżor hekk kbir li ġabilna, il-messaġġ tal-fidi li għallem lil missirijietna.

Talba lil Pawlu

Għalhekk tajjeb li minn qalbna lill-Appostlu Missierna ngħidulu:

Ħares, o Pawlu, mis-sema, ara fuq rasna s-sħab iswed li jitfa' dalma fuq artijietna, dalma li hi kerha bħal dik li rajt int qabel ma ħbatt max-xtut tagħna.

Imma fl-aħħar mill-aħħar, fuq Alla m'hemm ħadd; ħadd ma jista' daqs is-sema. U inti Pawlu, inti bniedem t'Alla. Int għandek l-għerf t'Alla, ir-rivelazzjoni ta' Alla, għandek ukoll il-qawwa t'Alla, għax bit-talb tiegħek tista' tiksbilna l-grazzji li neħtieġu.

Għalhekk, Pawlu Missierna, dawwal il-moħħ tagħna biex inkunu nafu tabilħaqq fejn hija l-verità, qanqal il-qlub tagħna ħalli nħobbu u napprezzaw dak li tabilħaqq jista' jsalvana, biex aħna nkunu mhux ulied ta' l-isem imma veri wlied tiegħek, kif inti veru Missier tagħna. U b'hekk aħna nistgħu niksbu s-salvazzjoni, dik is-salvazzjoni li inti matul ħajtek, u li hemm fil-glorja tas-smewwiet għadek titlob biex aħna niksbuha.

Omelija fil-Munxar, 27-5-83.

IL-ĠENITURI HUMA L-EWWEL EDUKATURI

L-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, fis-7 ta' Diċembru, 1965, approvat dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni tal-idejali tal-Paċi fost iż-żgħażagħ. Il-prinċipju nru 6 ta' din id-dikjarazzjoni jgħid "A major aim in educating the young shall be

to develop all their faculties and to train them to acquire higher moral forces, to be deeply attached to the noble ideals of peace, liberty, the dignity and equality of all men, and imbued with respect and love for humanity, and its creative achievements. To this end, the family has an important role to play."

Dan ifisser li l-familja għandha missjoni importanti x'taqdi biex fit-tfal u fiż-żgħażagħ jinbet u jissawwar dan l-idejal għoli, jiġifieri l-formazzjoni għall-paċi fid-dinja.

Issa fi żmienna, ftit jew wisq, kulħadd jammetti li l-familja, jew biex ngħidu aħjar, il-ġenituri, għandhom missjoni x'jaqdu, f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ. Huwa ammess kważi minn kulħadd li l-ġenituri għandhom xi jeddijiet u xi dmirijiet fejn tidħol l-edukazzjoni ta' wliedhom. Iżda mbagħad meta wieħed jiġi biex jispjega iktar eżatt liema huma dawn il-jeddijiet u d-dmirijiet, il-għaliex u l-kif, għandhom iwettquhom il-ġenituri, nistgħu ngħidu li l-opinjonijiet jinqasmu f'żewġ teoriji diversi.

Min għandu l-ewwel dritt fuq it-tifel

Skond l-ewwel teorija, il-ġenituri għandhom bħala dritt naturali li jedukaw lil uliedhom. Dan mhux biss dritt, imma wkoll dmir, għax kien Alla stess li ried li dan ikun wieħed mill-iskopijiet taż-żwieġ — il-prokreazzjoni u l-edukazzjoni ta' l-ulied. Il-Konċilju Vatikan II igħallem "il-ġenituri għandhom l-ewwel dritt u dmir li huma wkoll dritt u dmir inaljenabbli, li jedukaw lil uliedhom". (Gravissimum Educationis).

Iżda t-tieni teorija tgħid li ma hemmx drittijiet tal-ġenituri (parental rights) li ġejjin min-natura,

iżda hija s-soċjetà li tafda parti mis-setgħat u l-jeddijiet tagħha, biex il-ġenituri f'isimha, irabbu lill-uliedhom.

A. Makerenko fil-ktieb tiegħu "Book for Parents" jikteb: "Our parents are not powerless, but their power is merely the reflection of the power of the community. The obbligation of the father towards his children is a particular form of his obligation to society. Society says, as it were, to the parents 'the state entrusts you with a certain measure of social power, but it expects you to train the future citizens in the right way'."

Allura, skond din it-tieni teorija hija l-komunità, is-soċjetà, rappreżentata fl-istat, illi tagħti xi setgħat lill-ġenituri, tikkonċedilhom jew tiddelegalhom ċerti setgħat biex huma jedukaw lil uliedhom.

Skond l-ewwel teorija, it-tifel jappartjeni għall-familja qabel ma jappartjeni għal xi soċjetà oħra, qabel ma jappartjeni għall-istat u qabel ma jappartjeni lill-Knisja (jekk ikun nisrani). Għax kull tifel meta jitwieled jibda l-ħajja tiegħu f'din id-dinja proprju fi ħdan il-familja.

Skond it-tieni teorija, it-tifel huwa tas-soċjetà aktar milli huwa tal-familja għaliex l-istess ġenituri huma membri tas-soċjetà, u għalhekk imiss lis-soċjetà li tagħtih edukazzjoni u tiddeċiedi dwar l-istruzzjoni u t-trobbija tiegħu.

Min għandu l-prijorità fl-edukazzjoni ta' l-ulied

Skond l-ewwel teorija, il-familja fl-edukazzjoni ta' l-ulied, għandha prijorità fuq is-soċjetà. Il-funzjoni tas-soċjetà fil-kamp edukattiv hija funzjoni supplementari — tkompli dak li ma tistax tagħmel

il-familja. Il-ġenituri ma jistgħux iwettqu l-edukazzjoni sħiħa ta' wliedhom; għalhekk għandu jkun hemm soċjetà bl-iskejjel tagħha, bil-mezzi l-oħra tagħha biex tgħin lill-ġenituri f'din il-ħidma edukattiva. Imma skond l-ewwel teorija, is-sehem li toffri s-soċjetà, is-sehem ta' l-istat, għandu jkun sehem supplementari li jwassal għall-milja dak li jonqos mill-edukazzjoni li tingħata fil-familja.

Skond it-tieni teorija, il-familja hija dik li tgħin lis-soċjetà biex tifforma ċittadini adatti. Il-missjoni tal-ġenituri hija dik li huma jkunu "engineers of personality" — li jhejju lil uliedhom biex meta jikbru jkunu jistgħu jiddedikaw ruħhom għas-servizz tas-soċjetà u jkunu jirraġunaw u jaħsbu kif tridhom jirraġunaw u jaħsbu din is-soċjetà li jgħixu fiha.

Min jiddeċiedi l-għamla ta' edukazzjoni

Skond l-ewwel teorija, il-ġenituri jiddeċiedu l-iskop li għandu jkollha l-edukazzjoni ta' wliedhom u li jagħżlu l-kwalità ta' edukazzjoni li tingħatalhom. F'din il-ħaġa tidher illi kienu jaqblu r-rappreżentanti tal-United Nations meta fl-Universal declarations of Human Rights tistqarr illi "parents have a prior right to choose the kind of education that shall be given to their children". (n. 26).

Imma skond it-tieni teorija hija s-soċjetà li tiddeċiedi l-għanijiet ta' l-edukazzjoni u anke fuq liema linji għandha titmexxa din l-edukazzjoni tat-tfal. Jekk it-trobbija ta' l-ulied ma taqbilx ma' l-esiġenzi u l-ħtiġijiet ta' l-Istat, dan għandu d-dmir illi jikkoreġi l-ġenituri u jekk ikun il-bżonn anke jieħu passi kontrihom.

Hemm differenza oħra bejn dawn iż-żewġ teoriji li qed insemmu. Skond l-ewwel teorija, l-iskejjel li jgħallmu t-tfal, kienu liema kienu dawn l-

iskejjel, jagħmlu dan ix-xogħol ta' tagħlim bissetgħa li ġiet delegata lilhom mill-ġenituri; qishom il-ġenituri ddelegaw parti mill-awtorità tagħhom stess lil dawn l-iskejjel. Għalhekk dawn l-istituzzjonijiet ta' tagħlim għandhom jirrispettaw ix-xewqat tal-ġenituri sa fejn hu possibbli, rigward l-edukazzjoni u t-trobbija li tingħata lill-ulied. Għalhekk f'dan il-każ, l-iskejjel huma l-kontinwazzjoni u l-perfezzjonament ta' dik l-edukazzjoni mibdija fi ħdan il-familja. Il-ġenituri jibqagħlhom iljedd illi ċerti deċiżjonijiet u ċerti għażliet rigward l-edukazzjoni ta' wliedhom jeħduhom huma.

Skond it-tieni teorija, l-Istat għandu dritt, kważi mingħajr ebda limiti, li jirregola l-edukazzjoni, li jimponi l-policies tiegħu, jaqblu u ma jaqblux il-ġenituri, iridu jew ma jridux dawk li jirrappreżentaw il-familja.

L-inizjattiva Libera

Skond l-ewwel teorija, għandu jibqa' spazju għall-inizjattiva libera tal-familja u ta' l-assoċjazzjonijiet. Tajjeb għalhekk li jkun hemm pluraliżmu fl-istituti ta' edukazzjoni — li jkun hemm skejjel diversi u l-ġenituri jkollhom tassew il-libertà talgħażla ta' l-iskejjel għal uliedhom.

Imma skond it-tieni teorija, l-edukazzjoni hija servizz pubbliku u għalhekk ma jkun ġara xejn ħażin jekk l-Istat jieħu kollox f'idejh, jissostitwixxi l-familji, jidħol hu flok il-familji, jinterfieri u jagħmel monopolju għalih fil-kamp edukattiv.

Żewġ Konklużjonijiet

Wara li rajna d-differenzi bejn dawn iż-żewġ teoriji, dawn iż-żewġ konklużjonijiet huma evidenti:

L-ewwelnett, dawn iż-żewġ teoriji huma tant opposti għal xulxin, li ma tantx jistgħu jiġu rikonċiljati flimkien. Bilfors wieħed irid jiddeċiedi favur waħda jew favur l-oħra; imma tlaqqagħhom flimkien u tieħu ftit minn waħda u ftit mill-oħra ma jidhirx li huwa possibbli.

It-tieni konklużjoni: it-tagħlim tal-Knisja jsegwi l-ħsieb tal-ewwel teorija u mhux tat-tieni waħda. Dan ifisser li skond it-tagħlim tal-Knisja, il-ġenituri għandhom il-jedd u d-dmir li jedukaw lil uliedhom huma nfishom u bil-għajnuna ta' ħaddieħor. Din il-funzjoni tibda mit-twelid ta' l-ulied u tibqa' sejra sakemm it-tfal jikbru u jsiru indipendenti.

Żvilupp integrali

Teduka lil uliedek ifisser li tieħu ħsieb l-iżvilupp **integrali** tagħhom, sakemm tiġi ffurmata fihom vera personalità. Allura l-ħidma edukattiva tal-ġenituri tinvolvi u tirrigwarda l-ewwel l-**iżvilupp fiżiku tat-tfal**. Il-ġenituri għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb issaħħa ta' wliedhom u jżommuhom 'il bogħod minn dak kollu li huwa ta' periklu għalihom.

Hemm ukoll l-iżvilupp intellettwali, it-tagħlim, jiġifieri dawk li huma fakultajiet spiritwali talbniedem bħalma huma l-intelliġenza u l-memorja.

Hemm l-iżvilupp affettiv, biex it-tfal jikbru f'ambjent fejn il-bnedmin jirrispettaw lil xulxin u hekk ikunu edukati wkoll meta jitgħallmu jikkontrollaw l-emozzjonijiet u jsawwru l-karattru tagħhom.

L-edukazzjoni tinvolvi wkoll il-ħsieb taliżvilupp morali — li fit-tifel jinħoloq sens ta' l-onestà, jiżviluppa dik il-lejltà lejn il-valuri morali li

għandhom imexxu l-ħajja tal-bniedem kemm fuq livell individwali kif ukoll fir-relazzjoni tiegħu ma' l-oħrajn.

Fl-aħħarnett, din l-edukazzjoni tal-familja tinkludi anke l-iżvilupp reliġjuż tat-tfal. Bħala nsara l-ġenituri għandhom jgħallmu lil uliedhom il-veritajiet tal-fidi nisranija u jressquhom għas-sagramenti tal-Knisja Kattolika.

Għalhekk l-edukazzjoni ma tikkonsistix biss li t-tifel jitgħallem lingwa jew xjenza. Skond it-tagħlim tal-Knisja Kattolika, u anke kif jifhmuha ħafna psikologi, l-edukazzjoni għandha tinkludi d-diversi aspetti tal-ħajja tal-bniedem, l-iżvilupp integrali tat-tifel jew tifla li jkunu qed jikbru.

It-tieni dmir li għandhom il-ġenituri nsara huwa dak li jikkollaboraw ma' l-iskejjel fejn ikunu qed jiġu edukati wliedhom. Fid-digriet tal-Konċilju Vatikan II, "Gravissimum Educationi", naqraw: "Il-Konċilju lill-insara jħeġġiġhom ukoll biex l-iktar permezz ta' l-għaqdiet tal-ġenituri jgħinu pożittivament u bla ma jehdew fil-ħidma kollha li ssir fl-iskejjel u b'mod speċjali fl-edukazzjoni morali li kull skola għandha tagħti." Hawnhekk, il-Konċilju mhux qiegħed jiddistingwi bejn skola kattolika u skola mhix kattolika jew inqas kattolika. Hawnhekk qed igħallem li l-ġenituri nsara, kull fejn jibagħtu lil uliedhom, li huma nsara wkoll, għandhom jikkollaboraw b'mod pożittiv speċjalment fl-edukazzjoni morali li kull skola għandha tagħti. Fuq kollox, il-ġenituri għandhom ikollhom din il-preokkupazzjoni: li l-fidi u l-moralità ta' wliedhom tibqa' sħiħa — kif igħallem il-Papa Piju XI fl-enċiklika "Divini Illius Magistri".

Dmir ieħor tal-ġenituri nsara huwa dak li

jsegwu lil uliedhom u jżommu ruħhom infurmati b'dak li wliedhom ikunu qegħdin jitgħallmu. U iktar ma jkun għoli l-livell ta' l-edukazzjoni tal-ġenituri, iktar huwa kbir l-obbligu tagħhom li huma jsegwu pass b'pass lil uliedhom fil-progress jew nuqqas ta' progress li jkunu qegħdin jagħmlu fl-iskola.

Il-ġenituri nsara għandhom jieħdu sehem attiv u responsabbli fl-inizjattivi li jiġu organizzati fl-iskejjel u li għalihom huma mistiedna l-ġenituri. Dak iċ-ċertu astensjoniżmu — li ċerti ġenituri ma jieħdu sehem qatt 'ċerti attivitajiet organizzati fl-iskejjel fejn hemm uliedhom, dan mhux sinjal pożittiv; imma juri nuqqas ta' responsabbiltà fil-ġenituri u jista' wkoll ikun ta' eżempju ħażin għat-tfal. Naturalment, dan irid ikun sehem responsabbli u mhux passiv. Jekk ċerti affarijiet ma jogħġbukx, jekk ċerti affarijiet imorru kontra s-sentimenti nsara tiegħek, jekk ċerti affarijiet joffendu l-kuxjenza tiegħek bħala kattoliku, inti għandek id-dmir, dejjem skond kemm tippermetti l-liġi u l-karità nisranija, li ssemma l-leħen tiegħek u tgħid li ma taqbilx.

Il-ġenituri nsara għandhom jaraw li wliedhom jieħdu edukazzjoni reliġjuża sħiħa billi jibagħtuhom ukoll għal-lezzjonijiet tad-duttrina li jsiru fil-parroċċa, u jħajruhom ukoll jieħdu sehem fl-għaqdiet ta' l-apostolat.

Jalla li l-ġenituri nsara kollha, speċjalment fil-ġżira tagħna, ikunu għaqlin biżżjjed biex igħożżu l-jeddijiet tagħhom, jagħrfu jħarsuhom u fl-istess ħin iwettqu wkoll dmirijiethom f'dan il-kamp hekk importanti ta' l-edukazzjoni.

(Diskors lill-ġenituri, 12-12-83).

IR-REDENZJONI U L-MISTERU TAT-TBATIJA

Kif josserva Teilhard de Chardin: Kieku wieħed kellu jħares mill-ispazju lejn id-dinja tagħna, "l-ewwel tidher blu minħabba l-ossiġenu li hemm madwarha, imbagħad iktar ma wieħed joqrob lejn id-dinja mill-ispazju, id-dinja tidher ħadra minħabba l-veġitazzjoni li hemm fiha, imbagħad tidher imdawla minħabba l-ħsieb tal-bnedmin. Iżda fl-aħħar tidher ukoll skura u sewda minħabba t-tbatija li kontinwament tikber fil-kwantità u fl-intensità tagħha, bl-istess ritmu li bih tikber l-intelliġenza tal-bnedmin matul il-kors tas-sekli" (Teilhard, L'energie spirituelle de la Souffrance: Oeuvres Completes VII, 255).

Ħadd ma jista' jiċħad l-eżistenza tat-tbatija. Hemm ħafna bnedmin li jiddubitaw mill-eżistenza t'Alla, u oħrajn jiddubitaw mill-eżistenza tar-ruħ, imma mill-eżistenza tat-tbatija ma jiddubita ħadd. Ma hemm ebda bniedem li għandu l-użu tar-raġuni li ma jammettix li ftit jew wisq teżisti t-tbatija fid-dinja. Però mhux kulħadd jaqbel dwar l-ispjegazzjoni tagħha. **L-ewwel problema** dwar it-tbatija hija din: It-tbatija għandha spjegazzjoni? Nistgħu infissru għaliex teżisti t-tbatija?

Hija parti mill-esperjenza tagħna. Aħna bħala qassisin mhux biss inbatu aħna, imma nistgħu ngħidu li qegħdin kontinwament f'kuntatt ma' bnedmin li jbatu. Xi drabi tkun tbatija ħafifa, ħaġa żgħira, għaliex kulma jikkontradiċi r-rieda tagħna huwa tbatija. Imma dik hija ħaġa żgħira. Ħafna drabi rridu nħabbtu wiċċna ma' tbatija tabilħaqq traġika. Jiġifieri, it-tbatija hija parti mill-esperjenza tagħna ta' kuljum, sewwa fil-

ħajja personali tagħna, kif ukoll minn dak li nosservaw fil-ħajja ta' l-oħrajn.

ŻEWĠ ASPETTI

Issa nistgħu ngħidu li t-tbatija hija ta' żewġ kwalitajiet, jew fiha żewġ aspetti:

A. **It-tbatija Fiżika**: meta xi fattur intern jew estern, bħalma jiġri f'xi każ ta' xi aċċident jew ta' xi marda, inissel xi wġiegħ f'xi parti tal-ġisem. Xi darba tinħoloq ukoll tbatija fiżika li tkun mhux biss għal ftit taż-żmien jew ftit tal-ġranet, imma tbatija li tkun kontinwata mill-istati tal-ħajja bħalma hu per eżempju, l-istat tal-faqar. Il-faqar u t-tbatija huma żewġt aħwa, imorru dejjem flimkien.

B. **It-Tbatija Morali**: Meta l-bniedem iħoss dispjaċir jew aġitazzjoni interna li ttelliflu ftit jew wisq il-paċi tiegħu. Din tista' tkun tbatija mentali normali, bħal min iġarrab xi telfa ta' xi ħaġa jew xi ħadd għażiż għalih. Però xi darba tista' tkun ukoll sofferenza mentali patalogika (psikopatika) bħal ma jiġri per eżempju fil-każ ta' l-iskrupluži u fil-każ tan-newrotiċi. Dawn ikollhom xi ħaġa fl-intern tagħhom li qegħda tfixkilhom, li ma jistgħux jeħilsu minnha, li psikoloġikament iżżommhom lura. Din għalihom tkun kaġun tat-tbatija.

Issa, għad li aħna ddistingwejna bejn tbatija fiżika u tbatija mentali, iżda peress li fil-bniedem hemm unità sostanzjali bejn l-element spiritwali u l-element materjali, fir-rejaltà tal-ħajja hemm **influwenza reċiproka** bejn dawn iż-żewġ sofferenzi, għax il-bniedem ma tistax taqsmu min-nofs u tgħid "din hi l-parti materjali u din hi l-parti spiritwali". Nafu li jeżistu t-tnejn, imma hemm unità f'persuna waħda, unità sostanzjali, u allura hemm din ir-reċiproċità bejn dawn iż-żewġ sofferenzi. Hekk it-

tbatija tal-ġisem tkun ħafna drabi msieħba ma' sofferenza psikoloġika bħalma hu per eżempju l-każ ta' dawk li jkunu morda. Min ikun marid mhux biss iħoss l-uġiegħ tal-marda tiegħu, imma jħoss ċertu dwejjaq, iħossu iżolat, u jkollu wkoll il-biżà li forsi dak l-uġiegħ jikber, u forsi wkoll iwassal għall-mewt. Il-biża' żgur li huwa wieħed mill-ikbar tbatijiet mentali li jista' jsofri l-bniedem.

It-tbatija morali jew psikoloġika ġġib magħha t-tbatija tal-ġisem u ċerti disfunzjonijiet, bħalma huma per eżempju meta jkun hemm ċirkulazzjoni mhix regolari, jew inkella xi skwilibriju endokrin. Jiġifieri, għad li aħna niddistingwu bejn dawn iż-żewġ kwalità ta' tbatijiet, imma ħafna drabi jmorru flimkien.

IL-PROBLEMA TAT-TBATIJA

Huwa problema fondamentali. Ħafna jistaqsu: Għaliex teżisti t-tbatija fil-ħajja tal-bniedem? X'inhu l-iskop tat-tbatija? X'valur għandha l-ħajja mtaqqla mit-tbatija? Hija problema li titlob spjegazzjoni tar-raġuni, u għalhekk nistgħu nsejħulha problema filosofiku, u nistgħu narawha f'żewġ dimensjonijiet.

Dimensjoni Antropoloġika:

Il-problema tat-tbatija jġiegħelna nirriflettu fuq il-bniedem, għaliex it-tbatija hija parti mill-ħajja tal-bniedem. Allura meta ngħidu, għaliex it-tbatija fid-dinja? X'inhi l-ispjegazzjoni tat-tbatija? Irridu ngħidu wkoll għaliex il-ħajja tal-bniedem? U x'inhu l-bniedem?

Għaliex fil-ħajja tal-bniedem hemm dan l-ingredjent tat-tbatija? Nistgħu nagħtu tliet tweġibiet, li għad li ma humiex sodisfaċenti għal kollox jistgħu forsi jagħtu spjegazzjoni għal ċerti

għamliet tat-tbatija, iżda mhux għall.għamliet kollha.

L-ewwelnett hemm dik li jsejħulha **"il-Viżjoni Kosmika"**, jiġifieri, il-bniedem bħala parti mill-univers. Il-bniedem huwa parti min-natura, parti mill-ħolqien, allura soġġett għal-liġijiet naturali, fosthom il-liġi tal-proċess (Li nistgħu nsejħulha wkoll liġi tal-evoluzzjoni). Fin-natura hemm it-tibdil. Ladarba l-bniedem huwa parti min-natura jeħtieġ ukoll li jkun hemm ċertu tibdil fil-ħajja tiegħu. Fin-natura tal-ħlejjaq ħajjin hemm twelid, hemm l-iżvilupp u hemm il-mewt. Il-bniedem għandu l-limiti tiegħu, u ma jistax jegħleb f'kollox lin-natura. Irnexxielu jegħleb ħafna mir-restrizzjonijiet, mil-limiti li timponilu n-natura, imma mhux kollox. Ċerti affarijiet hu jkollu jaċċetta l-liġijiet tan-natura u ma jistax ibiddilhom. It-tbatija ħafna drabi hija tiswib f'din il-mixja ta' tibdil li n-natura ġġib magħha.

Imma l-bniedem mhux biss huwa parti mill-ħolqien, min-natura, mill-kosmos; huwa wkoll parti mis-soċjetà. Allura hemm ukoll il-**"Viżjoni Soċjali tal-Ħajja tal-Bniedem"**. Il-bniedem ma jgħixx iżolat għalih waħdu, imma jgħix fis-soċjetà, u s-soċjetà, jiġifieri l-bnedmin l-oħra li ngħixu magħhom joffrulna mhux biss vantaġġi, iżda wkoll l-inkwiet u t-tbatija. Veru li s-soċjetà tgħinna f'ħafna affarijiet, għaliex jekk aħna ħadna edukazzjoni, tathielna s-soċjetà, jekk għandna l-ħbieb, dawn huma parti mis-soċjetà. Imma s-soċjetà ħafna drabi toħloq ukoll ċerta tbatija għall-bniedem. Il-bniedem, disgrazzjatament, jista' jagħmel id-deni lil bniedem ieħor. Allura l-preżenza ta' l-oħrajn, il-koeżistenza ma' l-oħrajn ħafna drabi hija għajn ta' tbatija għall-individwu.

Imbagħad hemm viżjoni oħra tal-ħajja umana, li nistgħu nsejħulha **"Il-Viżjoni Personalistika"**. Il-bniedem huwa mżejjen bil-libertà, anzi kif igħid Sartre huwa kkundannat għal-libertà. Inti tant liberu, li ma tistax dik il-libertà ma taċċettahiex. Hija mposta fuqek dik il-libertà. Hija kondizzjoni assoluta tal-ħajja tal-bniedem. L-użu tal-libertà huwa għażla; taċċetta ħaġa u tiċċaħħad minn oħra, li hija opposta għaliha. Dan ifisser li fil-ħajja wieħed irid jissagrifika ħafna possibilitajiet biex jagħżel possibilità waħda, u dan is-sagrifiċċju jġib miegħu wkoll ċerta tbatija, għall-inqas tbatija mentali.

Il-għażliet mhux dejjem ikunu għaqlin. Jiġifieri l-bniedem għandu l-libertà, u ladarba għandu l-libertà għandu wkoll ir-responsabbiltà tad-deċiżjonijiet tiegħu. Issa ħafna drabi jiġri li t-tbatija ngħibuha b'idejna stess. Ħafna mit-tbatija li tiġi fuq il-bniedem huwa responsabbli tagħha huwa nnifsu. Hekk, per eżempju, l-alkoħoliżmu: nafu li l-alkoħoliżmu huwa suwiċidju lent, li joqtol il-bniedem bil-mod il-mod, imma ħafna drabi għad li hija tbatija, imma tiddependi mir-responsabbiltà ta' l-individwu.

DIMENSJONI TEOLOĠIKA

Il-problema tat-tbatija jinvolvi wkoll lil Alla, l-eżistenza u l-providenza t'Alla. Hija problema ċentrali fir-relazzjoni tagħna ma' Alla u tqanqal ukoll dik li jsejħulha kontestazzjoni radikali. Ċerti domandi li xi drabi jagħmluhom anke nies komuni, mhux biss litterati: Alla jeżisti jew le? U jekk jeżisti, għaliex iħalli t-tbatija fid-dinja? Ħafna drabi din ir-riflessjoni, jew aħjar kontestazzjoni, tista' twassal għal żewġ konklużjonijiet:

Il-Konklużjoni Ateistika: Kien hemm ħafna li telqu minn din l-osservazzjoni u waslu biex

jikkonkludu li Alla ma jeżistix; għax jew it-tbatija, jew inkella Alla — ma jistgħux ikunu t-tnejn flimkien.

Hekk per eżempju Albert Camus, wieħed awtur Franċiż. Dan, fost l-oħrajn għandu rumanz li jismu **"Il-Pesta"**. F'dan ir-rumanz huwa jagħmel osservazzjoni fuq tifel innoċenti li marad bil-pesta u miet. Fir-rumanz iġib djalogu bejn it-tabib u wieħed qassis. Igħidlu: "Dan kif Alla jippermetti illi t-tfal innoċenti jimirdu u jmutu fost tant tbatija?" Imbagħad għandu anke din l-espressjoni: "Jiena nirrifjuta sa l-aħħar li nħobb din il-krejazzjoni li fiha t-trabi jiġu ttorturati". Difatti dan il-kliem li qiegħed fuq il-persunaġġ tar-rumanz huwa l-istess konklużjoni li wasal għaliha Camus.

Dostoievski fir-rumanz "L-Aħwa Karamazov", Ivan miskredenti, jirrakkonta lil Alioxa, ħuh patri, l-istorja ta' tifel żgħir li ġie żbranat mill-klieb quddiem ommu stess. Ivan jinsisti fuq l-iskandlu attroċi tas-sofferenza tat-tfal innoċenti. Igħid Ivan, jiena fatti ta' din il-kwalità jwassluni għall-konklużjoni li Alla ma jeżistix.

Dubju dwar il-Providenza t'Alla: Ħafna oħrajn ma jaslux għal din il-konklużjoni ateistika, però jinħolqulhom f'moħħhom ħafna dubji dwar il-providenza t'Alla. Kien hemm min qal, "Ma nasalx biex ngħid li Alla ma jeżistix, imma Alla jieħu ħsieb tal-bnedmin? Alla tabilħaqq għandu setgħa li jwaqqaf il-ħażen? Alla tabilħaqq iħobb lill-bniedem?" Allura l-problema nistgħu npoġġuha hekk: Jekk nammettu li Alla jeżisti u nammettu li Alla huwa omnipotenti, allura t-tbatija tista' toħloq dubju dwar l-imħabba tiegħu? Jekk wieħed ikun persważ mill-imħabba t'Alla, it-tbatija tista' toħloq dubju dwar il-qawwa tiegħu u l-kontroll li għandu

fuq in-natura. Fi kliem ieħor, nammettu li Alla jeżisti, imma allura, għaliex ma jwaqqafx it-tbatija? Forsi jħobbna lilna l-bnedmin, imma mbagħad ma għandux is-setgħa li jintervieni ħalli jwaqqaf it-tbatija. Jew bil-maqlub: Għandu s-setgħa li jwaqqaf it-tbatija, imma mbagħad ma jimpurtahx minna. Din kif ipoġġuha l-problema ċerti nies.

Fis-swali ta' l-isptarijiet, fuq il-kamp tal-battalja, kull fejn hemm xi tragedja, Alla huwa assenti jew preżenti? Jekk huwa preżenti għandu setgħa li jwaqqaf din it-tbatija jew m'għandux? Jekk għandu din il-qawwa, allura għaliex jibqa' ndifferenti? Forsi għaliex m'għandux imħabba biżżejjed lejn il-bnedmin?

Din hi l-**enigma** tat-tbatija umana li r-raġuni weħidha ma tasalx biex issolviha. Aħna bħala nsara nemmnu li Alla huwa mħabba, li huwa ħabib u benefattur tal-bnedmin, mhux rival tagħhom, iżda r-raġuni m'għandhiex spjegazzjoni sħiħa biex issolvi din il-problema tat-tbatija. L-ispjegazzjonijiet li tagħti huma dejjem parzjali u jħallu dejjem ċertu zona ta' dell.

Hekk per eżempju, aħna s-soltu ngħidu u nsibu anke fil-manwali: Alla jippermetti t-tbatija għaliex irid iħalli l-bniedem fil-libertà, u ħafna mit-tbatija hija riżultat tad-deċiżjoni libera tal-bniedem; jew tbatija li ngibu b'idejna stess, jew tbatija li joħolqu-hielna l-bnedmin l-oħra għax iridu, liberament. Ħafna drabi ngħidu: Alla mhux responsabbli ta' dan; hija responsabbli l-libertà tal-bniedem. Imma din hija risposta eżawrjenti? Għaliex ma nistgħux nassumu l-ipotesi li Alla fl-omnipotenza tiegħu ħalaq ordni ieħor li fih il-bniedem ikun liberu, u fl-istess ħin tiġi eskluża t-tbatija? Ma setax Alla joħloq ordni ta' krejazzjoni iktar perfett fejn il-libertà

tibqa' bla mittiefsa u fl-istess ħin il-bniedem ikun meħlus mit-tbatija? M'għandniex risposta għal domanda bħal din.

Ġie li ngħidu wkoll — u dana jgħidu wkoll anke Sant'Wistin — li Alla kieku ried seta' ma jħallix li jkun hemm id-deni u l-ħsara u d-dnub u t-tbatija fid-dinja. Imma Alla ddeċieda li jippermetti t-tbatija għaliex huwa jaf mill-ħażin jislet it-tajjeb. Hekk per eżempju minn sitwazzjoni ta' tbatija, jidhru ħafna aspetti tajbin (side effects tajbin), bħalma hu per eżempju: il-kuraġġ ta' min qed isofri, il-ġenerożità u l-imħabba ta' dawk li jduru bil-morda, dawk li jsabbru lil min ikun batut. Allura fil-mard, jitrawmu ħafna virtujiet. Dan huwa l-effett tajjeb li joħroġ minn sitwazzjoni negattiva li fiha jsib ruħu l-bniedem. Iżda dawn il-virtujiet ma jistgħux jitrawmu wkoll f'sitwazzjoni inqas traġika? Hemm bżonn bilfors it-tbatija biex jinkisbu ċerti riżultati tajbin? Ma jistgħux jinkisbu wkoll fit-tgawdija?

Ikollna ngħidu li t-tbatija mhix biss problema filosofiku, iżda hija wkoll misteru li nistennew li titfa' xi dawl fuqha r-reliġjon. Jekk it-tweġiba tar-raġuni mhix sodisfaċenti nfittxu **tweġiba tal-fidi**, u din it-tweġiba jagħtuhielna gradwalment il-Kotba Mqaddsa.

Fil-Kotba Mqaddsa

(1) **L-eżistenza tat-tbatija** umana: Fil-Kotba taż-żewġ rabtiet hemm xhieda ta' din it-tbatija illi tgħolli lejn Alla l-karba tagħha. Fl-iskrittura din il-karba hija espressa f'ġeneri letterajru speċjali. Tant hi importanti t-tbatija fl-iskrittura li hemm ġeneru letterarju apposta, cioè l-ġeneru tal-Lamentazzjoni-jiet. Is-Salmi huma mimlija b'dan il-leħen ta' dwejjaq, i.e. ta' bniedem li fit-tbatija tiegħu jirrikorri lejn Alla. Hemm it-tbatija tal-poplu kollu kemm hu,

bħal dik tal-ilsiera fl-Eġittu li jsejħu lil Alla (Esod II:23), jew ulied Israel jitolbu l-ħelsien meta Alla mbagħad bagħtilhom l-Imħallfin (Imħallfin 3:9).

Hemm ukoll tbatija ta' bnedmin partikulari, bħal dik tal-Profeta Ġeremija li jgħidilna, "Fejn insib faraġ fil-għali tiegħi: qalbi mifnija fija" (Ġer. 8:18). Il-Qaddej ta' Yahweh imsemmi f'Isaija, li jgħidilna għaliħ, "Kien raġel ta' wġiegħ u magħfus bil-mard" (Is. 53:3). It-tbatija ta' Kristu li jissokta l-litanija ta' sofferenza mibdija fir-rabta l-qadima billi huwa wkoll quddiem il-mewt meta kien igħix fuq dina l-art, "Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt" (Lhud 5:7). Id-dmugħ huwa sintomu tat-tbatija.

(2) **L-Oriġni tat-tbatija**: Meta Alla ħalaq il-bniedem u l-univers, kollox kien tajjeb (ara Ġen. I), iżda fid-dinja daħlet it-tbatija bħala wieħed mill-effetti tad-dnub oriġinali u permezz ta' Adam u Eva wirtuha, il-bnedmin kollha. Hekk il-ktieb tal-Ekkleżjastiku jikkummenta "id-dnub beda minn mara u minħabba fiha aħna kollha kemm aħna għandna mmutu" (Ekk. Sir. 25:33).

Skond it-teoloġija tat-Testment il-Qadim, Alla huwa l-kawża aħħarija ta' kollox, u għalhekk anke t-tbatija tal-bniedem hija attribwita lilHu, għalkemm aħna nattribwixxu din it-tbatija lir-rieda permessiva ta' Alla. Hekk f'Isaija 54:7 naqraw: "Jiena nagħmel il-ġid u naħlaq id-deni". Ġob, fi djalogu ma' martu, igħidilna, "Jekk aħna nilqgħu l-ġid minn idejn Alla, għaliex ma nilqgħux id-deni wkoll?" (Ġob. 2:10) Fuq kollox insibu l-prinċipju li ħemm fil-Profeta Amos (3:6), "Jaqaw tindaqq it-tromba fil-belt u l-Poplu ma jibżax? Jew tiġri xi ħsara fil-belt u l-Mulej ma jkunx għamilha?"

Hemm kawżi oħra li minnhom tkun ġejja t-

tbatija, iżda dawn l-aġenti bħalma huma n-natura, il-wirt tad-dnub, is-saħta, u satana nnifsu, huma kollha taħt is-setgħa t'Alla, u għalhekk l-aħħar spjegazzjoni tat-tbatija, skond il-Kotba Mqaddsa, insibuha f'Alla.

(3) **Alla u l-bnedmin li jbatu**: Kif nispjegaw din ir-relazzjoni bejn Alla u l-bnedmin li jbatu? Min ibati jista' jkun jew ħati, jew innoċenti. Għal ta' l-ewwel, it-tbatija hija kastig, u għal tat-tieni, hija prova. Il-ħtija li minħabba fiha tiġi t-tbatija bħala kastig, tista' tkun jew **ħtija kollettiva** jew **ħtija personali.**

Dwar il-ħtija kollettiva li minħabba fiha jiġi kkastigat il-poplu, u f'dan il-kastig xi drabi jinqabad ukoll min hu innoċenti, naqraw fl-Ekkleżjastiku 39:33-36, "Xi rjieħ ġew maħluqin għall-kastig, Hu għamilhom il-flaġell tal-għadab tiegħu...in-nar u s-silġ, il-ġuħ u l-mewt, dawn kollha ġew maħluqa għal kastig".

Hemm imbagħad ukoll it-tbatija li tingħata bħala kastig ta' ħtija personali, u din tingħata bħala **korrezzjoni paterna,** u fiha nistgħu nilmħu wkoll is-sinjali tal-benevolenza t'Alla. Naqraw "Għandek ukoll tagħraf f'qalbek illi bħalma raġel iwiddeb lil ibnu, hekk il-Mulej, Alla tiegħek, iwiddeb lilek" (Dewt. 8:5). Fil-ktieb tal-Proverbji nsibu, "Il-Mulej iwiddeb lil min iħobb bħal ma jagħmel missier ma' ibnu li bih jitgħaxxaq" (Prov. 3:12). Fit-tieni ktieb tal-Makkabej insibu, "Imqar dan li l-midgħija ma jitħallewx żmien twil bla kastig, imma li malajr jaqa' fuqhom il-ħlas li ħaqqhom, hu turija ta' tjubija kbira" (2 Makkabin 6:13). It-tbatija f'dan il-każ għandha valur edukattiv, hija purifikazzjoni, għaliex tnaddaf il-bniedem mill-ħtija.

It-tbatija mbagħad għandha **valur ta' prova** meta Alla jirreservaha għal dawk li jħobb, jiġifieri, meta t-tbatija tiġi fuq bniedem ġust. Hekk meta Alla talab lil Abraham li joffrilHu s-sagrifiċċju ta' Ibnu stess. Il-Ktieb tal-Ġenesi jgħidilna, "Alla ried iġarrab lil Abraham" (Ġenesi 22:1). Hekk ukoll fil-każ ta' Ġużeppi li jgħid lil ħutu, "Intom ħsibtu biex tagħmluli d-deni, imma Alla dawru għal ġid" (Ġenesi 50:20). U fil-każ ta' Tobija, naqraw, "Dak iż-żmien kont mibgħut għandek biex inġarrbek" (Tobija 12:13).

Il-problema tal-ħżiena li jkollhom ir-risq u tat-tajbin li jkollhom it-tbatija tidher fil-Ktieb ta' Ġob. Skond il-ħbieb ta' dan il-Patrijarka, it-tbatija hija kastig tad-dnub; allura bilfors riedu jipperswaduh li għamel xi dnub, anke forsi xi dnub moħbi, u għalhekk Alla bagħatlu dan il-kastig. Wieħed minnhom, Eliju, ikkummenta, li t-tribulazzjonijiet f'din il-ħajja huma mezz li jwassal għal perfezzjoni umana. Imma fil-Ktieb ta' Ġob, Alla stess huwa wieħed mill-interlokoturi, jintervieni, u jwissi li, il-misteri tal-providenza divina m'għandhomx jiġu diskussi għall-kurżità, u li l-atteġġjament tal-bniedem quddiem id-digrieti t'Alla, għandu jkun dak ta' sottomissjoni umli. Il-Ktieb ta' Ġob igħallem li t-tbatijiet u l-hemm tal-ġusti huma **rikonċiljabbli** mal-ġustizzja, mat-tjieba, u anke mal-għerf t'Alla.

Fuq kollox, il-Kotba Mqaddsa jgħallmuna li t-tbatija għandha valur ta' **interċessjoni** u ta' **redenzjoni**. Fit-tbatija aħna nistgħu nitolbu għall-oħrajn, inpattu għall-oħrajn u nsalvaw lill-oħrajn. Dan jidher fil-Qaddej ta' Jahweh fit-Testment il-Qadim, u wisq iktar dan jidher fi Kristu fit-Testment il-Ġdid.

It-tbatija illi jġarrab il-Qaddej ta' Jahweh hija

kastig tal-ħtija u ta' ħtija kbira, iżda mhux il-ħtija tiegħu, għax hu kien innoċenti. Hija ħtija tal-bnedmin l-oħra. Il-Qaddej ta' Jahweh jaċċetta t-tbatija biex jinterċiedi għall-bnedmin l-oħra li huma midinbin, u dan huwa misteru tal-pjan t'Alla. Għalhekk fil-Ktieb ta' Iżaija (53:4) naqraw, "Tassew li hu refgħa l-mard tagħna, u tgħabba bl-uġiegħ tagħna. Hu kien miġugħ minħabba ħtijietna, mishuq minħabba l-ħażen tagħna; il-kastig li bih għandna s-sliem kien fuqu, u bil-flaġellazzjoni tiegħu aħna fiqna. Il-Mulej tafa' fuqu l-ħażen tagħna lkoll...Jagħmel ġusti lil ħafna għax hu jitgħabba bi ħżunithom". (ara Is. 53:4-11).

Kristu bit-tbatijiet tiegħu, jagħti prova l-ewwelnett tal-imħabba tiegħu lejn il-Missier, "Jeħtieġ li d-dinja tagħraf li jiena nħobb lill-Missier" (Ġwann 14:31). Bit-tbatija tiegħu Kristu jagħti wkoll prova tal-imħabba lejn ħbiebu, "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din li jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġwann 15:13). Fl-istess ħin, bil-passjoni u l-mewt tiegħu, Kristu ried jiġbor flimkien dawk li kienu mitlufin. Difatti l-qassis il-Kbir għamel profezija u ħabbar li Ġesù kellu jmut biex jiġbor f'ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerdin (Ġwann 11:52).

Fi Kristu, it-tbatija ma baqgħetx iktar saħta kif kienu jqisuha qabel, iżda fi Kristu t-tbatija saret barka.

Fi Kristu hemm it-tweġiba mogħtija għal problema tat-tbatija, imma tweġiba mhux mogħtija bil-kliem, iżda bix-xhieda tal-ħajja.

Kif josserva l-awtur Franċiż Paul Claudel, "Il-mistoqsija kienet tant kbira li l-Verb biss setgħa jwieġeb għaliha mhux billi jagħti spjegazzjoni, iżda

bil-preżenza tiegħu stess", u iktar minn preżenza, bil-passjoni u l-mewt tiegħu stess.

Ir-risposta li ta Kristu għall-problema tat-tbatija m'hijiex risposta teorika, iżda hija risposta tal-fatti. Is-Salib huwa t-tweġiba t'Alla u l-manifestazzjoni tal-imħabba infinita tiegħu.

Min jemmen li Kristu mislub huwa l-Iben t'Alla, jaf li Alla jżomm ma' dawk li huma milquta mit-tbatija u mill-hemm. Jekk aħna nemmnu, jekk aħna nafu li Kristu huwa Alla, u Kristu qiegħed ibati, allura jkollna naslu għal konklużjoni li Alla jinteressa ruħu mit-tbatija, mhux biss, imma wkoll li Alla jiddefendi u jieħu l-parti ta' dawk li jkunu fil-hemm.

Il-kittieba mistika, Simone Weil, tgħidilna, illi l-Kristjaniżmu għalhekk huwa kbir, għalhekk huwa ħaġa sabiħa u meraviljuża, għaliex ma jfittixx u ma jagħtix rimedju sopranaturali kontra t-tbatija, imma jfittex u jurina kif nużaw b'mod sopranaturali t-tbatija. Jiġifieri, mhux igħallimna kif neħilsu mit-tbatija, imma kif it-tbatija nagħtuha tifsir ieħor, kif it-tbatija nġarrbuha mhux bħal annimali, u lanqas bħala bnedmin, imma bħala wlied Alla, b'mod sopranaturali, biex hekk it-tbatija tagħti l-frott tagħha. Hawnhekk nistgħu anke nirriflettu fuq dik il-kelma li qal Kristu, "Jekk il-qamħa ma tmutx tibqa' weħidha, imma jekk tmut, tagħti ħafna frott". It-tbatija ħafna drabi b'mod sopranaturali tista' tagħti frott ta' grazzja, ta' konverżjoni, u anke ta' qdusija fl-oħrajn.

Il-Kotba Mqaddsa, barra milli jitfgħu dawl fuq il-misteru tat-tbatija kif insibuh fi Kristu, jitfgħu anke dawl fuq it-tbatija tagħna l-bnedmin. Aħna l-insara għanda nissieħbu fil-misteru tat-tbatija ta' Kristu. Inġibu fina t-tbatijiet ta' Kristu. San Pawl

għandu ħafna tagħlim f'dan is-sens. Per eżempju, lill-Filippin jiktbilhom, "Lilkom ingħatat il-grazzja li sservu lil Kristu, u mhux biss li temmnu fih, imma saħansitra tbatu għalih" (Filippin, 1:29).

San Pietru jgħidilna, "Jekk wieħed isofri għax hu nisrani, ma għandux imniex jistħi; ħa jfaħħar lil Alla b'dan l-Isem" (1 Pietru, 4:16).

Imbagħad San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani għandu wkoll dik is-sentenza famuża, "Aħna nbatu ma' Kristu biex naqsmu miegħu l-glorja" (Rom. 8:17).

FIL-PRATTIKA

It-tbatija fil-ħajja tan-nisrani:

(a) Inħarsu lejn it-tbatija bi spirtu ta' fidi, mhux fataliżmu kif kienu jagħmlu l-Istoiċi; mhux naċċettawha b'għajnejna magħluqa sempliċement għaliex ma nistgħux nagħmlu xort'oħra; u l-anqas bi spirtu ta' ribelljoni, għaliex in-nisrani illi ma jaċċettax il-kondizzjoni tiegħu, ikun qiegħed jonqos mir-rispett li għandu jkollu lejn Alla, imma bi spirtu ta' fidi li jara fit-tbatija dan il-valur spiritwali li semmejna.

(b) Naffrontaw bil-kuraġġ it-tbatija konnessa mal-qadi ta' dmirijietna; għaliex ħafna drabi fil-qadi ta' dmirijietna jeħtieġilna naċċettaw ċerta odjożità. Odjożità bla bżonn ma għandniex x'nambuha, imma xi darba trid u ma tridx ikollok tħabbat wiċċek ma' ċertu odjożità, li jekk il-qadi ta' dmirijietna jkun jesiġiha m'għandniex naħsbuha darbtejn — din hija parti mill-misteru tat-tbatija li rridu ngħaddu minnu.

(c) In-nisrani jista' jieħu ċerti passi biex jevita ċerti

tbatijiet minn qabel, jew biex jeħles minnhom; hekk per eżempju, l-uġiegħ jista' jittaffa b'ċerti mediċini — fejn nistgħu nużaw il-mezzi umani biex innaqqsu ċerta tbatija, nużawhom, imma hemm ċerta tbatija illi bil-mezzi umani kollha ma tistax teħles minnha, allura naċċettaw bis-sabar it-tbatijiet li m'għandniex kontroll fuqhom.

(d) Ikollna fiduċja fl-assistenza tal-Missier tagħna tas-sema. Niftakru f'dak li jgħidilna l-Appostl Missierna San Pawl, "Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu iktar milli tifilħu, u jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih" (1 Kor. 10:13)

(e) Għan-nisrani ma teżistix tbatija inutli. Kull tbatija, jekk aħna naċċettawha bi spirtu ta' fidi, għandha tagħti l-frott tagħha, li nħossuh jew fil-ħajja tagħna stess, jew iħossuh l-oħrajn, għax aħna fl-aħħar mill-aħħar, aħna parti mill-Ġisem Mistiku, il-Knisja. Jista' jkun li t-tbatija li nġarrab jien ma tkunx ta' siwi għalija, imma tkun ta' siwi għall-oħrajn.

(f) Inġarrbu t-tbatija tagħna f'unjoni mat-tbatijiet ta' Kristu, imbagħad fit-tbatija għandna nsaħħu fina t-tama li għad ġurnata jkollna sehem fir-rebħa ma' Kristu. Insaħħu fina t-tama li kif Kristu seħibna miegħu fit-tbatija u fl-umiljazzjonijiet hekk ukoll iseħibna miegħu fil-glorja.

It-tbatija fil-ħajja ta' l-oħrajn: Kif għandna nġibu ruħna quddiem it-tbatija ta' l-oħrajn? Liema għandu jkun l-atteġġjament tagħna?

(a) Ma nkunux insensibbli għaliha. Għandna

ninnotawha; u mhux biss dik it-tbatija illi tolqot 'l-għajnejna, xi darba tista' tkun tbatija moħbija, tbatija interna. Kif igħallimna l-Papa Pawlu VI, inżommu quddiem għajnejna speċjalment il-foqra ġodda. Dawn huma l-'handicapped', l-anzjani, dawk li huma iżolati, id-drogati...dawn huma kollha nies li qed ibatu. Jekk irridu jkollna parti minn dik il-ħniena infinita ta' Kristu, jekk f'qalbna hemm xrara waħda minn dik il-karità li kellu Kristu għal ħutu l-bnedmin, anke aħna quddiem dan il-fenomenu ta' sofferenza għandna nieqfu u nħossu, u mhux inkunu insensibbli, magħluqin fil-qoxra tal-egoiżmu tagħna.

(b) Naraw x'nistgħu nagħmlu biex intaffu xi ftit mit-tbatijiet li hemm madwarna, speċjalment sofferenzi mentali. Kultant tkun biżżejjed il-preżenza tagħna biex ittaffi xi ftit mit-tbatija ta' min hu fil-hemm.

(c) Ngħinu lill-oħrajn u ngħallmuhom biex isofru bi spirtu nisrani, għax ħafna nies ibatu, u għax ma jafux ibatu bi spirtu nisrani, it-tbatija tagħhom titlef is-siwi tagħha. Ngħallmuhom jaċċettaw b'fidi akbar u b'tama akbar il-provi li Alla għoġbu jibagħtilhom.

(d) Nikkoperaw ma' dawk kollha li għandhom il-missjoni li jtaffu t-tbatija, mhux il-qassisin biss, imma hemm ukoll is-social workers, it-tobba, nurses...nikkoperaw magħhom u nippruvaw nifhmuhom, għax anke huma xi drabi jkollhom problemi kbar. Xi darba forsi ma nkunux naqblu fuq ċerti prinċipji, anke prinċipji reliġjużi, imma almenu nistgħu naqbdu id f'id biex nagħmlu xogħol ta' promozzjoni umana. Tajjeb illi nifhmuha li l-

professjonisti, huma x'inhuma l-fehmiet tagħhom, ma aħniex rivali ta' xulxin, imma għandna nikkoperaw flimkien biex jekk jista' jkun innaqqsu daqsxejn dak il-mant iswed u skur tat-tbatija, li kif qalilna Teilhard de Chardin, qed igħatti lid-dinja.

(e) Fl-aħħar imma mhux l-inqas, l-iktar ħaġa mportanti, ikollna rispett lejn id-dinjità talbniedem batut. Kien x'kien l-imgħoddi tiegħu, hi x'inhi l-opinjoni tiegħu jew ir-reliġjon tiegħu, jekk qiegħed ibati, jiena bħala kattoliku għandi l-obbligu li nirrispettah.

Fil-bniedem batut għandha tidher dejjem quddiemna x-xbiha ta' Kristu li qed ibati; għalhekk fuq kollox għandna nuru rispett ma' min qed ibati.

(Diskors lill-Kleru: 7.1.84).

IL-ĠURNALIŻMU U L-VERITÀ

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna illi l-missjoni tal-ġurnalist hija missjoni l-iktar utli u meħtieġa għas-soċjetà fiż-żmenijiet tagħna. Għaliex? Il-għaliex il-ħidma tal-ġurnalist hija ħidma edukattiva. Difatti llum kulħadd jammetti li l-edukazzjoni ma tingħatax biss fl-iskejjel; l-edukazzjoni ma tingħatax lit-tfal biss, imma tingħata wkoll lill-kbar. U wara li wieħed ikun għadda l-iskola, jibqagħlu ħafna x'jitgħallem. Difatti sal-mewt aħna nkomplu nitgħallmu; inkomplu nikbru fit-tagħlim. U għalhekk il-proċess edukattiv, il-ħidma ta' l-edukazzjoni mhix limitata biss għall-ambjent ta' l-iskola, imma tkompli titwettaq anki mal-kbar.

Issa f'dik li jsejħulha l-edukazzjoni ta' l-adulti, it-tagħlim tal-kbar, il-ġurnaliżmu għandu sehem importanti ħafna. Mhux l-uniku fattur, mhux l-uniku mezz illi bih jingħata tagħlim lill-kbar, għax barra mill-ġurnaliżmu hemm ukoll il-mezzi oħra bħalma huma l-laqgħat, il-kungressi, il-għaqdiet. Imma żgur illi l-ġurnaliżmu, il-pubblikazzjoni, l-istampa perjodika għandha tagħti żvilupp kbir fl-edukazzjoni tal-kbar.

Għalhekk il-ġurnalist kattoliku għandu jagħmel ħiltu kollha biex il-ħidma tiegħu tagħti kontribut pożittiv fis-soċjetà, tkun ta' għajnuna fis-soċjetà. Irid joqgħod attent għal żewġ affarijiet:

L-ewwelnett il-messaġġ li jwassal. Il-ġurnalist ma jistax ixandar dak li jrid hu jew dak li jfettillu jew dak li jinbet fl-immaġinazzjoni tiegħu. Il-ġurnalist irid ikun oġġettiv; igħid il-fatti kif inhuma mingħajr ma jbiddel, ma jgħawweġ, ma jżid jew inaqqas; jiġifieri jrid ikollu dejjem il-verità li tmexxih; il-verità kif jirnexxielu jsibha hu u għalhekk irid joqgħod attent illi qabel ma jippubblika jew ixandar xi ħaġa, ikun moralment ċert minn dak li qiegħed igħid. Irid joqgħod attent li minħabba l-għaġla żejda ma jiħux impressjoni ħażina hu, u mbagħad iwassal ukoll dik l-impressjoni ħażina lil ħaddieħor. Mela, l-ewwel regola li għandu jsegwi l-ġurnalist hija dik illi jgħid il-verità; li jkun oġġettiv fl-informazzjoni li jagħti.

Imma daqshekk mhux biżżejjed. Għax il-ġurnalist iwettaq ħidma edukattiva allura għandu jżomm quddiem għajnejh u għandu jirrispetta mhux biss il-messaġġ illi jrid ixandar, imma wkoll il-persuni li sejrin jirċievu dan il-messaġġ. Il-ġurnalist kattoliku jrid ikun animat minn spirtu ta' karità nisranija u għandu jfittex illi b'dak illi jikteb, b'dak li

jgħid u b'dak li jxandar jagħmel il-ġid lis-semmiegħa. U jekk xi ħaġa jintebaħ li flok ta' ġid sejra tisfa ta' ħsara, flok ma tgħinhom biex jimxu aħjar se tkun bħal ġebla li twaqqagħhom, allura jaħsibha darbtejn u ċerti affarijiet ma jgħidhomx, ma jwassalhomx.

Il-għaliex huwa veru illi l-ġurnalist irid ikun immexxi mill-verità, imma daqshekk ieħor hu veru wkoll li mhux kull verità nistgħu ngħiduha jew ngħiduha pubblikament.

Irridu noqogħdu attenti ħafna wkoll għal dak li huwa sigriet professjonali. Għaliex is-soċjetà titlob illi min ikollu professjoni u jkun sema' xi ħaġa li hi sigriet fit-twettieq tal-professjoni tiegħu hu għandu jżommha għalih. Il-għaliex jekk jintilef dan is-sens ta' fiduċja, fis-soċjetà żgur li jkun hawn diżordni. Jekk wieħed ma jibqax jafda lill-ieħor, il-għaliex igħid 'imur ixandarni', allura tkun issir ħsara u ħsara kbira. Mhux biss lill-individwu, imma anke lis-soċjetà.

Allura kif l-ewwel regola hija dik li l-ġurnalist ma jxandar xejn ħlief il-verità, it-tieni regola hija din, illi ma jxandar xejn ħlief dak li fil-kuxjenza tiegħu, fl-opinjoni tiegħu, iħoss li jista' jkun ta' ġid għall-individwi li jaqraw dak il-messaġġ u għas-soċjetà li fiha dak il-messaġġ jiġu ppubblikat.

Ma hix missjoni ħafifa dik ta' ġurnalista, u huwa magħruf li kien hemm anke ġurnalisti li sfaw vittma u martri tal-professjoni tagħhom, tal-ħidma tagħhom. Hu magħruf ukoll li ċerti ġurnalisti ġew milquta jew mietu fuq il-kamp tal-battalja biex isegwu ċerti aħbarijiet. Hemm ukoll oħrajn illi għaliex wettqu sewwa d-dmir tagħhom, għaliex qalu dak li fil-kuxjenza tagħhom ħassew li għandhom

igħidu li hu ħażin, allura sabu min dar kontra tagħhom u forsi pprova wkoll iivvendika ruħu.

Il-missjoni tal-ġurnalist mhix ħafifa u speċjalment għall-ġurnalist kattoliku, illi jrid jirrispetta l-verità u jrid jirrispetta wkoll il-ġid ta' dawk illi jirċievu l-messaġġ tiegħu, hija diffiċli u diffiċli ħafna.

Għalhekk jiena naħseb illi huwa dmir tal-kattoliċi kollha illi għallanqas darba fis-sena jiftakru fil-ġurnalisti u kittieba u jitolbu għalihom. U dan li sejrin nagħmlu aħna llum; nitolbu lil Alla biex bl-interċessjoni ta' San Franġisk de Sales jieqaf magħna meta nwettqu dan ix-xogħol ta' ġurnaliżmu, meta nwasslu lill-oħrajn il-messaġġi tagħna u nitolbu wkoll għall-ġurnalisti kollha b'mod speċjali għall-ġurnalisti kattoliċi biex iwettqu l-missjoni tagħhom b'sens ta' responsabiltà. B'hekk ikunu tabilħaqq nies li jagħmlu ġid lis-soċjetà.

(Mid-diskors lill-ġurnalisti 24.1.84).

IL-HIDMA TA' l-E.T. MONS. GONZI FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

Inġbarna hawn flimkien il-lejla, sabiex niftakru fl-Arċisqof Emeritu Mons. Mikiel Gonzi li ħalla din id-dinja ftit jiem ilu u noffru s-sagrifiċċju tal-Quddiesa b'suffraġju tar-ruħ tiegħu.

Mhux possibbli li fi ftit minuti tirrakkonta l-ħajja twila ta' l-Arċisqof Emeritu u l-anqas li fi ftit kliem tiġbor il-ħidmiet pastorali kollha li wettaq matul l-episkopat tiegħu. Nillimita ruħi għalhekk għal għoxrin sena li fihom rieġa d-djoċesi t'Għawdex.

L-anqas ma nixtieq nidħol fid-dettalji u nagħmel lista sħiħa tat-tajjeb li wettaq, iżda

nikkonċentra biss fuq aspett wieħed taż-żelu tiegħu bħala raġħaj spiritwali.

Mons. Gonzi fehem sa minn kmieni li d-djoċesi mhix xi saltna maqtugħa għaliha weħidha, iżda hija biss parti mill-Knisja ta' Kristu li tinsab f'kull parti tad-dinja u tibqa' sa l-aħħar taż-żminijiet. Id-djoċesi għalhekk ma għandha qatt taqa' f'iżolament iżda trid twassal l-istess messaġġ tal-Vanġelu li jwasslu djoċesijiet oħra u tħaddem l-istess mezzi ta' salvazzjoni li jħaddmu huma. Mons. Gonzi kellu idea ċara ta' universalità tal-Knisja u ħabrek kemm felaħ biex il-kleru u l-poplu afdat f'idejh jiksbu wkoll dik il-mentalità.

Fl-ittra pastorali tiegħu tat-28 ta' Frar, 1929, Mons. Gonzi jħeġġeġ lill-insara tal-merħla tiegħu u jgħidilhom: "Ifirħu li intom tagħmlu sehem mill-Knisja vera, il-Knisja waħda, Kattolika, Apostolika u Qaddisa, il-Knisja mmexxija mill-Papa, il-Knisja ta' Ruma."

Bil-kelma ħerqana tiegħu u fuq kollox bl-eżempju ta' l-imġieba tiegħu, Mons. Gonzi għallimna nqimu, inħobbu u nirrispettaw lill-Papa u nuru dan ir-rispett billi nobdu d-direttivi tiegħu. Fiċ-ċirkulari tad-19 ta' Marzu, 1926, fost l-istruzzjonijiet l-oħra li ħareġ wara li kien wettaq l-ewwel vista pastorali tiegħu, Mons. Gonzi waqqaf fid-djoċesi t'Għawdex il-Festa tal-Papa "li digà qegħda tiġi ċċelebrata b'imħabba u b'entużjażmu fil-partijiet kollha tad-dinja fl-anniversarju tal-inkoronazzjoni tiegħu". Barra mit-talb fil-knejjes, f'din l-okkażjoni kienet issir ukoll fis-Seminarju Akkademja f'ġieh il-Papa u fiha kien jippresiedi l-Isqof. (Pastorali 28 ta' Frar, 1929).

Biex ikompli jsaħħaħ l-imħabba ta' l-Għawdxin lejn ir-Raġħaj tal-Knisja Universali,

Mons. Gonzi iktar minn darba organizza u mexxa Pellegrinaġġ Djoċesan għal Ruma. Hekk ġara f'Awissu tal-1925 fl-okkażjoni tal-Ġublew u sa mill-21 ta' Frar ta' qabel ħeġġeġ lill-Għawdxin sabiex jieħdu sehem f'għadd kbir f'dan il-pellegrinaġġ, skond ix-xewqa li kien fissirlu l-Papa stess f'udjenza li kellu miegħu fis-sajf ta' qabel.

F'Awissu tal-1929, dan il-pellegrinaġġ kompla sejjer ukoll sa Lourdes. Pellegrinaġġ ieħor djoċesan kien organizzat għall-okkażjoni tal-Ġublew straordinarju tal-1933.

Għal Mons. Gonzi kull kelma u kull xewqa tal-Papa kienet ordni, li huwa kien ifittex li jwettaq akkost ta' kwalunkwe sagrifiċċju, mingħajr rispetti umani u mingħajr biża' li jieħu fuqu xi odjożità.

Fid-9 ta' Ġunju, 1923, il-Papa Piju XI kien ippubblika l-Motu Proprju **"Orbem Catholicum"** li fih wara li lmenta mill-konsegwenzi koroh ta' l-injoranza reliġjuża, reġa' tenna d-direttivi li kienu taw il-papiet ta' qablu dwar it-tagħlim tad-duttrina nisranija u saħaq kemm felaħ fuq l-isqfijiet sabiex f'kull djoċesi titwettaq din il-ħidma pastorali hekk importanti. Mons. Gonzi ma baqax lura f'din il-ħidma.

Fl-editt tad-19 ta' Marzu, 1926, jagħti ordnijiet preċiżi dwar il-lezzjonijiet tal-katekiżmu lit-tfal li għandhom isiru f'kull parroċċa. Fuq dan is-suġġett, jiġifieri t-tagħlim liż-żgħar u lill-kbar, jerġa' jittratta f'xi whud mill-pastorali tiegħu, bħal ma huma dawk tat-28 ta' Marzu, 1926, tas-26 ta' April, 1927, ta' l-24 ta' Jannar, 1932, u tal-21 ta' Frar, 1936. Mons. Gonzi kien imur idur il-parroċċi biex jara hu nnifsu kif kien qed jingħata dan it-tagħlim.

Fl-1 ta' Awissu, 1925, il-Papa Piju XI xandar

ittra Apostolika **"Officiorum Omnium"** fuq il-vokazzjonijiet u l-formazzjoni tal-kleru. F'dan il-kamp ukoll Mons. Gonzi iddedika ħafna mill-enerġija żagħżugħa tiegħu meta kien Isqof t'Għawdex. Difatti s-Seminarju Djoċesan taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu ħa spinta 'l quddiem. Kien jinsisti ħafna li kemm l-istudji kif ukoll l-eżamijiet isiru bl-akbar serjetà. Kien ta' sodisfazzjon għalih in-numru sabiħ ta' saċerdoti kemm Għawdxin kif ukoll Maltin li ħadu formazzjoni xierqa fis-Seminarju djoċesan.

Iżda barra mill-preparazzjoni tas-saċerdoti futuri, Mons. Gonzi kellu ħafna għal qalbu wkoll il-formazzjoni tal-lajċi għall-apostolat. Fi żmienu nfetħu f'Għawdex l-ewwel mużewijiet tas-subien u tal-bniet. Fi żmienu wkoll bdiet l-Azzjoni Kattolika, u nfetħu ċ-ċirkoli, kważi fil-parroċċi kollha. Anke f'din l-attività, Mons. Gonzi żamm dejjem quddiem għajnejh it-twissijiet u l-eżempju tal-Papa Piju XI, li fid-dokumenti bħal ma hi l-enċiklika "Non abiamo bisogno" u fid-diskorsi tiegħu fisser ir-rieda li l-lajċi jorganizzaw ruħhom u jwettqu apostolat siewi taħt it-tmexxija tal-Ġerarkija tal-Knisja.

Idejal ieħor li kien komuni għall-Papa u għall-Isqof, u li jiswa mhux ftit sabiex tissaħħaħ il-mentalità ta' l-universalità tal-Knisja, kien jikkonsisti fil-ħidma u fil-koperazzjoni missjunarja. Progressi kbar saru f'dan il-qasam minn mindu ġiet imxandra l-enċiklika **"Rerum Ecclesiae"** fit-28 ta' Frar, 1926. Mons. Gonzi ħeġġeġ lill-insara biex igħinu lill-missjonijiet fil-pastorali tiegħu ta' l-14 ta' Settembru, 1927, u f'dik tal-15 ta' Ottubru tas-sena ta' wara li fiha, fost l-oħrajn, jistaqsi, "Nistgħu aħna f'din id-djoċesi ma nisimgħux il-kliem nobbli tal-Papa għas-sejħa ta' eluf ta' missjunarji fil-qasam ta' din il-ħidma?...." U jwieġeb "Aħna wkoll

niċċelebraw fid-djoċesi l-Ġurnata Missjunarja bi spirtu mħeġġeġ ta' apostolat missjunarju". Mhux biss il-Jum Missjunarju beda jiġi ċċelebrat b'ħerqa ikbar, iżda mxew ħafna 'l quddiem l-Opri Missjunarji Pontifiċji u twaqqfet ukoll l-Unjoni Missjunarja tal-Kleru, dejjem bil-għan li titwettaq fostna x-xewqa tal-Papa. (Pastorali 14 ta' Settembru, 1927).

Mons. Gonzi kien ħa sehem ukoll fil-Kungress Internazzjonali dwar il-Missjonijiet illi kien sar f'POZNAN fil-Polonja mit-28 ta' Settembru sat-2 ta' Ottubru, 1927.

Sabiex l-insara ta' ġiritna jieħdu interess fil-ġrajjiet importanti li jkunu qed jitwettqu fil-pajjiżi kattoliċi tad-dinja, Mons. Gonzi kien isemmihom-lhom fiċ-ċirkulari tiegħu. Hu nnifsu ħa sehem f'diversi kungressi ewkaristiċi internazzjonali bħal ma huma dak ta' Dublin fl-1932, ta' Manila fil-Filippini fi Frar tal-1937 u ta' Budapest f'Mejju 1938.

Mons. Gonzi ħa ħsieb ukoll li jiġu mfakkra fid-djoċesi ċerti ġrajjiet storiċi li għandhom xi importanza fil-ħajja tal-Knisja. Hekk fiċ-ċirkulari tat-22 ta' Mejju, 1925, fakkar fiċ-ċentinarju tal-Konċilju ta' Nicea, l-ewwel fost il-konċilji ekumeniċi, u f'dik tat-2 ta' Frar 1931 ħabbar li biex tibqa' tifkira taċ-ċentinarju tal-Konċilju ta' Efesu, kien sejjer matul dik is-sena jiddedika l-Knisja ta' Pinu, li nbniet bit-tħabrik bla heda tiegħu.

Mons. Gonzi ma naqasx li jiġbed l-attenzjoni tal-merħla tiegħu dwar ċerti fatti dolorużi li kienu qed jitwettqu fid-dinja u jħeġġiġhom għat-talb u għall-penitenza. Fl-ittra pastorali tat-3 ta' Ġunju, 1928, ordna li jsir talb speċjali matul ix-xahar ta'

Ġunju għall-bżonnijiet ta' l-aħwa fil-fidi li huma ppersegwitati u ttribulati, speċjalment għall-kattoliċi tal-Messiku. Fiċ-ċirkulari tal-15 ta' Awissu, 1936, ifakkar fil-mumenti diffiċili li kienet għaddejja minnhom il-Knisja fi Spanja, u f'dik tas-27 ta' Settembru, 1937, jirrikkmanda t-talb sabiex tieqaf il-persekuzzjoni tal-kattoliċi fil-Ġermanja u sabiex jitbiegħed minna u mill-pajjiżi l-oħra l-periklu tal-komuniżmu.

Il-ħidma ta' Mons. Gonzi bħala Isqof t'Għawdex kienet bieżla u għaqlija, iżda jekk hix tagħti l-frott kollu tagħha jew le, jiddependi mhux biss minnu, iżda wkoll mill-koperazzjoni tagħna. Però, id-djoċesi t'Għawdex tibqa' dejjem obbligata u rikonoxxenti għaż-żelu pastorali li wera fostna l-Isqof Gonzi fl-aħjar snin ta' żogħżitu.

F'dan il-ħin naħseb li ma nistgħux niġbdu konklużjoni isbaħ u aħjar minn dik li wasal għaliha Mons. Gonzi stess fiċ-ċirkulari tat-8 ta' Diċembru, 1925, li ppubblika wara l-mewt tal-predeċessur tiegħu Mons. Giovanni Marija Camilleri:

"Id-dmir tar-rikonoxxenza jorbotkom li tiftakru fih fit-talb tagħhom lill-Mulej, għaliex l-episkopat twil tiegħu u l-ġid li matul dan iż-żmien wettaq b'risq kulħadd jimponilkom dan id-dmir".

Minn qalbna għalhekk nitolbu lil Alla: "Agħtih Mulej, il-Mistrieħ ta' dejjem; id-dawl ta' dejjem jiddi lilu; jistrieħ fis-sliem. Amem.".

(Omelija fil-funeral ta' l-E.T. Mons. M. Gonzi, 27.1.84).

FUQ KOLLOX, IL-ĠID TAT-TFAL

Dal-għodu forsi kien hawn xi wħud li kienu jistennewni nsemmi xi ħaġa dwar il-kontroversja fuq l-iskejjel tal-Knisja; u tabilħaqq ma nistax ma nfissirx id-dispjaċir kbir tiegħi li din il-kwistjoni, issa ilha sejra għal iktar minn erba' snin u sa dal-mument għadha ma nstabitx soluzzjoni sodisfaċenti għaliha. Iżda m'inhiex fi ħsiebni nżid xejn iktar dwarha, għaliex il-ġurnali taqrawhom bħali u tafu għalhekk liema kienu l-aħħar żviluppi u ġudizzju kritiku kapaċi tagħmlu daqsi, għalhekk nissupponi li fformajtu intom ukoll opinjoni dwar min għandu tort u min għandu raġun fil-kwistjoni tal-iskejjel, u sa fejn għandu tort u sa fejn għandu raġun. Jiena nirrispetta l-opinjoni tagħkom anke jekk mhux dejjem tkun taqbel mija fil-mija ma' tiegħi.

Ma nistax però ma ngħidilkomx li jiena nemmen fil-"**kairos**", il-grazzja tal-mument u li fi kwalunkwe sitwazzjoni ta' konflitt, jista' jkun hemm valuri pożittivi li għandhom jiġu miflija bir-reqqa u mogħtija l-importanza li jixirqilhom.

Għalhekk, illum inħalli fil-ġenb l-aspett negattiv tal-kwistjoni, għad li jippreokkupani mhux ftit u nsemmi biss xi punti involuti fil-kontroversja attwali, li jidhirli li huma pożittivi u m'għandhomx jintesew jew jitwarrbu fil-ġenb.

(1) Kull skola, bħala istituzzjoni edukattiva, tissejjaħ kif tissejjaħ, u jkun liema jkun il-grad tagħha, għandu jkollha bħala l-ogħla u l-aqwa għan tagħha, il-ġid tat-tifel li jiġi edukat. Anke t-tfal għandhom il-jeddijiet fondamentali invjolabbli, għaliex huma wkoll għandhom persuna umana li jeħtieġ li tiġi rispettata. Dawn il-jeddijiet ma jistgħu qatt jiġu sagrifikati għall-ebda idejoloġija u għall-ebda preġudizzju filosofiku.

(2) La darba r-Reliġjon ta' Kristu temmen u tgħallem li l-bniedem għandu mhux biss ġisem x'jitma' u x'jieħu ħsieb, iżda wkoll ruħ x'isalva, ma tista b'ebda mod tissejjaħ nisranija dik l-għamla ta' edukazzjoni li tfittex biss il-progress fil-ħajja temporali u ma tagħtix kas tal-iżvilupp u t-tisħiħ fil-fidi u fl-imġieba nisranija jew forsi wkoll dak li hu agħar, tfixkilhom u tikkompromettihom.

(3) Il-familja u l-iskola, fit-twettiq tal-ħidma edukattiva tat-tfal ma jistgħux jimxu kulħadd għal rasu, iżda jridu jimxu id f'id. Iktar ma tkun sħiħa u kordjali din il-koperazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema, ikbar huma l-opportunitajiet li l-ħidma edukattiva tagħti l-frott tagħha.

(4) Il-ġenituri, meta jafdaw 'l-uliedhom lil xi skola, sabiex hija tkompli l-ħidma edukattiva, mibdija minnhom, ma jkunux b'daqshekk jirrinunzjaw għad-dritt u d-dmir tagħhom li jieħdu ħsieb it-trobbija ta' wliedhom. Hija responsabilità tal-ġenituri li jinteressaw ruħhom kontinwament minn dak li jkun qed jiġri fl-iskejjel fejn jinsabu wliedhom, li jagħmlu s-suġġerimenti u l-osservazzjonijiet tagħhom u jekk ma jkunux sodisfatti bit-trattament li qed jingħata lil uliedhom fl-iskola fejn ikunu, ħadd ma jtihom tort jekk jipprovaw isibulhom skola oħra li tirrispondi aħjar għall-esiġenzi ġusti tagħhom.

(5) Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' għaqal ta' ċerti ġenituri jista' mhux biss itellef, iżda wkoll iġib fix-xejn, it-tħabrik kollu tal-għalliema u l-edukaturi l-oħra biex jikkoltivaw l-intelliġenza u jtejbu l-karattru tat-tfal. Huwa dmir għalhekk tal-ġenituri li fid-dar, joħolqu atmosfera li tgħin lil uliedhom ħalli jitrawwem fihom is-sens ta' dmir u japplikaw għall-

ħajja tagħhom ta' kuljum dak li jkunu tgħallmu mill-iskola u minn kull fejn jieħdu tagħlim reliġjuż.

Ma' dawn li semmejna, forsi nistgħu nżidu punti oħra, iżda naħseb li huma biżżejjed biex nevitaw ħafna ekwivoċi u ma noqogħdux nitmashnu bla bżonn.

(Diskors f'Jum il-Premjazzjoni, 12.5.84).

IL-ĠISEM MISTIKU TA' KRISTU

Duttrina oriġinali ta' San Pawl:

Nistgħu ngħidu li din kienet intwizzjoni tiegħu, jew rivelazzjoni merfugħa għalih, li ġrat fit-triq ta' Damasku. Deherlu Kristu u qallu: "Għaliex qiegħed tippersegwitani?" mhux qed tippersegwita 'l-Insara. Il-persekuzzjoni magħmula 'l-Insara hi persekuzzjoni magħmula 'l Kristu stess.

Il-biblista Ferdinand PRAT SJ. (The Theology of Saint Paul, vol. I, pag. 300) jagħmel din l-osservazzjoni: "It-teorija tal-Ġisem Mistiku ma hix prodott li kiber mas-snin. Mhux possibbli li ssib l-iżvilupp gradwali tagħha, ma għandhiex storja...hija miġbura kollha kemm hi fit-tweġiba li l-Feddej ta lil Pawlu: 'Jiena Ġesù, li inti qiegħed tippersegwita'."

Qabel San Pawl kien hemm biss **ħjiel** tal-Ġisem Mistiku fil-**letteratura bibblika.** Il-poplu t'Alla fit-Testment il-Qadim kien figura tal-Knisja. Il-poplu magħżul hu mxebbaħ ma' għalqa tad-dwieli li Alla jikkoltiva u jipproteġi bl-akbar għożża. L-allegorija ta' din ix-xirka li temmen f'Alla tinsab f'diversi profeti, e.g. Isaija, Osea, Ġeremija u anki fl-Għanja tal-Għanjiet.

Fit-Testment il-Ġdid tissemma d-dielja (mhux l-għalqa tad-dwieli). Ġw. 15, 1-6: Kristu qal: "Jien huwa d-dielja u intom il-friegħi." Għandna hawn l-allegorija ta' Kristu u l-membri tal-Knisja.

Kemm il-ħajja soprannaturali kif ukoll il-ħajja naturali għandhom prinċipju intern. Biex ikun hemm il-ħajja meħtieġa għaqda maċ-ċentru vitali: sewwa fil-każ tad-dielja u sewwa fil-każ tal-ġisem. Fi kliem ieħor, hija kondizzjoni meħtieġa għall-ħajja li l-friegħi jkunu magħqudin maz-zokk; u li l-membri tal-ġisem ikunu magħqudin mar-ras. Il-firda tfisser mewt.

Fl-ideja tal-ġisem tidher mhux biss il-għaqda bejn il-membri u Kristu, iżda wkoll bejn Kristu u l-individwi kollha magħqudin flimkien. Dan huwa l-aspett soċjali ta' din ir-realtà.

Fil-**letteratura profana** hemm xi ħaġa li setgħet nebbħet lil San Pawl jew tagħtu ħjiel mill-bogħod: Titus Livius għandu din l-istorja: ġol-belt kien hemm l-inkwiet għaliex il-plebej (in-nies komuni) bdew igergru: "is-senaturi (il-kapijiet) qegħdin tajjeb, ma jaħdmux, u aħna naħdmu għalihom, huma paxxuti u aħna nbatu għalihom." Ċertu senatur Menenius Agrippa kellem in-nies: "Ħa ngħidilkom storja: Darba l-partijiet tal-ġisem għamlu rivoluzzjoni; l-id qalet jien naħdem u jieħu kollox l-istonku; is-sieq qalet: u jien nerfa' l-piż tal-ġisem kollu", u ma riedux jaħdmu. Minħabba din ir-rivoluzzjoni l-istonk marad; ma kienx hemm saħħa fid-demm u għalhekk ma kienx hemm saħħa fl-idejn, is-saqajn eċċ". Permezz ta' din l-istorja s-senatur irnexxielu jfehemhom li fis-soċjetà l-membri kollha jridu jaħdmu għal xulxin.

Il-poeta Franċiż La Fontaine jirrakkonta din l-istorja wkoll.

Iżda din l-istorja pagana hi mbegħda ħafna mid-duttrina ta' San Pawl li hija wisq aktar profonda u soprannaturali.

Testi mill-Ittri ta' San Pawl

L-Appostlu Missierna jispjega din id-duttrina kemm fl-Ittri l-kbar (Rumani, 1 Korintin) u kemm f'dawk tal-kaptività cioè meta kien priġunier.

Rum 12: "Bħalma f'ġisem wieħed għandna ħafna membri u l-membri kollha m'għandhomx xogħol wieħed, hekk aħna, għalkemm ħafna, ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed membri ta' xulxin, iżda mogħnija b'għotjiet differenti skond il-grazzja mogħtija lilna u ninqdew bihom. Jekk inhi profezija skond il-qies tal-fidi, jekk inhi l-ministeru bix-xogħol tal-ministeru."

San Pawl jitkellem fuq id-diversità tal-membri; li għandhom funzjonijiet differenti. L-unità f'ġisem wieħed fi Kristu, imma f'diversità għaliex il-membri huma mogħnija b'għotjiet differenti. Mhux tixbieha, imma realtà. Xi ħaġa li ġabret il-poplu flimkien.

1 Kor 10 permezz tal-magħmudija u l-ewkaristija: "Il-ħobż li niksru mhux għaqda fil-ġisem ta' Kristu? Għax għad li l-ħobża hija waħda, aħna għalkemm ħafna ġisem wieħed. Għax aħna lkoll għandna sehem minn ħobża waħda." Aħna nipparteċipaw minn sagrament wieħed, l-ewkaristija, biex ikollna l-għaqda.

In-nies ta' Korintu kienu f'diversi gruppi u 'l San Pawl tawh ħafna nkwiet. Kien hemm ħafna piki. Kellhom bżonn ta' meditazzjoni fuq il-Ġisem Mistiku ta' Kristu. "Aħna ħafna imma niffurmaw ġisem wieħed." Alla qiegħed x'uħud fil-Knisja l-ewwel bħala Appostli, it-tieni bħala Profeti, eċċ.

L-Ittri tal-Jasar: fihom enfasi fuq ir-realtà tal-knisja. **(Kol 1)** dwar Kristu: "Hu qabel kollox u kollox hu fih. Hu qabel kollox ir-ras tal-ġisem li hu l-knisja. Hu l-bidu, l-ewwel li qam mill-imwiet biex ikun l-ewwel f'kollox għax Alla għoġbu li jagħti tgħammar fih il-milja kollha u jħabbeb kollox miegħu bih fl-art u fis-sema u jagħmel is-sliem bid-demm tas-salib tiegħu." Tidher hawn iċ-ċentralità ta' Kristu u l-milja tiegħu (bil-Grieg "plèroma"). Fi Kristu hemm il-milja tad-divinità. Iżda l-milja ta' Kristu bħala Medjatur, cioè l-missjoni tiegħu biex iħabbeb 'l Alla mal-bnedmin ma twettqitx kollha kemm hi matul dawk it-tlieta u tletin sena li dam fid-dinja; din titwettaq fil-Knisja, fil-Ġisem mistiku ta' Kristu.

Kristu u l-Knisja jissejħu s-sagrament primordjali, i.e. il-mezz li juża Alla biex isalva l-bnedmin. Kristu jqarribhom lejn Alla, joffrilna s-salvazzjoni li għandu Alla għalina. Kristu hu s-sagrament t'Alla; il-Knisja s-sagrament ta' Kristu. Il-Knisja twettaq il-preżenza ta' Kristu fost il-bnedmin.

Efesin 1 dwar is-supremazija ta' Kristu: "lilu għamlu fuq kollox ras tal-Knisja, li hi ġismu, il-milja ta' Dak li jimtela b'kulħadd f'kulħadd."

Efesin 4 idea ta' evoluzzjoni, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu mhux xi ħaġa magħmula lesta. Il-kondizzjoni biex dan il-Ġisem Mistiku jikber hi l-imħabba.

Il-qofol tat-teoloġija Pawlina

San Pawl ma jiċħadx in-natura umana ta' Kristu, iżda jara 'l Kristu kollu kemm hu, dak li Santu Wistin sejjaħlu "Christus totus" cioè Kristu bil-membri tiegħu, il-Ġisem Mistiku. Kristu

naturali, il-Kelma li saret ġisem, is-saċerdot u l-vittma tal-Kalvarju, huwa parti u l-parti ewlenija tal-Ġisèm Mistiku, iżda mhux il-Kristu mistiku kollu kemm hu. Ġesù bin Marija li twieled Betlem u miet fuq il-Kalvarju, beda il-Ġisem mistiku; huwa l-parti ewlenija tiegħu, ir-ras tiegħu; l-oriġni tiegħu. Il-Ġisem mistiku hu Ġesù l-għarus flimkien mal-Knisja għarusa tiegħu, hu r-ras flimkien mal-membri l-oħra kollha, huwa d-dielja flimkien mal-friegħi.

Kristu naturali fdiena, u Kristu mistiku jqaddisna. Kristu naturali miet għalina, u Kristu mistiku jgħix fina, u aħna ngħixu fih u magħqudin miegħu. Kristu naturali jirrikonċiljana mal-Missier, Kristu mistiku jgħaqqadna fih u jgħaqqadna anki bejnietna.

Il-Knisja tkompli dak li beda Kristu, Kristu storiku. Il-Knisja tieħu l-qawwa tagħha kollha minn Kristu. Jekk il-Knisja tinqata' minn Kristu, mhix iżjed Knisja. "Mistiku" mhux oppost għal reali, iżda tfisser realtà differenti minn dik ta' din id-dinja. Realtà soprannaturali, realtà li tasal għaliha bil-fidi.

Fil-Ġisem Mistiku hemm żewġ noti essenzjali: a) varjetà ta' membri f'ġisem wieħed. Differenza ta' karattri, stil, vokazzjonijiet, missjoni; b) unità, unità soprannaturali. Dawn huma ż-żewġ binari li fuqhom trid timxi l-Knisja.

Ħadd qabel San Pawl ma spjega dan it-tagħlim tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, iżda warajh f'diversi epoki tal-Knisja kien hemm riflessjoni fuq din id-duttrina, li saret parti mill-ekkleżjoloġija.

Teoloġija patristika

ERMA, ilsir liberat f'Ruma mill-matrona

RODE, ixebbah lill-Knisja ma' sinjura ħanina jew ma' torri mibnija fuq l-ilmijiet (il-magħmudija) jew ma' ħaġra (Kristu) jew ma' għalqa tad-dwieli, imħarsa minn qaddej fidil.

GIUSTINO, filosofu martri, jara l-Knisja bħall-poplu l-ġdid imħabbar mill-profetî, il-veru Israel, nisel ta' Abram u werrieta tal-barkiet t'Alla. Jaraha wkoll bħal gżira f'nofs il-baħar li fiha ssib kenn l-umanità.

Sant'AMBROĠ jippreżenta l-Knisja bħala għarusa ta' Kristu, "Għarus Kristu, Għarusa l-Knisja: għarusa għall-imħabba, verġni fl-integrità tagħha" (In Lucam 8, 9).

Il-Knisja hija l-Ġisem ta' Kristu; hija Kristu li jgħix fid-dinja. Fil-Knisja "Aħna l-uniku ġisem ta' Kristu". Hu r-ras, aħna l-membri, iżda "l-bniedem sħiħ, hu flimkien magħna" (In Lucam 7, 21).

Sant'ILARJU jsemmi r-relazzjoni bejn il-komunjoni jew xirka tal-Knisja u l-komunjoni ewkaristika, "Kristu hu l-Knisja li huwa jżomm fih innifsu fit-totalità tagħha, permezz tas-Sagrament tal-Ġisem tiegħu" (In Ps. CXXV, 6).

San ĊIRILLU ta' Ġerusalemm: "Meta tiekol il-ġisem u tixrob id-demm ta' Kristu, inti tifforma ġisem wieħed u demm wieħed flimkien miegħu" (Serm. 14 de Pass. Dom.).

L-ekkleżjoloġija ta' l-ewwel żmenijiet, (i.e. tal-età patristika) hija mibnija essenzjalment fuq it-teoloġija pawlina tal-Knisja bħala Ġisem Mistiku ta' Kristu, u għalhekk l-insara jirriżultaw (jidhru) bħala "membra Christi".

Hekk ukoll il-morali u l-axxetika ta' l-ewwel

żmenijiet huma nfluwenzati mit-teoloġija Pawlina. L-imġieba t-tajba u l-ħajja qaddisa għandhom il-bidu tagħhom fil-Magħmudija li tgħaqqadna mal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Fost is-Santi Padri kollha, ħadd daqs S. WISTIN ma spjiega b'mod hekk ċar u impressjonanti l-għaqda mistika ta' Kristu u l-insara.

Din l-għaqda jew unità, fil-fehma tiegħu, tirrappreżenta n-natura tal-Knisja, turina ċar x'inhi l-Knisja.

"La darba Hu r-ras u aħna l-membri, wieħed hu l-Iben t'Alla". (In ep. Joan, Tr. X, 3). "La darba sar bniedem biex ikun ir-ras tagħna, aħna l-ġisem tiegħu". (In ev. Joan. Tr CXI, 5).

Teoloġija Medjovali:

S. TUMAS jittratta dwar il-Ġisem Mistiku ta' Kristu fit-III pars tas-Summa Theologica, fejn jitkellem dwar il-Verb Inkarnat.

Fit-tmien (VIII) kwestjoni jfisser diversi punti (De gratia Christi, secundum quod est caput Ecclesiae).

Art I: Kristu huwa r-Ras tal-Knisja. "Kif il-Knisja kollha tissejjaħ ġisem mistiku wieħed f'tixbih mal-ġisem naturali tal-bniedem li għandu għemejjel diversi skond id-diversi membri tiegħu kif igħallem l-Appostlu (Rom 12 u fl-ewwel ittra lil Korint. 12), hekk ukoll Kristu jissejjaħ ir-Ras tal-Knisja f'tixbih mar-ras tal-bniedem".

Fl-artiklu VI: jekk hux Kristu biss, ir-ras tal-Knisja.

Ir-ras tinfluwixxi b'żewġ modi fuq il-membri l-oħra, l-ewwelnett **b'influss intern**, għaliex is-setgħa li jħossu (sensitiva) u jitħarrku (motiva) li għandhom il-membri l-oħra ġejja mir-ras; it-tieni, permezz ta' **tmexxija esterna**, għaliex il-bniedem jitmexxa mill-għajnejn u sensi oħra li hemm fir-ras. Issa fil-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, **l-influss intern tal-grazzja** ġej minn Kristu u Kristu waħdu, li l-umanità tiegħu peress li hija magħquda mad-Divinità għandha l-qawwa li tiġġustifika (u tqaddes). Iżda l-influss estern fuq il-membri tal-Knisja, f'dik li hija tmexxija, jista' jmiss mhux lil Kristu waħdu iżda lill-oħrajn ukoll.

Iżda Kristu huwa r-ras ta' dawk kollha li huma konnessi mal-Knisja f'kull post, f'kull żmien, u f'kull stat; il-bnedmin l-oħra jistgħu jissejħu ras tal-Knisja, iżda limitatament għal xi post determinat, bħal isqfijiet għad-djoċesi tagħhom; jew limitatament għal xi żmien determinat bħal papa li huwa ras tal-Knisja iżda biss għal matul il-Pontifikat tiegħu, jew limitatament għal xi stat determinat, jiġifieri għal dawk li huma "in statu viatoris", f'din id-dinja.

Hemm differenza oħra: Kristu hu r-ras tal-Knisja bil-qawwa u bl-awtorità tiegħu nnifsu, l-oħrajn jissejħu ras tal-Knisja, peress li huma rappreżentanti ta' Kristu.

Teoloġija ta' qabel il-Konċilju Vatikan II:

Il-punti ewlenin ta' din it-teoloġija huma miġburin fl-enċiklika "MYSTICI CORPORIS" tal-Papa Piju XII tad-29 ta' Ġunju, 1943.

Il-Knisja hija mxebbha ma' Ġisem. B'ħekk jidhru aħjar il-kwalitajiet tagħha:

(1) Ġisem wieħed.
(2) Ġisem mhux mifrud

(3) Ġisem viżibbli (jeżisti storikament).
(4) Ġisem mibni b'mod organiku u ġerarkiku.
(5) Ġisem mogħni bil-mezzi ta' santifikazzjoni (sagramenti).
(6) Kompost mill-membri (inklużi l-midinbin).

L-enċiklika tfisser li dan huwa l-Ġisem ta' Kristu għaliex Kristu li waqqaf dan il-Ġisem, Hu r-Ras tiegħu, imantnih u kien is-Salvatur tiegħu.

Minn dawn ir-relazzjonijiet bejn Kristu u l-Knisja titnissel dik il-għaqda intima u misterjuża tal-insara kollha ma' Kristu. L-enċiklika ssemmi: ir-rabtiet ġuridiċi, soċjali, psikoloġiċi, ontoloġiċi u rabtiet sagramentali speċjalment ewkaristiċi.

Il-Papa jistieden l-insara sabiex iħobbu lill-Knisja bil-ħeġġa u jiddefenduha b'ħilithom kollha.

Fi tmiem id-dokument il-Madonna hija msejħa "Mater Corporis Mystici".

Teoloġija tal-Konċilju Vatikan II

Kwadru ċar tat-teoloġija Konċiljari dwar il-Ġisem Mistiku ta' Kristu jinsab fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja **"Lumen Gentium"** n. 7:

(a) Ġesù ikkomunika l-Ispirtu tiegħu lil ħutu u għamilhom b'mod mistiku l-Ġisem tiegħu.

(b) Il-ħajja tixtered permezz tas-Sagramenti — magħmudija, bil-Ġisem u l-Ħobż Ewkaristiku.

(c) Membri differenti u ħidmiet differenti: wieħed l-Ispirtu waħda hija l-grazzja.

(d) Ir-Ras ta' dan il-Ġisem huwa Kristu: jimla l-Ġisem kollu bil-glorja tiegħu — pleroma.

(e) Il-membri kollha għandhom isir jixbhuh... sakemm naslu fis-saltna.

(f) Ngħinu lil xulxin biex niksbu s-salvazzjoni.

(g) Huwa tana li nieħdu sehem mill-Ispirtu tiegħu.

(h) Kristu jimla bid-doni lill-Knisja li hi Ġismu u l-milja tiegħu.

Nagħlqu b'osservazzjoni tal-kittieb Igino GIORDANI, ("Laicato e Sacerdozio" p.97) rigward l-attwalità tad-duttrina tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

"Jekk l-epoka tagħna hija l-epoka tal-Ġisem Mistiku, dan ifisser li hija l-epoka tal-kommunjoni (xirka) tal-erwieħ f'soċjetà umano-divina, li fiha ngħixu ma' Alla u jkollna sehem miegħu. Din il-koxjenza jew persważjoni illum tidher li hija risposta ta' l-Ispirtu s-Santu għall-kommunizmu, li jikkollettivizza — igħaqqad — minn barra biss... Min jagħraf l-oriġni ta' din il-kommunjoni, jiskopri lil Alla: jagħraf ukoll dinja ġdida u raġuni tal-ħajja."

(Mid-diskors magħmul fis-16-5-1984).

L-ISKEJJEL KATTOLIĊI FIL-LIĠI EKKLEŻJASTIKA

Sabiex in-nisrani jgħix f'għaqda sħiħa mal-Knisja, mhux biżżejjed li jistqarr l-istess Fidi tagħha u li jieħu sehem fis-Sagramenti li Kristu fdalha f'idejha, iżda wkoll li joqgħod għat-tmexxija ta' "l-Isqfijiet, suċċessuri ta' l-Appostli li flimkien mas-suċċessur ta' Pietru, Vigarju ta' Kristu u Kap viżibbli

tal-Knisja kollha, imexxu d-dar ta' Alla ħaj." (Lumen Gentium n.18).

Bħala soċjetà esterna, viżibbli u indipendenti, il-Knisja ma jistax ma jkollhiex il-liġijiet tagħha. Ladarba l-Knisja hija organizzata bħala struttura soċjali u li tidher, jeħtieġ li jkollha ċerti normi, li għandhom jiġu osservati mill-membri tagħha. Dawn in-normi jew liġijiet tal-Knisja huma miġburin fil-Kodiċi l-Ġdid tad-Dritt Kanoniku. Fil-Kostituzzjoni Apostolika "Sacrae Disciplinae Leges" tal-25 ta' Jannar, 1983, li biha ppromulga dan il-Kodiċi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, jagħmel din is-sejħa: "Inħeġġeġ lill-insara kollha biex josservaw dawn in-normi b'qalb sinċiera u b'rieda tajba, bittama li fil-Knisja jkun hemm dixxiplina mġedda u hekk tkompli dejjem miexja 'l quddiem is-salvazzjoni tal-erwieħ, taħt il-ħarsien tal-Verġni Mqaddsa Marija, Omm il-Knisja."

Din il-Liġi tal-Knisja tittratta wkoll dwar l-iskejjel u fost normi oħra li hemm fiha, insibu dawn li ġejjin:

Il-Kanoni 797 — "Huwa neċessarju li l-ġenituri jgawdu libertà vera fl-għażla tal-iskejjel; għalhekk l-insara għandhom jimpenjaw ruħhom sabiex is-soċjetà ċivili tirrikonoxxi lill-ġenituri din il-libertà u tħarisha wkoll bis-sussidji, skond il-ġustizzja distributtiva."

Il-libertà tal-għażla tal-iskejjel tfisser li l-ġenituri għandhom id-dritt jiddeċiedu huma f'liema skola jibagħtu u jafdaw lil uliedhom, kif ukoll li jiddeċiedu li jittrasferuhom minn skola għal oħra jekk tinħoloq din il-ħtieġa, għal kwalunkwe raġuni ġusta.

Is-soċjetà ċivili u dawk li jmexxuha huma fid-

dmir mhux biss li jirrikonoxxu dan id-dritt tal-ġenituri, iżda wkoll li skond l-esiġenzi tal-ġustizzja distributtiva, jipprovdu għajnuna finanzjarja, sabiex dan id-dritt ikun imħares sewwa.

Il-Kanoni 800 — l-ewwel paragrafu — "Il-Knisja għandha d-dritt li twaqqaf u tmexxi skejjel ta' kull tagħlim, ta' kull għamla u ta' kull grad."

Mela, id-dritt tal-Knisja mhux limitat biss għat-tagħlim tar-Reliġjon, iżda jinkludi wkoll kwalunkwe tagħlim ieħor. Barra minn hekk, meta s-soċjetà ċivili tħalli l-Knisja fil-libertà li tiftaħ u tmexxi l-iskejjel tagħha, ma tkunx qegħda tikkonċedilha xi setgħa li qabel ma kellhiex, iżda tkun sempliċement tirrikonoxxi dritt li l-Knisja għandha min-natura tagħha stess bħala istituzzjoni li tqis il-ħidma edukattiva bħala parti mill-missjoni tagħha.

Il-Kanoni 800 — it-tieni paragrafu — "L-insara għandhom jiffavurixxu l-iskejjel kattoliċi, billi skond ir-riżorsi tagħhom jikkoperaw għat-twaqqif u ż-żamma ta' dawn l-iskejjel."

Dan l-appoġġ għandu jingħata mhux biss mill-ġenituri li jkollhom 'l-uliedhom fl-iskejjel kattoliċi, iżda mill-insara kollha, għaliex huma għandhom jifhmu li l-Knisja bl-iskejjel tagħha, qegħda taqdi missjoni tabilħaqq siewja għall-ġid integrali tal-bniedem.

Fl-aħħarnett sabiex ma jkunx hemm ambigwità dwar xi tfisser skola kattolika, il-kanoni 803 igħidilna: "Bi skola kattolika, wieħed għandu jifhem dik li hija mmexxija mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti jew minn persuna ġuridika ekkleżjastika pubblika, jew inkella dik li l-

awtorità ekkleżjastika b'dokument miktub, tirrikonoxxiha bħala skola kattolika."

Din hija l-liġi tal-Knisja universali. Il-Kattoliċi ta' kull pajjiż, li jridu jkunu lejali lejn il-Knisja tagħhom, hi x'inhi l-opinjoni jew l-ideoloġija li għandhom, fil-kuxjenza jħossu d-dmir li josservaw u jwettqu din il-liġi.

Dawk li m'humiex kattoliċi, għandhom għall-inqas jirrikonoxxu li l-Knisja hija istituzzjoni li għandha esperjenza ta' mijiet ta' snin fil-qasam edukattiv u tħaddan fiha miljuni ta' membri minn kull rokna tad-dinja. Il-liġijiet tagħha, għalhekk jistħoqqilhom kull rispett kif ukoll il-ħidma edukattiva tagħha għandha tiġi apprezzata kif imiss u b'ebda mod ma għandha tiġi mfixkla.

Il-ħsieb li għalih inġbarna l-lejla huwa dak li bl-interċessjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija, nitolbu lil Alla, biex idawwal u jqawwi l-insara ta' pajjiżna ħalli jagħrfu sewwa dmirijiethom fis-siegħa tal-lum u jfittxu li jwettquhom mill-aħjar li jistgħu. Nitolbuh ukoll sabiex il-Knisja, f'dawn il-gżejjer, tkun tista' tkompli fil-libertà sħiħa u bla tfixkil, il-missjoni edukattiva tagħha.

(Diskors fil-Laqgħa Marjana 21.8.84).

"BĦALA NSARA, MA NISTGĦUX MA NIKKUNDANNAWX IL-VJOLENZA..."

"Fil-bidu tas-sena soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, soltu ninġabru hawn f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu f'laqgħa ta' ferħ. Dis-sena wkoll, għad li l-ġrajjiet ta' dawn l-aħħar ġimgħat inikktuna bis-sħiħ, bħas-snin ta' qabel ġejna fis-Santwarju tal-Madonna, b'tama qawwija fl-interċessjoni tagħha.

Dis-sena wkoll, għandna messaġġ siewi li fuqu jinħtieġ nirriflettu biex inwettquh bil-ħidma tagħna.

"Alla l-imbierek lill-bniedem żejnu bid-dawl tar-raġuni, sabiex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet għaqlin u jirregola l-imġieba tiegħu. Iżda meta l-bniedem iħalli l-passjoni tegħlbu, ir-raġuni tiddallam, jiżbalja fid-deċiżjonijiet li jieħu u l-imġieba tiegħu xi drabi tkun agħar minn dik tal-bhejjem li huma mmexxijin biss mill-istint tagħhom. Huwa d-dmir għalhekk ta' kull bniedem u wisq iżjed ta' kull Nisrani, li ma jħallix lill-passjoni tegħlbu u kemm jista' jkun, iżomm il-kalma u l-ekwilibriju. Meta r-raġuni tiġi mwarrba fil-ġenb u l-egħmil tal-bniedem ikun imqanqal mill-korla, mid-disperazzjoni jew minn xi passjoni oħra, aktarx li jisfa ta' ħsara għalih innifsu jew għall-oħrajn.

"Egħmil bħal dan huwa kull att ta' vjolenza, għax fiha jidhru aktar il-qawwa brutali tal-bniedem u l-istint aggressiv tiegħu, milli jidhru l-għaqal u l-intelliġenza tar-raġuni. Bħala Nsara, ma nistgħux ma nikkundannawx il-vjolenza ta' kull għamla, tiġi mnejn tiġi.

"In-Nisrani li jrid jimxi fuq it-tagħlim ta' Kristu, mhux biss ma jibdiex hu l-vjolenza, iżda lanqas iwieġeb għaliha bi vjolenza oħra. Fil-qalb tabilħaqq Nisranija ma hemmx post għax-xewqa ta' vendetta.

"In-nisrani ma jinqeda qatt b'mezzi li ma humiex etikament tajbin biex jasal għall-fini tiegħu, għax jaf li mhux biżżejjed li l-intenzjoni tkun tajba, iżda jridu jkunu tajbin ukoll fihom infushom l-egħmejjel li bihom iwettaq dik l-intenzjoni.

"In-Nisrani ma jistax jippermetti li tinbeda

spirali ta' vjolenza, kif jiġri meta att ta' vjolenza jipprovoka att ieħor ta' vjolenza bi tpattija u hekk tinħoloq katina ta' egħmejjel li jagħmlu għajb lil kull min jagħmilhom. In-nisrani, iżda għandu jaqta' din il-katina ta' vjolenza, billi juża r-rimedju li għallimna Kristu, jiġifieri l-maħfra, il-ħniena u l-imħabba.

"Għalhekk, kull meta ninsistu fuq il-karità Nisranija u fuq il-preċett tal-maħfra lil min hu ħati għalina, indirettament, aħna mhux biss inkunu nikkundannaw il-vjolenza, iżda nkunu wkoll ngħinu u ngħallmu lil oħrajn biex iżommu bogħod minnhom kull għemil vjolenti.

"F'dan il-kuntest, nista' nirrepeti dak li għedt minn hawn stess, fl-10 ta' Jannar, 1978: "Qabel Kristu, fi żmienu u wara żmienu, ħafna dehrilhom li t-triq li twassal għal soċjetà ġusta mibnija kif imiss, hija t-triq tal-forza ta' min jiflaħ. Kristu għalih innifsu u għal min irid jimxi warajh, għażel triq oħra, li hija t-triq ta' l-imħabba, tal-ħniena, tad-djalogu sinċier u fuq kollox, it-triq tal-verità. Liema minn dawn iż-żewġ toroq twassal tabilħaqq għal relazzjonijiet tajbin fost il-bnedmin? Kif josserva Thomas Merton (Faith and Violence page 20) 'il-forza dejjem tħares il-ġid ta' xi whud waqt li tissagrifika dak ta' xi oħrajn. Hija biss l-imħabba li tista' tilħaq u tħares il-ġid ta' kulħadd." (Il-kelma tar-Raghaj, Vol. III, paġ. 148).

"Bil-motto magħżul għal din is-sena: L-imħabba ta' Kristu tgħaqqadna, aħna qegħdin nistqarru li diġà għażilna t-triq li minnha rridu nimxu, kemm fil-ħidma tagħna bħala membri ta' l-Azzjoni Kattolika kif ukoll fil-ħajja tagħna ta' kuljum; hija l-istess triq li għażel Kristu; l-imħabba li tagħder u taħfer u li waħdiha ġġib l-unità u l-paċi.

"Biex naslu għal dan, hija meħtieġa fina fiduċja, sħiħa u bla limiti fil-għajnuna u l-ħarsien ta' Alla, li aħna nemmnu fih u nirrispettawh bħala missier kollu mħabba lejna. Din il-fiduċja hija meħtieġa wisq u wisq iżjed fil-mumenti diffiċli ta' l-eżistenza tagħna. Fl-istess ħin, din il-fiduċja hija wkoll għajn ta' faraġ u ta' paċi tal-qalb fil-provi kollha ta' ħajjitna".

(Diskors lill-membri ta' l-A.K. 14.10.84).

ĦIDMA FLIMKIEN TAL-ĠENITURI U L-GĦALLIEMA

"Ilqajt bil-ferħ l-istedina li għamiltuli f'isem il-Parent Teacher Association ta' Għawdex biex nattendi għal din il-laqgħa ta' talb u ta' radd il-ħajr f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu u nwasslilkom il-messaġġ tiegħi.

"L-esperjenza ta' dawn l-aħħar xhur, fost ħwejjeġ oħra għallmitna kemm hija meħtieġa l-ħidma id f'id bejn il-ġenituri u l-għalliema. Rajna bil-fatti, kemm hija għaqlija d-direttiva tal-Knisja, irripetuta ħafna drabi, li fil-qasam ta' l-edukazzjoni l-familja u l-iskola għandhom jikkoperaw flimkien għall-ġid ta' l-ulied.

"U sabiex din il-lezzjoni tibqa' mpressa f'moħħna, jixraq li nirriflettu daqsxejn fuq dak li tixtieq minna l-Knisja u naraw kif fil-prattika, nistgħu nwettquh dejjem aktar. Ippermettuli għalhekk li nikkwotalkom tliet siltiet qosra mid-dokumenti tal-Maġisteru li jiċċarawlna dan il-ħsieb.

"F'diskors li kien għamel il-Papa Piju XII lill-ommijiet fis-26 ta' Ottubru, 1941 (Insegnamenti Pontifici: vol. 13, L'educazione n.47), qalilhom: "Fil-ħidma edukattiva tagħkom, li fiha ħafna

aspetti, intom tħossu l-ħtieġa u d-dmir li jkollkom l-għajnuna ta' nies oħrajn; araw li jkunu Nsara bħalkom u għażluhom b'dik ir-reqqa kollha li jistħoqqlu t-teżor li tafdawlhom f'idejhom; il-fidi, is-safa u l-pjetà ta' wliedkom. Iżda, wara li tkunu għażiltuhom taħsbux li intom issa ħielsa u maħlulin mid-dmirijiet u mill-viġilanza tagħkom; jibqgħalkom id-dmir li tikkollaboraw magħhom. Anke meta dawk l-għalliema jkunu magħrufin għall-kapaċità tagħhom bħala edukaturi, ftit wisq jirnexxilhom iwettqu mill-formazzjoni ta' wliedkom, jekk intom ma tgħaqqdux il-ħidma tagħkom ma' tagħhom. X'jiġri mbagħad jekk minflok li tgħinu u ssaħħu l-ħidma tagħhom, taslu saħansitra biex tfixkluha u xxejnuha?"

"It-tweġiba għal din il-mistoqsija tal-Papa hija ovvja: meta ma jkunx hemm armonija u kollaborazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema, il-konsegwenzi fil-qasam edukattiv ikunu diżastruži u l-ewwel ma jsorfu jkunu t-tfal.

"Fi żmenijiet iktar qrib lejna, din il-ħtieġa assoluta ta' koperazzjoni bejn il-familja u l-iskola jsemmiha wkoll il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-eżortazzjoni appostolika 'Familiaris Consortio' fejn wara li jsemmi l-jedd inaljenabbli tal-ġenituri li jedukaw lil uliedhom, jissokta jgħidilna: 'Flimkien ma' dan il-jedd, il-ġenituri għandhom ukoll id-dmir serju li jimpenjaw ruħhom f'relazzjoni kordjali u attiva, ma' l-għalliema u ma' dawk li jmexxu l-iskejjel.'

"Id-dokument tas-Sagra Kongregazzjoni ta' l-edukazzjoni Kattolika, maħruġ fil-15 ta' Ottubru, 1982, waqt li jagħmel riferenza għall-kelmiet tal-Papa, ifakkar lill-għalliema li 'l-familja hija l-iskola ewlenija u fundamentali tal-ħajja soċjali u għalhekk hemm dmir speċjali li wieħed jaċċetta mill-qalb, anzi li joħloq opportunitajiet li jkun hemm kuntatt mal-

ġenituri u ma' l-istudenti. Dawn il-kuntatti huma neċessarji ħafna, għaliex f'diversi sferi tal-ħajja, il-ħidma edukattiva tal-familja u dik ta' l-iskola huma kumplimentari'. (par. 34).

"Għall-veru ġid ta' wliedkom, f'din l-okkażjoni, inħeġġiġkom biex issaħħu dejjem iżjed il-ħidma għalenija tal-ġenituri flimkien ma' l-għalliema, fi klima ta' rispett reċiproku u ta' karità Nisranija, ħalli l-edukazzjoni li tingħata lit-tfal, twassalhom tabilħaqq biex isiru ċittadini onesti u Nsara maturi".

(Diskors lill-ġenituri 24.11.84).

L-GĦALLIEMA KATTOLIĊI: XHIEDA TA' L-IMĦABBA TA' KRISTU

Wieħed jifhem mingħajr diffikultà, għaliex l-M.U.T., cioè l-assoċjazzjoni tal-għalliema, riedet li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-65 anniversarju mit-twaqqif tagħha, tinżamm ukoll din il-funzjoni reliġjuża fis-santwarju Ta' Pinu. Ir-raġuni hija għaliex mhux biss il-membri tiegħu huma nsara, imma wkoll għaliex il-moviment innifsu jistqarr li fil-għażliet u fil-ħidmiet tiegħu, huwa ispirat minn prinċipji nsara. Għalhekk jiftakar f'Alla, mhux biss fil-hemm iżda wkoll fil-ferħ u japprezza dejjem it-talb, bħala valur mill-aqwa.

Huwa magħruf li l-M.U.T. hija għaqda jew trade-union tal-għalliema. Fuq it-trade-unions u l-attività tagħhom bħala tali, ftit għandi xi ngħid, għaliex ktibt fit-tul fuqhom fil-pastorali tar-Randan tal-1968 u dik tal-1980. Isemmihom ukoll il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika tiegħu "Laborem Exercens" tal-14 ta' Settembru, 1981., u ftit għandi xi nżid ma' dan it-tagħlim ħekk sod u awtorevoli. Nista' nissuġġerixxi biss, li dokumenti bħal dawn, it-teachers u l-ħaddiema l-oħra jagħmlu sewwa jekk iżommu kopja tagħhom, jaqrawhom, jirriflettu

fuqhom u jipprovaw iwettquhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Iżda qatt ma huwa żejjed, li wieħed jitkellem u jipprova jifhem sewwa l-missjoni tal-għalliema u l-importanza tagħha fi ħdan is-soċjetà tal-bnedmin.

Meta jitkellem dwar dan is-suġġett, il-Konċilju Vatikan II, fid-Digriet "Gravissimum Educationis", n. 5, igħidilna: "Hija tassew sabiħa u importanti s-sejħa ta' dawk kollha li, waqt li jgħinu l-ġenituri biex jagħmlu dmirhom ta' edukaturi, f'isem il-komunità umana, jassumu d-dmir li jedukaw fl-iskejjel. Din il-vokazzjoni titlob kwalitajiet speċjali tal-moħħ u tal-qalb, thejjija attenta ħafna u dispożizzjoni kontinwa ta' tiġdid u ta' adattament."

Minn dawn it-tliet esiġenzi jew kundizzjonijiet li jsemmi l-Konċilju, fiċ-ċirkustanzi tal-lum, ta' min jagħmel enfasi speċjali fuq l-aħħar waħda: "dispożizzjoni kontinwa ta' tiġdid u ta' adattament." L-edukaturi, bħal kull nisrani serju, jeħtieġ li jifthu għajnejhom berah għas-sinjali taż-żmenijiet. Fil-waqt li jibqgħu sodi fuq is-sisien tal-prinċipji tal-edukazzjoni nisranija, jeħtieġ li huma jintebħu bit-tibdil, xi drabi wkoll radikali, li jkun qed isir f'pajjiżhom kif ukoll fuq livell internazzjonali. Meħtieġ li jkollhom anke, sens qawwi ta' dixxerniment: kif jaf kulħadd, mhux it-tibdil kollu jwassal għal veru ġid tal-bniedem u jgħolli d-dinjità tal-persuna umana tiegħu; iżda l-anqas nistgħu nassumu li kull ħaġa ġdida hija ħażina jew perikoluża, sempliċement għax hija ġdida. L-edukaturi kollha, għandhom iqisu l-perikli ġodda li nħolqu fi żmenijietna bħala sfida biex jifhmu aħjar ir-responsabiltà tagħhom, itejbu l-metodi tat-tagħlim u jimpenjaw ruħhom bi spirtu ta' sagrifiċċju, iktar minn qatt qabel, fix-xogħol delikat u

indispensabbli afdat lilhom. Kbira kemm tkun kbira din l-isfida jew challenge, in-nisrani li għandu fidi f'Alla u tama fl-għajnuna tiegħu, jilqagħha b'determinazzjoni sħiħa u bil-kuraġġ. Mill-banda l-oħra, l-anqas nistgħu ninjoraw il-fatt li ż-żmenijiet moderni joffrulna wkoll xi vantaġġi, li jekk jagħrfu jħaddmuhom bil-għaqal, jistgħu jkunu għodda tajbin f'idejn l-edukaturi sabiex iwettqu iktar bilħeffa u b'mod effikaċi l-missjoni tagħhom. L-importanti huwa li wieħed ma jaqtax qalbu.

Kellu raġun għalhekk, il-Papa attwali, meta fil-vjaġġ tiegħu fil-Kanada, fid-diskors tiegħu lill-għalliema kattoliċi ta' Newfoundland, qalilhom: "Dejjem kien diffiċli li tkun nisrani, u wisq iktar diffiċli li tkun teacher verament nisrani, speċjalment jekk dak it-teacher ikollu jagħti x-xhieda tiegħu, f'sistema sekularizzat. Kull epoka tippreżenta sett ġdid ta' problemi kif ukoll opportunitajiet ġodda biex wieħed jagħti xhieda tal-imħabba redentiva ta' Ġesù Kristu." (Bullettin tal-Arċidjoċesi nru. 44, paġ. 10).

Fuq kollox, fuq dan għandkom taħsbu u dan għandkom tqisuh l-ewwel dmir tagħkom bħala għalliema kattoliċi, li tkunu xhieda quddiem it-tfal u quddiem kulħadd ta' dik l-imħabba li biha Kristu feda d-dinja u irrikonċilja l-bnedmin bejniethom u ma' Alla. Din ix-xhieda jeħtieġ li tagħtuha mhux biss bil-kliem, meta tgħallmu u tfissru l-messaġġ nisrani, iżda b'mod partikulari bil-preżenza u bl-imġieba tagħkom. Il-ġenerazzjoni żagħżugħa għandha bżonn ħafna u ħafna li jgħallmuha tħobb kif ħabb Kristu, għaliex hija skandalizzata bil-ġrajjiet li tara u tisma' ta' kuljum, ġrajjiet ta' egoiżmu, ta' mħabba qarrieqa, ta' tilwim u ġlied, ta' oppressjoni u vjolenza. Kif ikompli josserva l-Papa

fid-diskors imsemmi, "tgħallem ma jfissirx biss li nagħtu dak li nafu, iżda wkoll li nuru min aħna, billi ngħixu dak li nemmnu."

Fil-Vanġelu tal-lum, smajna l-opri tal-ħniena, li minħabba fihom, Kristu Sultan u mħallef ta' kulħadd, jistieden il-ġusti ħalli jidħlu u jieħdu sehem fis-saltna tiegħu. Ma' dawk l-għemejjel tajba, nistgħu nżidu wkoll: "Kont ħosbien u tajtni parir tajjeb; kont fl-injoranza u għallimtni; dejjaqtek u ħadt sabar bija." L-għalliem nisrani li matul il-ħajja attiva tiegħu, għall-imħabba t'Alla, ikun wettaq dana kollu, għandu motiv sod li jqawwi qalbu bittama li l-Imħallef Divin għad ikollu għalih kliem ta' tifħir u ta' approvazzjoni, anke meta l-bnedmin mhux dejjem jgħożżu u japprezzaw kif imisshom il-ħidma tiegħu.

(Omelija fil-Knisja ta' Pinu 25.11.84).

MA' KRISTU, IL-BIERAĦ, ILLUM U DEJJEM

Kristu Sultan, kif jistqarr il-kittieb ta'l-Ittra lil-Lhud (13.8) "huwa dak li kien fl-imgħoddi, issa u għal dejjem."

Il-bieraħ, illum u dejjem, Kristu għandu l-kliem tal-ħajja eterna.

Il-bieraħ, illum u dejjem, għal dawk li huma msejħin biex jieħdu sehem mill-fidwa tiegħu, Kristu huwa "il-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla." (I Kor. 1, 24).

Il-bieraħ, illum u dejjem, Kristu huwa x-xempju ħaj u perfett ta' dak kollu li hemm sabiħ, qaddis u tajjeb u li għalih jistgħu jixxenqu l-bnedmin.

Il-bieraħ, illum u dejjem, Kristu preżenti fil-

Knisja, il-Ġisem Mistiku Tiegħu, huwa l-garanzija tal-eżistenza tagħha sa l-aħħar taż-żmenijiet u taż-żgħożija mġedda tagħha.

Il-bierah, illum u dejjem, Kristu huwa l-għajn tal-qawwa, li ssaħħaħ il-Knisja, fl-isforzi tagħha sabiex twaqqaf ċiviltà ġdida mibnija fuq l-imħabba, il-verità u l-ġustizzja.

Il-bierah, illum u dejjem, Kristu jistieden lil kulħadd għall-konverżjoni sinċiera u jfittex bnedmin li huma disposti jissieħbu miegħu fil-għajb u t-tbatija tas-salib biex ikollhom sehem miegħu wkoll fil-glorja.

Il-bierah, illum u dejjem, Kristu jsejjaħ u jiġbed lejh qlub ġeneruži li jridu jgħinuh fil-missjoni tiegħu li biha jerfa' l-umanità u jwaṣṣal is-salvazzjoni tiegħu lid-dinja, permezz tal-Knisja mwaqqfa minnu.

Kif ser iwieġbu l-insara ta' pajjiżna, b'mod speċjali ż-żgħażagħ, għal din l-istedina, anzi nistgħu nsejħulha "sfida" ta' Kristu? Ħafna minnhom diġà ntebħu bl-inganni u l-qerq tad-dinja, iżda għandhom huma l-ħila u l-kuraġġ li jimxu wara Kristu u jmorru kull fejn irid jeħodhom Hu?

Tabilħaqq li kull bniedem hu dgħajjef, imma Kristu qalilna: "Agħmlu l-qalb; jiena rbaħt id-dinja." (Ġw 16.33). Jekk nibqgħu magħqudin miegħu, bħalu noħorġu rebbieħa.

J'Alla dan l-att ta' konsagrazzjoni li flimkien sejrin nagħmlulu, ikun ifisser proponiment sod li ma nħallu lil xejn u lil ħadd jifridna minn Kristu u mill-Knisja tiegħu. Ikun għalina, wegħda ta' lealtà lejhom u ta' għaqda dejjiema ma' Alla, permezz tal-fidi u tal-grazzja.

(Diskors fil-Funzjoni ta' Kristu Re: 25.11.84).

IL-PROBLEMA TAL-QGĦAD

Nibda billi nikkwota dak li ktibt fil-Pastorali tar-Randan 1980: "Aktarx li l-inkwiet ewlieni li jħabbat moħħ il-ħaddiema u wliedhom huwa l-qgħad jew in-nuqqas ta' xogħol għal kulħadd."

Il-qgħad huwa problema serju għal ħafna pajjiżi żviluppati u theddida għal ħafna min-nies tax-xogħol. Jeħtieġ però li nifhmu sewwa x'inhu l-qgħad jew 'unemployment'. Ma nistgħux insejħulu 'unemployed' min hu anzjan jew invalidu u ma jiflaħx jaħdem iżjed jew minħabba xi raġunijiet ta' saħħa mhux tajjeb għax-xogħol. Ma' din il-kategorija ta' nies hija konnessa l-problema ta' l-assikurazzjoni jew tal-pensjoni, iżda mhux il-problema tal-qgħad. L-anqas ma jissejjaħ 'unemployed' il-ħaddiem li jieħu vaganza jew li qiegħed fuq strike, għax għad li mhux jaħdem dment li huwa hekk, iżda l-fatt li mhux jaħdem jiddependi mid-deċiżjoni li jieħu huwa stess u din is-sitwazzjoni hija biss għal perijodu ta' żmien li t-tul tiegħu direttament jew indirettament, jakkonsenti għalih hu nnifsu.

Għandu jitqies bħala 'unemployed' il-bniedem li għad li għandu l-età u s-saħħa biex jista' jaħdem, iżda ma jkunx hemm xogħol għalih, jew ix-xogħol li toffrilu s-soċjetà jkun jissupera l-kwalifiki tiegħu, jew ikun inferjuri ħafna għall-kapaċità u għat-taħriġ professjonali tiegħu, per eżempju bniedem ikkwalifikat fl-inġinerija li jkollu jagħmilha ta' lift operator. Ikun hemm ukoll il-qgħad, meta biex isib ix-xogħol, wieħed ikollu jitbiegħed minn pajjiżu.

Għalhekk nistgħu nagħtu din id-definizzjoni tal-qgħad: "Huwa s-sitwazzjoni ta' min għad li jiflaħ u jrid jaħdem, ma jirnexxilux isib ix-xogħol li ma

jissuperax il-kapaċità tiegħu u li jikkorrispondi għax-xeħta professjonali tiegħu."(Clement Mertens "Initiation à l'Economie Sociale" pag. 80).

Għamliet diversi ta' qgħad

Il-qgħad jista' jkun ġej minn **kawżi** diversi u għalhekk l-ekonomisti u s-soċjologi jiddistingwu diversi għamliet ta' qgħad:

(1) Il-qgħad **residwali**: huwa ta' dawk il-ħaddiema li għad li ma jistgħux jissejħu invalidi jew anzjani fl-età li jirtiraw mix-xogħol, iżda qatt ma jsibu jaħdmu b'mod stabbli, l-anqas meta l-attività ekonomika tkun fl-aqwa tagħha u dan minħabba l-karattru, il-fama tagħhom jew xi difett personali li jkollhom.

(2) Il-qgħad **frizzjonali** li huwa r-riżultat tat-tibdil kontinwu tal-ħajja ekonomika. Huma ħaddiema li jiddependu mill-'ups and downs' tal-attività kummerċjali. Fabbrika jkollha prodotti li qabdu s-suq u tkun teħtieġ żieda fil-għadd ta' ħaddiema, u oħra tkun sejra ħażin u jkollha tnaqqas minnhom; dawk li jiġu liċenzjati minn din ta' l-aħħar, ikunu fil-qgħad frizzjonali, sakemm isibu fabbrika sejra tajjeb li timpjegahom.

(3) Il-qgħad **staġjonali** jiddependi mill-istaġuni jew kundizzjonijiet tat-temp u tal-klima; hekk l-impjegati f'hotel li tkun magħluqa fix-xitwa, ikollhom jissospendu l-attività tagħhom f'dan il-perijodu.

(4) Il-qgħad **strutturali** huwa pprovokat minn nuqqas ta' żvilupp u mir-reċessjoni jew stanjazzjoni tal-fergħat importanti tal-ekonomija, bħal ma huma l-industrija u l-kummerċ. Il-kawżi jew il-bidu ta'dan l-istaġnar jew waqfien fl-attività ekonomika jistgħu

jkunu ħafna, bħal ma huma per eżempju, in-nuqqas ta' impenn jew ta' kuraġġ tal-imprendituri, in-nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati, il-kompetizzjoni ma' fabbriki ta' pajjiżi oħra, in-nuqqas ta' kapitali, eċċ., eċċ.

(5) Il-qgħad **teknoloġiku** huwa l-konsegwenza tal-progress fit-teknoloġija u tal-immodernizzar tas-sistemi produttivi u tal-makkinarju, li minħabba fihom ċerti ħaddiema jkunu żejda (redundant) u jisfaw bla xogħol. L-awtomazzjoni f'dawn l-aħħar snin, waqt li naqqset l-ispejjeż tal-produzzjoni u kabbret ir-ritmu fl-għadd ta' prodotti, tellfet ix-xogħol lil bosta ħaddiema, speċjalment lil dawk li kienu inqas kwalifikati. Fil-ġejjieni, l-introduzzjoni tal-computers tista' tkun minaċċja serja għall-impjieg ta' xi ħaddiema.

(6) Il-qgħad **ċikliku** jew **konġunturali** huwa dak li jirriżulta mill-kriżi ekonomiċi kbar, li bħal perturbazzjoni tal-atmosfera, kull tant u tant igħaddu minn fuq id-dinja. Aktarx li din il-kawża tal-qgħad hija l-iktar waħda gravi għaliex mhix limitata għall-pajjiż jew reġjuni waħda biss, iżda taħkem ftit jew wisq fil-kontinenti kollha, tinvolvi fl-istess perijodu, kull settur tal-ekonomija, tolqot l-ikbar għadd ta' ħaddiema, mhux ta' fabbrika waħda jew tnejn, u ddum ix-xhur twal u forsi wkoll is-sni.

Il-ħsara tal-qgħad

Faċilment wieħed jintebaħ bil-konsegwenzi ħżiena li jġib miegħu l-qgħad u għaliex għandu jitqies bħala marda kerha li s-soċjetà jeħtieġ li tfieq minnha mill-iktar fis. Il-qgħad iġib ħsara:

(1) L-ewwelnett lill-ħaddiem li jkun bla xogħol għaliex jiċħadlu l-mezz li bih ikun jista'jaqla'ħobżu onestament u bid-dinjità. Joħloq f'moħħu l-

impressjoni li huwa inutli u żejjed fid-dinja, jesponih għal ċerti tentazzjonijiet ta' **evażjoni**, bħal ma huma l-alkoħoliżmu, drogi, eċċ. Jipprivah mill-vantaġġi morali li x-xogħol iġib miegħu, bħal ma huma s-sens ta' responsabilità, l-impenn u d-dedikazzjoni tiegħu għax-xogħol.

(2) Il-qgħad iġib ħsara lill-familji, għaliex meta l-missier huwa diżokkupat, ħafna drabi l-familja jkun jonqosha dak li huwa meħtieġ għall-ħajja. Il-missier li ma jaħdimx jitlef ħafna mill-axxendent tiegħu fuq uliedu u b'hekk tonqos il-paċi domestika. Dan jiġri aktar u aktar, jekk minfloku, il-mara u t-tfal ikollhom joħorġu barra mid-dar biex jaqilgħu xi ħaġa, anke xi darba b'mezzi mhux għal kollox onesti jew xierqa għalihom.

(3) Bil-qgħad tmur lura s-**soċjetà** għaliex ma tapprofitta xejn mill-enerġiji u mir-riżorsi tax-xogħol li jkunu jinħlew għaliex ċerti ħaddiema ma jsibux jaħdmu. Ix-xogħol huwa wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni, iżda fi żmien il-qgħad, għad li jkun hemm offerta tiegħu, ma jkunx hemm domanda biżżejjed għalih u ma jiġix utilizzat. Barra minn hekk, is-soċjetà jkollha terfa' l-piż ta' dawk li ma jaħdmux u tħallas il-kontribuzzjonijiet biex jingħataw benefiċċji lilhom. Dawn il-flus li s-soċjetà tikkontribwixxi u li l-ħaddiema jirċievu bħala għajnuna soċjali, għad li hemm bżonn li jsir hekk, iżda ma jirrendu ebda qliegħ u ma jġibu ebda progress fil-produzzjoni.

(4) Bil-qgħad tiddgħajjef ukoll l-**attività ekonomika** nnifisha, għaliex il-qgħad ifaqqar il-vittmi tiegħu, minħabba fih jonqoshom il-'purchasing-power' tagħhom hekk li ma jkunux jistgħu jixtru l-oġġetti prodotti. Jonqos ukoll għalhekk il-konsum ta' dawn il-prodotti u d-

domanda għalihom u dan il-fatt iġib ritard jekk mhux ukoll waqfien fil-kummerċ u fl-industrija. B'hekk jinħoloq ċirku vizzjuż, għaliex din il-qagħda tkompli tnaqqas il-postijiet tax-xogħol u taggrava l-problema tal-qgħad fil-pajjiż.

X'qalet il-Knisja dwar il-problema tal-qgħad

Nistgħu nikkwotaw dak li qalu l-Papiet fl-enċikliki u fid-diskorsi tagħhom kif ukoll dak li għallem il-Konċilju Vatikan II, dwar dan is-suġġett:

Il-Papa **Ljun XIII** fl-enċiklika "Rerum Novarum" kiteb: "Għandu għalhekk jiġi maħsub biex lill-ħaddiem ma jonqsu qatt ix-xogħol u li jkun hemm fondi disponibbli biex wieħed igħin lill-ħaddiema mhux biss fil-kriżi ta' f'daqqa u aċċidentali fl-industrija, imma anke f'każi ta' mard, ta' xjuħija u ta' diżgrazzji."

Il-Papa **Piju XI** fl-enċiklika "Divini Redemptoris" qal: "L-Istat għandu jagħmel minn kollox biex joħloq dawk il-kundizzjonijiet materjali tal-ħajja, li mingħajrhom ma tistax tibqa' wieqfa soċjetà ordnata kif imiss, u sabiex jipprovdi x-xogħol speċjalment lill-missirijiet tal-familja u liż-żgħażagħ."

Il-Papa **Piju XII** fl-omelija tal-Għid, 1939, ilmenta: "Kif jista' jkollna l-paċi, meta eluf ta' rġiel huma bla xogħol, mingħajr dak ix-xogħol onest li mhux biss imantni l-ħajja tal-individwi u tal-familji tagħhom, imma li jutilizza wkoll, kif inhu meħtieġ u xieraq, il-ħafna enerġiji li bihom in-natura, it-taħriġ u l-istudju żejnu u għollew id-dinjità tal-persuna umana?" Fil-Messaġġ tal-Milied tal-1952, iżid igħid: "Jidher li għandu jsir sforz sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' okkupazzjoni possibbli, iżda fl-istess ħin wieħed għandu jfittex li tiġi mħarsa l-istabilità tax-xogħol."

Il-Papa **Ġwanni XXIII** fl-enċiklika "Pacem in Terris" n. 10, kiteb: "Kull bniedem għandu...id-dritt tas-sigurtà f'każ ta' mard, invalidità, romol, xjuħija, qgħad u f'kull każ ieħor li fih jitlef il-mezzi tal-għajxien f'ċirkustanzi li ma jiddependux mir-rieda tiegħu."

Il-**Konċilju** fil-Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 67, igħallem li: "Kulħadd għandu d-dmir li jaħdem bil-fedeltà kif ukoll il-jedd għax-xogħol; huwa mbagħad dmir tas-soċjetà, skond iċ-ċirkostanzi tagħha, li tgħin min-naħa tagħha, liċ-ċittadini biex jistgħu jsibu okkażjoni tax-xogħol kemm jeħtieġ."

Il-Papa **Pawlu VI**, fl-enċiklika "Populorum Progessio" (1967) qal: "Li jkunu meħlusin mill-faqar, li jsibu b'sigurtà akbar il-għajxien, is-saħħa, impjieg stabbli, sehem iktar sħiħ fir-responsabilità mingħajr ebda oppressjoni...din hija l-aspirazzjoni tal-bnedmin ta' llum, fil-waqt li għadd kbir minnhom huma kkundannati li jgħixu f'kundizzjonijiet li jġibu fix-xejn din ix-xewqa leġittima tagħhom." (n.6).

Fl-ittra apostolika tiegħu tal-14 ta' Mejju, 1971, "Octogesima Adveniens" kiteb: "Kull bniedem għandu d-dritt għax-xogħol, biex ikollu ċans jiżviluppa l-kwalitajiet u l-personalità tiegħu fit-taħriġ tal-professjoni li jkollu." (n.14).

Il-Papa preżenti, **Ġwanni Pawlu II,** fl-enċiklika "Laborem Exerċens" tal-14 ta' Settembru, 1981, igħidilna: "Irridu l-ewwelnett inqisu problema fondamentali: il-problema li ssib ix-xogħol jew fi kliem ieħor, il-problema ta' impjieg xieraq għal kull min hu kapaċi għalih. Il-qgħad, jiġifieri n-nuqqas ta' xogħol għal min hu kapaċi għalih, imur kontra l-

qagħda ġusta u xierqa f'dan il-qasam. Il-problema tista' tkun ta' qgħad ġenerali jew ta' qgħad f'ċerti oqsma tax-xogħol. Id-dmir li jinħoloq f'dawn iċ-ċirkustanzi u li jorbot lil dawk li għall-inqas indirettament għandhom jagħtu x-xogħol lill-ħaddiema, huwa dak li jeħduha kontra l-qgħad, għaliex hu dejjem deni, u meta jilħaq ċertu livell, hu veru diżastru soċjali. U l-qgħad ikidd ħafna, meta jolqot l-aktar iż-żgħażagħ, li wara thejjija kulturali, teknika u professjonali xierqa ma jsibux xogħol u jaraw miġjuba fix-xejn ix-xewqa sinċiera tagħhom li jaħdmu u l-ħrara tagħhom li jidħlu għar-resonsabiltajiet tagħhom fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-kommunità li tagħha huma membri." (n. 18).

Minn dawn is-siltiet, jidher ċar l-interess tal-Maġisteru tal-Knisja fil-problema tal-qgħad. Ħadd ma jista' jgħid li l-Knisja Kattolika ma tatx każ ta' dawk li qegħdin f'din is-sitwazzjoni mwieghra. Anzi, fit-tagħlim tal-Papiet, insibu ċerti prinċipji tad-Duttrina Soċjali nisranija li jitfgħu dawl kbir fuq din il-problema u jistgħu jkunu ta' għajnuna biex tinstab soluzzjoni għaliha.

Dritt-Dmir għax-xogħol u tax-xogħol

Kull bniedem għandu d-**dmir** li jaħdem jekk ikollu l-età u s-saħħa biex jista' jagħmel dan. Dan id-dmir huwa ġej l-ewwelnett minn ħtieġa tal-persuna umana, li ma tasal qatt biex tilħaq il-perfezzjoni, li għaliha għandha potenzjalità, jekk mhux permezz tax-xogħol. Il-bniedem li jaħdem f'xogħol manwali jew intellettwali, jipperfezzjona l-kapaċitajiet u l-kwalitajiet tajba tiegħu. Il-bniedem li ma jaħdimx imur għall-agħar, jinħela fil-għażż, jaqa' fil-parassitiżmu familjari u soċjali għax ikun dejjem jiddependi mill-oħrajn għall-għajxien tiegħu.

Dan id-dmir tax-xogħol huwa konsegwenza ta'

dmir ieħor li kull individwu għandu lejn il-komunità li tagħha huwa membru; cioè li jagħti l-kontribut u s-sehem tiegħu biex din il-komunità timxi 'l quddiem u tgħix fil-paċi. Kull wieħed għandu jikkontribwixxi għall-ġid tas-soċjetà, skond il-kapaċità u r-rwol jew pożizzjoni li jkollu fiha. Min ma jaħdimx mhux talli ma jagħtix sehmu, iżda jsir piż għas-soċjetà.

Għad-dmir tax-xogħol jikkorrispondi **dritt** li huwa doppju, jiġifieri kemm id-dritt **għax-xogħol** u kemm id-dritt **tax-xogħol**.

Qabel kollox, id-dritt għax-xogħol. Jekk minnatura tiegħu stess, il-bniedem għandu d-dmir li jaħdem, allura jeħtieġ li jkollu l-possibiltà u l-mezzi biex jista' jwettaq dan id-dmir. Bil-jedd kollu l-bniedem ifittex ix-xogħol adattat għalih, u ġustament jistenna li s-soċjetà toffrilu l-possibiltà li jaħdem, meta ma jirnexxilux din il-possibiltà jsibha jew joħloqha bil-ħila tiegħu waħdu.

Is-soċjetà bħala korp għandha tipprokura l-ġid tal-membri tagħha kollha. Is-soċjetà tagħmel dan kemm **b'azzjoni kordinatriċi** li biha tħeġġeġ l-inizjattiva ta' dawk li jistgħu jħaddmu nies oħra magħhom; kif ukoll **b'azzjoni suppletiva** li biha toħloq postijiet tax-xogħol għal numru dejjem ikbar ta' ħaddiema. Għal dan il-għan jistgħu jwasslu l-**leġislazzjoni soċjali għaqlija** u provvedimenti oħra maħsubin biex jirbħu l-qgħad u sotto-okkupazzjoni.

Id-dritt tax-xogħol jinkludi fih is-setgħa li wieħed iwettaq il-ħidma tiegħu mingħajr tfixkil da parti ta' ħadd, per eżempju t-tfixkil minħabba diskriminazzjoni razzjali jew ta' għamla oħra. Dan id-dritt tax-xogħol jiġbor fih ukoll dawk il-kundizzjonijiet essenzjali li fihom għandha titwettaq l-attività tal-ħaddiema sabiex tkun tixraq tabilħaqq

lid-dinjità umana tagħhom. Fost dawn il-kundizzjonijiet ta'min isemmi, it-twettiq tax-xogħol b'orarju raġjonevoli u f'ambjent san, ir-rispett tal-kuntratt tax-xogħol, il-paga ġusta u s-sigurtà tax-xogħol hekk li tiġi evitata l-ansjetà tal-ħaddiema, minħabba l-inċertezza u l-prekarjetà tal-impjieg tagħhom.

Din ir-rabta ta' dmir-jedd għax-xogħol u tax-xogħol, għandha bħala pedament jew bażi tagħha, iż-żewġ prinċipji ewlenin tas-soċjoloġija kattolika, jiġifieri d-dinjità tal-persuna umana u l-koperazzjoni għall-ġid komuni tas-soċjetà.

Min għandu jieħu sehem fil-lotta kontra l-qgħad

(1) Il-**ħaddiema**, vittmi tal-qgħad, huma nfushom li għandhom id-dmir li jfittxu x-xogħol u jekk isibuh jidħlu għalih bil-ħeġġa. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkunu lesti jaddattaw ruħhom mill-aħjar li jistgħu, għaċ-ċirkustanzi ġodda li jinqalgħu, speċjalment meta jkun hemm trasformazzjonijiet ekonomiċi permanenti. L. Meldolesi fil-ktieb tiegħu "Disoccupazione ed esercito industriale di riserva in Italia" (1972) jitkellem dwar dawk li jsejħilhom, "i lavoratori scoraggiti", jiġifieri l-ħaddiema li jikkontentaw bil-benefiċċju tal-qgħad jew b'xi qliegħ żgħir li jkollhom u ma jkomplux ifittxu x-xogħol. Nies bħal dawn ma jagħtux is-sehem tagħhom fil-lotta kontra l-qgħad.

(2) Il-**Għaqdiet tal-Ħaddiema** għandhom jinteressaw ruħhom mhux biss mill-membri tagħhom biex iħarsulhom l-impjieg tagħhom, iżda għandhom iħabirku biex pajjiżhom joqrob kemm jista' jkun lejn il-'full employment'., cioè biex ikun hemm xogħol għal kulħadd. F'diversi pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent, it-trade-unions jagħtu prijorità

lill-problema tal-qgħad. Huma jgħassu sabiex ir-riformi fl-istrutturi u ċertu progress teknoloġiku jitwettqu b'ċertu mod li ma jtellfux impjiegi lil għadd kbir ta' ħaddiema u ma jaggravawx il-pjaga tal-qgħad.

(3) L-**imprendituri**, is-sidien tal-fabbriki u kull min iħaddem għandu jaħsibha sewwa qabel ma jilliċenzja xi ħaddiema minn tiegħu, jekk għall-inqas ma jkunx hemm maħsub għalihom xi xogħol alternattiv.

(4) Fl-aħħarnett l-**Istat**, barra milli jagħti kull għajnuna lill-privati biex il-għadd ta' postijiet tax-xogħol li jiddependu minnhom ma jonqosx, għandu wkoll jagħmel ħiltu biex iżomm għoli l-livell tal-okkupazzjoni fil-pajjiż. Dan l-Istat jista' jagħmlu kemm bi programmi għaqlin ta' xogħlijiet pubbliċi kif ukoll billi bi ftehim kummerċjali ma' pajjiżi oħra, jassikura li l-industriji jkollhom xogħol biżżejjed ħalli jżommu l-ħaddiema kollha u forsi wkoll jimpjegaw ħaddiema ġodda.

X'jista' jsir biex għall-inqas tittaffa l-problema tal-qgħad

Mhux il-każ li nidħlu fid-dettalji, iżda nistgħu nsemmu biss xi miżuri li ġew ipprovati f'diversi pajjiżi, għad li mhux dejjem kellhom ir-riżultati mixtieqa.

(1) Il-**benefiċċji tas-servizz soċjali** għall-qgħad ma humiex ser isolvu l-problema, iżda żgur li jnaqqsu t-tbatija tal-ħaddiema, għall-inqas sakemm jirnexxilhom isibu xi għamla ta' mpjieg. Fl-enċiklika "Laborem Exercens" naqraw: "Id-dmir li jkun hemm benefiċċji għall-qgħad, jiġifieri d-dmir li jingħataw sussidji xierqa, tassew meħtieġa għall-manteniment tal-ħaddiema qiegħda u tal-familji

tagħhom, hu dmir li jiġi mill-prinċipju fondamentali tal-ordni morali f'dan il-qasam, jiġifieri l-prinċipju tal-użu minn kulħadd tal-ġid tad-dinja jew fi kliem ieħor u b'mod iktar sempliċi, id-dritt għall-ħajja u għall-manteniment." (n.18).

(2) Kif tesiġi l-liġi ta' bosta pajjiżi, għandu jiġi eliminat l-**impjieg tat-tfal** u ġuvnotti taħt l-età, għaliex dan l-ewwelnett ikun ta' ħsara għalihom stess billi jtellifhom l-iskola u jista' joħloq okkażjoni ta' dannu morali. Barra minn hekk, iżid il-qgħad tal-kbar, għaliex xi drabi flok tifel b'salarju miżeru, suppost li jkun hemm impjegat raġel. F'xi pajjiżi hemm ukoll il-fenomenu tal-"lavoro nero", jiġifieri dawk il-ħaddiema li jimpjegaw ruħhom bla permess, għaliex taħt l-età, immigrati bil-moħbi, jew għal xi raġuni oħra u għalhekk huma sfruttati mingħajr ebda mezz ta' protezzjoni legali jew sindakali.

(3) Il-policy ta' **"one man, one job"** li biha ma jkunx permess li l-ħaddiem ikollu aktar minn impjieg wieħed, hija miżura neċessarja f'dawk ir-reġjuni u f'dawk l-epoki fejn ikun hemm nuqqas ta' xogħol, basta dak l-impjieg wieħed ikollu salarju suffiċjenti għall-għajxien deċenti tal-ħaddiem li jkun u tal-familja tiegħu.

(4) Biex ma joktorx il-għadd ta' nies qegħda, jaqbel li ż-żgħażagħ mhux biss ma jitilqux mill-**iskola** qabel ma jilħqu ċerta età li tvarja minn pajjiż għall-ieħor, iżda wkoll li l-iskola stess tkun organizzata b'ċertu mod li jindirizza lill-istudenti biex isibu mpjieg xieraq meta joħorġu minnha.

Kif jirriżulta minn inkjesta magħmula mill-ISVET "Indagine demoscopica sulla condizione giovanile" (1972), hemm tendenza li l-perijodu ta' żmien li fih iż-żgħażagħ imorru l-iskola jiġi

mtawwal hekk li jinkludi mhux biss il-livell sekondarju, imma anke dak universitarju, però mhux mingħajr il-periklu li tinħoloq **"diżokkupazzjoni intellettwali"**. Fuq dan il-fenomenu, fil-Laborem Exercens (n.8) naqraw: "Il-qgħad intellettwali jinstab u joktor fejn l-edukazzjoni li tingħata ma thejjix għal dik is-sura ta' mpjiegi u ta' servizzi li jintalbu mill-ħtiġijiet veri tas-soċjetà li tkun, jew meta ma jkunx imfittex ħafna x-xogħol li min jagħmlu jrid ikollu edukazzjoni almenu professjonali, jew meta x-xogħol intellettwali mhux imħallas tajjeb daqs ix-xogħol ta' l-id."

(5) Pass ieħor biex jittaffa l-qgħad, huwa li jingħata nkoraġġiment liż-xogħol indipendenti, jiġifieri ta' dawk li jaħdmu għal rashom (self-employed) u mhux bħala mpjegati ma' ħaddieħor. Dan igħodd mhux biss għall-professjonisti iżda wkoll għal min jaqla' l-għajxien tiegħu minn impriża ta' dimensjoni familjari, jew dimensjoni medja. Min hu okkupat f'din l-għamla ta' xogħol għandu l-interess li jagħmel ħiltu kollha biex l-impriża tiegħu ma tmurx lura. L-inkoraġġiment jew inċentiv li jingħatalhom, jista' jkun ta' ħafna għamliet, iżda għall-inqas jeħtieġ li huma wkoll ikunu intitolati għall-benefiċċji soċjali kollha li jgawdu l-ħaddiema l-oħra dipendenti mis-sidien.

(6) Għadd ta' żgħażagħ f'xi pajjiżi oħra, qegħdin jerġgħu jduru lejn l-**agrikultura**, għaliex ma jsibux impjieg ieħor, jew forsi anke bi spirtu ta' avventura. Jeħtieġ li jekk ma jiżdiedx il-għadd ta' ħaddiema f'dan is-settur produttiv, għall-inqas jittieħdu passi biex jieqaf l-eżodu ta' dawk li jitilqu l-kampanja biex isibu xogħol fl-ibliet, ħaġa li mhux dejjem tirnexxilhom. Fuq il-problemi soċjali tal-

biedja tkellem fit-tul il-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika **"Mater et Magistra"** u tkellem il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-**"Laborem Exercens"** (n.21) fejn jagħlaq b'dan il-kumment: "F'ħafna sitwazzjonijiet hu meħtieġ tibdil sħiħ u malajr biex il-biedja — u l-bdiewa — tiġi stmata bħal qabel, bħala l-pedament ta' ekonomija b'saħħitha, fl-iżvilupp sħiħ tal-kommunità soċjali kollha kemm hi. Għalhekk jeħtieġ tixxandar u tiġi 'l quddiem id-dinjità tax-xogħol, ta' kull xorta ta' xogħol, imma l-aktar tax-xogħol tal-biedja."

(7) Ħafna jista' jingħad favur jew kontra l-**emigrazzjoni** u l-**immigrazzjoni**. Għad li ġġib magħha ħafna żvantaġġi, l-emigrazzjoni għall-artijiet fejn hemm domanda għax-xogħol, tista' ttaffi l-problema tal-qgħad f'pajjiżi li għandhom popolazzjoni densa bħal tagħna u fejn ma hemmx xogħol għal kulħadd.

Illum flok l-emigrazzjoni b'ċerta stabilità, xi wħud jippreferixxu jitkellmu dwar il-**"mobilità tax-xogħol"**, jiġifieri dik is-sistema li fiha l-ħaddiema, skond l-ispeċjalizzazjoni tagħhom u skond id-domanda li jkun hemm għax-xogħol u għas-servizzi tagħhom, ikunu jistgħu jivvjaġġjaw minn post għall-ieħor. Hekk jagħmlu t-tekniċi ewropej li jaħdmu fl-artijiet tal-Afrika li qegħdin jiżviluppaw. Però, għad li fil-Komunità Ewropeja, hemm din il-possibilità ta' ħaddiema li jmorru jaħdmu minn art għall-oħra, xorta l-livell tal-qgħad għadu għoli, b'mod allarmanti.

(8) Hija meħtieġa wkoll policy għaqlija ta' **investimenti.** Xi drabi tonqos il-produzzjoni u ma jkunx hemm postijiet tax-xogħol għaliex ma jkunx hemm kapitali li jistgħu jiġu nvestiti biex ikabbru l-impriża. L-ewwelnett, kull impriża għandha tkun

inkoraġġita b'sistema fiskali adegwat, cioè bi tnaqqis mit-taxxi, li tinvesti parti mill-qliegħ tagħha fl-impjant jew makkinarju tagħha stess. Barra minn hekk, impriżi serji, li l-prodotti tagħhom għandhom futur għaliex hemm swieq għalihom, għandhom isibuha faċli li jiksbu kapitali b'imgħax li mhux eżorbitanti, sabiex jespandu l-attività tagħhom, b'finanzjament adegwat.

(9) Xi drabi l-qgħad ikun ikkaġunat ukoll mill-għażla żbaljata li jagħmlu ż-żgħażagħ. Hekk per eżempju ġie li jaqbdu xogħol li ma jkunx igħodd għalihom u għalhekk wara ftit jaqtgħu qalbhom u jitilquh. Ġie wkoll li jiksbu mpjieg f'xi fabbrika li ma tkunx sejra tajjeb u wara ftit isibu ruħhom mitfugħa 'l barra. F'xi pajjiżi, jeżistu aġenziji ta' kollokament, sew statali kif ukoll privati, li wara li jagħmlu stħarriġ dwar il-possibiltà ta' mpjiegi li jista' jkun hemm, kif ukoll wara li jqisu l-kapaċità u t-taħriġ ta' kull individwu, jorjentawh lejn dak ix-xogħol li jkun l-aktar adattat għalih.

Huma x'inhuma l-mezzi li jiġu wżati u l-miżuri li jittieħdu biex jitnaqqas il-qgħad, għadha valida sostanzjalment it-teżi ta' KEYNES, li l-utilizzazjoni sħiħa tal-kapaċità produttiva, u t-tħabrik għall-'full employment' jibqa' wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-ekonomija politika. Fi kliem ieħor, min irid iħabrek għall-ġid ta' pajjiżu, għandu jagħmel kull ma jista' biex ikun hemm xogħol suffiċjenti għal kulħadd.

Ma naħsibx għalhekk li huwa żbaljat dak li tennejt fil-pastorali tiegħi tal-1968 u tal-1980, "Meħtieġa lotta kontra l-qgħad, lotta li fiha jieħdu sehem ftit jew wisq iċ-ċittadini kollha, sakemm jintlaħaq il-'full-employment', sabiex dawk kollha li

jifilħu u jridu jaħdmu, isibu okkażjoni li jwettqu xogħol utli u li jħalli profitt."

Bdejna s-sena taż-żgħażagħ. Lil dawn nistgħu ngħinuhom b'ħafna modi. Ngħinuhom bit-tagħlim li nagħtuhom u bil-laqgħat li norganizzaw għalihom. Iżda l-aqwa għajnuna li tista' toffrilhom is-soċjetà hija dik li tiggarantilhom jew għall-inqas tagħtihom motivi biex jittamaw li meta jtemmu l-iskola, isibu mpjieg adattat għalihom.

(Diskors lill-Kleru: 5.1.85).

WERREJ

Daħla

I PARTI (L-ITTRI PASTORALI)

1. Is-Sejħa għall-ħajja nisranija (18.2.82) 1
2. L-għemejjel tal-ħniena (27.2.83) 17
3. Jum il-Mulej (5.4.83) 20
4. Il-Madonna u l-Familja (22.8.83) 23
5. Il-Madonna u ż-Żgħażagħ (4.9.83) 27
6. L-Apostolat tal-Lajċi (1.2.84) 32
7. San Ġwann Bosco u l-Edukazzjoni Nisranija (10.5.84) 34

II PARTI (SILTIET MIĊ-ĊIRKOLARI)

Ir-rejaltà tal-mewt (14.8.81) 41
Ir-Rużarju u l-Morda (29.9.81) 44
Il-Ministeru tal-Letturi u tal-Akkolti (16.12.81) 46
L-adorazzjoni ewkaristika (20.12.81) 49
L-għaqda fost l-insara (12.1.82) 52
Is-Seminarju (25.2.82) 55
Il-Qalb ta' Ġesù u l-Ewkaristija (9.6.82) 56
Il-Kant Liturġiku (14.9.82) 59
Il-Ġimgħa Biblika (29.12.83) 61

III PARTI (SILTIET MINN TAĦDIDIET)

Kristu u l-morda (28.6.81) 64
Il-qima lejn il-Madonna fil-ħajja nisranija (8.8.81) 67
Il-ħniena għelm tas-sudditi ta' Kristu Sultan (28.11.81) 69
Il-Lingwaġġ tal-Ġurnaliżmu (26.1.82) 73
Id-divorzju theddida għall-familja (20.3.82) 75
It-tweġiba għall-imħabba t'Alla (6.6.82) 81
Kliemna, xhieda ta' twemminna (21.11.82) 84
Il-verità msieħba mal-prudenza u l-karità (24.1.83) 88
Il-Għan tal-Edukazzjoni (8.2.83) 91
Is-saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II (11.5.83) 95
Id-dagħa u ċ-ċaħda t'Alla (22.5.83) 110
Il-Fidwa fit-tagħlim ta' San Pawl (27.5.83) 117
Il-Ġenituri huma l-ewwel edukaturi (12.12.83) 130

Ir-Redenzjoni u l-Misteru tat-Tbatija (7.1.84) 138
Il-Ġurnaliżmu u l-Verità (24.1.84) 154
Il-Ħidma ta' l-E.T. Mons. Gonzi fid-Djoċesi ta' Għawdex (27.1.84) 157
Fuq kollox, il-Ġid tat-Tfal (12.5.84) 163
Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu (16.5.84) 165
L-Iskejjel Kattoliċi fil-Liġi Ekkleżjastika (21.8.84) 174
"Bħala Nsara, ma nistgħux ma nikkundannawx il-Vjolenza..." (14.10.84) 177
Ħidma Flimkien tal-Ġenituri u l-Għalliema (24.11.84) 180
L-Għalliema Kattoliċi: Xhieda ta' l-Imħabba ta' Kristu (25.11.84) 182
Ma' Kristu, il-Bierah, Illum u Dejjem (25.11.84) 185
Il-Problema tal-Qgħad (5.1.85) 187